# Festa Titulari Santa Marija
## Mqabba



# Festa 2012

*30 ta' Lulju*
*sat-22 ta' Awwissu*


PLATINUM TEAM
– SPONSOR –
FXDD
GLOBAL.FXDD.COM
MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
•1900•
**HIGH RISK WARNING:** Foreign exchange trading carries a high level of risk that may not be suitable for all investors. Leverage creates additional risk and loss exposure. Before you decide to trade foreign exchange, carefully consider your investment objectives, experience level, and risk tolerance. You could lose some or all of your initial investment; do not invest money that you cannot afford to lose. Educate yourself on the risks associated with foreign exchange trading, and seek advice from an independent financial or tax advisor if you have any questions.
Licensing statement FXDD Europe: FXDD Malta Limited is licensed to provide investment services by the Malta Financial Services Authority. Registered office: K2, 1st Floor, Forni Complex, Valletta Waterfront, Floriana FRN 1913, Malta.
**ADVISORY WARNING:** FXDD provides references and links to selected blogs and other sources of economic and market information as an educational service to its clients and prospects and does not endorse the opinions or recommendations of the blogs or other sources of information. Clients and prospects are advised to carefully consider the opinions and analysis offered in the blogs or other information sources in the context of the client or prospect's individual analysis and decision making. None of the blogs or other sources of information is to be considered as constituting a track record. Past performance is no guarantee of future results and FXDD specifically advises clients and prospects to carefully review all claims and representations made by advisors, bloggers, money managers and system vendors before investing any funds or opening an account with any Forex dealer. Any news, opinions, research, data, or other information contained within this website is provided as general market commentary and does not constitute investment or trading advice. FXDD expressly disclaims any liability for any lost principal or profits without limitation
FXDD Europe: K2, First Floor, Forni Complex, Valletta Waterfront Floriana, FRN,1913, Malta
global.fxdd.com | (+356) 2013-3933





# Editorjal

Għaddiet sena oħra u permezz ta' din il-pubblikazzjoni qegħdin nerġgħu niltaqgħu magħkom, partitarji u ammiraturi tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Ħassejna li tkun ħaġa tajba li nibdew noħorġu din il-paġna editorjali u nesprimu l-ideat tagħna. Aħna ċerti li llum ħafna nies ikunu qegħdin jistennew dan il-ktieb tal-programm tal-festa. Kulħadd għandu r-raġuni tiegħu.

Biex issir din il-pubblikazzjoni jridu jsiru ħafna preparamenti, ħsieb tal-moħħ, ġiri u spejjeż kbar. Imma naħseb li kulħadd jaqbel li l-frott ta' dan kollu huwa ktieb ta' livell għoli, b'ħafna artikli informattivi, edukattivi u storiċi.

Iżda qatt għadda minn moħħna kif oriġina dan il-format tal-programm tal-festa tat-Titular? Ħafna snin ilu l-programm tal-festa kien joħorġu l-kappillan u kien sempliċiment karta *A4* mitnija min-nofs sabiex tagħti erba' paġni: fuq quddiem ritratt ta' Santa Marija, fin-nofs il-programm tal-festi tal-knisja u t-talba ta' San Bernard lil Marija, u fuq wara l-festi ta' barra. Kien proprju fl-1972, erbgħin sena ilu, meta l-President tas-Soċjetà, Dr. Charles Sciberras, ħass li dan il-fuljett kien xott wisq u bi ftehim mal-kappillan sawwar format ġdid. Għall-ewwel darba ġol-Imqabba u wisq probabbli f'Malta deher programm tal-festa bi tnax-il paġna. Bis-saħħa tas-Sur Anthony Zammit li kien jaħdem mad-ditta Philips akkwistajna żewġ paġni reklami mingħand l-istess kumpanija (wieħed ta' ħadida tal-mogħdija u l-ieħor ta' kuker tal-pitrolju) u b'hekk taffejna l-ispejjeż.

Minbarra l-informazzjoni tas-soltu nkitbu tliet artikli mill-istess President Charles Sciberras intitolati "L-Istatwa," "Tagħrif Storiku – Knisja u Parroċċa" u "Il-Każin tal-Banda Re Ġorġ V." Il-Kappillan Dun Karm Bianco kiteb ir-raba' artiklu "Il-Konċilju Vatikan II u l-Assunzjoni." Mela issa kellna fuljett informattiv u edukattiv u għalhekk intlaqa' tajjeb minn kulħadd. Bqajna nżommu dan l-istil ta' librett b'artikli fuq diversi suġġetti relatati mal-festa u l-parroċċa sal-1984 meta l-President ta' dak iż-żmien, is-Sur Joe Sciberras, espanda bil-kbir dan il-librett.

Daħal il-kunċett ta' format ieħor u s-Soċjetà ppubblikat għall-ewwel darba ktejjeb b'erbgħa u tletin faċċata li kellhom diversi messaġġi magħmulin mill-membri ewlenin tal-kumitat, kappillan, artikli informattivi, edukattivi u ta' storja, kif ukoll għall-ewwel darba dehru l-paġni "Programm dettaljat ta' logħob tan-nar tal-art u tal-ajru" u "Sehem il-baned mistiedna." Dan il-ktejjeb seta' jsir bil-għbir ta' ħafna reklami. Minn dak iż-żmien sal-lum is-Soċjetà ma ħarsitx lura u baqgħet tirsisti biex ittejjeb u ssebbaħ dan il-ktejjeb, tant li llum dan sar forma ta' ktieb.

Dan il-ktieb ma jistax isir mingħajr ir-reklamar u għalhekk nirringrazzjaw lil kull min jirriklama. B'wiċċna minn quddiem ngħidu li x-xogħol kollu tal-artikolisti, ritratti, qari tal-provi, ġbir ta' reklami u affarijiet oħra qed isir fuq bażi volontarja. Għalhekk nirringrazzjaw lil kull min b'mod jew ieħor qed jgħin fit-tfassil u l-pubblikazzjoni tal-programm tal-festa. Nirringrazzjaw lill-istampatur *Best Print* għas-servizz eċċellenti li jagħtina u l-paċenzja li jieħu.

Grazzi u nawguraw il-Festa t-tajba lil kulħadd.

Bord Editorjali

# Werrej


Il-Kelma tal-President ........ 7
Il-Kelma tas-Sindku ........ 9
Il-Kelma tal-Kappillan ........ 11
Messaġġ mis-Segretarju ........ 13
Appell mill-Kaxxier ........ 15
Messaġġ mis-Surmast Direttur ........ 17
Messaġġ mid-Direttur Spiritwali ........ 19
Messaġġ mid-Direttur tal-Każin ........ 21
Messaġġ mill-Fergħa Nisa ........ 23
Mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija ........ 24
Ħidmet il-Banda Re Ġorġ V ........ 37
Mill-Għaqda tal-Armar ........ 41
Funzjonijiet fil-Knisja ........ 43
Kunċert Vokali u Strumentali ........ 47
Messaġġ mill-Għaqda tan-Nar ........ 51
Programm tan-Nar ........ 53
175 sena fostna l-Imqabbin ........ 57
Kummenti tal-Protagonisti
Wara li l-Banda Re Ġorġ V tellgħet l-Ewwel Oratorju li qatt sar ġo l-Imqabba ........ 73
Lil Santa Marija, ix-Xemx tal-Ħelsien ........ 81
Leħen il-Fratellanzi Ssmu Sagrament u tar-Ružarju Mqaddes ........ 84
Mill-Istorja tas-Soċjetà ........ 88
Mitt sena ilu: sar ir-relikwarju l-prim ........ 89
Operation Pedestal – Il-Konvoj ta' Santa Marija ........ 100
Mill-Emigranti Mqabbin ........ 108
Iż-Żgħażagħ u t-tagħlim tal-Mużika ........ 112
Tfal tat-Titular ........ 113
Mikielanġ Sapiano Arluġġar Imqabbi
(Mitt sena minn mewtu) 1826-1912 ........ 117
Tliet settijiet gandlieri ġodda għall-festi ........ 121
B'Dedika lil Marija Assunta Patruna tal-Imqabbin ........ 127
Ħmistax-il sena ta' spettakli sinkronizzati ........ 131
Il-ħames anniversarju mir-rebħ ta' Caput Lucis ........ 137
Sena Attivitajiet ........ 142
Il-Festa - Ilbieraħ u Llum ........ 149
Perit ta' nisel Imqabbi maħtur Professur tal-Arkitettura ........ 152
L-Attivist tas-sena Is-Sur Emanuel Pace ........ 155
Ħal Millieri fl-Istorja tal-Imqabba ........ 157
In-neputija tar-Re Ġorġ V, Eliżabetta II,
tiċċelebra l-Ġublew tad-Djamanti ........ 161
Il-Festa tal-Assunta fil-Gżejjer Tagħna ........ 167
Il-Knisja l-Qadima ta' Santa Marija f'Birkirkara ........ 169
F'Qalb l-Imqabbin
B'Tifkira tal-Mibki u Maħbub Kappillan tal-Imqabba
Dun Nazzaren Caruana
Profil ........ 170
'Żiffa ħelwa fl-Imqabba' – silta mill-omelija ta' Dun Frans Abdilla ........ 170
Apprezzament
Ġakki Galea (1945-2012) ........ 173
Karmnu Galea (1940-2012) ........ 173
B'Dedika lil Ġakki Galea fil-Memorja ........ 175
Il-Festa ta' Santa Marija ........ 177
Eku tal-Konvoj ........ 179
Minn fejn ser jgħaddi l-marċ ........ 181
Rendikont Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja ........ 185
L-Istatwa ta' Santa Marija ta' Lorenzo Ellul ........ 187
Min irreklama f'din il-Pubblikazzjoni ........ 188



**Artikolisti**
AGIUS Mro. David
ATTARD Dun Geoffrey G.
BALDACCHINO Nazzarenu
BALDACCHINO Nicholas
BRIFFA Carmel
CAMILLERI Joseph
CAMILLERI Mario
CARABOTT David
CARUANA Carmelo
CARUANA Rev. Dun Nazzaren
CHETCUTI Joseph
ELLUL Carmel
FARRUGIA Antoine
FARRUGIA Anthony
FARRUGIA Giovanni B.
FARRUGIA Rebecca
FARRUGIA Rev. Fr. Jonathan S. Th.L.
FARRUGIA Stefano
FENECH Mario
GALEA Emmanuel A.
GALEA Victor
GHIGO Frangiska
GHIGO Patrick
MERCIECA Jeremy
SALIBA Rita
SCIBERRAS Dr. Charles MD
SCIBERRAS Carlo
VELLA Raymond
ZAHRA Carmel
ZAHRA Rev. Fr. Joseph O.P.
ZAMMIT John
ZAMMIT Mario

**Bord Editorjali**
FARRUGIA Antoine
SCIBERRAS Dr. Carmel MD
ZAMMIT Mario

**Qari tal-Provi**
FARRUGIA Stefano

**Riklami**
BRIFFA Carmel
GHIGO Patrick

**Ritratt tal-Faċċata**
L-istatwa artistika u devota ta' Santa Marija meqjuma ġewwa l-Imqabba u r-relikwarju tal-fidda f'gheluq il-mitt sena tieghu.



*Il-kontenut f'din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirrifletti l-fehma tal-Bord Editorjali. L-Artikolisti kollha huma responsabbli għal kitbiethom.*
© Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V – Mqabba, Malta Est. 1910
L-ebda parti minn dan il-ktieb ma tista' tiġi kkupjata minghajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.



**Design & Printing**
BEST Print CO. LTD
**Żurrieq Road, Qrendi**
**Tel: 21 680789, 21 649012**
**E-mail: bestprint@maltanet.net**

# TAR-ROBBA Recycling Centre LIMITED

**Tar-Robba** l/o Kirkop KKP 9090, Malta
Tel: 2168 3558, 2168 5332 Fax: 2164 2834
John Ghigo : 9949 3311
Jurtin Ghigo : 9945 7162
E-mail: johnghig@maltanet.net
Web: www.tarrobbarecycling.com







*For all types of original, second hand and imitation autoparts with the best prices found locally!!!*



# TAR-ROBBA ta' pataw LIMITED







- Ġarr tal-Konkos
- Blokki tal-Franka
- Blokki tas-Sejjieħ
- Torba
- Bricks




**Presidenti Onorarji**
Dr. Louis Galea B.A., LL.D.
Sur Joseph Farrugia

**Membru Onorarju**
Roderick Tonna

**President**
Carmel Zahra

**Viċi-President**
Carlo Sciberras

**Segretarju**
Carmel Ellul

**Viċi-Segretarju**
Micheal Ghigo

**Kaxxier**
Carmel Briffa

**Assistent Kaxxier/Delegat Banda**
Christopher Spiteri

**Uffiċjali Relazzjonijiet Pubbliċi**
Antoine Farrugia, Mario Zammit

**Direttur tal-Każin**
Anthony Farrugia

**Delegati tal-Armar**
Patrick Ghigo

**Assistent Direttur tal-Każin**
Felix Galea

**Direttur Spiritwali**
Fr. Joseph Zahra O.P.

**Rappreżentanti fl-Għaqda Każini tal-Baned**
Carmel Briffa, Carlo Sciberras

**Reviżuri**
Francis Vella, Antoine Abdilla, Paul Spiteri

**Konsulenti Legali**
Dr. Marse Ann Farrugia Dip. CAN.L.,LL.D., Dr. Mark Portelli B.A.,LL.D.

**Surmast Direttur tal-Banda**
Mro. David Agius A.Mus. L.C.M., A.Mus. V.C.M.(Hons.), A.L.C.M.

**Kummissjoni Banda**
Antoine Farrugia, Nicholas Baldachino, Stephanie Farrugia, Alfred Galea,
Christopher Spiteri, Chris Schembri Baldacchino



Jerry's Silencer Repairs
$CO_2$ Welding
Jerry's Garage
Siggiewi Road, Mqabba
Tel: 21640750 Fax: 21642535 Mob: 9944 9237




Di Rocco Ltd.
for
Disposable Articles
CLING FILM
PELLICOLA
Di Rocco Ltd, Prince Albert Street, Albert Town, Marsa HMR 17 • Tel: 21 227344 • Fax: 21 227345 • E-mail: dirocco@digigate.net



## Il-Kelma tal-President

# Ħidma Kontinwa f'Ġieħ is-Soċjetà

**is-Sur Carmel Zahra**

Nixtieq nibda dawn il-kelmtejn billi nesprimi s-sogħba tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V għat-telfa għażiża tal-Kappillan Dun Nazzaren Caruana. Kien bniedem ta' ftit kliem imma li jaf jisma' u jixtarr, dħuli u ħabrieki, u kien irrispettat mill-Imqabbin kollha. Grazzi Dun Nazzaren għall-ħidma tiegħek fostna li damet ftit inqas minn tmien snin.

Is-snin jgħaddu bħal leħħa ta' berqa. U hekk għaddew tnejn u għoxrin sena ta' presidenza li matulhom mexxejt il-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, Soċjetà li hi wisq għażiża għalina. F'dan iż-żmien li ilni president ħassejt l-apprezzament sinċier tas-soċji li għal daqshekk żmien urew il-fiduċja tagħhom fija. Madankollu hija x-xewqa tiegħi li din il-fiduċja jkollha l-alternanza tagħha wkoll sabiex b'hekk jistgħu jitfeġġu ideat u stili ġodda.

Bħala president jien illum ngħid li lħaqt l-għan li dejjem kelli f'moħħi: il-ħolma li jkollna każin sabiħ, komdu u spazjuż kif jixraq lis-Soċjetà tagħna. Ma' dawn irrid inżid aġġettiv ieħor: kulturali. Taqblu miegħi lkoll meta ngħid li l-bini tal-każin tagħna għandu vetrina kbira ta' kultura: arkitettura, skultura u pittura li ftit każini oħra għandhom bħalhom. Ma' dawn hemm il-mużika u t-tagħlim kontinwu ta' din l-arti hekk sabiħa u ħajja. Fl-ewwel ċentinarju tas-Soċjetà ftaħna uffiċjalment il-parti moderna, imżejna bi swali kompluti u attrezzati għaż-żminijiet tal-lum, bar mill-isbaħ u modernkif ukoll għamara li tixraq lildan il-każin. Kull min jiġi jżurna jibqa' mistagħġeb b'dan kollu. Iżda aktar u aktar meta jara u jmiss b'idejh l-unuri li s-Soċjetà akkwistat matul dawn iż-żminijiet, bħall-*Étoiles d'Or du Jumelage*, l-ewwel Festival Internazzjonali tan-Nar tal-Ajru fil-Port il-Kbir, il-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art, u l-unur mondjali tal-'Caput Lucis.'

Kif spjegajt drabi oħra, dawn il-proġetti kienu kbar u tlestew f'qasir żmien mingħajr ma tellifna lis-soċji milli jgawdu s-sede tagħna. Dan kollu kien jinvolvi spejjeż kbar.Għalhekk nixtieq nagħmel l-aħħar appell tiegħi lilkom soċji u partitarji biex inkunu ġenerużi u kulħadd jagħti sehmu finanzjarjament. Lil dawk li forsi għal xi raġuni għadhom ma tawx il-kontribut tagħhom, inħeġġiġhom sabiex bi ftit sforz jagħtu sehemhom ukoll.

Bħalma ħafna jafu jien dejjem ippruvajt naqdi d-dmir tiegħi bħala president b'lealtà kbira lejn is-Soċjetà. Dan ma jfissirx li kull deċiżjoni li ħadt flimkien mal-kumitat dejjem intgħoġbot minn kulħadd. Iżda aħna f'kull deċiżjoni li ħadna dejjem kellna l-ħsieb li l-ewwel ngħollu l-livell tas-Soċjetà u mhux xi interess partikulari. L-element ta' tolleranza kien qawwi u għalhekk aħna lkoll imxejna 'l quddiem bħala Soċjetà għax proprju wieħed kien jittollera d-deċiżjoni tal-maġġoranza, avolja mhux dejjem kien jaqbel ma' dak li kien ser isir.



Il-President is-Sur Carmel Zahra jagħmel preżentazzjoni lill-ET Arċisqof Mons P. Cremona wara l-Pontifikal nhar il-31 ta' Ottubru 2011 bħala tifkira tal-175 sena mill-miġja tal-Istatwa

Nieħu din l-okkażjoni biex formalment nirringrazzja lil sħabi li ħadmu miegħi fil-kumitati li mexxejt matul dawn it-tnejn u għoxrin sena, lis-soċji u partitarji li kontinwament urew fiduċja fija, lid-diversi surmastrijiet u bandisti li dejjem għollew l-isem tas-Soċjetà kemm fil-programmi tal-festa kif ukoll bis-servizzi li taw f'Malta u barra minn xtutna, lill-membri tal-Għaqda Nisa li dejjem ħadmu sabiex jgħinu fil-ġbir tal-fondi bl-attivitajiet li kienu jagħmlu matul is-sena kollha, liż-żgħażagħ li tassew urew li huma l-pern tal-futur tas-Soċjetà, lill-membri tal-Għaqda tan-Nar tal-Art u tal-Ajru li b'sagrifiċċju kbir għalihom u għall-familji tagħhom ħadmu bla heda sabiex jgħollu l-livell tal-festa tagħna u tal-unuri miksuba, lill-membri fl-Għaqda tal-Armar li żejnu lir-raħal tagħna bi drappeġġ, armar, statwi u opri oħra tal-arti mill-isbaħ li jpaxxu l-għajnejn, liż-żgħażagħ ħabrieka li qegħdin jieħdu ħsieb it-tfal ċkejknin tagħna fil-*junior club* billi jorganizzawlhom attivitajiet kulturali u edukattivi kif ukoll dawk ta' divertiment, u lil kull min jgħin fit-tindif u l-armar tal-knisja. Fl-aħħar nett imma mhux l-inqas grazzi kbira tmur lill-Kappillani u l-Kleru tal-parroċċa li hi ddedikata lit-Titular ta' Santa Marija.

Grazzi mill-qalb u l-festa t-tajba lil kulħadd.

Viva Santa Marija

30 Years of Service

ATTARD BROS
GROUP OF COMPANIES

Mikesand, Industrial Zone ta' Qali RBT 13
Tel: 2141 5332Fax:2143 0967 Email:info@attardbros.com



Attard Bros. Co. Ltd.

Building, Civil Engineering and Hard Landscaping Contractors



A.C.S. Ltd.

Producers of Precast Prestressed Concrete Panels, Beams and Predalles Slabs.



Cementstone Mfg. Ltd.

Producers of Hollow concrete Blocks, Roofing Blocks, Coping Stones, Curbs and Paving Blocks.



Attard Blue Mix Ltd.

Producers of Ready Mixed and Pump Mix Concrete, Concrete Additives, Steel Bars, Stirrups, Steel Mesh and all type of Steel Reinforcement.



Eurocraft Ltd.

Manufacturers and Suppliers of High Quality Contract Furniture.



Attard Developments Ltd.

Developers of Residential and Commercial Buildings.

Your Construction Partner

www.attardbros.com



*Il-Kelma tas-Sindku*

# Irridu naħdmu sfiq biex il-Festi Maltin jibqgħu fil-qalba tal-kultura tagħna

**is-Sur Noel Galea**

Kollox qiegħed jinbidel u ħafna minn dak li kien aċċettat ilbieraħ ma jfissirx li ser jibqa' għada. Il-kurrenti tal-ħajja u nazzarda ngħid xi ambizzjonijiet minn dawk li l-interess tagħhom huwa ferm 'il bogħod minn dak li juru, qed joħolqu wisq mistoqsijiet mill-pubbliku ġenerali dwar is-sostenn tal-festi li għadna niċċelebraw f'pajjiżna b'tant entużjażmu.

Nieqfu għal mument u nħarsu madwarna, waqt it-tħejjija f'kull post ta' dak li hemm bżonn biex tiġi ċċelebrata l-festa. Nibdew mill-qofol, il-knisja. L-armar tagħha għadu jsir, il-funzjonijiet ukoll, però kemm tkun tajba l-attendenza għal dak kollu li jiġi organizzat matul il-ġranet tal-festa jew il-quddiesa tal-paniġierku? Noħorġu barra fit-toroq u l-pjazez. L-armar dejjem jiżdied u jinbidel; kullimkien mimli daqs bajda b'kuluri u disinji li juru l-kapaċità u l-ħila ta' ħafna mill-partitarji jew ħbieb tal-istess Soċjetà li tkun qed tiċċelebra l-festa. Għadhom jitħarrġu żgħażagħ biżżejjed biex dan it-tagħlim u talent jibqa' jintiret? Numru kbir ta' żgħażagħ, qabel u wara l-festa, jarmaw u jżarmaw b'entużjażmu. Illum dak l-armar li kien isir biss mill-adulti ġie ddelegat liż-żgħażagħ. Tarahom jarmaw bis-slielem, jiddendlu biex ilaħħqu fil-ħin limitat li jkollhom. In-nisa wkoll sar għandhom rwol importanti f'kull Soċjetà.

Mhux bħal qabel fejn kont tarahom biss biex jaħslu, jogħrku, jagħmlu kullimkien nadif tazza u jibdlu l-każini f'palazzi mill-isbaħ. Dawn għandhom f'idejhom ħafna mill-attivitajiet li jġibu l-finanzi lejn is-Soċjetà rispettiva. Tieħu gost tarahom jippreżentaw eluf ta' ewro lill-President tas-Soċjetà waqt xi attività ċentrali. L-Għaqda tan-Nar inbidlet u saret fabbrika tant kemm qiegħed isir u joħroġ xogħol minnha, kemm għall-festa u kważi l-istess biex jinbiegħ u jsostni l-programm piroktekniku tagħha. Is-sezzjoni tal-mużika taffaxxinak b'selezzjoni differenti dejjem aħjar mis-sena ta' qabel; mużika li konna narawha u nisimgħuha biss fuq it-televiżjoni jew f'xi kunċert ta' okkażjoni nazzjonali. Il-kumitat ċentrali filwaqt li jaħdem ma' dawn kollha li semmejt sar aktar eżekuttiv u jippjana għal ħames jew għaxar snin bil-quddiem, bejn anniversarji, kisbiet jew innovazzjonijiet oħra.

Semmejt dan kollu għax illum sirt niltaqa' ma' ħafna aktar membri u soċji f'każini minn qatt qabel. Il-mixja tiegħi fil-politika għenitni nifhem ħafna iżjed xi jfittex dak il-bniedem li jqatta' ħinu jaħdem għal Soċjetà minn meta jiena nnifsi kont nagħmel l-istess ħaġa. Illum qed nara u nisma' l-bżonnijiet, mentri qabel kont naħdem fis-sezzjoni li kont u daqshekk. Illum għandi l-mezzi biex nagħġen, nibdel u ngħin, ħaġa li qabel ma kellix. Vantaġġ għalija huwa li esperjenzajt kull qasam li jmiss ma' xi Soċjetà. Għalhekk nista' nifhem aktar u malajr dak li jkunu jixtiequ jgħiduli.

Jiena nemmen li biex dan kollu jibqa', irridu naħdmu sfiq biex il-Festi Maltin jibqgħu fil-qalba tal-kultura tagħna. Ma nistgħux nippretendu li ma jinbidel xejn għax dejjem kien hekk. Filwaqt li nżommu f'moħħna li hawn ħafna passjonati għall-festi tradizzjonali, hawn numru ieħor ta' nies li għalihom ma tagħmilx differenza jekk il-festi jsirux jew le. Fuq dawn irridu naħdmu biex nilħqu l-bilanċ li qabel kien aktar faċli niksbuh mil-lum. Huwa kollu sabiħ dak li jsir fil-ġranet li fihom jiġu ċċelebrati l-festi, iżda rridu niftakru li ż-żejjed idejjaq ukoll, u fis-soċjetà li qed ngħixu fiha kulħadd għandu dritt jgħix fil-kumdità u fil-libertà ta' daru, u dan il-fatt għandu jibda jitqies ukoll meta jkunu qed jittieħdu deċiżjonijiet li jistgħu jaffettwaw lin-nies direttament. Xejn ma jista' jiġi impost aktar kif konna mdorrijin, iżda b'konvinzjoni tara li jiġi aċċettat. Qed ngħid dan kollu għax nemmen li l-festi jeħtieġ jibqa' jkollhom il-post tagħhom fis-soċjetà ta' għada billi dawn iħallu l-ġid u sens ta' dover lejn ir-raħal jew belt tagħhom. Iżda biex dan jiġri hemm bżonn nassiguraw li aħna lkoll li ġejjin minn kull sfera tas-soċjetà nagħtu s-sehem tagħna b'aktar ħsieb.

Waqt li kont qiegħed nikteb dan il-messaġġ, ġriet l-aħbar li l-Kappillan, Dun Nazzaren Caruana, mar jiltaqa' mal-Mulej. Naħseb li jekk insemmi l-umiltà u l-kalma nkun semmejt dak kollu li kien dan il-bniedem.

L-awgurju tiegħi jmur lejn il-President, kull kumitat jew sezzjoni, soċji u partitarji tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Jalla dak kollu li ħdimtu għalih jilħaq il-qofol tiegħu matul il-festa u jagħtikom sodisfazzjon, tant li jimmotivakom tkomplu taħdmu f'dan il-qasam tant sabiħ tal-volontarjat. Inħarsu lejn Omnna Marija tas-sema u flimkien nitolbuha tħares dejjem lil dawk li jaħdmu n-nar. Is-sagrifiċċju f'sogru għal ħajjithom għandu jkollu valur matul is-sena kollha.

Finalment f'isem sħabi l-kunsilliera u f'ismi nestendi l-awgurju lill-Imqabbin kollha u lil dawk li jogħġobhom iżuruna waqt il-ġranet tal-festa.



Is-Sur Noel Galea Sindku tal-Imqabba waqt il-wasla tal-ET Mons. Ġużeppi Mercieca ġewwa l-Imqabba

BALLUT BLOCKS LTD.

Ballut Blocks Ltd.
Civil Engineering Contractors
Wied Filep, L/O Naxxar, NXR 6713, Malta
*Tel:* 2157 3093, 2157 2666
*Fax:* 2157 5562
*Web:* www.ballutblocks.com
*Email:* ballut@maltanet.net



General Precast Concrete Ltd.
Hal Far Industrial Estate,
*Tel:* 2165 3802, 2165 3005
*Fax:* 2165 9536
*Email:* info @generalprecastconcrete.com

General Precast Concrete Ltd.



Il-Kelma tal-Kappillan

# Marija Sultana tal-Familja

**Dun Nazzaren Caruana**

**Sultana tal-Familja**. Din hi waħda mill-aħħar talbiet li żdiedet fit-talba tal-Litanija. Il-Knisja dejjem kellha f'qalbha l-familja u ħadmet bis-sħiħ sabiex iżżomm il-familja kif inhi u kif jixtieqha Alla. Fil-bidu tax-xahar ta' Ġunju saret is-Seba' Laqgħa Mondjali tal-familja ġo Milan fl-Italja. Kien preżenti l-Papa Benedittu XVI u eluf ta' familji mid-dinja kollha. Interessanti kienu l-mistoqsijiet li diversi familji madwar id-dinja għamlu lill-Papa. Kollha urew il-weġgħat li jeżistu fil-familji tagħhom. Ta' Missier u Katekist għaqli wieġeb għal dawn il-mistoqsijiet b'imħabba kbira. F'din il-laqgħa l-Papa xtaq jibgħat messaġġ ta' tama lill-*familji kollha*, huma min huma.

Il-Knisja ma twarrab lil ħadd. Qalbha miftuħa għal kull koppja u kull familja. Naturalment ċerti sitwazzjonijiet jistgħu joħolqu diffikultà, bħal meta ż-żwieġ jitfarrak u tibda relazzjoni ġdida. Jekk il-koppja kienet miżżewġa bis-Sagrament dan jibqa' hemm sal-mewt u għalhekk relazzjoni ġdida toħloq diffikultà sabiex dak li jkun jersaq lejn is-Sagrament tat-Tqarbin.

It-Tqarbin hu l-akbar sinjal ta' għaqda ma' Alla u mal-komunità u għalhekk kull relazzjoni mhux ġusta toħloq problema biex ikun hemm din l-għaqda ma' Alla. Dan kollu ma jfissirx li l-Knisja taqta' kull relazzjoni ma' dawn il-koppji. Bħal kull omm il-Knisja tkompli tħobb lil uliedha u tixtiqilhom kull ġid u kull kuntentizza.

**MARIJA Sultana tal-Familja**. Il-familji llum għaddejjin minn diversi diffikultajiet. Anke l-istess kelma familja qed tiġi abbużata. Il-materjaliżmu li qed jinfiltra anke fil-familji qed jeqred dik is-serenità u dik il-ħlewwa li kont issib f'ħafna familji.

Iżda l-ebda familja ma għandha taqta' qalbha sakemm iżżomm lil Marija bħala dik l-omm li kapaċi ġġib l-isbaħ armonija f'kull familja. Mhux hekk għamlet fit-Tieġ ta' Kana? L-inbid kien se jispiċċa. Hekk qed jiġri f'ħafna familji.

Dik l-imħabba li tant kienet sabiħa dakinhar tat-tieġ tasal biex tispiċċa. Iżda Marija dejjem attenta għall-bżonnijiet tagħna. U terġa' tagħtina lura dak l-inbid (l-imħabba) ħafna itjeb minn ta' qabel.



Il-Kappillan Dun Nazzaren Caruana qed jiġi ppreżentat bir-Relikwarju rrestawrat minn Dun Jonathan Farrugia

Resqin lejn il-Festa tal-Assunta, Patruna tal-Parroċċa tagħna. B'dan l-ispirtu għandna niċċelebraw dawn il-ġranet ta' festa. Għandha tkun okkażjoni sabiex nifhmu min hi għalina din l-Omm mimlija mħabba lejna.

U dan nagħmluh billi dawn il-ġranet nisimgħu l-Kelma t'Alla matul il-ġranet tal-Kwindiċina u tat-Tridu, kif ukoll li nersqu lejn is-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin. Nagħmel stedina speċjali sabiex dakinhar tal-Festa nduru bħala *familja waħda* madwar l-Altar tal-Ewkaristija waqt il-Quddiesa Prinċipali ta' nhar il-Festa. Dan hu wieħed mill-isbaħ ġesti li nistgħu nagħmlu f'dawn il-ġranet biex nuru bil-fatti kemm aħna għandna f'qalbna l-imħabba tagħna lejn din Ommna tas-Sema.

Nieħu l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lil dawk li qed jaħdmu għas-suċċess ta' din il-festa, fost l-oħrajn dawk li jaħdmu fl-armar u t-tindif tal-knisja kif ukoll dawk li jaħdmu fuq barra f'dak li hu tiżjin fit-toroq u l-pjazez, nar u banda. Ringrazzjament ukoll lis-Soċjetà Mużikali Santa Marija u Banda Re Ġorġ V li dejjem kienet strument utli għas-suċċess ta' din il-festa.

Minn issa NAWGURA FESTA SABIĦA LILL-IMQABBIN KOLLHA.

*Dan huwa l-aħħar artiklu li kiteb il-kappillan qabel ma ħalla dan il-wied tad-dmugħ biex ingħaqad mall-Missier Etern nhar id-9 ta' Lulju 2012.*

# PROPERTY FOR SALE DIRECT FROM OWNER

## KIRKOP

A selection of apartments, presently under construction, offered for sale in shell form with common parts completed including passenger lift. Layout covers approximately 135 sqm and consists of kitchen/living/dining room, 3 double bedrooms - main with ensuite, main bathroom, front balcony and back balconies. Included in the price is an interconnected ONE CAR GARAGE. Freehold. Ideal for first time buyers.

**Asking price €97,000 | Lm 41,642**

## SLIEMA



A brand new development just built in the heart of Sliema. One and two bedroom Apartments offered for sale finished to high standards with common parts completed including lift. The layout consists of a combined kitchen/dining/living room, two double bedrooms - one of which with ensuite shower, main bathroom, front and back balconies. This property will appeal to those looking for a buy to let investment. Freehold. Optional garages available for sale.

**Asking price starting from €128,406 | Lm 55,125**

## HAMRUN



Excellently priced finished apartments forming part of a unique block of four apartments situated close to all amenities. The layout covers approximately 125 sqm and consists of a hall, kitchen, spacious combined living/dining room, 3 double bedrooms – one with ensuite and large front terrace. These properties offers exceptionally large and bright rooms and are being sold finished excluding bathrooms and internal doors. Freehold. Optional lock up garages available for sale.

**Asking price €93,175 | Lm 40,000**

## MARSASCALA



Set on the outskirts of the centre of this village, this duplex penthouse has a total internal area of 77 square meters and accommodates two double bedrooms leading to a large terrace overlooking a green area with a separate bathroom, all set on the lower level of this penthouse. A '6' shape combined kitchen/dining/living is set on the upper level . The exterior surround of this penthouse is fantastic, with an area of 127.5 square meters. Property is offered finished in all aspects but excludes bathrooms and internal doors. Common parts include a six passenger lift. Optional lock up garage available.

**Asking price €160,000 | Lm 68,688**

e-property

**CALL US ON 79 33 33 25**

www.e-property.com.mt | sales@e-property.com.mt

Member of EBCON GROUP



Messaġġ mis-Segretarju

# Sena mimlija sfidi

**Is-Sur Carmel Ellul**

Għeżież Soċji, Partitarji u Benefatturi,

Għaddiet sena oħra minn mindu jien kont wassalt ftit mill-ħsibijiet tiegħi f'dan il-ktejjeb li s-Soċjetà tagħna toħroġ ad unur il-Patruna tagħna Santa Marija.

Nista' ngħid li s-sena li għaddiet kienet waħda mill-iżjed snin diffiċli li jiena niftakar kemm ilni fil-kumitat kif ukoll bħala segretarju. Il-kumitat kellu jħabbat wiċċu ma' problemi li lanqas hu stess ma kien qed jipprevedi, imma bl-għajnuna t'Ommna Marija u ta' nies ta' rieda tajba rġajna wasalna biex niċċelebraw festa oħra kbira kif jixraq lill-Patruna tar-raħal u Patruna tas-Soċjetà tagħna Santa Marija. Hawn ser inwassal ftit ħsibijiet u ringrazzjamenti.

Wara li għaddiet il-festa kbira li kellna s-sena l-oħra, komplejna bil-preparamenti għall-għeluq tal-festi tal-175 sena mill-miġja tal-istatwa ta' Santa Marija fostna. Il-kumitat flimkien mal-Kappillan tal-Parroċċa fasslu programm t'attivitajiet fosthom seminar fuq l-istatwa artistika ta' Santa Marija, Akkademja Mużiko-Letterarja, quddiesa ta' ringrazzjament li ġiet ikkonċelebrata mill-Arċisqof ta' Malta l-E.T. Mons. Pawl Cremona OP, Adorazzjoni quddiem is-Sagrament u fl-1 ta' Novembru 2011 intlaħaq il-qofol ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet bil-ħruġ tal-istatwa għall-purċissjoni mat-toroq tal-Imqabba li kienet akkumpanjata minn iżjed minn 90 fratell, bis-sehem tal-kleru u tal-parruċċani. Ta' dan il-kumitat jgħid grazzi lil kulħadd għas-sehem tiegħu u għall-għajnuna mogħtija biex dawn il-festi setgħu jkunu suċċess u żgur li ser jibqgħu fil-memorja ta' kulħadd.

Il-kumitat issokta bil-ħidma tiegħu biex ikompli jsebbaħ il-każin bix-xogħlijiet li kien jonqos. Din is-sena ser titkompla l-pittura fis-saqaf tas-sala prinċipali tal-każin, xogħol il-pittur u Kav. Pawlu Camilleri Cauchi, liema pittura ser titħallas minn benefatturi fi ħdan is-Soċjetà.

Inbeda wkoll ix-xogħol fuq antiporta ġdida u iżjed moderna għall-każin. Il-kumitat għandu proġetti oħra għall-futur biex il-każin tagħna jkun jista' jaqdi l-ħtiġijiet li jitolbu l-ġranet tal-lum.

Il-kumitat flimkien mal-Kummissjoni Banda u s-surmast komplew jaraw x'inhuma l-prijoritajiet fejn għal din is-sena nħasset il-ħtieġa li jinxtraw leġiji ġodda, inġabet mużika ġdida u sar rekording ta' sett marċi ġodda. Hawn nixtieq nirringrazzja lis-surmast, lill-Kummissjoni Banda, kif ukoll lill-bandisti u l-allievi għall-programm li tellgħu fl-10 t'Awwissu 2011, il-programm li ttella' fis-sala tal-iskola fl-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba, l-Akkademja li ttellgħet fil-knisja f'Ottubru 2011 u għas-servizzi li l-banda tagħna tagħmel ġewwa r-raħal u barra mill-Imqabba.

Sezzjoni oħra fi ħdan is-Soċjetà li din is-sena baqgħet għaddejja b'ritmu mgħaġġel u qawwi hi s-Sezzjoni tal-Armar. Din is-sena ser naraw ħafna xogħol ġdid u artistiku.

Is-Sezzjoni tal-Armar organizzat diversi attivitajiet matul is-sena biex tkun tista' tiġbor fondi għal dawn il-proġetti mingħajr ma tkun ta' piż għall-kumitat ċentrali. Il-Fergħa Nisa hija sezzjoni oħra importanti



Is-Segretarju, is-Sur Carmel Ellul, waqt l-Akkademja Mużiko-Letterarja, imtella' mill-Banda Re Ġorġ V, fl-okkażjoni tal-175 sena mill-miġja tal-Istatwa Titulari ta' Santa Marija fl-Imqabba ġewwa l-Knisja parrokkjali nhar it-28 ta' Ottubru 2011.

li minnha l-kumitat ċentrali jsib għajnuna finanzjarja kbira sabiex jitkomplew il-proġetti fil-każin bil-fondi li jiġbru mill-attivitajiet li dawn jorganizzaw matul is-sena kollha. Barra minnhekk, dawn jieħdu ħsieb jgħinu l-għaqda tal-armar fil-ħjata li jkun hemm bżonn u fit-tindif meħtieġ fil-każin. Minn hawn ngħidilhom grazzi mill-qalb għall-għajnuna tagħhom.

Is-Sezzjoni Żgħażagħ hija sezzjoni li fiha l-kumitat jara l-futur tas-Soċjetà. Dawn iż-żgħażagħ jaħdmu u jorganizzaw ħafna attivitajiet u wirjiet tul is-sena kollha. Aħna, bħala kumitat ċentrali, dejjem tajniehom l-ispazju u l-fiduċja tagħna biex ikomplu jimmaturaw u juru l-ħiliet tagħhom. B'hekk nassiguraw li ħajjet is-Soċjetà tibqa' miexja 'l quddiem meta jieħdu t-tmexxija tas-Soċjetà f'idejhom.

Ma nistax ma nsemmix l-Għaqda tan-Nar Santa Marija għax-xogħol li tagħmel biex tkompli tkabbar isem is-Soċjetà u l-Festa ta' Santa Marija.

Dawn in-nies ta' kull sena jtellgħu spettakli kbar kemm fl-Imqabba kif ukoll barra mir-raħal u għalihom jattendu mijiet kbar ta' nies. Għal din is-sena ser jerġa' jkollna programm imżewwaq b'kollox matul il-ġranet tal-festa.

Hawn nixtieq insellem il-memorja tas-Sur Ġakki Galea (Iċ-Ċnieru) li ħalliena fil-bidu ta' din is-sena. Ġakki dejjem kien bniedem attiv li ta ħajtu kollha b'risq il-festa ta' Santa Marija speċjalment fil-qasam tan-nar. Matul din is-sena l-għaqda tan-nar tilfet ukoll lis-Sur Karmenu Galea (Tas-Senek) li kien imidd idejh fejn jidħol in-nar tal-art. Filwaqt li nagħtu l-kondoljanzi lill-familjari tagħhom, ngħidulhom grazzi ta' kollox u nwegħduhom li mhu ser ninsewhom qatt.

Nagħlaq dawn il-kelmtejn billi nirringrazzja lil dawk is-soċji u partitarji li jieħdu ħsieb jarmaw u jżarmaw it-toroq tagħna qabel u wara l-festa, lil dawk li jieħdu ħsieb jgħinu fl-armar u ż-żarmar tal-knisja, lill-Kappillan tal-Parroċċa Dun Nazzaren Caruana li minn hawn insellmu l-memorja tiegħu u rroddulu ħajr għall-ħidma kollha li wettaq fit-tmien snin li għaddew, u lill-kleru kollu.

Nappella biex kulħadd jattendi għall-funzjonijiet li jsiru ġewwa l-knisja. Fl-aħħar nett nirringrazzja lill-pulizija u lill-Kunsill Lokali, kif ukoll lis-soċji, il-partitarji u l-benefatturi kollha tas-Soċjetà. Flimkien għandna dejjem inkomplu naħdmu biex inkomplu nkabbru l-festa tal-Kbira Santa Marija Patruna tar-Raħal tagħna l-Imqabba.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd. VIVA SANTA MARIJA.





*Appell mill-Kaxxier*

# Sena ta' Ħidma mimlija suċċessi

**Is-Sur Carmel Briffa**

Għeżież Soċji u Partitarji,

Ninsabu ftit jiem 'il bogħod mix-xahar ta' Awwissu, xahar li fih tiġi ċċelebrata l-akbar festa tal-Maltin u l-Għawdxin, Santa Marija. Din il-festa tiġi ċċelebrata b'għożża u dedikazzjoni kbira ġewwa r-raħal tagħna l-Imqabba u għaliha jirrikorru eluf ta' Maltin u Għawdxin.

Kulħadd jaf li s-sena li għadha kif għaddiet kienet waħda memorabbli għal kull min attenda u ra x'festi kbar għamilna biex infakkru l-175 sena mill-miġja tal-Istatwa Artistika u Titulari ta' Santa Marija. Kulħadd seta' jara li kulma għamilna kien ta' livell għoli, speċjalment il-programm mill-banda fl-10 ta' Awwissu kif ukoll l-Akkademja Mużiko-Letterarja fit-28 ta' Ottubru li fiha spikka l-Oratorju Bukkett ta' Mitt Warda lil Santa Marija. Kellna wkoll il-purċissjoni *Au Flambaux* bl-Istatwa ta' Santa Marija fl-1 ta' Novembru.

Naturalment din is-sena jkun xieraq li nfakkru d-diversi avvenimenti li ser ikollna fosthom il-100 sena tal-Ostensorju ta' Santa Marija, is-60 Anniversarju tal-Istatwa tal-Assunta fuq il-Każin tas-Soċjetà u s-70 sena mill-miġja tal-Konvoj ta' Santa Marija. Għal dan il-għan tħejja programm speċjali li ser ikompli jgħolli l-livell tal-festa tagħna.

Fil-fatt kull sezzjoni fi ħdan is-Soċjetà tinsab impenjata bis-sħiħ sabiex għal darba oħra tagħmel unur lill-Imqabbin. Din is-sena sar ħafna xogħol fuq l-armar u ser naraw ħafna opri ġodda. Il-membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ jinsabu impenjati s-sena kollha bl-attivitajiet li jagħmlu u l-briju li joħolqu fil-ġranet tal-festa. L-Għaqda tan-Nar tinsab lesta sabiex tagħti dak l-ispettaklu ta' nar li żgur ser ipaxxi lill-eluf ta' Maltin u Għawdxin kif ukoll turisti li jżuruna ta' kull sena. Ħajr ukoll lill-Kummissjoni Banda li flimkien



Il-Kaxxier, is-Sur Carmel Briffa, flimkien mall-E.T. Isqof Emeritus Mons. Ġużeppi Mercieca mal-wasla tiegħu fl-Imqabba, għall-Kunċert Vokali u Strumentali mill-Banda Re Ġorġ V, nhar l-10 ta' Awwissu 2011.

mas-surmast u l-bandisti qegħdin jaħdmu sabiex il-programm tal-10 ta' Awwissu jkun wieħed ta' livell għoli li jpaxxi lis-soċji, partitarji u l-mistednin. Din is-sena sar ukoll rekording ta' sett marċi ġodda. Ma nistax ma nsemmix ukoll lill-kumitat ħabrieki tan-nisa li matul is-sena jorganizza ħafna attivitajiet sabiex jinġabru l-fondi b'risq il-każin u l-festa. Ħajr ukoll lill-Amministraturi li jieħdu ħsieb il-Klabb tat-Tfal.

Kif qegħdin taraw sabiex tagħmel dawn l-attivitajiet kollha, kemm ta' baned, nar u armar, trid ħafna flus. Għalhekk napprezzaw il-ġenerożità tal-benefatturi u l-membri kollha li jagħtu s-sehem tagħhom sabiex inlaħħqu ma' dawn l-ispejjeż kollha. Għaldaqstant huwa importanti li meta norganizzaw xi attività għandkom tkunu minn tal-ewwel li tipparteċipaw sabiex intaffu mill-ispejjeż li minn sena għal sena dejjem jikbru.

B'hekk inħeġġukom sabiex tgħinuna b'kull mezz possibbli, sew finanzjarju kif ukoll manwali għaliex l-impenji huma kbar. Kull soċju u partitarju għandu jagħti donazzjoni għall-festa u kulħadd għandu jagħti l-appoġġ u l-għajnuna lill-Kumitat waqt l-armar tar-raħal u tal-knisja. Nagħlaq billi nħeġġiġkom sabiex fil-jiem tal-festa nieħdu sehem fl-attivitajiet li jsiru fil-knisja u wara nkomplu nuru l-ferħ tagħna fuq barra mat-toroq tar-raħal b'dinjità u mġieba tajba li tixraq lill-partitarji tat-Titular.

Minn qalbi nawgura l-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha.

# For all your Electrical & Plumbing Needs

# Farell Ironmongery

Blue Grotto Avenue, Żurrieq • Tel: 21647 960

Opening Hours:
Monday to Friday from 7.30am to 7.00pm & Saturdays from 7.00am to 1.00pm





## Messaġġ mis-Surmast Direttur

# Ħmistax-il sena ta' Ħidma mal-Banda Re Ġorġ V

**David Agius** A.Mus LCM A Mus VCM (Hons) ALCM

Għaddew bħal leħħa ta' berqa dawn l-aħħar ħmistax-il sena minn meta bdejt nifforma parti minn din is-Soċjetà Mqabbija.

Kienu ħmistax-il sena mimlija impenn għall-banda fejn esperjenzajt diversi anniversarji li magħhom ġabu xogħol kbir biex tkompli titkattar il-kultura mużikali fi ħdan is-Soċjetà tagħna.

F'dawn l-aħħar ħmistax-il sena għaddejt minn diversi episodji li Surmast ikun jixtieq jesperjenza ma' banda, bħall-akkademji mużikali ġewwa l-parroċċa, kunċerti sinfoniċi kbar fi swali ewlenin ġewwa Malta kif ukoll barra minn Malta u anke fit-teatru Manoel. Dawn l-esperjenzi involvew xogħol kbir mhux biss fid-direzzjoni, iżda wkoll f'diversi kompożizzjonijiet li ktibt biex setgħu jiġu esegwiti f'dawn l-attivitajiet importanti li kellha l- Banda Re Ġorġ V.

Meta kelli l-għaxar anniversarju kont semmejt ħafna minn dawn l-okkażjonijiet fid-dettall. Iżda f'dan il-ktejjeb nixtieq insemmi l-aħħar esperjenza kbira li kelli riċentament ma' din il-banda, meta esegwejna b'mod għaqli l-Oratorju Bukkett b'mitt warda lil Santa Marija Patruna tal-Imqabba fuq mużika li kkomponejt jien stess fuq versi tal-Kav. Carmel Bianchi.

Minn hawnhekk ma nistax ma nesprimix is-sodisfazzjon tiegħi għall-kummenti pożittivi li applawdew dan ix-xogħol, li fl-Imqabba kien wieħed innovattiv. Fuq kliem meqjus sew mill-poeta Carmel Bianchi rnexxielna noħolqu atmosfera ta' talb għal madwar siegħa, u ma nistax inneħħi minn quddiem għajnejja l-final meta l-pubbliku preżenti nfaqa' f'dellirju fin-noti finali bl-għajta ta' SANTA MARIJA.

Dan jixhdu r-rekording li għamilna għal t'apposta fuq CDs, liema CDs jinsabu għall-bejgħ skont l-ordnijiet mingħand il-kumitat ċentrali. Dan kien pass ieħor 'il quddiem mhux biss fis-sehem tiegħi ma' din il-banda, iżda wkoll għall-karriera tiegħi fil-qasam mużikali.

Is-suċċess ta' dan l-Oratorju ser nirrepetuh fl-anniversarju tal-Konvoj ta' Santa Marija din is-sena, billi ser nesegwi parti minnu fil-Programm Annwali tal-10 t'Awwissu.

Apprezzajt ħafna l-kummenti mill-partitarji numerużi ta' din il-banda, kif ukoll minn diversi membri tal-kleru li kienu preżenti għas-serata, fejn mingħajr ħafna pompi tajna l-ikbar tifħir lil Santa Marija Patruna Ewlenija tal-Imqabba.

Il-ħidma fi ħdan is-Soċjetà tagħna mil-lat bandistiku baqgħet sejra tul dawn l-aħħar snin u xogħol li ma jidhirx jikkonsisti fit-tagħlim mużikali li fiż-żminijiet tal-lum sar wieħed diffiċli iktar minn qatt qabel minħabba l-impenn li għandhom it-tfal tagħna f'diversi oqsma kemm fl-istudju skolastiku, kif ukoll fil-qasam extrakurrikulari li sar parti essenzjali mill-kurrikulu tal-iskejjel.

Għalkemm bdejna mexjin lejn id-direzzjoni t-tajba nħoss li fil-qasam tal-kurrikulu għandna nħallu iktar spazju għal oqsma extrakurrikulari biex it-tfal ikollhom iktar ħin jesprimu rwieħhom fid-diversi dixxiplini tal-arti, fosthom il-mużika. Fl-iskejjel tagħna nħoss li qed jingħata ftit ħin għal suġġetti extrakurrikulari, għax is-sillabi huma aktar ikkonċentrati fuq is- suġġetti akkademiċi tradizzjonali.

Nifhem li dan jista' jkun minħabba nuqqas ta' riżorsi. Għalhekk wieħed għandu jkompli jaħdem biex titjib din is-sitwazzjoni. Malta hija gżira żgħira imma mimlija b'talent. F'dawn il-gżejjer l-iktar riżorsa importanti minħabba ċ-ċokon tal-pajjiż hija r-riżorsa umana. Għalhekk għandna nkomplu ninvestu f'dan il-qasam. Is-Soċjetà tagħna qed tattwa dan b'impenn għal skop wieħed: biex



Is-Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V, Mro. David Agius, jidher qed jidderieġi l-Banda waqt il-Kunċert Vokali u Strumentali mill-istess banda, nhar l-10 ta' Awwissu 2011.

inkomplu nippromwovu din l-arti ferm sabiħa tal-mużika.

Jaffettwa wkoll l-andament tat-tagħlim mużikali u l-involviment tal-mużiċisti ż-żmien li qegħdin fih, għax biex wieħed ilaħħaq mal-ħajja mil-lat ekonomiku qed ikollu inqas ħin biex jipprattika l-istrument minħabba l-involviment tiegħu fix-xogħol biex jaqla' l-għajxien. Hawnhekk wieħed għandu jibbilanċja iktar il-ħin tiegħu għax fl-aħħar mill-aħħar aħna li qegħdin f'dan il-qasam ma nixtiqux li din it-tradizzjoni fil-każini tal-baned tmur lura.

Dan jintwera min-nuqqas fl-attendenza tal-provi fejn jew minħabba xogħol jew minħabba indifferenza b'nuqqas ta' responsabbiltà din tonqos fost il-baned Maltin kollha. It-*teamwork* huwa essenzjali biex wieħed itella' kunċert ta' livell.

Minn dawn il-kelmtejn nawgura lill-mużiċisti li ser jingħaqdu mal-banda għall-ewwel darba fil-festa ta' din is-sena u nawguralhom futur mill-aqwa. Dawn huma: Emerson fuq it-trumbetta u oħtu Annabelle fuq il-klarinett.

Nirringrazzja lis-soċji kollha u l-partitarji u lill-kumitati li kellna tul dawn l-aħħar ħmistax-il sena għall-fiduċja u l-appoġġ li dejjem tawni. Nistieden lil kulħadd biex jattendi għall-kunċert li dejjem jittella' fl-10 t'Awwissu fejn żgur ser ikollna mużika li tolqot il-gosti ta' kulħadd.

Bħalma nagħmel kull sena nawgura kull suċċess lill-ħaddiema fil-kamra tan-nar, kemm dak tal-ajru kif ukoll tal-art, għall-ħarqa tajba matul il-ġimgħa kollha tal-festa. Insellem lil dawk il-morda li ma jkunux jistgħu jingħaqdu magħna fiċ-ċelebrazzjonijiet u jalla l-Madonna tibqa' b'idejha fuqna biex inkomplu nkabbru l-festa ad unur tagħha, il-patruna ewlenija ġewwa l-Imqabba: il-kbira SANTA MARIJA.

Viva Santa Marija


Alessio's Old Cottage

Sub Post Office

Triq il-Parroċċa, Mqabba Tel: 2168 3292

Ħinijiet tal-ftuħ:
Mit-Tnejn sas-Sibt:
7.30am - 12.00pm
4.00pm - 7.00pm
Ħdud u Festi:
6.30am - 12.00pm

*Issibu dak kollu li teħtieġu: Stationery, Kartolini, rigali, videos, CDs, cassettes films, Hi-Fi u toys, rigali, kif ukoll ħwejjeġ u żraben tat-tfal, nisa u irgiel u servizz ta' ritratti tal-passaport*






Messaġġ mid-Direttur Spiritwali

# Indulġenza – Xi tfisser għalina

Patri Joseph Zahra O.P.

## Barka u Grazzja speċjali

Minn qalbi nawgura l-Festa Titulari t-tajba lil kulħadd!

Din is-sena qed niċċelebraw diversi anniversarji, fosthom is-60 sena tal-istatwa monumentali tal-Assunta li tinsab fuq il-faċċata tal-Palazz tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Meta din l-istatwa tpoġġiet f'postha fit-22 ta' Ġunju 1952, ħamest ijiem biss wara, jiġifieri fis-27 ta' Ġunju, Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi ta l-indulġenza lil kull min jitlob *Salve Regina* quddiemha.

Din hija barka u grazzja speċjali. Inħeġġiġkom biex tieqfu quddiemha u tgħidu talba hekk kif tiftakru fl-omm tagħna tas-sema.

## Xi tfisser indulġenza?

L-indulġenzi huma marbutin mas-sagramenti, l-aktar dak tal-Qrar. Bħalma kulħadd jaf, mas-sagrament tal-Qrar hemm marbuta dik li tissejjaħ il-penitenza biex wieħed jirripara l-ħsara li tkun saret permezz tad-dnub li jinħafer bl-assoluzzjoni.

Kien Kristu nnifsu li waqqaf is-sagrament tal-qrar: *"...tenna jgħidilhom: 'Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom.' Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: 'Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma.'"* Dan huwa miktub fl-Evanġelju skont San Ġwann, kapitlu 20, versi minn 21 sa 23.

Fl-Atti tal-Appostli kapitlu 19 vers 18 insibu li: *"Ħafna minn dawk li emmnu bdew jersqu biex jistqarru u jxandru għemilhom."*

San Ġwann fl-Ewwel Ittra tiegħu, kapitlu 1 vers 9, jgħidilna: *"Jekk nistqarru dnubietna, hu fidil u ġust, hekk li jaħfrilna dnubietna u jnaddafna minn kull ħażen."* Fil-Qrar Ġesù jaħfrilna dnubietna bl-assoluzzjoni tal-ministru tiegħu. Hekk insibu fit-Tieni Ittra lill-Korintin, kapitlu 5 versi 19 u 20: *"Alla kien li ħabbeb il-ħolqien miegħu nnifsu permezz ta' Kristu, bla ma qagħad iżomm il-kont ta' dnubiethom, u fdalna l-ministeru ta' din il-ħbiberija. Aħna ambaxxaturi ta' Kristu bħallikieku Alla stess qiegħed isejħilkom permezz tagħna. Nitlobkom f'ġieħ Kristu, ħallu lil Alla jħabbibkom miegħu."*

Filwaqt li d-dnub ikun inħafer ikun hemm il-bżonn li nitnaddfu minn kull tebgħa. Dan hu x-xogħol tal-indulġenza. Aħseb fi qmis bajda mċappsa biż-żejt. Meta taħsel il-qmis iż-żejt imur imma t-tebgħa tibqa'. Fil-qrar id-dnub jinħafer imma t-tebgħa tiegħu tibqa'. L-indulġenza tneħħi din it-tebgħa.

L-iskrizzjoni li għandna mal-faċċata tal-Palazz tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, tgħid: *"Min jgħid Salve Regina quddiem din ix-xbieha tal-B.V. Marija Assunta, jirbaħ 200 jum indulġenza mogħtija fis-27 ta' Ġunju 1952 mill-Arċisqof Mikiel Gonzi."*



Id-Direttur Spiritwali Patri Joseph Zahra qabel il-bidu tal-pellegrinaġġ bl-Istatwa Titulari nhar l-1 ta' Novembru 2011

Mela jekk wieħed, pereżempju, ikun dineb u jmur iqerr, id-dnub jinħafer, iżda t-tebgħa tkun baqgħet hemm. L-Istatwa ta' Marija Assunta, f'dan il-każ, qed tfakkru li għandu jdur lejn Marija Ommna u issa jfaħħarha biex b'dan it-tifħir ipatti għad-dnub li kien sar qabel. It-talba tas-*Salve Regina* tagħti l-opportunità li tiġi kkanċellata parti mill-piena mistħoqqa bid-dnub li jkun sar.

## Parzjali jew Plenarja?

Qabel il-Konċilju Vatikan II l-indulġenzi kienu plenarji jew ġranet. Fil-bidu tal-Kristjaneżmu l-qrar kien jingħata darba biss wara l-Magħmudija. Għalhekk ħafna nsara ħallew il-Magħmudija għal tmiem ħajjithom. Imma meta ntebħu bil-kobor u s-sbuħija ta' dan is-sagrament beda jingħata iktar minn darba. Madankollu l-penitenzi kienu ħorox wisq, ġieli tliet snin ta' talb u sawm iebes! L-indulġenza kienet ittaffi din il-penitenza. B'hekk mitejn jum indulġenza kienu jfissru tnaqqis ta' mitejn jum mill-penitenza.

Illum il-penitenzi mhumiex daqstant ħorox. Għalhekk m'għadx hemm indulġenzi bil-ġranet imma plenarji jew parzjali. Indulġenza plenarja tneħħi t-tebgħat kollha, parzjali (bħal tal-istatwa tagħna) ttaffi u tneħħi parti mit-tebgħa tad-dnub. L-indulġenzi nirbħuhom mhux għax ngħidu xi talba iżda għax bit-talb tagħna nserrħu fuq il-merti tal-Madonna u tal-qaddisin kollha u dawk il-merti jneħħulna jew inaqqsulna l-pieni li nistħoqqu.

It-talb ipatti ħafna għall-ħażen tagħna. Aktar kemm inkunu kapaċi nishru fit-talb, aktar jiġu kkontrollati t-tentazzjonijiet u l-ħsibijiet żejda tagħna għax moħħna u qalbna jkunu merfugħa 'l fuq lejn il-Mulej.

Kien għalhekk ukoll li din is-

sena stess, il-Papa Benedittu XVI, fl-okkażjoni tal-laqgħa dinjija li saret f'Milan mit-30 ta' Mejju sat-3 ta' Ġunju 2012 bit-tema "Il-Familja, ix-Xogħol u l-Jum ta' Festa u Mistrieħ," ta dawn l-indulġenzi lil kull min jemmen u li b'sens ta' ndiema jagħmel ħiltu għall-qdusija tal-familja fuq l-eżempju tal-Familja Qaddisa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi.

L-Indulġenza Plenarja ngħatat bil-kundizzjonijiet tas-soltu, jiġifieri qrara, tqarbina u talb skont l-intenzjoni tal-Papa, u ngħatat lil kull min ħa sehem fiċ-ċelebrazzjoni f'Milan. Ingħatat ukoll lil kull min ingħaqad spiritwalment ma' dawk li kienu f'Milan u talab mal-familja l-"Missierna," il-"Kredu" u talb ieħor biex jaqla' mill-Ħniena Divina l-finijiet imsemmija, speċjalment waqt li l-Papa jkun qed jitkellem f'dik l-okkażjoni fuq ir-radju u t-televiżjoni.

Ingħatat ukoll indulġenza parzjali lil kull min, fil-ġranet imsemmija, b'sens ta' ndiema, talab għall-ġid veru tal-familji.

Dan ħabbrithulna ċirkolari maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta fit-28 ta' Mejju, 2012. U allura jfisser li l-Knisja Kattolika għadha tagħti importanza lill-għoti tal-indulġenzi u mhux bħalma jaħsbu xi wħud.

## Awgurju

Nawgura lil kull min hu devot ta' Marija Ommna li ma jkażbarha qatt la bi kliemu u lanqas b'għemilu. Il-Mulej Alla, li magħha għamel ħwejjeġ kbar, żgur li jħossu offiż jekk l-Isem ta' Marija jkun użat ħażin minna li suppost nemmnu.

Nawgura wkoll lil kull partitarju ta' Santa Marija biex jersaq aktar lejn din l-Omm tagħna li kontinwament ittennielna biex nagħmlu dak li jgħidilna Ġesù (Ġw 2:5).

Nawgura li fil-każin tagħna kif ukoll fil-pjazza ta' quddiem il-każin noqogħdu aktar attenti u nkunu aktar responsabbli fi kliemna u f'għemilna biex ma noffendu qatt lill-Madonna li tant inħobbu u li naħdmu għaliha matul is-sena kollha. Fl-aħħar mill-aħħar għandna nġibu rispett kbir lill-knisja parrokkjali tagħna, li hija ddedikata lill-Assunzjoni ta' Marija. Niftakru li hemmhekk lejl u nhar hemm Ġesù Ewkaristija li jistħoqqlu kull ġieħ u glorja.

Nifraħ li din is-sena wkoll, u issa b'mod isbaħ, qed jiġu organizzati l-Erbgħat ta' Santa Marija fis-sede tas-Soċjetà, permezz tat-talba tar-Rużarju mis-Sezzjoni Żgħażagħ tas-Soċjetà. Dan żgur hu ta' ġieħ għal Marija Ommna. Nawgura li dawn l-Erbgħat ma jintemmux.

Nawgura wkoll li kemm jista' jkun malajr terġa' tiġi restawrata u mbierka mill-ġdid il-Kappella antika li għandna fis-Sede tas-Soċjetà, liema kappella tifthilna aktar l-opportunitajiet tagħna, biex filwaqt li niltaqgħu fil-każin għax-xogħol kontinwu li tirrikjedi festa bħal tagħna, jew għal mumenti rikreattivi, niftakru wkoll li għandna nerfgħu qlubna 'l fuq lejn Ommna Marija li min-naħa tagħha tkompli tberikna bl-imħabba materna tagħha.

Inħeġġeġ lil kulħadd sabiex meta ngħaddu minn quddiem il-każin inħarsu lejn l-istatwa monumentali ta' Marija Assunta u nsellmu lil Marija Ommna li tinsab tistenniena fis-saltna tas-smewwiet, bis-Salve Regina!

Kunu mberkin u l-Festa t-tajba lil kulħadd!



Is-sala tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba issa qiegħda tinkera għal diversi okkażjonijiet.

Għal aktar informazzjoni avviċinaw lill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv.

Is-Soċjetà Santa Marija tirringrazzja lis-**Sur Joseph Farrugia** u lis-**Sinjura tiegħu** għad-donazzjoni sabiħa li għamlu.

Rigal li għandu jsebbaħ is-sala tas-Sede u li se jitgawda minn kulħadd.



Is-Sur Joseph Farrugia jiġi ppreżentat mill-President tas-Soċjetà b'rigal ta' tifkira





*Messaġġ mid-Direttur tal-Każin*

# Sena ta' Attività Kontinwa

**Is-Sur Anthony Farrugia**

Ħadd wara Ħadd tasal ta' kulħadd u hekk hu għax ninsab ftit jiem biss 'il bogħod mill-festa titulari ta' Santa Marija, Patruna tagħna l-Imqabbin.

Wara l-Festi kbar li saru s-sena l-oħra fl-okkażjoni tal-175 sena mill-miġja tal-istatwa artistika u devota ta' Santa Marija, li żgur ser tibqa' fuq fomm kulħadd għas-suċċess miksub minn kull fergħa ta' din is-soċjetà, u appena għaddew il-festi li flimkien mal-parroċċa organizzajna, fassalna pjan biex naħdmu fuqu għal matul din is-sena. Bdejna biex naraw l-aħħar irtokki li kien għad fadal fejn dawn tlestew ukoll. Appena lestejna dawn l-irtokki, tajna spinta lill-basement fejn tnaddaf mill-affarijiet li kien fih u ġew installati serje ta' xkaffar tal-aluminium biex jiġu merfugħin affarijiet ta' tiżjin li għandhom x'jaqsmu mal-armar tal-każin u l-bar. Sar disinn ġdid ta' antiporta li ser tieħu post dik li kien hemm u li kienet spiċċat biż-żmien. L-antiporta l-ġdida fuq stil modern u li tapplika għaż-żminijiet tal-lum qed tinħadem u jekk Alla jrid għandha tiġi mwaħħla postha sal-festa ta' din is-sena. Peress li matul ix-xitwa l-każin ma kienx hemm antiporta, sar bieb temporanju tal-aluminium biex jaqta' ftit mill-kesħa tax-xitwa.

Matul din is-sena, saru wkoll diskussjonijiet biex jitħejja post biex kif appena tgħaddi l-festa ta' din is-sena jerġa' jintrama l-isnooker fis-sala ta' ħdejn il-bar. Xogħol ta' manutenzjoni ieħor li sar kien tibjid tal-imħażen li s-soċjetà tipposedi.

Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lis-Sezzjoni Żgħażagħ għall-għajnuna kontinwa u l-ħidma li dejjem taw b'risq is-sede tagħna, lis-Sezzjoni Nisa għat-tindif u s-sehem li dejjem taw, lil sħabi fil-Kumitat Ċentrali, u fl-aħħar u mhux l-inqas lis-Soċji u Partitarji għall-għajnuna li jagħtu matul is-sena kollha kemm manwalment kif ukoll finanzjarjament.

Sabiex nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi, nixtieq nagħmel appell sabiex kull partitarju jibża' għall-Palazz tagħna, għaliex fih ningħaqdu bħala familja waħda. Filwaqt li l-ħidma tagħna b'risq din l-Ewwel Soċjetà Mużikali fl-Imqabba ser tibqa' għaddejja, nixtieq nawgura l-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha.

Viva Santa Marija Patruna tal-Imqabbin.



Id-Direttur tal-Każin, is-Sur Anthony Farrugia, l-Akkademja Mużiko-Letterarja, imtellgħa mill-Banda Re Ġorġ V, fl-okkażjoni tal-175 sena mill-miġja tal-Istatwa Titulari ta' Santa Marija fl-Imqabba ġewwa l-Knisja Parrokkjali nhar it-28 ta' Ottubru 2011.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tawgura l-Festi t-Tajba lil kulħadd speċjalment lil ħutna emigranti barra minn xtutna.


Coca-Cola
Coca-Cola
open happiness
www.mycoke.com.mt



Messaġġ mill-Fergħa Nisa

# Impenn Kontinwu b'Risq il-Festa

**Is-Sinjorina Franġiska Ghigo**

Ninsabu ftit ġimgħat bogħod mill-festa wisq għażiża għalina u għall-Kattoliċi kollha madwar id-dinja, il-festa ta' Santa Marija, Patruna ta' Malta u iżjed u iżjed tagħna l-Imqabbin. Dan iż-żmien tas-sena aħna l-Imqabbin inkunu nistennewh bl-akbar ħerqa, għaliex ngħixu għall-festa minn sena għal oħra.

Nixtieq minn hawn insellem lilkom il-qarrejja kollha ta' dan il-ktieb li kull sena tkunu qed tistennewh biex taraw x'hemm imħejji għal din il-festa tant kbira. Din is-sena aħna n-nisa rġajna ħdimna ħafna bħal kull sena biex niġbru l-fondi li tant għandna bżonn ħalli nkomplu nsebbħu l-ġmiel ta' każin li għandna u ntaffu mill-ispejjeż kbar li għamilna fil-bini tal-estensjoni l-ġdida tal-każin. Bl-għajnuna kbira tagħkom għeżież partitarji, ta' kull sena nkunu nistgħu ngħaddu somma sabiħa lill-Kumitat Eżekuttiv.

L-għajnuna ferm kbira tagħkom tagħmlilna kuraġġ kbir biex inkomplu naħdmu, speċjalment mis-Sinjura Doris Camilleri li tavviċinakom biex tbigħ il-biljetti u tiġbor in-nies għall-*coffee mornings*, *high teas* u attivitajiet oħra bħal ikliet fil-każin, kif ukoll ġbir għall-fjuri għal quddiem il-Madonna għall-granet tal-festa, ġbir għall-marċ ta' nofsinhar u ħafna attivitajiet oħra li jorganizzaw sezzjonijiet varji fl-istess Soċjetà.

Din is-sena wkoll ser ngħaddu lill-Kumitat Eżekuttiv somma sabiħa b'risq l-estensjoni tal-każin.

Nixtieq nagħmel xi ringrazzjamenti lil sħabi tas-sottokumitat li dejjem iħabirku biex nilħqu l-għan tagħna. Lil dawk minn sħabna li b'sagrifiċċju jiġu jnaddfu l-każin, magħhom nixtieq nirringrazzja lil xi partitarji li mhumiex fis-sottokumitat imma xorta jiġu jgħinu fil-bżonnijiet li jkun hemm.

Grazzi tmur ukoll lil dawk li jħobbu jagħtu xi affarijiet biex intellgħuhom lotterija fil-*coffee mornings* jew fil-*high teas*.

Ħajr ukoll lis-Sinjorina Ġuża Farrugia, lis-Sinjura Nathalie Azzopardi u lis-Sur Michael Chetcuti li jieħdu ħafna xogħol biex dejjem ikollna fjuri mill-isbaħ fil-ġranet tal-festa. Lis-Sinjura Nathalie Azzopardi nirringrazzjawha wkoll talli għoġobha tirregalalna pittura mill-isbaħ biex nagħmluha lotterija.

Nirringrazzjaw lis-soċji u partitarji kollha nisa u rġiel li nsibuhom is-sena kollha. L-appell tiegħi huwa biex kemm nistgħu nieħdu sehem fil-funzjonijiet mill-isbaħ li jsiru fil-knisja ad unur il-Patruna tal-Imqabbin kollha. Nitlobkom ukoll biex kulħadd jieħu sehem fil-marċi u l-attivitajiet li jsiru matul il-festa kollha mingħajr ma noffendu u ma nweġġgħu lil ħadd.

Grazzi mill-qalb u l-festa t-tajba lil kulħadd.

Viva Santa Marija Patruna tal-Imqabbin.



Il-Kumitat tal-Fergħa Nisa



## Mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija

# "Ġejna inkurunati għall-ħila, l-oriġinalità u l-innovazzjoni tagħna"

**Minn Jeremy Mercieca - President tas-Sezzjoni Żgħażagħ**

Għeżież Żgħażagħ, Soċji u Partitarji ta' din l-Ewwel Soċjetà Mqabbija u tal-Festa tat-Titular,

Huwa ta' unur għalija li mess lili bħala l-President tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija li nwassal dan il-messaġġ tiegħi f'din il-pubblikazzjoni ta' qabel il-festa f'ġieħ il-Patruna Universali, Santa Marija. Is-sena 2011 kienet waħda speċjali minn kull lat, fejn konna qegħdin niċċelebraw il-175 sena mill-miġja tal-istatwa titulari ta' Santa Marija f'raħalna. Kull sezzjoni tas-Soċjetà tat il-mija fil-mija tagħha sabiex organizzajna festi speċjali, u l-istess qiegħed jiġri din is-sena. Bħalissa kull sezzjoni fi ħdan din l-Ewwel Soċjetà Mqabbija għaddejja bi preparamenti kontinwi u xogħol impenjattiv sabiex niċċelebraw il-festa titulari ġewwa raħalna kif jixraq. Hekk kif ninsabu fuq l-għatba ta' dawn il-festi kbar, huwa fil-kompitu ta' kull għaqda, b'mod speċjali tagħna ż-żgħażagħ, li lkoll flimkien mal-partitarji nkomplu nibnu dawn is-suċċessi b'kisbiet oħra. Huma ż-żgħażagħ il-pilastri tas-Soċjetà, u għalhekk irridu naħsbu f'ideat innovattivi li jkabbru isem is-Soċjetà tagħna, iżda fuq kollox iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Għid tal-Assunta.

Hekk kif għaddiet il-festa tal-2011 il-kumitat reġa' fforma għad-dsatax-il sena tiegħu. Il-kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ kompla jiġġedded b'numru sabiħ ta' żgħażagħ li ngħaqdu magħna għall-ewwel darba fil-kumitat bħal Justin Galea, Rebecca Farrugia, Jurgen Farrugia u Rebecca Grech, u daħlu wkoll żewġ membri li kienu f'kumitati passati: Matthew Ellul u Maria Psaila Ghigo. Minn hawnhekk nixtieq insellem u nirringrazzja lill-membri tal-kumitati preċedenti li dejjem offrew l-għajnuna tagħhom kull meta kien hemm bżonn. Nixtieq nirringrazzja wkoll lis-Sur Matthew Borg, li minħabba raġunijiet personali kellu jieqaf mill-kariga tiegħu fi ħdan il-kumitat. Mill-ewwel laqgħa tal-kumitat ilkoll qbilna li kull żagħżugħ irid imidd idu għax-xogħol, u aħna fassalna pjan ta' sena ħidma, fejn fuq kollox il-qofol ta' dan hija l-festa grandjuża li ser niċċelebraw fi ftit jiem oħra.

Il-kumitat irnexxielu jimla s-sena tiegħu b'attivitajiet ibbażati fuq id-diversità tal-individwu fejn is-sisien filantropiċi, soċjali, sportivi, kulturali u spiritwali tpoġġew fuq quddiem nett tal-aġenda tagħna. Jekk naraw x'għamlet is-Sezzjoni Żgħażagħ ninnutaw li l-attivitajiet ma naqsu qatt, anzi konna fost l-ewlenin ta' kumitati simili f'pajjiżna għaliex għamilna attivitajiet uniċi fuq livell nazzjonali. Kull attività li tellajna mhux biss kienet ta' livell għoli iżda kienet ukoll oriġinali għall-aħħar, fejn l-element żagħżugħ, mimli ħeġġa u entużjażmu, dejjem iddomina! Dan mhux qiegħed jingħad biss bil-kliem iżda bil-fatti; fatti li kull sena jagħtu prova ċara li s-Sezzjoni Żgħażagħ tagħna hija sezzjoni attiva, kapaċi u serja mill-bidu li ġiet iffurmata.

Jekk inħarsu lura lejn is-sena li għaddiet, nosservaw li l-attivitajiet soċjali ma naqsux. Fost id-diversi attivitajiet li saru parti mill-kalendarju tagħna nsibu l-bosta *Get-Togethers* organizzati ġewwa



Il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ 2011/2012
Nieqsa mir-ritratt: Rebecca Grech



Waħda mill-Ikliet bejn il-Ħbieb organizzata mill-Għaqda tal-Armar ġewwa l-Każin tas-Soċjetà.



L-Ikla tal-Bandisti ġewwa l-Monte Kristo Estates nhar l-14 ta' Jannar 2012.



L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien, fl-isfond tidher il-Banda Re Ġorġ V waqt il-Marċ tagħha.



Grupp ta' Stuenti tal-Ġeografija mill-Università ta' Trier fil-Ġermanja, waqt żjara ta' studju tagħhom ġewwa l-Każin.



Playstation Tournament li sar nhar it-12 ta' Novembru 2012

l-każin għaż-żgħażagħ, b'mod speċjali f'*Halloween*, fil-Milied, fil-Karnival u għall-festa b'sensiela ta' *Festa Warm Ups*. Konna ta' għajnuna wkoll għall-kumitat tas-Sezzjoni Nisa fl-organizzazzjoni ta' diversi *High teas* li jsiru ġewwa l-każin. Matul is-sena l-kumitat taż-żgħażagħ ta l-għajnuna tiegħu lill-Għaqda tal-Armar għall-bosta Ikliet bejn il-Ħbieb li hi organizzat. Fost dawn l-attivitajiet nistgħu nsemmu l-*BBQ's* fil-pjazza u fuq il-bejt tal-każin, *Dinner Dances*, u n-numru sabiħ ta' ikliet ġewwa s-sede tas-Soċjetà. Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Anzjani rġajna żammejna l-appuntament tagħna mal-anzjani Mqabbin fir-residenza San Vinċenz De Paule, fejn ferraħniehom bil-preżenza tagħna. Bħala żgħażagħ tajna wkoll l-għajnuna tagħna fl-attività 'L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien' organizzata mill-Kunsill Lokali.

Ilqajna fostna wkoll studenti mill-Università ta' Trier fil-Ġermanja li tajniehom xi informazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-festa ta' Santa Marija u r-raħal tal-Imqabba. Il-kumitat taż-żgħażagħ kompla jorganizza wkoll diversi attivitajiet sportivi u rikreattivi li jsiru għall-partitarji tagħna. Fost dawn insemmi: it-*tournaments* tal-*billiard*, tad-*drafts* u tal-*playstation* fil-każin tagħna, *Bowling Night*, u ħafna aktar. Din is-sena introduċejna wkoll it-tagħlim tal-ħdim tal-liedna mingħajr ħlas għall-partitarji tal-każin, li sar mid-dilettanti tal-liedna fi ħdan is-Soċjetà tagħna fosthom is-Sur Raymond Vella u membri mis-Sezzjoni Żgħażagħ. Minn



Preżentazzjoni lir-rebbieħa tal-Playstation Tournament.



Is-Siluette tan-Nattività fuq il-faċċata tal-Każin, maħdum mill-membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ

# NEW SHOP

## NOW OPEN










**Daily Fresh Bread and Milk • Groceries**
**Hand-Made Chocolates • Patisserie**
**Frozen Foods • Frozen Ready Meals • Wines & Spirits**

*... and much more for your daily needs*

**Opening hours: Monday to Sunday 6.15am till 7.15pm**

*James Caterers Ltd.*

St Thomas Street, Fgura TXN 1602, Malta
T: (00356) 2189 6290/1 | F: (00356) 2189 6371
E: sales@james-caterers.com | www.james-caterers.com



Il-Faċċata tal-Każin armata għal żmien il-Milied

hawnhekk nixtieq nirringrazzja lilkom kollha li attendejtu bi ħġarkom u sarraftu dawn l-attivitajiet f'suċċessi assoluti. L-attendenza tagħkom tinkoraġġina biex nibqgħu norganizzaw attivitajiet ta' livell għoli.

Fin-nuqqas tal-Presepju Ħaj, li ma setax isir minħabba ċirkustanzi li ħadd ma kellu kontroll fuqhom, ħdimna fuq proġett ieħor ta' presepju statiku mal-faċċata tal-każin. Iż-żgħażagħ ħasbu li joħolqu dawn ix-xeni permezz tal-pasturi ġejjin minn tliet rappreżentazzjonijiet prinċipali tat-twelid ta' Ġesù: il-Grotta, ir-Rgħajja u l-Maġi. Aħna għamilna dan billi ħriġna l-effetti tad-dlam u d-dawl mal-faċċata kolossali tal- każin. Nixtieq nirringrazzja lil Patrick Ghigo li ta l-għajnuna tiegħu sabiex dan il-proġett seta' jirnexxi.

Għat-tieni sena konsekuttiva żammejna l-appuntament tagħna għal serata oħra Karnivaleska fil-Pjazza Ewlenija ta' raħalna bl-isem 'Fantasija Orjentali, u din is-sena popolari!' Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lis-Sur Clinton Galea, lis-Sinjorina Alexandra Grima u lil ħafna żgħażagħ oħrajn li ħadmu id f'id magħna sabiex din l-attività setgħet tittella'. F'din is-serata ħadu sehem ukoll xi atturi mis-*sit-com* 'Klassi Għalina.' Kif nista' ma nfaħħarx is-suċċess ta' din l-attività, meta tara li bħala Sezzjoni Żgħażagħ tajna ċ-ċans lil diversi żgħażagħ oħra li għandhom x'jaqsmu mal-każin tagħna biex jipparteċipaw, u rġajna kkonfermajna li l-oriġinalità hija l-prijorità tagħna.

Illum il-ġurnata l-attivitajiet Reliġjo-Kulturali saru sinonimi ferm mas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija fejn erġajna tellajna b'suċċess kbir is-sitt edizzjoni tal-wirja *La Semana Santa* fis-swali prinċipali tal-każin. Il-ftuħ uffiċjali ta' din l-attività unika sar fit-28 ta' Marzu 2012 bi programm strumentali mill-Banda Re Ġorġ V taħt il-Patroċinju tal-Monsinjur Lawrence Mifsud. Fil-ftuħ ta' din il-wirja inawgurajna diska speċjali bit-titlu *Esperanza Macarena Coronada*, kantata minn Michael Chetcuti. Minn hawnhekk nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lis-Sinjuri Michael Chetcuti, lill-Familja Azzopardi, lil Mario Zammit, Patrick Ghigo, Marthese Farrugia, Rose Briffa u Julia Ghigo tal-għajnuna manwali tagħhom. Barra minn hekk, tajna l-appoġġ tagħna lis-Sur Michael Chetcuti u l-bqija tal-*Hermandad*



Is-Sur Clinton Galea rebbieħ tal-kompetizzjoni għall-isbaħ kostum fil-kategorija tal-Adulti.



Waħda mill-isketches waqt is-serata karnivaleska mis-Sit Kom. Klassi Ghalina.



Waħda miż-żifniet waqt is-Serata Karnivaleska organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ ġewwa l-Pjazza tal-Imqabba, nhar is-17 ta' Frar 2012.



Mons. Lawrence Mifsud jirċievi rigal ta' tifkira mingħand is-Sur Jeremy Mercieca President tas-Sezzjoni Żgħażagħ waqt il-ftuħ tal-Wirja, La Semana Santa de Espana fl-Imqabba, nhar it-28 ta' Marzu 2012.


Newwes Garage
Prop. Horace Spiteri
A Wide range of Wedding Cars for Hire • Taxi Service • Mini Bus Service 24 Hours a Day • Rent Cars
NEWWES
Triq Alfred Cachia Zammit, Żejtun Tel: 21 693247 / 21 694212 • Mobile: 9949 8829


L-Onor. Dr. Jason Azzopardi, Ministru għall-Kompetizzjoni Ġusta, Negozji Żgħar u l-Konsumatur iżur il-wirja La Semana Santa de Espana ġewwa s-Swali tas-Sede tas-Soċjetà.


Il-Kap tal-Oppożizzjoni u Kap tal-Partit Laburista Dr. Joseph Muscat wieħed minn ħafna personalitajiet distinti li żaru il-wirja La Semana Santa.

tal-Fratellanza *Macarena* fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Bejn Ottubru u Novembru 2011 il-kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ ingħaqad flimkien mal-Kumitat Ċentrali u l-bqija tal-partitarji għaċ-ċelebrazzjonijiet speċjali f'għeluq il- 175 sena mill-miġja tal-istatwa ta' Santa Marija fl-Imqabba. Kif nistgħu ma nsemmux l-attivitajiet oriġinali u ta' livell għoli li ġew organizzati! Dawn l-attivitajiet ġew organizzati b'koordinazzjoni perfetta bejn kull sezzjoni fi ħdan is-Soċjetà u kienu wkoll ċelebrazzjonijiet ta' tagħlim, b'mod speċjali bis-Seminar Artistiku fuq il-Vara ta' Santa Marija li sar l-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011. Dakinhar dawk kollha li kienu preżenti setgħu jsiru jafu aktar l-istorja u l-fatti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-miġja ta' din l-istatwa, mija u ħamsa u sebgħin sena ilu. Kif nistgħu ma nsemmux l-Akkademja Mużiko-Letterarja ta' livell impekkabbli li ġiet imtellgħa mill-Banda Re Ġorġ V l-Ġimgħa 28 ta' Ottubru! X'esperjenza memorabbli dik, meta waqt li l-banda kienet qed tesebixxi opri uniċi miktuba apposta għal dik il-lejla, beda jinqara r-rakkont tal-gwerra!

Kien ta' unur għal kull Imqabbi meta waqt li beda jinqara r-rakkont tal-attakk fuq l-Imqabba ndaqqet is-sirena fil-knisja parrokkjali. Nhar it-30 ta' Ottubru l-komunità Mqabbija reġgħet laqgħet b'merħba tassew kbira lill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Pawl Cremona. Kemm kienet sabiħa l-Omelija tal-Arċisqof waqt dan il-Pontifikal Solenni, li kienet kollha kemm hi fuq il-Madonna, b'ħarsa speċjali fuq Santa Marija! Għalaqna dawn iċ-ċelebrazzjonijiet bil-kbir; b'Pellegrinaġġ Devot bl-Istatwa Artistika ta' Santa Marija. Xi privileġġ kellhom ħafna mill-partitarji tas-Soċjetà Santa Marija, meta nhar l-1 ta' Novembru, fl-anniversarju tad-Domma tal-Assunta, refgħu lill-istess statwa tal-Patruna tal-Imqabbin bil-Mozzetta l-Ħamra! Din il-ġimgħa speċjali ta' devozzjoni li s-Soċjetà Santa Marija flimkien mal-Parroċċa organizzat ġiet fi tmiemha b'ċapċipa kbira u mistħoqqa lil Santa Marija, talli dejjem iżżomm idejha fuq kull Imqabbi.

Fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa rġajna konna parti minn grupp organizzattiv ta' sensiela ta' eżerċizzji spiritwali għaż-żgħażagħ li kienu suċċess, u pparteċipajna fl-irfigħ tal-istatwa devota tad-Duluri. Grazzi għall-Kappillan tal-Parroċċa u għas-Sinjura Mary Cassar erġajna tellajna għat-tmien sena konsekuttiva l-unika ġimgħa ta' tagħlim Marjan fl-Imqabba, 'Il-Ġimgħa Marjana,' bejn il-21 u l-25 ta' Mejju ġewwa l-Isptar il-Qadim. Dan il-kumitat reġa' ta l-ħajja lil din il-Ġimgħa Marjana fejn tellajna wirja ta' xbihat tal-Madonna. Ftaħna l-Ġimgħa Marjana b'kunċert żgħir minn xi bandisti tal-Banda Re Ġorġ


Il-membri tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ flimkien mas-Sinjura Kate Gonzi waqt żjara tagħha ġewwa l-Każin fejn żaret il-wirja La Semana Santa de Espana.


Membri mill-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ jieħdu sehem fil-Purċissjoni tad-Duluri, nhar it-30 ta' Marzu 2012




# SIX BAR

Żuru dan il-Bar għal
Xorb ġenwin b'appetizers
f'atmosfera familjari u
ferriħija

**il-proprjetarji**
**Jason Cutajar u Philip Zammit**
**jawguraw**
**il-Festa t-Tajba**



**Jiftaħ kuljum mill-3.45am**
**'il quddiem**

**Triq Mons. Pietru Pawl Saydon, Żurrieq**

Il-Ġimgħa Marjana, organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ fix-xahar ta' Mejju għat-8 sena konsekuttiva





Parti mill-Wirja ta' Statwi waqt il-Ġimgħa Marjana li nżammet fl-Isptar il-Qadim.

V mmexxijin mis-Surmast David Agius. F'dan il-kunċert tajna ċ-ċans lil tnejn mill-allievi tal-Banda Re Ġorġ V, Emerson u Annabelle Camilleri, sabiex jesebixxu t-talenti mużikali tagħhom.

Ma naqsitx ukoll quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla u lil Madonna, biex naghtuhom ġieħ ta' dak kollu li jagħmlu magħna ż-żgħażagħ. Iż-żgħażagħ taw is-sehem tagħhom ukoll fis-servizzi tal-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament u l-Fratellanza tar-Ružarju Mqaddes. Bl-għajnuna kontinwa tas-Sur Josef Farrugia, għat-tieni sena konsekuttiva, is-Soċjetà tagħna reġgħet organizzat rużarju kull nhar ta' Erbgħa li jwassalna għall-Festa ta' Santa Marija, immexxi minn Patri Joseph Zahra, direttur spiritwali tas-Soċjetà. Żammejna wkoll il-komunikazzjoni mal-bqija tal-partitarji bil-pubblikazzjoni *It-Titular*. Ma nistax ma nsemmix il-progress li sar fil-kwalità ta' din il-pubblikazzjoni. Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li jogħġobhom jużaw din il-pubblikazzjoni biex jirreklamaw l-avviżi tagħhom, u lil dawk l-artikolisti li għenuna nżommu din il-pubblikazzjoni fost l-aqwa f'pajjiżna.

Kien proprju nhar is-Sibt 20 ta' Diċembru 2010 li tajna bidu għall-klabb 'Tfal tat- Titular.' U llum għadu għaddej bil-laqgħat tiegħu b'iżjed ħeġġa u determinazzjoni. Minn dakinhar qatt ma ħarisna lura u l-laqgħat ta' dawn it-tfal baqgħu jsiru Sibt wara Sibt. Fost l-attivitajiet li jiġu ppreparati hemm krafts, logħob, kant, żfin, attivitajiet rikreattivi u attivitajiet barra mir-raħal. Fi żmien il-Milied it-tfal għamlu kartolina għall-għeżież tagħhom, sajru l-*Christmas log* flimkien, u żaru xi presepji madwar Malta fost l-oħrajn. Ma nistax ma nsemmix il-*party* tal-Milied li bħal kull sena ħoloq atmosfera sabiħa. F'lejliet il-Milied ħloqna attività żgħira u morna nqassmu r-rigali lit-tfal ċkejknin permezz tal-*Father Christmas*. Fi żmien il-Karnival it-tfal tal-klabb ħadu sehem kemm fl-attività karnivaleska organizzata miż-żgħażagħ tagħna, kif ukoll f'attivitajiet oħrajn barra mill-Imqabba. Ġie introdott ukoll il-*Bingo Party* li kien suċċess kbir. Minn hawnhekk nirringrazzja lil Rose Baldacchino, Charmaine Azzopardi, Samantha Baldacchino u Delia Galea Cilia li flimkien mal-membri nisa fi ħdan il-kumitat taż-żgħażagħ jieħdu ħsieb lil dawn it-tfal ċkejknin.

Id-data tat-23 ta' Frar 2012 hija data oħra storika li kull Imqabbi għandu jibqa' jgħożż. Dan għaliex is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija reġgħet għamlet unur kbir lil raħalha, wara li ġiet ippreżentata b'Rikonoxximent Nazzjonali f'ġieħ il-kreattività u l- innovazzjoni; unur ieħor għal Soċjetà li għalkemm minn raħal ċkejken hija massiva fl-innovazzjoni, fl-oriġinalità u fid-dedikazzjoni. Iż-żgħażagħ titulari kisbu dan l-unur permezz tal-Gwarniċun Mekkanizzat, opra artistika oħra frott il-ħidma



Il-Party tal-Milied għat-Tfal ġewwa s-Sala l-ġdida tas-Sede tas-Soċjetà.



Tqassim tar-rigali minn Father Christmas lejliet il-Milied 2011



Visage
SOUND LIMITED
SOUND SYSTEM RENTALS, SALES & INSTALLATIONS
MALTA'S LARGEST INVENTORY FOR YOUR PRO AUDIO NEEDS
tel: 99473535/2146 3607 / e-mail: visageltd@gmail.com / web: www.visagesound.com
Pioneer DJ
VOID




"At Green MotoringSchool we'll teach
you to drive safely, not just pass your test"!
30
GREEN
MOTORING SCHOOL
9972 8577
STOP
@greenmotoringschool@hotmail.co.uk
Instructors at Green MotoringSchool are fully qualified,
friendly, professional, patient and available around Malta .
We use the latest teaching methods and have an extremely high pass rate..".


Sezzjoni
ŻGHAŻAGH
SANTA MARIJA
MQABBA




Iċ-Ċertifikat ta' rikonoxximent Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti, mogħti nhar it-23 ta' Frar 2012.



Delegazzjoni mis-Soċjetà Santa Marija wara l-preżentazzjoni tal-Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti, fil-Lukana Corintha ġewwa Ħ'Attard.




It-Trofew ta' rikonnoxximent Nazzjonali tal-Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti, mogħti lis-Sezzjoni Żgħażagħ fil-kategorija Prodotti Artiġjanali – Kreattività u l-Innovazzjoni.

kontinwa ta' matul is-snin.

Tajjeb li l-ħsieb tiegħi jdur fuq sħabi Mario Camilleri, Ian Camilleri u Joseph Tonna fost l-oħrajn li tassew kienu u ħa jkomplu jkunu ta' importanza kbira fil-ħidma tagħhom b'risq l-armar għall-festa. Dawn il-partitarji qegħdin jagħtu l-massimu kollu tagħhom biex jarmaw ir-raħal kif xieraq għall-festa tat-Titular. Is-Sezzjoni Żgħażagħ kompliet tagħti s-sehem tagħha fl-armar tal-festa, u flimkien mal-membri ta' din l-għaqda b'mod speċjali tas-Sur Mario Camilleri u ż-żagħżugħ ħabrieki Ian Camilleri, kif ukoll Simone Darmanin u Rose Briffa, komplejna l-bandalori ta' Triq Karmenu Ciantar. Jiena ninsab ċert li din l-għaqda hija unika f'raħalna għall-ħidma kontinwa tagħha matul is-sena kollha. Din is-sena, inħadem ukoll ammont konsiderevoli ta' liedna mis-Sur Raymond Vella.

Bħala kumitat taż-żgħażagħ konna minn ta' quddiem li tajna l-għajnuna tagħna lill-Imqabba F.C. u lill-Imqabba *Supporters Club* sabiex ikomplu jtejbu l-atmosfera tagħhom fil-grawnds permezz ta' armar brijuż. Nixtieq nifraħ lill-kumitat, lill-plejers u lill-partitarji kollha għall-isforz kollettiv li għamel kulħadd sabiex naraw isem l-Imqabba fl-ogħla livell.

F'din is-sena s-Sezzjoni Żgħażagħ tat ukoll l-aħħar tislima tagħha lil wieħed minn ulied is-Soċjetà. Minn hawn nieħu l-opportunità sabiex nuri l-apprezzament u nagħti l-kondoljanzi lill-familjari tas-Sur Ġakki Galea u tas-Sur Karmnu Galea. Żgur li t-tislima li ngħatat lil dawn il-persuni kienet tixraq lil żewġ pilastri u pijunieri wieħed tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija u tal-Għaqda tan-Nar tal-Art Santa Marija tal-Imqabba. Agħtihom O Mulej il-Mistrieħ ta' dejjem.

Minn dawn il-kelmtejn nieħu l-opportunità biex nirringrazzja minn qiegħ qalbi lill-benefatturi kollha tagħna għall-għajnuna finanzjarja li għoġobhom jagħtuna.



Tluq ta' bżieżaq mill-Pjazza mal-ħruġ tal-Istatwa Devota u Artistika ta' Santa Marija fuq iz-zuntier, nhar id-9 ta' Awwissu 2011.



Il-Briju waqt il-Marċi, matul il-ġimgħa tal-Festa, jispikka l-element Żgħażagħ.



L-Ispettaklu ta' Mużika, Dwal, Laser u Karti li jsir ġewwa l-Pjazza ta' quddiem il-Każin ma' tmiem il-Marċ tal-Aħħar Tridu.



Folol waqt l-ispettaklu ta' wara l-Marċ tal-Aħħar Tridu.

Nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kienu involuti fix-xogħol li semmejna sabiex dawn l-attivitajiet ikunu suċċess. Mill-ġdid grazzi!

Illum il-ġurnata nistgħu ngħidu li wasalna fi żmien meta s-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija tal-Imqabba hija meqjusa bħala waħda mis-Sezzjonijiet ewlenin f'pajjiżna. Dan jista' jiġi kkostitwit ferm tajjeb mil-lat organizzattiv tul is-sena kollha kif ukoll permezz ta' dak kollu li jirrigwarda l-prodott finali li bl-għajnuna t'Ommna Marija ser inkunu qed naħsdu l-frott tiegħu fil-ġranet impenjattivi tal-festa, bil-qofol jintlaħaq fil-lejl tat-13 t'Awwissu, sewwasew fil-marċ tal-Aħħar Tridu. Hawnhekk ser tkompli tispikka l-qawwa u l-importanza tal-element innovattiv waqt dan l-ispettaklu. Madankollu, għalkemm dejjem insibu lil dawk il-persuni, kemm mis-Soċjetà tagħna kif ukoll f'raħalna li jippruvaw iwaqqfuna, aħna għandna viżjoni ċara li s-suċċess jiġi l-ewwel u qabel kollox. Fl-opinjoni tiegħi din is-sena tajna risposta lil dawk kollha li kienu konxji mill-ħidma tagħna. Mela ejjew ħbieb ħalli nkomplu nagħmlu suċċess kbir flimkien. Ma ninsewx li s-sena d-dieħla hija sena speċjali għas-Soċjetà tagħna fejn is-Sezzjoni Żgħażagħ se tkun qed tiċċelebra l-għoxrin sena mit-twaqqif tagħha, u nistgħu nassiguraw lil kulħadd li dan l-anniversarju ser niċċelebrawh bil-kbir. Nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lis-Sinjuri Jerry Ghigo, Nicky Baldacchino, Carlo Sciberras, Robert Ghigo, Mario Zammit, Kevin Camilleri, Frans Vella, Doris Camilleri, Jessica Farrugia, Glenn Zammit u lill-Familja Ellul (Ta' Ketrinu) għall-għajnuna tagħhom matul is-sena.

Għalhekk l-appell tiegħi f'dawn il-jiem huwa biex nieħdu gost flimkien mingħajr ma nweġġgħu lil ħadd u ma naqgħux għal xi provokazzjoni li jista' jkun hemm. Inħossni ferm kuntent li nagħmel parti minn dan in-nukleu ta' żgħażagħ li flimkien qegħdin nagħmlu daqstant xogħol b'għan wieħed; l-għan li nkabbru l-festa ta' Santa Marija, il-festa tal-Imqabba.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd

Viva Santa Marija Patruna tal-Imqabba

Viva l-Ewwel Soċjetà Mużikali ġewwa raħalna

Viva t-Titular!



Il-BBQ & Pool Party organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ ġewwa t-Torri tal-Qrendi, li issa sab postu fil-kalendarju annwali tal-attivitajiet

Vince Agius ilu dilettant tal-muturi minn tfulitu, però kien f'dawn l-aħħar snin li beda jikkompeti f'dan il-qasam fuq livell sportiv. Kull sena għal dawn l-aħħar erba' snin, Vince jsiefer Sqallija biex jieħu sehem fi *'track days'* fejn isiru provi għall-aqwa ħinijiet kontra Maltin oħrajn, kif ukoll ma' Sqallin. Dawn isiru fir-*racetracks* ta 'Autodromo di Valle di Tempi' ġewwa Racalmuto, fir-reġjun ta' Agrigento; u fl-Autodromo di Pergusa, viċin ta' Enna.

Fl-aħħar parteċipazzjoni tiegħu ġo *r-racetrack* ta' Pergusa, Vince kompla jtejjeb il-ħin tiegħu fuq is-snin ta' qabel u spikka fost ix-xuffiera l-oħra li kkompeta magħhom. Nawgurawlu suċċess għall-futur f'dan il-qasam sportiv.



Is-Sur Vince Agius waqt waħda mit-tlielaq li ħa sehem fihom ġewwa Sqallija.


Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija tal-Imqabba
tippreżenta
IL-MARĊ TA'
L-AĦĦAR TRIDU
FL-IMQABBA
Il-Tnejn, 13 t'Awwissu 2012
Mill-10:30pm 'il quddiem
L-unika Marċ ta'
briju organizzat f'raħalna
bi spettaklu ta' dwal, nar
u elementi oriġinali
sinkronizzati mal-mużika
fil-pjazza ewlenija tal-Imqabba
Sezzjoni Żgħażagħ est. 1993 Santa Marija Mqabba
www.santamarija.com



## Ħidmet il-Banda Re Ġorġ V

# Ħarsitna 'l Quddiem

**Is-Sur Antoine Farrugia**

Għeżież Soċji, Partitarji u ammiraturi tal-Banda Re Ġorġ V,

Ninsabu fl'istaġun sajfi, staġun li jġib miegħu bosta festi. Aħna l-Imqabbin flimkien ma' bosta rħula oħra, ninsabu ftit jiem biss 'il bogħod mill-festa tant għażiża għalina l-Imqabbin, il-festa ta' Santa Marija Patruna tal-Imqabba. Din is-sena, bħas-sentejn li għaddew għandna diversi avvenimenti importanti li se nkunu qed niċċelebraw uħud minnhom nazzjonali u oħrajn lokali.

L-avveniment nazzjonali huwa s-70 sena mill-wasla tal-Konvoj ta' Santa Marija filwaqt li lokali huma l-mitt sena tar-Relikwarju l-Prim tal-Parroċċa kif ukoll l-20 sena mill-inawgurazzjoni tal-pittura tal-Konvoj fis-sala prinċipali tal-Każin. Avveniment li jolqot mill-qrib il-Banda huwa l-15-il sena mill-ħatra tas-Surmast preżenti Mro David Agius.

Bħal kull Soċjetà Mużikali f'pajjiżna, il-banda hija l-pern ewlieni tas-Soċjetà tagħna. Wara l-programm ferm mistenni li tellajna is-sena l-oħra fil-pjazza ewlenija tar-raħal tagħna taħt il-Patroċinju tal-ET Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Emeritus, fejn ġew preżentati lill-banda żewġ siltiet mużikali ġodda waħda mill-President tas-Soċjetà s-Sur Carmel Zahra u waħda mill-Bandisti tal-Post, il-banda kompliet bis-servizzi tagħha tal-marċ tal-aħħar tridu u l-marċ ta' filgħodu – nhar l-Għid tal-Assunta.

Fit-tieni Ħadd ta'Settembru, il-Banda Re Ġorġ V kienet il-mistiedna tal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel fejn lejliet il-festa tal-Madonna tal-Grazzja tellgħet marċ u programm ġewwa Belt Hompesch. Kif għadda l-istaġun tal-Festi, bdejna l-kunċerti għall-programmi li kien imiss.

F'Ottubru il-banda daqqet marċi brijużi mat-toroq tal-Imqabba flimkien mall-Banda Madonna tal-Ġilju għall-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba. L-għada s-Sibt kien imiss lis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V biex tagħmel il-programm għal Jum l-Imqabba.

Fl'aħħar ġimgħa t'Ottubru l-banda tellgħet akkademja mużiko-lettararja fil-knisja parrokkjali ddedikata lill-Assunta fl'okkażjoni tal-175 sena mill-miġja tal-Istatwa artistika ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba.

L-akkademja Mużiko-letterarja kienet taħt il-patroċinju ta' E.T. Isqof Adeodato Micallef. Waqt din l-akkademja żżanżnu diversi innijiet ġodda fosthom wieħed mill-kompożitur Imqabbi Mro Anthony Camillieri ex-surmast tal-Banda fuq lirika ta' Stefano Farrugia. Wara li ndaqq l-innu Lil Marija Mtellgħa s-Sema ta' Mro Ġeorge Martin u lirika ta' Patri J. M. Ghigo, Is-surmast attwali Mro David Agius fuq lirika tal-Kav. Carmel Bianchi ppreżenta Kantata oriġinali maqsuma fuq erba' temi li huma: Il-Maltin fix-xelters; L-Attakk fuq l-Eboats; id-Dħul tal-Konvoj u Santa Marija. Kienet xena kommoventi ħafna speċjalment meta fuq talba ġenerali erġajna daqqejna l-aħħar movement ta' din il-kantata. Kienet xi ħaġa unika u oriġinali li ndaqqet għal dan l-anniversarju uniku.

F'Ottubru ukoll, il-bandisti tal-



Il-Banda Re Ġorġ V waqt is-servizz tagħha fil-festa tal-Madonna tal-Grazzja ġewwa Ħaż-Żabbar.



Il-Banda Re Ġorġ V waqt il-kunċert fl-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba ġewwa l-Iskola Primarja.

# G. Camilleri Petrol Station

CAR SERVICING
WHEEL BALANCING
CAR ACCESSORIES
CRASH HELMETS
PUNCTURE REPAIRS
CAR BATTERIES
MOUNTAIN BIKES
OILS & FILTERS

CAR WASH

**FREE BALANCING WITH ALLOY WHEELS**

**TEL/FAX: 2164 1647 Tel: 2164 7235**

# TROCADERO Pastizzeria & Confectionery

**Tel: 2164 7233**

**Triq San Bażilju, Mqabba**

*(Wara l-Knisja)*

Nispeċjalizzaw f'kull kwalità ta' għaġina, ravjul, pastizzi, eċċ... Dawn l-affarijiet issibhom kemm imsajrin kif ukoll tal-friża.

*Ikollna ukoll soft drinks, ġelati, sigaretti, eċċ...*

**Naċċettaw ordnijiet għall-parties.**

# FraMeaker

*Prop: Christian Caruana*

**FOR ALL TYPES OF FRAMES**

57, Saint Catherine Street, Mqabba Tel: 2168 3308 Mob: 99888691



Karl Matthew Camilleri jirċievi t-trofew tal-Bandist tas-Sena mingħand is-Sur Rokku Camilleri f'isem il-kumpanija Di Rocco Ltd. Nhar l-10 ta' Awwissu 2011.



Il-Banda Re Ġorġ V waqt il-Kunċert tal-10 ta' Awwissu 2011.

post ferħu lis-Sur Emanuel Zammit li jdoqq baxx mall-banda tagħna u li ggradwa mill-Università ta' Malta bħala Perit.

Għal ħabta ta' Jannar, il-kumitat flimkien mall-kummissjoni Banda organizzaw l-ikla annwali bħala ringrazzjament lill-bandisti tal-post tas-servizz li joffru matul is-sena mingħajr ħlas. L-ikla annwali saret ġewwa l-Monte Kristo, Ħal Farruġ f'ambjent rilassat għall-bandisti, lis-soċji u l-partitarji li attendew bi ħġarhom.

Fix-Xahar ta' Jannar, rappreżentanti tal-bandisti ħadu sehem fil-funeral tal-mibki iżda qatt minsi s-Sur Ġakki Galea (ċ-Ċnieru) li ħalliena ħabta u sabta. Lil Ġakki Galea m'aħna se ninsewh qatt u f'isem il-bandisti tas-Soċjetà nagħti l-kondoljanzi lill-familja tiegħu.

F'Marzu komplejna bil-kunċerti bi preparazzjoni għall-ftuħ tal-wirja La Semana Santa matul ix-xahar t'April ġewwa s-sede tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Mall-banda ħa sehem is-Sur Michael Chetcuti b'kanzunetta għall-okkażjoni fuq il-Madonna. Il-banda kienet taħt it-treġija ta' Mro David Agius. Is-serata ttelgħet taħt il-patroċinju tal-ET Mons. Lawrence Mifsud.

Bejn April u Lulju komplejna bil-kunċerti għall-programm vokali u strumentali tal-festa li bħal kull sena jsir fl-10 t'Awwissu fil-pjazza ewlenija tal-Imqabba. Fix-xahar ta' Mejju għamilna recording ta' sett ta' Marċi Brijużi ġewwa Raħal Ġdid. Fix-xahar ta' Lulju, il-banda Re Ġorġ V kienet mistiedna ddoqq f'żewġ lokalitajiet - Ħal Kirkop għall-festa ta' San Ġużepp u ż-Żurrieq għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu.

Kif aċċenajna iktar il-fuq, din is-sena qegħdin niċċelebraw diversi avvenimenti u għalqastant ħsibna li l-programm strumentali tal-10 t'Awwissu jkun differenti u jinkludi dawn l-avvenimenti. Tajjeb ukoll li nsemmi li għall-programm ta' din is-sena ser jiżżanżu tliet siltiet mużikali ġodda li ser indaqqu għall-ewwel darba ġewwa ġżiritna.

Qabel nagħlaq dawn il-kelmtejn tiegħi fuq il-banda Re Ġorġ V, nħeġġeġ lilkom ġenituri biex tibagħtu lil uliedkom jitgħallmu t-tagħlim tal-mużika b'xejn ġewwa l-każin tas-Soċjetà. Nħeġġeġ ukoll lil dawk il-bandisti li għal xi raġuni nqatgħu ftit mill-banda biex jagħmlu sforz u jingħaqdu magħna f'dawn il-jiem ta' festa.

Nawgura l-Imqabbin kollha l-festa t-tajba.



**Manuel Zammit**

Età: 26, ngħix il Qrendi, skola primarja tal-knisja l-belt wara il-liċeo tas-subien ta' Raħal Ġdid, Junior College u l-Università ta' Malta fejn studjat 2 baċellerati. Wieħed fl-Inġinerija Ċivili u l-ieħor fl-Arkitettura. Iggradwajt fl-2010. L-esperjenza tax-xogħol offritli li nkun parti mill-bini tal-parlament il-ġdid, it-terminal taċ-Ċirkewwa, xogħol ieħor ċivili u bini ta' toroq residenzjali.

# MARLENE FARRUGIA



**Tawgura l-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha**

**marlenep@onvol.net**

contact: 9943 2407



*Mill-Għaqda tal-Armar*

# Rapport ta' Ħidma

**Is-Sur Mario Camilleri**

X'inhi dar mingħajr għamara u purtieri, jew dar b'tiżjin qadim u mhux miżmum fi stat tajjeb? Mhux dar vojta li ma tilqgħekx, u wisq anqas tista' tgħidilha dar sabiħa. L-armar tal-festa jlibbes u jsebbaħ it-toroq tar-raħal tagħna fix-xahar t'Awwissu, ix-xahar li r-raħal tal-Imqabba jieħu dehra oħra b'armar li qiegħed dejjem jiżdied. Armar li ma jsirx waħdu iżda minn għadd ta' voluntiera dedikati li jaħdmu qatigħ is-sena kollha flimkien mal-kontribuzzjonijiet mill-benefatturi tas-Soċjetà tagħna.

Is-sena li għaddiet kellkom l-opportunità taraw diversi opri ġodda tal-armar, fosthom tmien pedestalli ġodda, bidu ta' sett bandalori kif ukoll ir-restawr fuq il-pedestalli tal-appostli. Din is-sena komplejna fejn ħallejna s-sena li għaddiet u kif ħa taraw matul il-jiem tal-festa din kienet sena oħra impenjattiva.



Disinn ta' faċċata ta' pedestall ta' Triq Karmenu Ciantar

## Skultura għall-Pedestalli ta' Triq Karmenu Ciantar

Kif tafu fl-artiklu li ktibt is-sena li għaddiet kont semmejt li kien inbeda x-xogħol fuq faċċata waħda ta' dawn il-pedestalli (disinn tas-Sur Andrew Bugeja) u eżattament wara li għaddiet il-festa komplejna fejn ħallejna. L-iskultur George Cardona ħadem fuq faċċata oħra ta' dawn il-pedestalli filwaqt li aħna bdejna naħdmu fuq il-forom tal-iskultura tagħhom. Dan ix-xogħol żammna impenjati s-sena kollha. Għal dawn il-pedestalli biss ħdimna madwar 600 biċċa skultura. Matul il-ġimgħa tal-festa ħa jkollkom l-opportunità taraw din l-iskultura li naħseb li għandha tintgħoġob ħafna. Jien ħadt ħsieb ix-xogħol tal-*fibre* meħtieġ għall-iskultura filwaqt li sħabi Ian Camilleri u Joseph Tonna b'paċenzja kbira xkatlaw l-iskultura kollha u ħadu ħsieb iqegħduha f'postha. Ivan Falzon ħa ħsieb l-isprej ta' din l-iskultura. Dan il-proċess ma waqafx ġurnata waħda minn Settembru 'l hawn, iżda b'determinazzjoni lħaqna lestejna l-iskultura kollha. Barra mix-xogħol manwali qgħadna attenti li noħolqu skultura oriġinali u adattata għal dawn il-pedestalli, kif ukoll fuq kollox għall-kwalità finali ta' din l-iskultura.



Ian Camilleri u Joseph Tonna waqt l-installazjoni tal-iskutura fuq il-pedestalli ta' Triq Karmenu Ciantar.

## Armi ġodda għat-trofej ta' Triq Karmenu Ciantar

Kontemporanjament waqt li konna qegħdin naħdmu fuq ix-xogħol tal-*fibre* għall-iskultura tal-pedestalli ta' Triq Karmenu Ciantar, is-Sur Michael Ghigo beda x-xogħol fuq l-armi tat-trofej għal din it-triq. Id-disinn ta' dawn l-armi huwa tas-Sur Andrew Bugeja. Għal din il-festa rnexxielna nlestu dawn l-armi mix-xogħol tal-*fibre* u jiena lħaqt lestejt l-irħamar kif ukoll l-induratura tagħhom. Is-Sur Jerry Ghigo u Joseph Zammit ħadu ħsieb l-istruttura tal-ħadid li tintrabat mal-arbli kif ukoll struttura oħra interna f'dawn l-armi. Bħal kull sena ma nistax ma nirringrazzjax lil dawn il-persuni involuti li minkejja li jkunu impenjati fi preparamenti oħra għall-festa xorta waħda jsibu l-ħin u jgħinu lil din l-għaqda.



Disinn ta' faċċata ta' arma ta' Triq Karmenu Ciantar



Bandalora ta' Triq Karmenu Ciantar li żżanżnet fil-festa tas-sena li għaddiet.

## Bandalori għal Triq Karmenu Ciantar

Is-sena li għaddiet tajna bidu għall-proġett ta' tmien bandalori ġodda għal Triq Karmenu Ciantar. L-għażla li għamilna fl-artist Paul Falzon kienet waħda għaqlija ħafna. Kulħadd kellu kliem ta' tifħir kemm għad-disinn kif ukoll għall-pittura li qed issir fuq dawn il-bandalori. Din is-sena komplejna naħdmu fuq dan il-proġett fejn ilħaqna lestejna erba' bandalori oħra. Issa li x-xogħol tal-ħjata huwa lest, fis-snin li ġejjin li jkun fadal ikun ix-xogħol ta' pittura u sfumar.

Ix-xogħol tal-ħjata ta' dawn il-bandalori ħadet ħsiebu Simone Darmanin, filwaqt li Rose Briffa ħadet ħsieb tagħmel l-aħħar arranġamenti fuq dawn il-bandalori. Ix-xogħol ta' tfassil u tqegħid ħadna ħsiebu aħna bl-għajnuna ta' diversi żgħażagħ. Għal din is-sena l-artist Paul Falzon ħa jlestielna żewġ bandalori oħra kemm mix-xogħol ta' sfumar kif ukoll mill-pittura.

L-ispejjeż ta' dawn il-bandalori tħallsu mill-kumitat taż-żgħażagħ filwaqt li l-pittura u l-isfumar tagħhom tħallsu minn Gino u Jacqueline Farrugia, u l-bandalora l-oħra tħallset minn Philip u Ruth Farrugia u l-familja tagħhom.

## Pavaljuni għal Triq Valletta

Matul il-jiem tal-festa li għaddiet diversi residenti minn Triq Valletta urew ix-xewqa li nerġgħu narmaw din it-triq kif jixraq b'pavaljuni ġodda. Wara li għaddiet il-festa tkellimna ma' xi disinjaturi u ddeċidejna li naħdmu fuq id-disinn tal-artist Silvio Pace. Kif jaf kulħadd illum il-ġurnata l-ispejjeż huma kbar, iżda bi ftehim mar-residenti u l-partitarji ta' din it-triq tajna bidu għal skema ta' ġbir ta' fondi biex ir-residenti stess iħallsu l-ispejjeż għal dan il-proġett.

Il-ġbir ta' din l-iskema qiegħed jieħu ħsiebu s-Sur Antoine Abdilla. Għal din is-sena lħaqna lestejna żewġ pavaljuni ġodda li wieħed minnhom ħa jkun lest minn kollox. L-isfumar ta' dan il-pavaljun ħa ħsiebu s-Sur Redrian Micallef. Ix-xogħol tal-ħjata ġie fdat f'idejn Daniela Barbara filwaqt li t-tfassil u t-tixlil ħadu ħsiebu Antoine Abdilla u Ian Camilleri.

Nixtieq nagħmel appell għal dawk il-partitarji li joqogħdu f'toroq oħra u jixtiequ li jsiru xi pavaljuni fit-toroq tagħhom biex javviċinawna u flimkien niddiskutu x'jista' jsir.

## Statwi ġodda għal Triq Karmenu Ciantar

Għal din is-sena wkoll l-artist Aaron Camilleri Cauchi għandu jlestielna statwa oħra għal Triq Karmenu Ciantar mis-sett ta' tnax-il persunaġġ. Din is-sena l-istatwa magħżula hija dik ta' Żakkarija. Din l-istatwa kienet maħsuba li tiżżanżan s-sena li għaddiet, iżda minħabba impenji oħra s-Sur Camilleri Cauchi ma laħaqx lestieha. Din l-istatwa ser titħallas mill-kumitat taż-żgħażagħ.

## Sistema ġdida tad-dawl għall-pedestalli

Matul din is-sena wkoll bdejna naħdmu fuq sistema ta' dawl aħjar għall-pedestalli kemm tal-pjazza kif ukoll għal Triq Karmenu Ciantar. Inxtraw diversi *led spotlights* li ħa jagħtu dehra oħra lill-istatwi matul il-jiem tal-festa.

Ix-xogħol ta' *wiring* ta' dawn il-pedestalli sar mis-Sur Warren Bondin. Barra minn hekk din is-sena ħa nibdew intejbu s-sistema tad-dawl fi Triq Karmenu Ciantar b'xiri ta' dawl apposta biex nagħtu dehra aħjar lil din it-triq.

## Titjib fil-maħżen

Matul din is-sena, biex niffaċilitaw il-ġarr ta' diversi opri tal-armar kemm fil-jiem tal-festa u matul is-sena, tkompla x-xogħol fuq numru konsiderevoli ta' karrijiet ġodda. Kull biċċa armar issa għandha karru maħdum għaliha. Dawn il-karrijiet inħadmu miż-żagħżugħ Matthew Ellul.

Barra minn dan ix-xogħol li semmejt, kull sena wara li tgħaddi l-festa jibda x-xogħol fuq liedna ġdida. Il-parti l-kbira ta' dan ix-xogħol jieħu ħsiebha s-Sur Raymond Vella.

## Attivitajiet ta' ġbir ta' fondi

Matul din is-sena organizzajna diversi attivitajiet sabiex niġbru l-fondi li hemm bżonn ħalli nwettqu dawn il-proġetti relatati mal-armar. Organizzajna diversi ikliet bl-għajnuna ta' Kevin Camilleri, Felix Camilleri u Francis Vella, filwaqt li Robert Ghigo ħa ħsieb il-ġbir u l-organizzazzjoni tagħhom. Nirringrazzja lil dawk kollha involuti u lilkom partitarji li tattendu u tifhmu li biex toħroġ din il-kwantità ta' armar hemm bżonn għajnuna finanzjarja kbira.

Kif tistgħu taraw f'dan l-artiklu, din l-għaqda kompliet sejra bix-xogħol tagħha minkejja li l-każin kellu spejjeż kbar matul dawn is-snin, iżda b'determinazzjoni din ma kinitx ta' ostaklu għalina.

Huwa dover tiegħi li nirringrazzja lil dawk id-diversi partitarji li jgħinuna matul dawn il-jiem tal-festa b'mod speċjali lis-Sur Alex Falzon li jkun strumentali f'dawn il-ġimgħat biex narmaw ir-raħal tal-Imqabba.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nawgura l-Festa t-Tajba lil kulħadd u nirringrazzja lil sħabi li jagħtu l-kontribut kbir tagħhom matul is-sena. Fuq kollox grazzi kbira tmur lill-Patruna tagħna Santa Marija.



Grupp ta' żgħażagħ jarmaw ir-raħal qabel il-jiem tal-festa

## Festa ta' Santa Marija - 2012

# Funzjonijiet fil-Knisja

**It-Tnejn, 30 ta' Lulju: Bidu tal-Kwindiċina**
6.30pm Quddiesa Solenni, Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

**It-Tlieta, 31 ta' Lulju: Jum l-Għaqda tan-Nar**
6.30pm Quddiesa għall-membri u delettanti tan-nar. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali. Imexxi **Dun Manuel Caruana**

**L-Erbgħa, 1 ta' Awwissu: Jum is-Soċji u Benefatturi**
6.30pm Quddiesa. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali. Imexxi **P. Joe Zahra OP**

**Il-Ħamis, 2 ta' Awwissu: Jum it-Tfal**
6.00pm Preżentazzjoni tat-tfal (sa ħames snin) lill-Madonna.
6.30pm Quddiesa. Mistiedna t-tfal kollha. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali. Imexxi **Dun Trevor Fairclough**

**Il-Ġimgħa, 3 ta' Awwissu: Jum iż-Żgħażagħ**
6.30pm Quddiesa bis-sehem taż-żgħażagħ. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali. Imexxi **Dun Jonathan Farrugia**

**Is-Sibt, 4 ta' Awwissu: Jum il-Familji**
6.30pm Quddiesa bis-sehem tal-Familji. Mistiedna speċjali l-Koppji li din is-sena qed jagħlqu 25 u 50 sena miżżewġin. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali. Imexxi **Dun Joe Mizzi,** Direttur tal-Moviment ta' Kana.

**Il-Ħadd, 5 ta' Awwissu: It-Tmintax-il Ħadd ta' Matul is-Sena**
5.30pm Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.
6.00pm Quddiesa.

**It-Tnejn, 6 ta' Awwissu: Jum l-Għaqdiet Reliġjużi u Fratellanzi**
6.30pm Quddiesa. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali

**It-Tlieta, 7 ta' Awwissu: Jum il-Morda u anzjani**
6.30pm Quddiesa għall-morda u anzjani tal-Parroċċa. Jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali. Imexxi **Dun Martin Micallef,** Direttur tad-Dar tal-Providenza.

**L-Erbgħa, 8 ta' Awwissu: Jum is-Saċerdoti, Reliġjużi u Vokazzjonijiet**
6.30pm Konċelebrazzjoni mmexxija mill-**Amministratur tal-parroċċa.** **Dun Frans Abdilla** b'suffraġju għar-ruħ il-Kappillan WR Dun Nazzareno Caruana. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

**Il-Ħamis, 9 ta' Awwissu: Ħruġ tal-Istatwa**
6.30pm Quddiesa Kantata, Talba tal-Kwindiċina u Barka Sagramentali.
7.30pm Isir il-Ħruġ Solenni tal-Istatwa ta' Santa Marija fuq iz-zuntier tal-knisja u wara jitkanta l-Innu Ave Maris Stella u l-Antifona.Tieħu sehem il-Banda Re Ġorġ V.

**Il-Ġimgħa, 10 ta' Awwissu: Tifkira tal-Mejtin tal-Parroċċa**
6.30pm Quddiesa Solenni b'sufraġju tal-mejtin tal-parroċċa speċjalment dawk li mietu mill-aħħar festa. Mistiedna l-qraba u hbieb ta' dawn il-mejtin. Talba tal-Kwindinċina, Innu u Barka Sagramentali.

**Is-Sibt, 11 ta' Awwissu: L-Ewwel Jum tat-Tridu**
6.30pm Quddiesa solenni minn **Patri Raymond Gatt OP.** Wara, Talba tal-Kwindiċina, Innu, Salve Regina, Litanija, Antifona u Barka Sagramentali.

**Il-Ħadd, 12 ta' Awwissu: It-Tieni Jum tat-Tridu**
8.00am Quddiesa kantata.
6.00pm Quddiesa solenni minn **Patri Raymond Gatt OP.** Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

**It-Tnejn, 13 ta' Awwissu: It-Tielet Jum tat-Tridu**
8.00am Quddiesa kantata
6.30pm Quddiesa solenni minn **Patri Raymond Gatt OP.** Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

**It-Tlieta, 14 ta' Awwissu: Lejljiet il-Festa**
8.30am Quddiesa Solenni mill-**Amministratur tal-Parroċċa Dun Frans Abdilla**. Wara jitkanta t-Te Deum u l-Antifona "Beata Mater".
6.30pm Transolazzjoni Solenni tar-Relikwa mill-Kappella ta' San Bażilju immexxija mimm **Mons Carmel Zammit.** Wara Salve Regina, Quddiesa Kantata u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**L-Erbgħa, 15 ta' Awwissu: Jum il-Festa**
7.00am, 8.00am Quddies.
9.15am Quddiesa Konċelebrata Solenni bil-Paniġierku minn **Mons George Bezzina.** Mistiednin l-Għaqdiet Soċjali flimkien mal-Kunsill Lokali.
10.00am Quddiesa (fil-Kappella ta' San Bażilju).
11.15am Quddiesa.
5.00pm Quddiesa.
6.00pm Għasar solenni minn **Fr Dillion Bugeja,** saċerdot novell. Salve u Litanija.
7.15pm Purċissjoni bl-istatwa artistika, devota u titulari tal-parroċċa mmexxija mill-istess Ċelebrant.
10.15pm Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**L-Erbgħa, 22 ta' Awwissu: L-Ottava tal-Festa**
6.30pm Quddiesa, ripożizzjoni tar-relikwa, Te Deum u Barka.

N.B.Il-mużika ta' Lejljiet u nhar il-Festa tkun taħt id-direzzjoni tas-**Surmast Patri Salv Galea O.P.**

B'rispett lejn il-**WR Kappillan Dun Nazzaren Caruana** li ħalla dan il-wied tad-dmugħ nhar id-9 ta' Lulju 2012, mhux se jkun hemm orkestra fil-jiem tat-tridu.

It-Tlieta, 14 ta' Awwissu, ikun hawn diversi konfessuri għall-Qrar bejn it-8.30am u l-10.30am u l-4.30pm u s-6.30pm.

# Programm Festi Esterni



## It-Tnejn, 30 ta' Lulju:

### BIDU TAL-KWINDIĊINA

**8.00pm** Mixgħela tal-Knisja u tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

**8.00pm** Kwindiċina Fest fil-pjazza ta' quddiem il-Każin. Jieħu sehem l-aqwa talent Malti.

### MATUL IL-ĠRANET TAL-KWINDIĊINA

**8.00pm** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u l-Każin tas-Soċjetà.

## Il-Ħamis, 9 t'Awwissu:

### JUM IL-ĦRUĠ TAL-ISTATWA

**7.30pm** Toħroġ l-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija fuq iz-zuntier, fejn tiġi milqugħa mill-Banda Re Ġorġ V bid-daqq ta' innijiet Marjani bis-sehem ukoll tas-Sopran. Inħeġġu lil kulħadd sabiex wara ninġabru lkoll fil-knisja għall-funzjoni qasira.

**8.30pm** Wara l-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tagħti bidu għall-ewwel marċ tagħha li jibda minn fejn il-Każin.

## Il-Ġimgħa, 10 t'Awwissu:

### JUM IL-BANDA

**8.30pm** Wara li nassistu għall-wasla tal-mistednin distinti, il-Banda Re Ġorġ V dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius, tagħmel marċ qasir u wara tagħti bidu għall-Programm Vokali u Strumentali fuq il-planċier.
Wara jsir riceviment għall-mistednin distinti, soċji, benefatturi u partitarji kollha.

## Is-Sibt, 11 t'Awwissu:

### L-EWWEL JUM TAT-TRIDU

**8.30pm** Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Brian Cassar, tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar diversi toroq fir-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

## Il-Ħadd, 12 t'Awwissu:

### IT-TIENI JUM TAT-TRIDU

**8.30pm** Il-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara, taħt id-direzzjoni ta' Mro. J. Vella tibda marċ brijuż



minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq ewlenin tar-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

## It-Tnejn, 13 t'Awwissu:
### IT-TIELET JUM TAT-TRIDU

**8.30pm** Il-Banda tas-Soċjetà Santa Marija, il-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda l-marċ tradizzjonali tal-aħħar tridu organizzat u mmexxi miż-Żgħażagħ. Bħas-soltu, jakkumpanja l-marċ il-briju tas-soċji u partitarji flimkien ma' sorpriżi ġodda.

## It-Tlieta, 14 t'Awwissu:
### LEJLIET IL-FESTA

**8.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda marċ mat-toroq tal-Imqabba.

**8.00pm** Program Strumentali mill-Banda King's Own tal-Belt Valletta, taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea. Wara l-programm marċ mat-toroq tal-Imqabba.

**10.00pm** Program Strumentali mill-Banda San Mikiel ta' Haz Zabbar, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius.

## L-Erbgħa, 15 t'Awwissu:
### L-GĦID TAL-ASSUNTA

**12.00pm** Bħala sinjal ta' rispett lejn il-WR Kappillan li miet fid-9 ta' Lulju 2012, il-marċ filgħodu ġie kkanċellat.

**6.00pm** Il-Banda Peace tan-Naxxar, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Lino Pirotta tibda marċ minn Triq San Bażilju sal-Pjazza, tidħol fiz-zuntier tal-Knisja u tilqa' l-Ħruġ tal-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara, il-banda tkompli takkumpanja l-Istatwa tul il-purċissjoni.

**7.15pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq taħt id-direzzjoni ta' Mro. Alfred Farrugia ssellem l-Istatwa Titulari minn fuq il-planċier bid-daqq tal-Ave Maria u innijiet oħra. Tieħu sehem ukoll il-Mezzo Sopran Imqabbija Francesca Farrugia.
Malli l-Istatwa tasal quddiem il-Każin, il-Banda Queen Victoria mmexxija minn Mro. Alfred Farrugia tesegwixxi l-Innu l-Kbir lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni ta' Chev. Mro. George Martin, fuq kliem tal-W.R. Patri J.M. Ghigo. Jieħu sehem il-Baritonu Louis Cassar, it-Tenur Joseph Aquilina kif ukoll il-Kor Bel Canto taħt id-direzzjoni ta' Mro Herman Farrugia Franz. Wara, l-istess banda tkompli bil-Programm Strumentali.

**10.30pm** Bħala sinjal ta' rispett lejn il-WR Kappillan li miet fid-9 ta' Lulju 2012, il-marċ tan-nar ġie kkanċellat.

## L-Erbgħa, 22 t'Awwissu:
### L-OTTAVA TAL-FESTA

**7.30pm** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja kif ukoll tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.
Nagħlqu l-Festa ta' din is-sena b'serata ta' kant u divertiment quddiem il-Każin.

# GĦAR LAPSI VIEW

*Bar, Restaurant & Pizzeria*

(ta' Rita)

Tel: 2164 0608 - 2168 0800
Open Daily from 10.00am onwards (Summer Time)
Mondays Closed



# Golden Point

L-istaff jixtieq il-Festa t-Tajba
lil kulħadd



# Kunċert Vokali u Strumentali

## *10 t'Awwissu 2012 mill-Banda Re Ġorġ V Mqabba*

| | | |
|---|---|---|
| Hymn | **Lil Raħal Twelidi** | A. Camilleri |
| Omaggio | **Omaggio al Circolo Re Giorgio V** | D. Agius |
| Prayer | **Ave Verum Corpus**<br>B'dedika lill-W. R. Kappillan Dun Nazzaren Caruana | W. A. Mozart |
| Walzer | **Wiener Blut** | J. Strauss |
| Solo Feature | **Czardas**<br>Soloist on Violin: Christine Saliba | V. Monti |
| Excerpts | **Oratorju: Bukkett b'mitt Warda lil Santa Marija** | D. Agius |
| Song | **One Moment in Time**<br>Singer: Rebecca Farrugia | A. Hammond |
| Selection | **Michael Jackson : Through the Years** | Arr. Michael Brown |
| Selection | **Lady Gaga Mix** | Arr. Ted Ricketts |
| Selection | **Swing The Mood** | Arr. M. Sweeney |
| Song | **Music**<br>Singer: Rebecca Farrugia | J. Miles |
| Hymn | **Innu Marċ lil Marija Assunta** | L. Farrugia |
| Hymn | **Innu tal-Banda** | A. Camilleri |



Awguri
Il-Perit Bezzina
Head Office - 21490826
2, Triq is-Sajjieda, Iz-Zurrieq - 21640203 (opposite Zurrieq Wolves)
2, Triq l-Imterqa, l-Imqabba - 21640861 (corner with By-Pass)
23, Pjazza tal-Knisja, Birzebbuga
email: perit.toni.bezzina@gmail.com - mobile: 99430012
facebook.com/Perit.Toni.Bezzina




The Society of St. Mary and King George V Band Club Mqabba
as part of the celebrations of the feast of Santa Marija is organising
The Divine Star
an art exhibition by artist
Joanne Mizzi
The exhibition will be inaugurated on Saturday, 11 August 2012 at 7:00pm
Opening hours:
Between 11 and 13 August from 7:00pm till 11:00pm
Between 14 and 15 August from 6:00pm till 12:00am
www.santamarija.com
www.mizzijoanne.com




GasanMamo Insurance Ltd hi awtorizzata mill-MFSA.

61, Triq iż-Żurrieq, Ħal Safi SFI 1411 | Tel: 21 682 095 / 27 682 095 | jbs16@hotmail.com

St. Peter's Ironmongery

Prop. Joseph Farrugia

St. Peter's Ironmongery, Troll Street, Mqabba MQB 1240
Tel: 21 680 143 Mob: 79 499 721



- Electrical Fittings
- Drain Pipes and Fittings
- Tile Adhesive and Grouting
- Plastering materials
- Plastic and Fibre Tanks
- Plumbing Fittings
- Cement
- Membrane
- Geysers
- LED Bulbs
- Range of Power and Hand Tools
- Crystallite and Stainless Steel Sinks and Mixers
- Various types of Ladders
- Energy Saver Lamps (SPECIAL OFFER)
- Key Cutting including Security Keys
- Safety Wear and Safety Shoes
- 5000 colours of INDOOR AND OUTDOOR PAINTS MIXED RIGHT AWAY

FREE DELIVERY

*Opening Hours:* Monday to Friday: 7.00 a.m. - 7.00 p.m.
Saturday: 7.00 a.m. - 1.00 p.m.




8,
Church Square,
Mqabba

Tel: 79050724

Opening Hours:
Monday to Thursday
6.00pm till 11.00pm
Weekends from
6.00pm till late
& Sunday from
5.00pm till late



## Messaġġ mill-Għaqda tan-Nar

# Għaqda tan-Nar mimlija suċċess

**Is-Sur Joseph Camilleri – Licensee**

Għeżież Soċji, Partitarji u Benefatturi,

Għaddiet sena oħra mimlija ħidma u sagrifiċċji. Kull sena bħalma tafu dejjem ikun fiha t-tlajja' u l-inżul tagħha, imma bid-dedikazzjoni ta' kulħadd dejjem tasal għal dak li tkun tixtieq. Din is-sena l-għaqda tan-nar tagħna reġgħet tilfet membru ieħor kbir. Hawn qed nirreferi għal Ġakki Galea magħruf bħala ċ-Ċnieru. Bħalma tafu, Ġakki għadda għal għand il-Mulej fil-5 ta' Jannar 2012. Huwa ħalla vojt kbir fi ħdan din l-għaqda li ħa jibqa' jinħass għal ħafna snin. Ġakki kellu ħafna xogħol lest għal din il-festa, iżda d-destin hekk ried u mar jiltaqa' fis-sema mal-Madonna li tant kien iħobb. Żgur li Ġakki qiegħed fis-sema jitlob għalina. Għalhekk nagħti l-kondoljanzi mill-ġdid lill-familjari tiegħu. Hawnhekk ukoll insellem il-memorja tas-Sur Karmnu Galea (Tas-Senek) li ħalliena ftit wara l-festa tas-sena l-oħra. Karmnu kien imidd idejh fejn jidħol in-nar tal-art.

L-għaqda wkoll issellem il-memorja ta' dawk kollha li ħallewna qabel. Madankollu l-għaqda ma tistax tikkrolla ma' dawn id-diffikultajiet imma trid tkompli miexja ma' dak kollu li jkun ippjanat. Din is-sena qed jaħbat is-sebgħin sena mill-miġja tal-konvoj, fejn l-antenati tagħna ġew salvati u ġiet salvata Malta tagħna wkoll. Barra minn hekk, il-pittura ġewwa s-sala meraviljuża tal-każin li tfakkar din il-ġrajja storika qed tagħlaq għoxrin sena minn meta saret. Għaldaqstant l-Għaqda tan-Nar Santa Marija qed tħejji programm varjat ta' nar biex bħal kull sena tferraħlill-poplu Malti u Għawdxi kollu flimkien mal-ħafna turisti li jiġu f'pajjiżna biex jitpaxxew b'dak in-nar Malti li huwa arti li ma jirbħilha ħadd.

F'raħalna bħal f'ħafna rħula oħra, fejn jidħol in-nar, b'tant sagrifiċċju, il-membri ħabrieka ta' din l-għaqda dejjem lesti li bħas-snin ta' qabel jerġgħu jagħtu dawk l-ispettakli tan-nar li l-għaqda hija magħrufa għalihom. Din is-sena l-għaqda tan-nar tagħna ħadet sehem fis-simposju tan-nar li ttella' f'pajjiżna u li kellna ħafna kliem ta' tifħir dwaru min-nies preżenti. Kien fil-25 t'April 2012 li l-għaqda ħadet sehem ġewwa l-Mellieħa. Matul il-ġimgħa tal-festa kif mistenni għandha tispikka l-aktar il-ħarqa ta' lejliet il-festa litkun sinkronizzata mal-mużika. Minbarra dan, l-għaqda tagħna qed tiċċelebra l-15-il sena minn mindu bdiet torganizza dawn l-ispettakli. Kienet l-ewwel waħda libdiet taħraq nar sinkronizzat mal-mużika. Lejliet il-festa għal darb'oħra waqt it-tranżulazzjoni ser jinħarqu settijiet ta' murtali bil-logħob li l-għaqda tagħna tant saret rinomata għalihom ukoll.



Tower of Light – element innovattiv f'lejlet il-festa tas-sena li għaddiet.

Matul il-ġimgħa tal-festa ser ikun hemm kemm murtaletti, beraq pront u murtali tal-kulur, filwaqt li lejliet il-festa ħa jerġa' jkun hemm nar tal-art mekkanizzat. Anke għal din is-sena ser jittella' xi xogħol ġdid. Dan in-nar ikompli anke fil-ġurnata tal-Għid tal-Assunta fejn ser ikun hemm settijiet ta' murtali bil-logħob, sfejjer bil-logħob u murtali tal-kulur biex nagħtu tislima xierqa lill-wisq għażiża Ommna Marija Santissima. Irrid nirringrazzja mill-ġdid lill-membri tal-għaqda u l-familji tagħna għas-sagrifiċċji kbar li jgħaddu minnhom, imma bil-passjoni kbira għal din il-festa tal-Assunta dawn jagħtu saħħithom u ħilithom biex iferrħu lil kulħadd. Irrid nirringrazzja wkoll lill-

membri tal-Kumitat Eżekuttiv limeta ħabbatnielhom il-bieb dejjem sibniehom t'għajnuna. Ma nistaxma nirringrazzjax lanqas lill-kumitat tan-nisa, taż-żgħażagħ, lill-bandisti, is-surmast, il-partitarji u s-soċji kollha għall-għajnuna kbira li dejjem sibna mingħandhom. Ngħid grazzi bil-quddiem lil dawk il-Maltin u l-Għawdxin kollha li ta' kull sena jiġu jżuruna u nirringrazzjawhom ukoll li anke f'lejliet il-festa jgħinuna permezz tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tagħhom.

Għeżież partitarji, l-għaqda tan-nar tagħna ma tistax tinsa u ma tirringrazzjax mill-qalb lill-benefatturi kbar tagħha, is-Sur Wenzu Ellul u ħutu kollha magħrufin bħala tal-Elbros. Irrid nirringrazzja wkoll lis-Sur Carmel Zahra għall-għajnuna li jagħtina kull meta jkollna bżonn, u lill-benefatturi oħrajn li jekk ma jkunux huma żgur li ma nkunux nistgħu naslu fejn diġà wasalna llum. Irrid ukoll nirringrazzja lis-sidien tal-għelieqi li dejjem iħalluna nużaw ir-raba' tagħhom, kif ukoll lill-kleru, il-korp tal-pulizija u l-Kunsill Lokali għall-koperazzjoni li dejjem sibna mingħandhom. Hawn nixtieq nuri s-sogħba tiegħi għat-telfa tal-W.R. Kappillan Dun Nazzaren Caruana li ħalliena waqt li qed nikteb dan l-artiklu. Bħala President tal-Għaqda Piroteknika Maltija kif ukoll bħala *Licensee* tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija, nesprimi wkoll is-sogħba tiegħi u ta' sħabi għat-telfa tas-Sur Joseph Mifsud, membru fl-Għaqda Piroteknika u fis-Soċjetà Mużikali Santa Marija tal-Qrendi li ħalliena nhar is-Sibt 7 ta' Lulju.



Grupp mill-Għaqda tan-Nar flimkien ma' group ta' Piroteknici Spanjoli ġewwa l-Imqabba, waqt is-Simposju Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar li sar ġewwa Malta f'April.

Għeżież partitarji, inħeġġiġkom biex kif dejjem għamiltu tkunu ġenerużi fl-għotjiet finanzjarji tagħkom. Peress li bħalma tafu l-ispejjeż dejjem qegħdin jogħlew, jekk ma tkunx il-ġenerożità tagħkom ma nkunux nistgħu nferrħukom b'dawn l-ispettakli tan-nar. Wasalt fl-aħħar tal-messaġġ tiegħi, u jekk insejt lil xi ħadd żgur li mhux b'intenzjoni. Għalhekk jekk dan hu l-każ niskuża ruħi bil-quddiem. Qabel nagħlaq, għeżież soċji u partitarji nħeġġiġkom ukoll biex bħalma dejjem għamilna nieħdu pjaċir bil-festa tagħna u nkunu dejjem minn tal-ewwel biex nuru rispett lejn kulħadd u nagħtu eżempju tajjeb ta' kif għandhom jiġu ċċelebrati l-festi ġewwa raħalna. Għażiża Santa Marija, nitolbuk biex bħalma dejjem għamilt tkompli tħarisna sew fil-kumpless tan-nar u anke fil-ħajja tagħna. Bierek il-familji tal-parroċċa tagħna u żommna taħt il-ħarsien tiegħek.


Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
tifraħ

lis-Sur Joseph Camilleri
Licensee tal-Kamra tan-Nar Santa Marija
tal-Imqabba
għall-ħatra tiegħu bħala
President tal-Għaqda Piroteknika Maltija.

# Programm tan-Nar

**It- Tnejn, 30 ta' Lulju: *Bidu tal-Kwindiċina***

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.15pm** Mad-daqq tal-Barka Sagramentali, tiġi sparata kaxxa infernali u murtaletti.
**9.30pm** Ħruq tal-beraq pront u murtali tal-kulur.

**Il-Ħamis, 9 t'Awwissu:**
***Ħruq tal-Istatwa fuq iz-zuntier***

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.30pm** Mal-Ħruq tal-Istatwa jsir ħruq ta' salut, musketterija, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.00pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar tal-art.

**Is-Sibt, 11 t'Awwissu:**
***L-ewwel jum tat-Tridu***

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**8.15pm** Mal-barka Sagramentali jsir Ħruq ta' musketterija u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.30pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar tal-art..

**Il-Ħadd, 12 t'Awwissu:**
***It-Tieni jum tat-Tridu***
Kollox bħall-jum ta' qabel.

**It-Tnejn 13 t'Awwissu:**
***It-Tielet jum tat-Tridu***
Kollox bħall-jum ta' qabel.

**It-Tlieta, 14 t'Awwissu:**
***Lejliet il-Festa***

**9.30am** Mad-daqq tat-*Te Deum*, ikun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa infernali u diversi murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
**6.30pm** Toħrog it-Translazzjoni. Ikun hemm ħruq ta' salut, kaxxa infernali u esebizzjoni kbira ta' diversi settijiet ta' murtaletti bil-logħob.
**9.45pm** Jingħata bidu għall-ispettaklu kbir ta' logħob tan-nar tal-ajru li jinkludi salut, blalen u disinni, sfejjer, baraxxijiet kbar u spettakolari, sinkronizzat mal-mużika. Settijiet ta' murtali tal-beraq pront u murtali tal-kulur. Ix-xogħol kollu ser jinħaraq bis-sistema kompjuterizzata *Fire One*.
**11.30pm** Wirja kbira ta' logħob tan-nar tal-art oriġinali u mekkanizzat.

**L-Erbgħa, 15 t'Awwissu:**
***L-Għid tal-Assunta***

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**9.30am** Mad-daqq tal-glorja, ikun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba, kaxxa nfernali u murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba akkumpanjata mid-daqq tas-sirena, segwita minn ħruq ta' murtaletti bil-logħob.
**7.15pm** Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni bl-Istatwa meraviljuża u artistika ta' Ommna Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem, jiġi sparat salut. Hekk kif l-Istatwa devota tal-Patruna tar-raħal, Santa Marija, toħroġ fuq iz-zuntier u tindaqq l-Ave Marija, tinħaraq musketterija u kaxxa infernali spettakolari li ser tkun tinkludi ħafna baraxxijiet u logħob ieħor. Wara jkun hemm wirja kbira ta' murtaletti bil-logħob li jakkumpanjaw il-purċissjoni.
Wara jkun hemm ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**10.15pm** Ħruq ta' kaxxa infernali tal-kulur ma' tmiem il-purċissjoni. Wara, fil-knisja tingħata l-barka flimkien mal-partitarji u dawk kollha involuti fil-logħob tan-nar bħala ringrazzjament lill-Madonna.

**L-Erbgħa, 22 t'Awwissu:**
***L-Ottava tal-Festa***

**6.00pm** Mal-ħruġ tal-purċissjoni tinħaraq musketterija, murtali tal-bomba u murtaletti.

**Nota mill-Bord Editorjali**
Bħas-snin ta' qabel, dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa tal-membri tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija. F'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nieħdu din l-opportunità biex f'isem is-soċji u l-partitarji kollha, nirringrazzjaw u nuru l-apprezzament sinċier tagħna lkoll lejn il-membri kollha ta' din l-Għaqda tan-Nar, kif ukoll lil kull min għen sabiex dan il-programm hekk vast seta' jitwettaq. Jalla jkollhom is-sodisfazzjon sħiħ ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tħarishom waqt ħidmiethom fil-kmamar tan-nar kif ukoll waqt il-ħruq. L-Għaqda tan-Nar Santa Marija hija r-rebbieħa tal-Ewwel Edizzjoni tal-Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta li kien sar fis-sena 2006, filwaqt li sena wara ġiet inkurunata fir-rebħ tal-Kampjonat Mondjali tan-Nar organizzat ġewwa Ruma l-Italja; Caput Lucis 2007. Fis-sena 2010
l-Għaqda tan-Nar Santa Marija rebħet ukoll il-IV Edizzjoni tal-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art.


FIREWORKS SPECTACULAR
St. Mary
FIREWORKS FACTORY
Santa Marija
Mqabba
14th
9:30pm
August
15th
7:00pm



**VENMAR Limited**

TOTAL • PEST • CONTROL

P.O. Box 6, Żurrieq,
Tel: (+356) 21 642660
Mobile: (+356) 99 455015
e-mail: jsphgauci@yahoo.co.uk

**Services we offer:**

- Fumigation
- Flying & Crawling Vermin
- Rodent Control
- Woodworm treatment
- Termite & Mite Control
- Pest Control Products

**Call or e-mail us for further information.**

**Nofru servizzi bhal:**

- Fumigazzjoni
- Kontrol ta l-insetti li jtijru,'cockroach', u 'wirdien'
- Kontrol ta' grieden
- Kontrol ta' 'termites' u 'mites'
- Trattament tas-susa ta' l-injam
- Prodotti ghal-'pest control'

**Cempel jew ibghat e-mail ghal aktar informazzjoni.**

We also provide emergency weekend services.

PEST CONTROL SERVICE



# Aida Hall

Triq Ġużeppi Mattew Callus, Żurrieq
**Tel: 2168 3112 - 2164 0083**



*For Receptions, Parties and all occasions*



# 175 sena fostna l-Imqabbin

## Ġabra tal-festi li saru f'ġieħ it-Titulari Santa Marija

Dr. Charles Sciberras MD

Ġawhra sabiħa u prezzjuża li aħna fl-Imqabba writna mingħand missirijietna u li aħna lkoll nindukraw b'għożża hekk kbira hija bla dubju ta' xejn l-istatwa artistika u imponenti tal-Patruna tagħna Santa Marija. Hija rigal ħolma tal-Kappillan Dun Tumas Agius Caruana u xogħol fl-injam imnaqqax mill-idejn kapaċi tal-iskultur Żejtuni Xandru Farrugia. Is-sena kienet l-1836. L-ebda kitba ma tista' tisboq id-dokumentazzjoni ħajja hekk miktuba mill-istess Kappillan li tinsab merfugħa fl-Arkivji Parrokkjali. Dun Tumas niżżel sal-inqas dettall il-festi kbar li saru fiż-Żejtun u fl-irħula tal-madwar u li minnhom għaddiet l-istatwa sakemm waslet ġol-Imqabba, u ddeskriva l-ferħ li nħass u li ntwera mill-Imqabbin kollha mad-dħul trijonfali tal-istatwa fir-raħal tagħna nhar il-Ħadd 14 t'Awwissu, proprju lejliet il-Festa tal-Assunta tal-1836.




Logo addodat mill-Parroċċa

Għalhekk kien xieraq li fl-2011 is-Soċjetà tagħna flimkien mal-Kappillan il-W.R. Dun Nazzaren Caruana, il-Kleru u l-komunità Mqabbija kollha jingħaqdu flimkien biex jitfakkar b'mod dinjituż u uniku l-anniversarju tal-175 sena mill-miġja tal-vara titulari fl-Imqabba. Xtaqna li nuru bħal missirijietna l-istess ferħ u ħeġġa li huma ħassew meta raw l-istatwa għall-ewwel darba. Is-sena li għaddiet mela kienet tassew sena speċjali għalina l-Imqabbin għax nistgħu ngħidu li kellna żewġ festi f'ġieħ Santa Marija, il-Patruna tagħna lkoll: waħda s-solennità liturġika li saret mal-bqija tal-Knisja universali fil-15 t'Awwissu bħal kull sena, u oħra, esklussiva għall-Imqabba, fl-aħħar ġranet ta' Otturbu sal-1 ta' Novembru li kienet aktar iffukata fuq l-anniversarju tal-vara milli fuq il-misteru tat-tmiem tal-ħajja tal-Madonna.

Il-Parroċċa u s-Soċjetà xtaqu li dan l-avveniment jitfakkar fuq medda ta' sena sħiħa. Għalkemm fl-2010 konna medhijin biċ-ċelebrazzjonijiet kbar tal-Ewwel Ċentinarju tas-Soċjetà xorta waħda sibna l-ħin biex nagħtu sehemna fl-attivitajiet organizzati. Ma kienx hemm ġurnata aħjar mill-1 ta' Novembru 2010, proprju s-60 sena mill-proklamazzjoni tad-Domma ta' Santa Marija, sabiex jingħata bidu għaċ-ċelebrazzjonijiet. Dawn infetħu dakinhar fis-6.00pm b'quddiesa kantata u konċelebrata li tmexxiet minn iben Imqabbi, il-W.R. Mons. Joseph Bugeja. Kulħadd kien mistieden għal din il-quddiesa. Għall-ewwel darba fl-istorja tal-Imqabba tqassmu f'kull familja tal-parroċċa santi bix-xbieha tal-vara titulari u b'talba tal-parroċċa miktuba mill-Kan. Dun Jonathan Farrugia għall-okkażjoni. Ix-xbieha ntgħażlet minn ritratt meħud fil-bidu tas-seklu għoxrin li wara ġie kkulurit manwalment. Mill-istess ġurnata bdiet ukoll katina ta' rużarju fil-familji Mqabbin.

Kemm is-Soċjetà Santa Marija kif ukoll il-Parroċċa ħasbu li jniedu *logo* speċjali għal dawn il-festi. Dak tas-Soċjetà kien maħsub mis-Sur John Zammit u ddisinjat mis-Sur Patrick Ghigo. Il-Parroċċa inkarigat lis-Sur Neville Attard minn Ħal Qormi biex jagħmel ix-xogħol fuq il-*logo* kkummissjonat minnha. Spjegazzjoni dettaljata ta' dawn iż-żewġ *logos* tinsab fl-artiklu miktub mis-Sur John Zammit fil-programm tal-Festa ta' Santa Marija 2011 (p. 131) u fil-ktieb *Il-vara titulari ta' Santa Marija tal-Imqabba* miġbur

Logo użat mis-Soċjetà



mill-Kan. Dun Jonathan Farrugia (p. 68).

Il-festa ta' Santa Marija 2011 kellha tkun speċjali u maħsuba biex tfakkarna f'din il-ġrajja hekk importanti fl-istorja ta' raħal twelidna. Nhar il-Ġimgħa 29 ta' Lulju sar il-ħruġ tal-vara titulari min-niċċa artistika tagħha sabiex fit-30 ta' Lulju jingħata bidu għall-Kwindiċina. Din saret b'innovazzjoni għaliex għall-ewwel darba kull ġurnata tal-Kwindiċina kellha tema u intenzjoni speċjali għal kull settur soċjali tan-nies tal-Imqabba. Apparti l-ġranet tas-soltu ddedikati għat-tfal, għaż-żgħażagħ, għall-anzjani, għall-familji, għad-dilettanti tan-nar u għas-soċji, żdiedu oħrajn ġodda għas-saċerdoti u l-vokazzjonijiet, kif ukoll għall-benefatturi u l-mejtin tal-parroċċa. Dawk tal-anzjani u l-familji ġew organizzati aħjar billi ntbagħtu inviti personali lill-anzjani Mqabbin li jgħixu fi djar tal-kura u anke lil dawk il-koppji li għalqu 25 u 50 sena miżżewġin. Inviti ntbagħtu wkoll lill-ġuvintur li kienu jattendu għal-laqgħat tal-vokazzjonijiet, lir-reliġjużi Mqabbin minn diversi komunitajiet u anke lill-familji tal-persuni li mietu minn Lulju tas-sena 2010 sa Ġunju tal-2011. L-attendenza għal kull quddiesa matul dawn il-ħmistax kienet tajba ħafna.

Fl-ewwel jum tal-Kwindiċina tal-festa, is-Sibt 30 ta' Lulju 2011, ġiet esposta għall-ewwel darba l-Barka tal-Q.T. l-Papa Benedittu XVI li ntbagħtet lill-Kappillan u l-parroċċa kollha tal-Imqabba fl-okkażjoni ta' dan l-anniversarju hekk kbir: il-175 sena mill-miġja tal-Istatwa Titulari tal-Assunta. Din il-barka nħarġet mill-Vatikan nhar l-10 ta' Marzu 2011 u hi ffirmata mill-Arċisqof Elemożinier tal-Papa l-E.T. Mons. Felix del Blanco Pieto, li għamel xi snin Nunzju Appostoliku għal Malta. Dun Jonathan ippreżenta din il-barka lill-Kappillan Dun Nazzaren Caruana fl-aħħar tal-quddiesa tal-ewwel jum tal-Kwindiċina. L-istess Dun Jonathan poġġa din il-barka quddiem il-vara fost iċ-ċapċip tan-nies u baqgħet esposta f'kull ġurnata tal-ġranet tal-festi li ġew iċċelebrati.



Barka Papali

It-Tlieta 9 t'Awwissu assistejna għall-jum tant mistenni tal-ħruġ solenni tal-vara fuq iz-zuntier tal-knisja li wkoll ħa forma li qatt ma dehret fl-Imqabba. Għal din l-okkażjoni speċjali warrabna ħafna mill-briju li s-soltu jsir sabiex tajna lok għal talb speċjali li sar lill-Madonna ħalli tkompli tindokra r-raħal tagħna u tinterċedi għalina l-Imqabbin. Il-ferħ u l-ġabra li kien hemm fuq iz-zuntier kienu jidhru f'kulħadd, speċjalment meta sar il-kant tal-Ave Marija u innijiet oħra Marjani li ndaqqu mill-banda tagħna Re Ġorġ V. Ma naqasx li tingħad it-talba ġdida li saret, jiġifieri t-talba tal-Parroċċa, kif ukoll kelmtejn mill-Kappillan fejn fisser is-sinifikat ta' dawn il-festi. Il-miġemgħa kompliet tieħu sehem wara dħul il-vara fil-knisja billi assistiet għall-kant tal-*Ave Maris Stella*, l-Antifona u l-Barka Sagramentali. Żgur li l-Assunta ħadet gost b'dan kollu u bierket lilna li ħadna sehem f'din l-okkażjoni Marjana tassew sabiħa.

Il-programm ta' Jum il-Banda tal-10 t'Awwissu wkoll kien abbinat ma' dan l-anniversarju. Dan sar taħt il-patroċinju tal-Arċisqof Emeritu Mons. Ġużeppi Mercieca li fid-diskors tiegħu stqarr li kien qed jieħu gost jaqsam dawn il-mumenti ta' ferħ magħna. Dan il-kunċert vokali u strumentali laħaq il-livell għoli li issa drajna bih. Imma dan il-programm żgur li ser jibqa' mfakkar għall-fatt li matulu kellna x-xorti nisimgħu lill-banda tagħna, il-Banda Re Ġorġ V, tesegwixxi l-Innu l-Kbir – *Innu lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema* – kliem tal-mibki eks-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Patri Joseph Ghigo S.J. u mużika tal-mibki eks-Surmast George Martin. Ħafna anzjani ġeddew il-memorja tagħhom meta kienu semgħu dan l-innu kapulavur għall-ewwel darba.

Bix-xieraq, il-quddisiet tat-tliet ġranet tat-Tridijiet kienu fdati lis-saċerdot Imqabbi Dun Jonathan Farrugia. Għidt bix-xieraq għax Dun Jonathan kien strumentali fl-organizzazzjoni u s-suċċess ta' dawn il-festi ta' tifkira. Ta' min jinnota li l-aħħar darba li t-tridu mexxieh saċerdot tal-parroċċa kien fl-1898 proprju meta l-parroċċa kienet qed tiċċelebra t-tielet ċentinarju mit-twaqqif tagħha. Fil-prietki tiegħu Dun Jonathan elenka tliet suġġetti sbieħ rigward Marija: Marija Eva



Il-Kappillan Dun Nazzaren Caruana jaqra t-talba tal-Parroċċa waqt ħruġ il-vara ta' Santa Marija fuq iz-zuntier


Wasla tal-Arċisqof Emeritus Mons. Ġużeppi Mercieca


Mistiednin waqt il-programm strumentali

l-ġdida, Marija Omm Alla u Omm il-Knisja, u Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem. Dan tal-aħħar kien jolqot lilna l-Imqabbin mill-qrib għaliex fih ittratta t-twemmin popolari fuq Marija sa mit-tieni seklu u fuq kollox wera kif il-provi liturġiċi juru li l-festa tal-Assunta hija l-eqdem u l-aktar festa importanti tal-Madonna. Għalhekk kellhom raġun missirijietna li aktar minn erba' mitt sena ilu xtaqu li r-raħal tal-Imqabba jkollu bħala Patruna tiegħu lil Marija Assunta. Kellhom raġun ukoll missirijietna li mija u ħamsa u sebgħin sena ilu għamlu minn kollox biex din il-Parroċċa jkollha statwa mill-isbaħ li tkun denja għar-raħal tal-Imqabba u li biha kienu ser jibqgħu kburin għal żminijiet dejjiema. Tant kienet kbira din il-ħeġġa li anke l-Kappillan Dun Tumas stqarr fil-kitba tiegħu li baqa' mistagħġeb kif "mal-ewwel dawra li għamilna lħaqna ġbarna s-somma meħtieġa biex tinħadem ix-xbieha mbierka."

Lejliet il-festa wkoll kellha żvolta oħra. Dan għaliex bħalma s-soltu jsir fil-festi ta' anniversarji speċjali tal-parroċċa, it-Tranżulazzjoni Solenni tar-Relikwa saret mill-Kappella ta' San Bażilju, fejn ħa sehem ukoll il-kor tal-parroċċa. It-Tranżulazzjoni u l-quddiesa solenni tal-vġili tmexxew minn Mons. Alex Cordina, Viċi-Rettur tas-Seminarju. Il-Fratellanza tas-Sagrament ħadet ħsieb li din it-Tranżulazzjoni tilħaq livell li kien jixraq lill-festa grandjuża tat-Titular.

Nhar is-solennità tal-festa lqajna fostna l-mistieden speċjali tal-festa, l-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof Emeritu ta' Malta, Mons. Ġużeppi Mercieca, li mexxa l-Pontifikal Solenni. Għalhekk wara ħafna snin reġa' kellna pontifikal immexxi minn Isqof nhar il-festa tal-parroċċa. Flimkien mal-Arcisqof Emeritu kkonċelebraw il-W.R. Kappillan Dun Nazzaren Caruana, P. Karm Zammit, Dun Jonathan Farrugia, id-direttur spiritwali tas-Soċjeta P. Joseph Zahra O.P., P. Adrian Cachia O.F.M. u Dun Raymond Cassar. L-attendenza għal dan il-pontifikal kienet eċċezzjonali, bħalma tkun kull sena. Fil-bidu tal-prietka tiegħu Mons. Mercieca stqarr kemm kien ta' ferħ kbir għalih li kien jinsab fil-parroċċa tagħna li kienet qed tiċċelebra anniversarju hekk importanti: il-175 sena mill-miġja tal-istatwa fostna. Huwa ma naqasx li jinseġ paniġierku li kien jixraq lil Marija Santissma mtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem u li lilha l-Parroċċa tagħna hija ddedikata. Ilkoll fraħna filgħaxija hekk kif l-Istatwa devota tat-Titular ħarġet tbierek it-toroq ewlenin tal-Imqabba f'purċissjoni li tmexxiet mill-Kan. Carmel Busuttil tal-kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt. Il-festa t'Awwissu ngħalqet fit-22 tax-xahar permezz ta' quddiesa kantata, solenni u bit-*Te Deum* immexxija mill-Kappillan tal-parroċċa u ntemmet bir-repożizzjoni tar-relikwija u bid-dħul tal-vara fin-niċċa. Żgur li b'dawn il-festi aħna għamilna ġieħ lil missirijietna.

Il-President tas-Soċjetà s-Sur Carmel Zahra fid-diskors tiegħu waqt il-programm mużikali tal-10 t'Awwissu kien qal li dan l-anniversarju tal-175 sena mill-miġja tal-istatwa għandu jilħaq il-qofol tiegħu mhux fil-festa attwali imma bil-festi straordinarji li kellhom isiru fil-Parroċċa tagħna matul l-aħħar ġimgħa ta' Ottubru


Fratellanza tas-Sagrament dieħla ġo San Bażilju


Mons. Mercieca waqt il-paneġierku

sal-1 ta' Novembru 2011, proprju l-anniversarju tal-proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunta. U hekk kellu jkun. Is-Soċjetà għenet lill-Parroċċa tfassal ġimgħa impenjattiva ħafna li bdiet nhar it-Tnejn 24 ta' Ottubru u ntemmet nhar it-Tlieta l-1 ta' Novembru 2011.

Il-festi speċjali tal-anniversarju tal-vara kienu differenti mill-festa tas-soltu. Il-funzjonijiet u attivitajiet ta' matul din il-ġimgħa ġew iċċelebrati fi spirtu ta' għaqda Mqabbija, devozzjoni u prudenza. Ta' dan ħaqqha prosit il-komunità kollha Mqabbija li uriet maturità kbira biex iċċelebrat dan l-anniversarju hekk importanti, kif ukoll lill-organizzaturi kollha li għenu u stinkaw biex jintlaħaq livell għoli u ta' suċċess.

F'dawn il-ġranet festivi rġajna rajna l-knisja armata kważi daqs il-festa prinċipali: bid-damask, bl-armar tal-maġġur u tal-kor u naturalment bil-vara meraviljuża tal-Assunta li nħarġet min-niċċa biex tkun esposta fil-Knisja Parrokkjali nhar it-Tnejn 24 ta' Ottubru fis-7.00pm. Hija ħaġa sabiħa u sinifikattiva li kull meta l-vara titulari titħarrek min-niċċa, il-knisja tagħha xxidd il-libsa tal-festa, kif inhu xieraq.

Għall-ewwel darba t-tliet fratellanzi tar-raħal ġew mistiedna janimaw ir-rużarju madwar il-vara tal-Patruna. Għalhekk it-Tlieta fis-6.00pm saret l-ewwel animazzjoni tar-Rużarju li tmexxiet mill-Fratellanza tar-Rużarju. Bl-istess mod il-Fratellanza tal-Kunċizzjoni u l-Fratellanza tas-Sagrament taw sehemhom nhar il-Ħamis u nhar is-Sibt rispettivament.

L-Erbgħa fis-7.00pm saret l-ewwel attività kulturali: seminar bl-isem "Lejla kulturali madwar l-Istatwa ta' Santa Marija" fil-Knisja Parrokkjali. Din kienet l-ewwel darba li sar seminar ta' apprezzament artistiku ffukat fuq opra ta' arti li għandna fil-parroċċa tagħna. F'dan is-seminar, li bħala *compere* kellu lis-Sinjura Remenda Borg-Grech, inqraw diversi kitbiet:



Il-compere Remenda Borg Grech

"Biex jibqa' mfakkar għaż-żmien li ġej" (mis-Sur Michael Sciortino), il-kuntratt tat-30 ta' Ottubru 1835 u l-kuntratt tal-14 t'Awwissu 1836 (min-Nutara Carmen Lia), u l-poeżija "Ix-Xbieha ta' Santa Marija, Monument ħaj għall-Imqabbin" (mis-Sur Stefano Farrugia). Is-Sopran Francesca Farrugia u l-Baritonu Louis Cassar flimkien mal-organista s-Sinjura Mary Debattista interpretaw l-Ave Marija ta' Franz Schubert kif ukoll l-Ave Marija ta' Gaetano Donizetti.

Il-qofol ta' dan is-seminar kien naturalment id-diskors li għamel is-Sur Sandro Debono, Kuratur tal-Mużew tal-Arti, bit-titlu "Il-vara titulari ta' Santa Marija tal-Imqabba – apprezzament artistiku." Tkellem b'ħila kbira fuq l-aspett artistiku tal-vara titulari kif ukoll fuq Xandru Farrugia u xogħlijiet oħra tiegħu. F'din is-serata tnieda l-ktieb *Il-vara titulari ta' Santa Marija tal-Imqabba* miġbur mill-



Is-Sur Sandro Debono

Kan. Dun Jonathan Farrugia. Dan il-ktieb, li huwa l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu fl-Imqabba, jitkellem fid-dettall fuq ħafna aspetti li għandhom x'jaqsmu mal-vara, l-iskultur u dak kollu li sar matul iż-żminijiet sabiex l-Istatwa ta' Santa Marija tkompli tistagħna fil-ġmiel tagħha; ktieb li ntlaqa' tajjeb mill-Imqabbin. L-istess Dun Jonathan ħa ħsieb ir-restawr a spejjeż tiegħu tar-relikwarju l-prim (l-Ostensorju) li din is-sena jagħlaq 100 sena minn meta sar. Għalhekk kienet okkażjoni xierqa li waqt dan is-seminar Dun Jonathan ippreżenta r-relikwarju rrestawrat lill-Kappillan tal-Parroċċa.



Ktieb dwar il-vara titulari

Is-sehem tal-Banda Re Ġorġ V kien kruċjali biex din il-ġimgħa ta' attivitajiet tkun suċċess totali. Kien proprju nhar il-Ġimgħa 28 ta' Ottubru li s-Soċjetà Santa Marija permezz tal-Banda Re Ġorġ V tellgħet Akkademja Mużiko-Letterarja taħt il-patroċinju tal-Isqof Monsinjur Adeodato Micallef O. Carm fil-Knisja Parrokkjali. Il-knisja kienet kollha mimlija nies lesti biex jitgħaxxqu b'dak li kien ser jiġri. Bħala *compere* kien hemm is-Sinjura Paula Agius-Farrugia u mal-banda ħadu sehem is-Sopran Francesca Farrugia, it-Tenur Charles Vincenti, il-Baritonu Louis Cassar, il-Poeta u Kav. Carmel Bianchi kif ukoll il-Kor 'Bel Canto.' Kienet serata mill-isbaħ u

sintendi t-tema prinċipali kienet l-eżekuzzjoni mużikali ta' mużika mimlija tifħir lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema.

Indaqqu diversi innijiet li ħarġu mill-pinna abbli ta' mużiċisti u awturi varji. Is-Sur Joseph Farrugia kkompona u kiteb il-versi għall-"Innu lil Santa Marija," is-Surmast Anthony Camilleri fuq lirika tas-Sur Stefano Farrugia niseġ il-mużika għall-Innu "O Sbejħa Santa Marija," u s-Surmast David Agius ikkompona l-"Innu lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema" bil-kliem tas-Sur Patrick Mallia. F'serata bħal din ma setax jonqos li jindaqq l-Innu tant popolari magħna u għażiż għalina: "Lil Marija Mtellgħa s-Sema" tal-mibkijin Surmast u Kav. George Martin u Patri Joseph M. Ghigo S.J. Iżda l-qofol ta' din l-akkademja ntlaħaq bl-eżekuzzjoni tal-Oratorju "Bukkett ta' Mitt Warda lil Santa Marija," mużika tal-Mro. David Agius u versi tal-Kav. Carmel Bianchi. Kien oratorju ta' livell għoli li saħaq fuq l-imħabba u d-devozzjoni kbira li l-poplu Malti kollu għandu lejn Marija Assunta; it-tbatija li għaddew minnha l-Maltin matul iż-żminijiet koroh tal-gwerra; kif Santa Marija ma nsietx lill-poplu Malti meta bl-interċessjoni tagħha waslu Malta l-provvisti tal-ħwejjeġ essenzjali permezz tal-bastimenti tal-*Operation Pedestal* jew kif inhu magħruf magħna lkoll il-Konvoj ta' Santa Marija; u l-Inkurunazzjoni ta' Santa Marija wara li Hi ttellgħet is-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem.



Il-compere Pauline Agius Farrugia



Preżentazzjoni lil Dun Jonathan Farrugia

Bħas-soltu saru diskorsi kommemorattivi kemm mill-W.R. Kappillan Dun Nazzaren Caruana kif ukoll mill-President tas-Soċjetà s-Sur Carmel Zahra. Ma naqasx ukoll li bħala apprezzament isiru xi preżentazzjonijiet min-naħa tas-Soċjetà lill-protagonisti ta' din l-akkademja. Turija ta' ringrazzjament speċjali saret lill-Kappillan u lil Dun Jonathan li ħadmu bis-sħiħ biex din il-ġimgħa ta' attivitajiet tkun suċċess. Wara l-akkademja, l-Isqof Mons. A. Micallef mar fis-Sede prinċipali tas-Soċjetà Santa Marija biex jikxef lapida kommemorattiva u ma naqsitx ukoll bibita għal kull min attenda.



Preżentazzjoni lill-Isqof Mons. A. Micallef



Preżentazzjoni lill-Kappillan



Bandisti Mqabbin mal-istatwa Titulari

Il-Ħadd 30 ta' Ottubru fis-6.00pm sar il-Pontifikal Solenni ta' ringrazzjament immexxi mill-E.T. Mons. Pawlu Cremona O.P.,

Arċisqof ta' Malta. Din kienet it-tielet darba li Mons. Arċisqof għoġbu jżur il-parroċċa tagħna. Il-membri tal-Kleru li kkonċelebraw ma' Mons. Arċisqof kienu l-Kappillan Dun Nazzaren Caruana, Mons. Dun Joe Bugeja, P. Karm Zammit, Dun Manwel Caruana, il-Kan. Dun Jonathan Farrugia, P. Joseph Zahra O.P., Dun Ronnie Zammit O.P., Dun Karm Farrugia, Dun Raymond Cassar u Dun Ġwann Farrugia. Assista lil Mons. Arċisqof id-Djaknu Rev. Dillon Bugeja filwaqt li ċ-Ċerimonjier kien P. Anton Farrugia O.F.M. Is-saċerdoti mistednin kollha għandhom xi rabta mal-Imqabba: min ħadem hawn fl-imgħoddi u min għandu niesu mill-Imqabba jew joqogħdu l-Imqabba. L-animazzjoni kienet fdata lill-kor u l-orkestra *Sine Macula* ta' Ħal Safi. Bħas-soltu l-attendenza kienet numeruża u għal din il-quddiesa kienu mistednin l-għaqdiet parrokkjali u soċjali kollha tar-raħal. Mons. Arċisqof ma naqasx li jitkellem fuq dawn l-avvenimenti storiċi li aħna l-Imqabbin konna qegħdin infakkru u niċċelebraw. Kien propizju li l-istess Arċisqof kien ippreżentat bil-*logo* maħruġ mill-parroċċa għal dawn il-festi. Saret ukoll laqgħa qasira u kordjali mal-membri tal-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà u fl-istess ħin Mons. Arċisqof ħa l-okkażjoni biex jitkellem ma' diversi nies tal-komunità Mqabbija. Ritratti kommemorattivi ma naqsux lanqas.

It-Tnejn 31 ta' Ottubru fit-8.30pm saret adorazzjoni ta' siegħa fil-Knisja Parrokkjali li kienet organizzata mill-Kunsill Parrokkjali. Din il-ġurnata serviet bħala tħejjija spiritwali għall-ġurnata importanti tal-għada.

It-Tlieta 1 ta' Novembru, Jum id-Domma tal-Assunta, kellu jkun il-jum magħżul biex jintlaħaq il-qofol ta' dawn il-festi u b'hekk jaslu fi tmiemhom dawn l-attivitajiet li żgur ser jibqgħu mnaqqxin fil-memorja tagħna u fl-istorja tal-Parroċċa sabiex b'hekk ikunu jistgħu jgħaddu għal għand uliedna u l-ġenerazzjonijiet futuri.

Kollox kien imħejji sabiex filgħaxija jsir il-pellegrinaġġ *aux flambaux* bl-istatwa artistika u devota tat-Titulari Santa Marija. Intgħażlet rotta twila li kienet tkopri ħafna mill-Imqabba ċentrali u saru t-tħejjijiet neċessarji biex ikun jista' jsir it-talb u jitkantaw innijiet Marjani. Il-parruċċani kienu mħeġġa jżejnu u jixegħlu d-djar tagħhom.

Għalhekk fil-5.00pm bdiet Quddiesa Solenni mmexxija mill-Kappillan bis-sehem tal-Kor Parrokkjali. Wara ngħata bidu għall-pellegrinaġġ li kellu jkun il-qofol ta' dawn il-festi. It-tliet Fratellanzi pparteċipaw bis-sħiħ. L-irfigħ tal-Vara mill-Fratellanza tas-Sagrament sar fuq rotazzjoni peress li ħafna mill-fratelli xtaqu jieħdu sehem fil-ġarr tal-istatwa.

Il-parteċipazzjoni tal-lajċi Mqabbin kienet qawwija u sodisfaċenti ħafna. Ħruġ il-vara sar b'ġabra kbira u mingħajr ebda manifestazzjoni esterna ħlief għat-talb u l-kant. Kollox kien miexi kif ippjanat sakemm hekk kif l-istatwa kienet fi Triq Santa Katerina beda t-traxxix tax-xita. Veru li dan kien minimu imma bħala prekawzjoni kien deċiż li r-rotta għandha tinbidel u tiqsar. Għalhekk l-istatwa ddawret matul ir-rotta magħrufa s-soltu bħala d-dawra tal-knisja. B'xorti tajba x-xita waqfet malajr u allura l-istatwa setgħet titgawda sew fil-pjazza u fuq iz-zuntier.

Id-devozzjoni li ntweriet fir-reċtar tar-rużarju u talb ieħor kif ukoll fil-kant ta' innijiet Marjani żgur li għamlet ġieħ lil dawk kollha li ħadu sehem f'dan il-pellegrinaġġ. It-tnemnim tad-dawl tax-xemgħa kompla ħoloq l-atmosfera għal dawn il-mumenti ta' ġabra. Fuq iz-zuntier l-Istatwa Titulari ddawret biex tixħet għall-aħħar darba ħarsitha fuq ir-raħal u tixħet il-barka tagħha fuq l-Imqabbin. Dħul il-vara ntlaqa' bil-kant u ċapċip spontanju tal-miġemgħa Mqabbija.

Żgur li dan kien ċapċip ta' ferħ u ħiereġ mill-qalb biex jirringrazzja lil Marija għal dawn il-175 sena li din l-istatwa hekk sabiħa ilha fostna. Kien ukoll ċapċip ta' ringrazzjament lil missirijietna li rregalawlna dan it-teżor hekk kbir u prezzjuż. Ċelebrazzjoni Ewkaristika ġabet fit-tmiem dawn l-attivitajiet li aħna l-Imqabbin għamilna lil Marija Assunta, Patruna tal-Imqabba. Biex jagħlaq dawn il-festi l-Kappillan irringrazzja lil kull min ta sehmu u ħa sehem fl-attivitajiet straordinarji organizzati mill-Parroċċa biex jibqa' mfakkar l-anniversarju ewlieni tal-2011.

Biex ikompli jitfakkar dan l-anniversarju saru diversi opri ġodda u restawr ta' opri eżistenti. Fuq inizjattiva ta' Dun Jonathan Farrugia saru tliet settijiet ta'



Membri tal-Kumitat mal-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona



Nisa devoti mal-Istatwa ta' Santa Marija



L-istatwa qabel tidħol fuq iz-zuntier

gandlieri ġodda: l-ewwel tnejn ikunu għall-altari ta' San Publiju u San Gejtanu li żżanżnu f'Ġunju, u t-tielet sett hu magħmul minn tnax-il gandlier u ta' daqs akbar għall-altar tat-Titular tal-kor. Dan is-sett iżżanżan proprju fil-ġranet ta' dawn il-festi.

Bil-ħidma tas-Sur Karm Psaila ġew arġentati l-lanterni tal-Fratellanza tas-Sagrament u saru ġodda x-xemgħat ta' mal-vara li ġew impittra mis-Sur Rosario Zammit li żamm mad-disinn tal-antiki. L-istess Dun Jonathan ħallas għar-restawr tar-relikwarju l-prim (l-Ostensorju) li din is-sena jagħlaq il-mitt sena minn meta sar. Kif semmejna aktar qabel ukoll, il-preżentazzjoni tal-ostensorju rrestawrat saret mill-istess Dun Jonathan lill-Kappillan waqt is-seminar li sar fuq l-istatwa, u waqt l-istess attività Dun Jonathan nieda l-ktieb fuq il-vara, l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu fl-Imqabba.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tirringrazzja lill-W.R. Kappillan Dun Nazzaren Caruana li flimkien mal-Kleru u dinjitarji Ekkleżjastiċi, il-Kunsill Parrokkjali u għaqdiet oħra reliġjużi u soċjali Mqabbin u l-poplu tal-Imqabba ħadmu lkoll flimkien biex dan l-anniversarju kien suċċess u li l-attivitajiet saru bi spirtu ta' għaqda u ġabra li żgur taw ġieħ lil Marija Assunta, Patruna tal-Imqabba.



Santa Marija bis-sede tas-Soċjetà bħala sfond

Żgur li kienu wkoll festi li taw ġieħ lil Dun Tumas Caruana u l-parruċċani tiegħu li permezz ta' Xandru Farrugia għoġobhom iwettqu l-ħolma tagħhom fl-1836 biex illum aħna qegħdin ingawdu l-frott ta' ħidmithom. Grazzi kbira lil kull min b'mod jew ieħor għen jew ippartecipa f'dawn il-festi.

SOĊJETÀ SANTA MARIJA u BANDA RE ĠORĠ V
MQABBA
EST. 1910

Is-Soċjetà ta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
tirringrazzja
lil kull min ta sehmu jew ippartecipa
f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet
tal-anniversarju tal-175 sena
mill-miġja tal-Istatwa Titulari ta' Santa Marija.







*Il-fratellanzi kollha tal-parroċċa jieħdu ritratt tal-okkażjoni max-xbieha tal-Patruna tal-Imqabba wara li kull fratellanza animat Rużarju meditat u quddiesa*



*Il-kleru u l-poplu waqt velja ta' talb li saret lejliet il-pellegrinaġġ*



*Dehra ġenerali tal-knisja waqt il-lejla kulturali tas-26 ta' Ottubru 2011*



*Is-sur Michael Sciortino jaqra l-kitba tal-kappillan Dun Tumas Agius dwar il-miġja tal-vara titulari fl-Imqabba waqt il-lejla kulturali organizzata mill-parroċċa*



*Is-sur Stefano Farrugia jaqra poeżija li kiteb għall-festa tal-2011 waqt il-lejla kulturali*



*Is-sur Sandro Debono jagħti taħdita studjata u interessanti dwar l-aspetti artistiċi tal-vara ewlenija tal-parroċċa tagħna*





*In-nutar Carmen Lia taqra l-kuntratti tal-vara li kienet sabet hi stess 20 sena ilu*



*Is-sopran Francesca Farrugia u l-baritonu Louis Cassar jinterpretaw l-"Ave Maria" akkumpanjati mill-organisti Joseph u Mary Debattista*



*Il-Kan. Dun Jonathan Farrugia jniedi l-ktieb "Il-vara tituari ta' Santa Marija tal-Imqabba. Dokumenti u storja"*

*Il-mibki kappillan Dun Nazzareno Caruana jagħmel kelmtejn tal-okkażjoni fil-lejla kulturali*



*Il-Kan. Dun Jonathan Farrugia jippreżenta lill-kappillan ir-relikwarju l-prim tal-parroċċa, restawrat u mnaddaf a spejjeż tiegħu*



*Il-knisja armata għall-akkademja mużikali organizzata mis-Soċjetà*



*Mons. Isqof Emeritus Adeodato Micallef OCD flimkien mal-kleru u l-kumitat waqt l-eżekuzzjoni tal-"Inno Pontificio" mill-Banda Re Ġorġ V fil-ftuħ tal-akkademja mużikali*



*Dehra tal-knisja waqt l-Akkademja tal-Banda Re Ġorġ V*



*Is-Surmast Agius u l-Banda waqt l-eżekuzzjoni tal-Innu l-Kbir "Lil Marija Mtellgħa s-Sema"*



*Is-surmast, is-solisti, il-kor u l-banda waqt l-eżekuzzjoni tal-Oratorju "Bukkett ta' 100 warda lil Santa Marija"*



*Is-surmast jidderieġi l-banda waqt li l-pubbliku msaħħar jisma'*



*Is-sur Carmel Zahra, President tas-Soċjetà, jagħti l-messaġġ tiegħu għall-festi straordinarji*



*It-tenur Charles Vincenti u s-sopran Francesca Farrugia*



*Il-baritonu Louis Cassar u l-poeta il-Kav. Carmel Bianchi*



*L-E.T. Mons. Isqof Adeodato Micallef OCD jikxef lapida kommemorativa fis-Sede tas-Soċjetà biex jibqa' mfakkar għaż-żmien li ġej il-175 anniversarju mill-miġja tal-vara titulari*



*L-Isqof Micallef jikteb nota fil-ktieb tal-viżitaturi flimkien mal-Kappillan u l-President*



*L-E.T. Mons. Arċisqof Pawlu Cremona OP jasal għall-Pontifikal tat-30 ta' Ottubru bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet straordinarji*



*Il-bidu tal-Pontifikal Solenni tal-175 sena mill-miġja fostna tal-istatwa ta' Santa Marija*



*Il-knisja mimlija bir-rappreżentanti ta' kull għaqda reliġjuża u soċjali f'raħalna*



*Il-kor u l-orkestra Sine Macula mmexxija mis-surmast Tony Pace li sebbħu l-Pontifikal bil-mużika ta' Giuseppe Caruana*



*L-Arċisqof flimkien mal-kappillan u ma' P. Karm Zammit OP waqt l-att penitenzjali tal-Pontifikal*



*Mons. Arċisqof jagħti l-omelija li fiha faħħar il-ġmiel tal-istatwa titulari li għandha ttina togħma tal-ġmiel wisq akbar ta' Ommna Marija*



*Il-President tas-Soċjetà jagħti ċ-ċiborju lill-Arċisqof waqt l-offerti*



*L-Arċisqof Cremona jagħti l-barka tal-aħħar*



*Mons. Arċisqof juri t-tifkira tal-okkażjoni li ngħatatlu mill-parroċċa*



*Il-konċelebranti tal-Pontifikal f'ritratt tal-okkażjoni quddiem ix-xbieha ta' Santa Marija*



*Il-President tas-Soċjetà jippreżenta tifkira lil Mons. Arċisqof*



*L-Arċisqof mal-Kumitat jikteb nota fil-ktieb tal-viżitaturi*



*Il-knisja bid-dawl mixgħulin mal-faċċata qabel il-pellegrinaġġ tal-1 ta' Novembru*



*Mument indimentikabbli: l-istatwa titulari fuq iz-zuntier nhar l-1 ta' Novembru*



*Il-vara ta' Santa Marija fil-pjazza*



*Il-vara mill-ġdid fuq iz-zuntier qabel iddaħħlet fil-knisja*



*Il-vara titulari quddiem is-Sede tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Gilju*



*Il-vara ta' Santa Marija quddiem is-sede tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V*



*Il-fratelli u l-poplu tal-Imqabba miġbur fil-knisja għall-barka Sagramentali fi tmiem il-pellegrinaġġ*

THE CORE
BEAUTY CLINIC

## ... where Beauty is at Heart

213, Carmel Street, Luqa LQA 1314 -- 2166 3337 / 9927 3375

Opening Hours - Mon 1pm to 9pm -- Tue 9am to 4pm -- Thu 9am to 4pm -- Fri 9am to 9pm -- Sat 9am to 4pm

Guinot & Mary Cohr Customised Facials -- Guinot & Mary Cohr Anti-ageing Treatments --
Guinot Non Surgical Facial Lifting Treatments --
Electroloysis & Waxing -- Manicures -- Pedicures --
Make up for all occasions -- Eyelash Tinting -- Eyebrow Tinting
La Stone Therapy Massage -- Swedish Massage -- Holistic Massage -- Slimming Programmes

GUINOT INSTITUT PARIS · PUPA MILANO · ARRAN AROMATICS · GUAM · MARY COHR PARIS



# We do care

We believe that health care is not just about doctors, surgery and medicines but also about care and attention. Don't you?

**Your Private Hospital**

SAINT JAMES HOSPITAL

Including
24hr Immediate Medical Care Unit | Out Patient Clinics | Ambulance Service
All types of Surgery incl. Cosmetic & Reconstructive | Radiology (MRI, CT, PET CT Scans)

MALTA: SLIEMA, ZABBAR, ZEBBUG
TRANSFORMA COSMETIC CLINIC
INTERNATIONAL: TRIPOLI, BUDAPEST

STJAMESHOSPITAL.COM
CALL 2329 1000

# Neriku catering

www.neriku.com

Visit our Website and create your own menu!

Neriku catering, catering for you.

sales@neriku.com

Call us on: 2166 0505

2166 0506

## Menu One

Sandwiches Ham
Sandwiches Cheese
Tuna Rolls
Cheesecakes
Meat Pies
Sausage Rolls
Pizza
Timpana
Quiche Lorraine
Stuffed Eggs
Assorted Barquettes
Stuffed Olives
Fancy Cakes Assorted

Price: €3.80 per person

## Menu Two

Sandwiches Ham and Cheese
Tuna Rolls
Cheesecakes
Meat Pies
Sausage Rolls
Pizza
Canapés
Assorted Barquettes
Chicken Vol au Vents
Stuffed Eggs
Stuffed Olives
Arancini
Meat Balls
Fancy Cakes Assorted
Dips Platter

Price: €4.50 per person

## Menu Three

Assorted Canapes
Seafood Barrquettes
Chicken Coronation Rolls
Sandwiches Ham and Cheese
Vol-au-Vents
Pizza
Meat Balls
Vegetable Fritters
Shrimps in Filo
Thai Fish Cakes
Jalapeno
Chicken Satay
Fancy Cake

Price: €5.59 per person

## Menu Four

Sandwiches Ham and Cheese
Tuna Rolls
Seafood Barquettes
Assorted Canapes
Stuffed Eggs
Vol-au-Vents
Timpana
Sausage Rolls
Pizza Singles
Cheese Cakes
Meat Pies
Italian Prosciutto Tortilla
Chicken Satay
Meat Balls
Angels on Horseback
Shrimps in Filo
Arancini
Vegetable Spring Rolls
Fancy Cakes Assorted

Price: €6.50 per person

## Kids

Sandwiches Cheese
Tuna Rolls
Cheesecakes
Meat Pies
Sausage rolls
Pizza
Potato Smiley
Fancy Cakes Assorted

Price: €1.70 per person

Book your Cake together with a menu and benefit from a 20% Discount on the cake.

Parties | Staff Parties | Birthday Parties | Anniversaries

## Cakes



Banoffi



Cheese Cake



Chocolate Cake

transfer your fantasy into reality!



**Aldo Ritchie**

‘Madonna ta’ Pinu’,
Triq il-Ħarriġiet
Mqabba ZRQ 08
Tel: **21641032**
Mob: **9946 5963**
e-mail: **alnaca@onvol.net**

# Fantasy Flowers

Flowers for weddings, engagements, etc
Invitations & Souvenirs

# Kristianne Stationery

MATTIA PRETI SQUARE, ZURRIEQ
Tel: 21649150/21647391 email: kristsouth@onvol.net





SMART CARD ACCEPTED

For all your stationery needs, books, gifts, greeting cards, …..
Photocopying - Binding - Lamination - Book Covering



*Mons. Arċisqof Emeritus jħalli nota fuq il-ktieb tal-viżitaturi tas-Soċjetà*



*Dun Jonathan Farrugia waqt waħda mill-priedki tat-tridwu tal-festa titulari*



*Mons. Alex Cordina jmexxi t-Traslazzjoni straordinarja mill-kappella ta' San Bażilju*



*Il-fratelli tas-Sagrament jakkumpanjaw fit-Traslazzjoni solenni*



*It-Traslazzjoni bir-Relikwija tal-Madonna għaddejja minn quddiem is-Sede tas-Soċjetà*



*Il-kleru, il-fratelli u l-poplu madwar ir-relikwija tal-Madonna fil-knisja tgħammex bid-dija fi tmiem it-Traslazzjoni waqt il-kant tal-antifona "Hodie Maria"*



*Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca waqt il-paniġierku tal-Pontifikal ta' Santa Marija*



*Iċ-ċelebrant prinċipali u s-saċerdoti li ħadu sehem fil-Pontifikal tal-festa anniversarja quddiem il-vara maħbuba tal-Assunta*



*L-E.T. Mons. Mercieca mal-President Zahra fis-salott tas-Sede tas-Soċjetà wara l-Pontifikal*



*Bħal kull sena s-sopran Imqabbija Francesca Farrugia ssellem lill-Madonna bl-Ave Maria flimkien mal-Banda Queen Victoria*



*Il-vara tal-Patruna tar-raħal quddiem il-knisja ddedikata lilha bid-dati 1836 u 2011 imwaħħlin mal-faċċata.*



L-istatwa titulari ta' Santa Marija fil-bieb tal-knisja
fil-ħruġ solenni uniku li jsir ta' kull sena



Il-folla ta' devoti Mqabbin miġburin biex isellmu lill-Madonna bit-talb u l-kant



Il-vjolinista Neve Galea waqt l-eżekuzzjoni ta' "Schindler's List"
waqt il-Programm Mużikali tal-Banda Re Ġorġ V



Id-data 1836 mal-faċċata tal-knisja



Żewġ xbihat maħbuba tal-Assunta:
il-vara titulari u l-monument li għal 60 sena ilu
jsaltan mill-għoli tal-każin



L-E.T. Mons. Arċisqof Emeritus japprezza x-xogħol tal-Banda Re Ġorġ V



Il-kantanta Roberta Mallia li kantat f'diversi siltiet
fil-Programm Mużikali



It-tenur Andrew Sapiano u l-baritonu Pio Dalli waqt l-eżekuzzjoni tal-
Innu l-Kbir "Lil Marija Mtellgħa s-Sema" tas-Surmast George Martin



Mro David Agius u l-Kav. Carmel Bianchi jagħtu
l-partitura u l-lirika tal-Oratorju lill-President



Mons. Ġużeppi Mercieca jagħmel
kelmtejn tal-okkażjoni



*Kummenti tal-Protagonisti*

# Wara li l-Banda Re Ġorġ V tellgħet l-Ewwel Oratorju li qatt sar ġo l-Imqabba

**miġbura minn Dr Charles Sciberras M.D.**

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V stinkat u tat sehem qawwi ħafna biex il-ġimgħa ta' ċelebrazzjonijiet festivi li saru bejn l-24 ta' Ottubru u l-1 ta' Novembru fil-parroċċa tal-Imqabba tkun suċċess totali u tilħaq il-livell għoli li kien mixtieq. Kif jaf kulħadd dawn l-attivitajiet saru biex ifakkru l-avveniment hekk importanti li sar 175 sena ilu, jiġifieri l-miġja fir-raħal tagħna tal-Istatwa Titulari ta' Santa Marija, il-Patruna tal-Imqabba.

Waħda mill-attivitajiet li saru kienet dik ta' nhar il-Ġimgħa 28 ta' Ottubru meta s-Soċjetà Santa Marija permezz tal-Banda Re Ġorġ V tellgħet Akkademja Mużiko-Letterarja taħt il-patroċinju tal-Isqof Monsinjur Adeodato Micallef O. Carm fil-Knisja Parrokkjali. Il-memorja għadha friska u m'hemmx għalfejn noqgħod nelabora fuq dak li ġara u kemm ħadu gost in-nies li attendew bi ħgarhom. Iżda ma nistax ma nsemmix il-qofol ta' din l-akkademja: l-eżekuzzjoni tal-oratorju "Bukkett ta' Mitt Warda lil Santa Marija" – mużika tal-Mro. David Agius u versi tal-Kav. Carmel Bianchi. Dan kien l-ewwel oratorju li qatt ittella' mill-banda tagħna Re Ġorġ V. Il-banda kienet taħt id-direzzjoni tal-istess Mro. David Agius u ħadu sehem ukoll l-awtur u poeta Carmel Bianchi bħala narratur, is-Sopran Francesca Farrugia, it-Tenur Charles Vincenti, il-Baritonu Louis Cassar kif ukoll il-Kor 'Bel Canto.' Kien oratorju ta' livell għoli li saħaq fuq l-imħabba u d-devozzjoni kbira li l-poplu Malti kollu għandu lejn Marija Assunta. Il-banda tagħna ħarġet bl-unuri kollha b'dan l-ewwel oratorju tagħha.

Biex nidħlu aktar fil-fond ta' dan l-oratorju ħsibt li nieħu l-kummenti tal-protagonisti ewlenin. Kienu kummenti sempliċi, mimlijin onestà u bla pretensjoni ta' xejn. Naraw mela flimkien x'kellhom xi jgħidu.



## L-Awtur: il-Kav. Carmel Bianchi

Bla ħabi nistqarr li jien devot kbir ta' Santa Marija; din l-Omm t'Alla, ħanina u setgħana. F'qalbi għandi post speċjali għaliha. Kburi li twelidt lejliet l-Assunta, nhar l-14 t'Awwissu 1946.

Għandi numru sabiħ ta' poeżiji ddedikati lil din l-omm sabiħa tagħna. Kont ilni naħseb biex nikteb oratorju lil Santa Marija iżda fl-aħħar temmejt xewqti għax sibt il-ħin u ktibtu.

Mela fil-parroċċa sabiħa tal-Imqabba kienu qegħdin jiċċelebraw il-mija u ħamsa u sebgħin sena mill-wasla tal-vara titulari ta' Santa Marija fost l-Imqabbin. Xtaqt li noffri ħodon ward lil din il-vara ta' arti mill-isbaħ. U x'hemm isbaħ minn warda? Meta maħbub jixtieq jesprimi mħabbtu lejn il-maħbuba tiegħu, bħala ġest ta' dan joffrilha bukkett ward. U jien hekk ukoll għamilt lejn Santa Marija, il-maħbuba ta' qalbi. Għammidt dan l-oratorju bl-isem "Bukkett ta' Mitt Warda lil Santa Marija," għaliex mitt warda huma numru sabiħ li bihom toħloq l-isbaħ bukkett. U x'hemm isbaħ milli toffri bukkett ward l-aktar ifuħ lil din il-kbira Patruna tal-Imqabba u l-għaxqa tagħna Santa Marija!

L-oratorju qassamtu f'erba' taqsimiet. Fl-ewwel taqsima, "Il-Krib mix-Xelters," inġibu quddiem għajnejna lill-Maltin li kienu jinżlu fix-xelters jistkennu mill-bombi tal-għadu, kif ukoll kemm il-poplu Malti biddel ix-xelters f'kappelli u kemm talab ħerqan lil Santa Marija permezz tar-Rużarju Mqaddes u talb ieħor. Din l-Omm t'Alla ħanina semgħet il-krib tal-Maltin u kienet dejjem hemm tħarishom mit-tiġrib.

Fit-tieni taqsima poġġejt ħarsti fuq l-attakk tal-*E-Boats*. Sbatax-il waħda ġew b'qilla hekk kbira ħfief ilebbtu fl-ibħra Maltin, bir-rieda ta' qilla krudili li jeqirdu l-vapuri Maltin. Mill-fortizza ta' Malta qawwija le ħallew lil dawn l-*E-Boats* ħajjin. Għax tefgħuhom f'dawk l-oqbra mdemmija u difnuhom ilkoll mal-mejtin.

It-tielet taqsima ddedikajtha lill-Konvoj ta' Santa Marija. L-għadu kien jaf li l-ġuħ kien qiegħed jaħkem fuq il-Maltin, għalkemm dawn għamlu ħilithom biex ma jħallu ebda vapur jidħol b'ħażna ta' ikel u *fuel*. Inxteħtu bombi bla għadd fuq dan il-konvoj. Iżda bl-

# Pet Care

Kull ma trid għall-ġnien u għar-raba', sustanzi eċċ.
Għall-Pets, Mediċini għall-annimali kollha.
Ġwież u affarijiet għall-kaċċa, insib u sajd,
ħniex ta' l-imperjal ta' barra u reels,
qasab, snanar u swivels u kaxxi tal-plastic tas-sajd eċċ,
lenza, spag tan-nar, nases u dqiq tal-ful eċċ.



**Qrendi Road, Żurrieq – Tel: 2164 9727**



# TA' BALAL

## PETROL SERVICE STATION

GENERAL TYRE REPAIRS, ALSO
NEW TYRES, LUBRICANTS, AUTO PARTS
AND OTHER AUTO ACCESSORIES

*Prop. Emanuel Gatt*

**New Street, Luqa • Tel: 2180 9351**






Nispeċjalizzaw fil-Pasta, Steaks,
Chickens u anke laħam taż-żiemel

# BAR & RESTAURANT

*St. Thomas Road, Luqa*
*Tel: 2180 0243*

Inservu kull kwalità ta'ikel
bi prezzijiet moderati.

intervent ta' Santa Marija Ommna waslu ħames vapuri li kienu: il-*Port Chalmers*, ir-*Rochester Castle*, il-*Melbourne Star*, il-*Brisbane Star* u l-*Ohio*.

Fl-aħħar taqsima xtaqt li ntemm dan l-oratorju b'tislima lil Santa Marija. U proprju nsiġt strofi ta' tifħir dwar l-inkurunazzjoni ta' Santa Marija mal-wasla tagħha fil-ġenna. Temmejt dan l-oratorju b'dawn iż-żewġ strofi:

Ħollu lsienkom ulied ta' Marija,
komplu faħħru lil Omm l-Imqabbin,
dejjem kienet fortizza qawwija,
biha nirbħu l-battalji f'kull ħin.

Insellmulek maħbuba sultana
b'kliem mirqum u li kollu foħrija
għax hekk jixraq li joħroġ minn fommna,
VIVA OMMNA O SANTA MARIJA.

Ma nistax insib kliem biex infaħħar u nuri l-ħajr tiegħi lejn is-Surmast Direttur ċelebri, Mro. David Agius. Bil-pinna mużikali tiegħu kompla jagħti ħajja lil dan l-oratorju.

Il-melodija tas-Surmast Agius iżżewġet mal-lirika tiegħi, biex b'hekk din l-imħabba żejnet u paxxiet lil dawk kollha li kienu preżenti fit-Tempju Marjan, mimli daqs bajda, nhar il-Ġimgħa 28 ta' Ottubru 2011. Jien fiduċjuż li l-Patruna tagħna Santa Marija missema tpaxxiet b'dan l-oratorju, li ma kienx għajr tifħir u glorja lilha.



## Il-Kompożitur: Mro. David Agius

Il-ħsieb oriġina minn meta l-poeta u Kav. Carmel Bianchi wera x-xewqa tiegħu li poeżija msawra minnu f'tifħir lil Santa Marija tiġi mżejna b'noti mużikali f'oratorju.

Għalhekk wara li sar il-ħsieb meta dan l-oratorju kellu jinstema', u s-sena magħżula kienet adatta ferm fl-għeluq tal-175 sena mill-miġja tal-istatwa ta' Santa Marija fostna l-Imqabbin, ingħatajt l-iskript kollu u hawn bdejt inqassam il-pjan tax-xogħol tiegħi. Din il-fażi kienet ferm determinanti għax inħoss li hija l-bażi ta' kollox.

Hawnhekk ridt norjenta ruħi mal-lirika biex insir parti minnha, ħalli b'hekk żgur inkun qed nikkombina l-mużika ma' dak li kiteb il-poeta. Il-ħsieb tiegħi fuq il-Madonna huwa li din kienet mara sempliċi. Għalhekk mill-ewwel ma fittixtx li nikteb melodija astratta iżda melodija li tidwi u tpaxxi l-widna għas-serħan tal-moħħ li jissimbolizza li taħt il-ħarsien tal-Madonna għandu jkollna rasna dejjem mistrieħa.

F'din il-fażi wkoll kelli naħseb għal kemm vuċijiet ser niktbu u peress li fih it-tul użajt sopran, tenur u baritonu kif ukoll il-kor u perjodikament żidna l-lirika għan-narratur.

Il-poeta bir-rima li kiteb, għalkemm fit-tul, ħallieli l-libertà kollha biex dak li ddeskrivejt hawn fuq nagħmlu u qassamna l-oratorju f'erba' taqsimiet:

1. Il-Krib mix-Xelters
2. L-Attakk fuq l-*E-Boats*
3. Il-Konvoj ta' Santa Marija
4. Santa Marija Inkurunata

L-ewwel moviment kif jixhed il-kliem huwa lament li bdejtu bl-użu ta' strument rari fil-baned Maltin preżenti, dak tal-klarinett baxx. Dan l-istrument ħassejt li bil-ħoss baxx mimli tiegħu jdaħħalna f'atmosfera ta' diqa kbira. U wara li s-sopran tagħmel il-karba tagħha tibda t-tema prinċipali fuq il-baritonu li matul l-oratorju tinfirex taħt forom differenti iżda simili fuq diversi sezzjonijiet tal-banda u vuċijiet u tilħaq klajmaks fl-ewwel moviment.

Fit-tieni moviment li jixhed l-attakk bil-bombi ħsibt li ndaħħal is-sirena segwita minn daqqiet fuq l-istrumenti tal-perkussjoni biex ħloqt il-ħoss tal-bombi. Dan il-moviment jagħlaq bl-għanja tipika Maltija kantata mit-tenur.

It-tielet moviment li huwa l-itwal jibda joħroġna mid-diqa tal-gwerra bl-isperanza maħluqa mid-dħul tal-Konvoj ta' Santa Marija. F'din it-taqsima ħloqt ukoll parti taħt forma ta' innu popolari li tassew daħal tajjeb f'din il-kompożizzjoni.

L-aħħar moviment huwa maestuż għall-aħħar u l-għeluq tiegħu nebbaħni bil-Madonna waqt li kont qed nikteb il-mużika. L-għajta Santa Marija tal-aħħar vers ġieni l-ħsieb li nqassamha fuq id-diversi vuċijiet u kelli għad-dispożizzjoni tiegħi biex nagħlaq b'mod grandjuż.

Dan l-oratorju peress li huwa twil ħadli ħafna ħin, u ħafna drabi minħabba l-impenji tiegħi ta' xogħol u aktar u aktar il-familja, kelli naħdem fuqu fis-sigħat bikrin ta' filgħodu. F'dan il-perijodu kellna wkoll inħabbtu wiċċna mal-problemi tal-mard fil-familja meta kellna liz-zija tal-mara marida serjament u ħafna drabi kienet qed tkun l-isptar. Din iz-zija Mary kienet maħbuba sew mal-ħbieb tagħna l-Imqabbin. Iżda l-Madonna nħoss li għenitni biex f'dan iż-żmien li kien diffiċli xorta rnexxieli nlaħħaq ix-xogħol u fis-serata tal-Ġimgħa 28 ta' Ottubru 2011 ktibt paġna oħra fl-istorja tal-karriera tiegħi u dik tas-Soċjetà għax bl-ovazzjoni li ngħatat il-banda ħassejtni kommoss għall-aħħar.

Lit-tliet vuċijiet tlabthom iwieġbu dawn il-mistoqsijiet:

**X'kienet ir-reazzjoni tiegħek meta kkuntattjak il-każin għal dan l-oratorju?**

- **X'inhi l-opinjoni tiegħek fuq il-lirika u l-mużika?**
- **Kif ħassejtek waqt l-eżekuzzjoni tal-oratorju dakinhar tas-serata?**
- **Kien hemm xi partijiet diffiċli?**
- **Kellek xi *feedback* mill-udjenza?**

NOW AVAILABLE!

**OUTDOOR CEMENT TILES**
**& TERRAZZO TILES**
Also ideal as Parquet &
Ceramics underlay

NEW STYLES & COLOURS, SAME OLD QUALITY.

**e-mail: francescofench@gmail.com**

**FRANCESCO** FENECH Ltd. Valletta Road, Mosta 21434555

- **Għandek xi memorja partikulari mill-provi jew mis-serata?**



## Is-Sopran Francesca Farrugia

Naħseb li sa ċertu punt kont qed nissuspetta għax xi sena qabel kien diġà qalli xi ħaġa s-surmast u kien anke staqsieni x'*range* ta' noti għandi. Però m'iniex persuna li nagħmel l-affarijiet fatta qabel ma jseħħu; ovvjament xtaqt ħafna li nkanta fih. Issa ilni aktar minn ħames snin inkanta mal-Banda Re Ġorġ V u naħseb li s-surmast dejjem kien sodisfatt bix-xogħol tiegħi, allura naħseb li kien jiddispjaċini kieku ma qalulix biex nagħti sehmi f'okkażjoni daqshekk importanti.

Il-lirika u l-mużika huma żewġ affarijiet distinti li jikkumplimentaw lil xulxin. Jien l-istorja tal-Konvoj dejjem tħallini bla kliem. Hija żgur waħda mill-isbaħ punti fl-istorja Maltija. Meta mbagħad smajtha mpoġġija fir-rima u msebbħa bil-mużika nista' ngħid li qajmitli ġismi xewk xewk. U għalkemm kantajtha kemm-il darba bejn studju u kunċerti, dakinhar tal-oratorju l-istess effett kellha fuqi. Forsi nista' nikkummenta aktar fuq il-mużika għax nifhem fiha aktar milli fil-kitba. Madankollu ma nnaqqas xejn mill-kliem sabiħ li kiteb is-Sur Bianchi, u x-xogħol li ħa biex dawwar l-istorja tal-Konvoj f'poeżija twila u bil-metru li naħseb li kienet biċċa xogħol diffiċli immens. Il-mużika kienet miktuba bi ħsieb kbir. Is-surmast irnexxielu joħloq burdati differenti adatti għall-kliem. L-aktar li laqtuni kienu l-ftuħ prinċipali fejn il-mużika kienet turi ċar li hemm storja qed tiġi rrakkuntata, kif ukoll il-ftuħ tat-tieni parti fejn stajt tħoss il-bombi neżlin u eżatt warajha l-biċċa mużika ispirata mill-għanja Maltija. Tant għoġbitni li b'ċajta lis-surmast għidtlu li ħadt għalija li fl-isbaħ biċċa ma tanix parti. Però ovvjament parti bħal dik tista' tiġi apprezzata l-aktar fuq vuċi ta' tenur. L-għeluq kien ukoll spettakolari. Spunt ieħor li għoġobni ħafna kienet it-tema li tfiġġ minn ħin għal ieħor matul l-oratorju kollu.

Hawnhekk ma nistax ma nsemmix il-mużika sabiħa ta' biċċiet oħra li kantajt u li kienu miktubin mis-Surmast A. Camilleri u s-Sur Ġużeppi Farrugia, li komplew isebbħu s-serata.

Dakinhar tas-serata kont qed nibża'. U għal diversi raġunijiet. It-tensjoni ta' qabel preżentazzjoni dejjem tkun hemm u jiena nbati bil-friefet – li ta' min jgħid li xi ftit jew wisq huma importanti biex tagħti eżekuzzjoni tajba. Barra minn hekk kellna ħafna kant. Niftakar li s-surmast biex jiċċajta qalli biex ma nagħtix wisq fil-bidu ħalli jifdalli s-saħħa għall-aħħar. U kellu raġun għax kieku m'għandix it-teknika tal-kant kien ikun diffiċli nasal sal-aħħar. Xi ftit jiem qabel kont marida; u fl-aħħar meta rajt il-knisja ppakkjata b'nies li naf li kellhom aspettattivi kbar kompla jikber fija s-sens ta' responsabbiltà. Nammetti wkoll li l-aktar ħaġa li żżidli t-tensjoni hija li jkun hemm il-familjari jarawni … u dakinhar ġew anke z-zijiet.

Bħala partijiet diffiċli ngħid li ma kienx hemm, partikolarment għar-raġuni li l-mużika kienet miktuba tajjeb ħafna u kienet tgħin lill-kantanti; xi ħaġa li sfortunatament ma ssibhiex dejjem f'min jikteb il-mużika għar-raġuni li ma jkunux jifhmu fil-vuċi. Għenet ukoll ir-relazzjoni tajba mas-surmast li permezz tagħha stajt anke niddiskuti xi punti fejn ma ħassejtnix komda.

Naħseb li ż-żewġ *standing ovations* li kellna matul is-serata, l-ewwel waħda wara l-Innu l-Kbir, kif ukoll dik tal-aħħar juru biċ-ċar li l-membri tal-udjenza ma setgħux ikunu aktar sodisfatti milli kienu. Ovvjament il-kumplimenti wara ma naqsux. Kollha apprezzajthom, però l-aktar importanti kienu naturalment dawk tas-surmast li fuq kollox kien fost l-aktar persuni importanti li kellhom ikunu sodisfatti bix-xogħol.

Fost l-aktar affarijiet li baqgħu impressjonati f'moħħi kien hemm il-veduta tal-istatwa li tassew dehret maestuża u serviet bħala sfond perfett għal din is-serata. Il-knisja mimlija daqs bajda kienet ukoll xi ħaġa sabiħa ħafna, u jkun sabiħ kieku tkun mimlija bl-istess mod fil-funzjonijiet tal-knisja. Bqajt impressjonata wkoll bir-reazzjoni tan-nies għall-Innu l-Kbir li kien ilu snin twal ma jinstema' kantat b'dak il-mod.

Nispera li s-Soċjetà Santa Marija ssib l-opportunità li terġa' ttella' dan ix-xogħol tant sabiħ f'okkażjonijiet oħra, anke mhux neċessarjament relatati mal-festa.



## Il-Baritonu Louis Cassar

Ħassejtni kuntent u onorat għall-fatt li jien ġej minn Ħ'Attard, parroċċa oħra bħall-Imqabba ddedikata lil Marija Mtellgħa s-Sema u għalhekk għandi ċerta devozzjoni lejn Ommna Santa Marija.

Kemm il-lirika kif ukoll il-mużika kienu sbieħ u għoġbuni immens. Kien xogħol oriġinali, allura huwa dejjem unur li tiġi mitlub biex tkantah għall-ewwel darba. U fl-oriġinalità tal-mużika li fih is-surmast laqat elementi

***Treatments Available:***

• Relaxing Anti-Wrinkle Facials
• Deep Cleansing Facials
• Eyelash/Brow Tinting
• Electrolysis
• Waxing
• Make-up
• Manicure and Pedicure

**Lillian Camilleri**
*Beauty Therapist*
C.I.B.T.A.C.
Diploma B.A.B.T.A.C.

**10, Triq il-Mitħna, Mqabba**
**Tel: 2168 3214 Mob: 9942 6054**



**EURO Caterers**

Slush Machine Sales and Rentals
Also Soft Serve Machines

Testaferrata Street, Żurrieq • Tel / Fax: 21642647
E-mail: pulsar@onvol.net
Contact Person: Mario Attard



mużikali li rarament jinstemgħu fil-gżejjer Maltin, filwaqt li fil-lirika, apparti t-tiżwiq ta' kliem sabiħ Malti li sfortunatament il-poplu Malti qiegħed jinnega, l-użu tar-rima għen biex napprezza u nieħu pjaċir aktar nistudja dan ix-xogħol oriġinali.

Wieħed dejjem iħossu kemxejn eċitat irrilevanti minn kemm esperjenza jkollu meta jkun ser jesegwixxi f'serata importanti bħalma kienet nhar it-28 ta' Ottubru 2011. Ma nistax ma nsemmix f'dan il-punt il-mument kommoventi li jien esperjenzajt hekk kif jiena u l-kollega u ħabib tiegħi t-tenur Charles Vincenti flimkien mal-kor spiċċajna l-eżekuzzjoni tal-Innu l-Kbir lil Marija Mtellgħa s-Sema ta' Mro. George Martin, u l-kongregazzjoni li kien hemm preżenti fil-knisja qamet bilwieqfa u nfexxet f'ċapċip li ma waqafx, l-istess kif ġara meta spiċċajna l-oratorju.

Bħala partijiet diffiċli ma nistax ngħid li ma kienx hemm. Bħalissa qed niftakar f'parti partikulari mill-oratorju li kienet mgħaġġla ħafna biex tagħti l-effett ta' meta l-Maltin raw l-*E-Boats* resqin lejn xtuthom. Madankollu dan hu riżultat tal-bravura u l-esperjenza ta' min kiteb ix-xogħol u għaldaqstant sfidi bħal dawn nieħu pjaċir bihom għax b'hekk insaħħaħ l-esperjenza tiegħi.

Mill-kumplimenti li rċevejt fir-riċeviment li kien hemm ġewwa l-każin wara l-oratorju, nista' ngħid li n-nies kienu sodisfattissimi bl-eżekuzzjoni li tajt. B'hekk ħassejt li l-impenn li tfajt fl-istudju għall-mużika kollha tas-serata ġie apprezzat ħafna.

Bħala memorji jkolli nerġa' nsemmi ż-żewġ mumenti ta' wara l-Innu l-Kbir u wara l-oratorju fejn il-pubbliku li kien hemm jisma' u japprezza dan ix-xogħol mużikali qam b'entużjażmu u b'emozzjoni kbira jċapċap biex juri l-apprezzament tiegħu. Nagħlaq dawn il-ftit kummenti billi nirringrazzja lis-Soċjetà Santa Marija u lis-Surmast David Agius għall-opportunità li nkanta magħhom, u nistqarr li ninsab kuntent u onorat li ntlabt nerġa' nagħti servizz ta' kant biex nesegwixxi l-Innu l-Kbir għal darb'oħra fil-festa ta' din is-sena.



## It-Tenur Charles Vincenti

Jiena kont ġejt avviċinat mis-surmast tal-banda Mro. David Agius fejn urieni x-xewqa li nieħu sehem fl-oratorju. Wara li aċċettajt ġejt ukoll ikkuntattjat mis-segretarju fejn għaddewli l-iskript u ovvjament bdejt nistudjah. Kien ta' sodisfazzjon kbir għalija li s-surmast David Agius wera fiduċja fija għal dan ix-xogħol. Il-mużika hija melodjuża ħafna u l-lirika adatta immens għall-okkażjoni. Hemm ħafna patrijottiżmu fit-tnejn. Fl-opinjoni tiegħi x-xogħol huwa emozzjonali ħafna, tant li waqt li kien qiegħed jiġi esegwit bdejt inħossni parti mill-poplu ta' dak iż-żmien. Fi ftit kliem ħassejtni Mqabbi u Malti.

Dakinhar tal-eżekuzzjoni kelli xi ftit tferfir, b'mod speċjali fuq l-Innu l-Kbir. Dan l-innu huwa sabiħ ħafna iżda diffiċli ferm għat-tenur għax għandu mużika b'tessitura għolja ħafna. Kif għidt qabel, l-oratorju huwa emozzjonali ħafna, li letteralment idaħħlek fl-ispirtu u jagħmlek parti mill-istorja ta' dak iż-żmien.

Partijiet diffiċli dejjem ser issibhom f'kull xogħol. Biċċa xogħol twila ser ikollha l-piż tagħha, iżda bi studju u preparazzjoni tajba xejn mhuwa impossibbli. Ir-raba' moviment, "Santa Marija Inkurunata," kien l-aktar diffiċli għalija għax kien twil u l-ħin kollu impenjat bil-kant. Ma tantx hemm fejn tista' tistrieħ u ma tridx tinsa li tkun għadek kemm lestejt kważi oratorju sħiħ.

Il-*feedback* tal-udjenza kien tajjeb ħafna kemm personalment u anke bħala xogħol totali u komplut. L-udjenza preżenti apprezzat ix-xogħol u l-impenn ta' kulħadd. Personalment ħassejtni komdu ħafna naħdem mal-Għaqda tagħkom, mas-surmast u ma' kull min ħa sehem fil-produzzjoni ta' dan l-oratorju.

L-organizzazzjoni kienet eċċellenti u s-suċċess tas-serata ma kienx ikun possibbli jekk mhux bis-serjetà u d-dixxiplina li hemm fis-Soċjetà Santa Marija. Xogħol bħal dan jitlob impenn u serjetà minn kulħadd.

Dak li rajna u smajna waqt is-serata kif ukoll il-kummenti li għadna kemm qrajna malajr iwassluna nifhmu għala l-Banda Re Ġorġ V kellha suċċess hekk kbir bl-eżekuzzjoni ta' dan l-ewwel oratorju "Bukkett ta' Mitt Warda lil Santa Marija."


Tfal tat-Titular ...taħt il-padruna santa marija est: 2010

Għandek tfal ta' bejn it-3 u t-12-il sena?

Daħħalhom bħala membri fil-Klabb Tfal tat-Titular issa!

Niltaqgħu darba fil-ġimgħa, għall-attivitajiet edukattivi, artistiċi, rikreattivi u aktar.

Avviċina lill-membri tal-Klabb jew tas-Sezzjoni Żgħażagħ.

# Velton Ltd

**Għad-dilettanti tal-Festi**

**Lampi tal-Kulur u Ċari**

**15 watts u 25 watts**

**Bozoz LED's**

**Mob: 9949 7336**

# NOEL SCHEMBRI REFRIGERATION

Services & Repairs of Fridges,
Airconditions & Dehumidifiers

**Mobile: 99420960**



# Lil Santa Marija, ix-Xemx tal-Ħelsien

F'sena kollha anniversarji ta' memorji tant għal qalbna
li jitbissmu bil-ferħ tagħna kif fis-sewwa jkun bla qies,
nagħtu ħajr lill-Omm ħanina li bħal dejjem tindukrana
u tiġborna lkoll ma' djulha bħala wliedha wisq għeżież.

Hekk immela O Marija lejk induru bħal kull sena
biex iġġedded imħabbitna li fewħitna tul iż-żmien
għax fik tinbet bħal żerriegħa u bħal maqdes bik tinbena
biex tisseddaq b'frott il-hena f'minjatura tal-ħolqien.

Tiftaħ driegħek biex tħaddanna bħal imrewħa ttir fis-sema,
tgħannaq miegħek l-ilma baħar u kull art bil-għatx għas-sliem
sa ma tiftaħ bħal qawsalla bil-mant tiegħek f'nofs il-ġemgħa
biex twennisna fil-ġuf tiegħek u tqaddisna sa fit-tmiem.

Tqanqal fina x-xewqa bierda li nitbaħbħu b'demm il-vinja
jekk ninħallu mill-imgħoddi biex inbaħħru għall-ġejjien
u sal-aħħar nishru sajma mill-għajnejn ta' din id-dinja
ħalli nduqu l-art imwiegħda li teħlisna mit-telfien.

Soċjetà minn id l-imsieħba tlibbes bieżla t-triqat ħiemda
bit-tiżjin dehbien u mlewwen li jinħasad tul is-snin
u jitbissem mal-memorji tat-teżori donnhom rieqda
li jistenbħu f'jiem il-festa biex ipaxxu 'l-Imqabbin.

U ġo ruħna ttanbar bilġri l-istennija ta' xbihetek
bħalma ħabbtet qalb il-kotra l-ewwel darba għall-akbar ġieħ
kif fis lemħet l-arti kolta li tant tilma l-qawwa tiegħek
u tad-dehen ta' Mastru Xandru li kull Malti kburi bih.

U xejn inqas tant teżori li jittawlu minn ġot-tempju
u bid-dija u l-lewn tagħhom inebbħuna bis-smewwiet
fejn xerrikt mal-anġli tiegħek lil min b'fommu u kemm bl-eżempju
kien xhud denju ta' għemilek f'ħajja safja mill-ħtijiet.

Ixħet fuqna l-barka tiegħek u iġborna bħal ħannieqa
biex il-ferħ li jgħolli rasu ħalli miegħek jitla' jtir
jibqa' fina tul għomorna u jikber magħna bħal kull ħliqa
li fik tilmaħ xemx ta' fidwa tixgħel sema ikħal nir.

***Stefano Farrugia***
***L-Imqabba, 22 t'April 2012***



# The Fruit Shop

**Prop. George Attard**

*9th April 1942 Street, Mqabba*
*Tel: 21 647963 • Mobile: 7946 3151*

# JMA Aluminium Works

**Joseph Mizzi Aluminium works & soffit ceilings**
40A, Industrial Estate, Luqa
Tel/Fax: 2180 7851 Mob: 9944 5686
E-mail: mizalum@maltanet.net

*For aluminium products with competitive prices and professionally done with years of experience in aluminium works*



**We fabricate aluminium apertures, like doors & windows with new profiles and a large range of colours.**
**We cater for customer made structures, as greenhouses, verandas, skylights, facades and more.**



*Call for free quotation for:*
Louvers fixed & adjustable
Double glazed apertures (with Argon Gas)
Showers & partitions
Insect screens & roller nets
Hinged, sliding & revolving apertures
Maltese balconies, stairs & handrails
Security main doors
Arched apertures & folding doors

***We do also soffitt ceilings in mineral fibre & gypsum in various models***




MENRAD
the vision
Professional Eye Care
&
Quality Eyewear
Opening Hours
Mon-Fri: 9am - 1pm
4pm - 7pm
Sat: 9am - 1pm
Menrad Eyewear,
Vjal ir-Rihan,
San Gwann SGN 9020
Tel: 2149 2430 Mob: 7949 2430 Fax: 2149 2519
email: menrad@onvol.net
website: www.menrad.de
JOOP!
GUESS
JAGUAR
GANT
DAVIDOFF
SKECHERS
chique
MORGAN


OLIVE GARDENS
attention to
detail
OLIVE GARDENS ONLY €750 FOR THE REMAINING DATES IN 2010
C&S
CATERERS
VENUE: Olive Gardens, Tal-Mahruq, Triq l-Gharreqin, Mdina. TEL: 2145 1143
HEADOFFICE: 13-20, M.Borg Gauci Street, Tal-Handaq, Qormi. TEL: 2147 2255, 2124 1550
info@camillerigroup.com www.camillerigroup.com



# Leħen il-Fratellanzi Ssmu Sagrament u tar-Rużarju Mqaddes

Antoine Farrugia - Rettur tal-Fratellanza Ssmu Sagrament
Paul Gauci - Rettur tal-Fratellanza Rużarju Mqaddes

Għeżież membri mseħbin fil-fratellanzi,

Iż-żmien igerbeb u ma jistenna 'l ħadd u bħal leħħa ta' berqa għaddiet sena oħra u erġajna qiegħdin magħkom b'appuntament annwali. Wara l-festa li kellna s-sena l-oħra, speċjalment it-Traslazzjoni tar-relikwija ta' Santa Marija minn San Bażilju fl-okkażjoni tal-175 sena mill-miġja tal-istatwa artistika u devota ta' Santa Marija Patruna tagħna l-Imqabbin, u l-ammont kbir ta' fratelli li attendew, il-fratellanzi komplew bis-servizzi tagħhom. Din is-sena qegħdin niċċelebraw il-mitt sena minn meta wasal ir-Rlikwarju l-Prim tal-Madonna, li jinħareġ tlett darbiet biss fis-sena… nhar l-14 t'Awwissu f'jum it-translazzjoni, fil-15 t'Awwissu l-Għid tal-Assunta u nhar it-22 t'Awwissu l-Ottava tal-Festa f'jum ir-Repożizzjoni tar-Relikwa.

Wara l-festa ta' Santa Marija, għal din is-sena biss, il-festa tal-Madonna tar-Rużarju kienet iċċelebrata fit-tielet Ħadd t'Ottubru. Peress li kien riħ qawwi u traxxix tax-xita, l-purċissjoni ma ħarġitx u sar kollox fil-knisja. Hekk kif għaddiet din il-festa saret laqgħa mall-mibki iżda qatt minsi kapillan Dun Nażżaren Caruana mar-rappreżentanti tal-fratellanzi tal-parroċċa u li fiha ġie deċiż li meta purċissjoni ma toħroġx minħabba l-maltemp, fil-knisja jilbsu biss il-fratelli tal-festa li tkun qed tiġi iċċelebrata.

Wara l-festa tal-Madonna tar-Rużarju, l-fratellanzi ħadu sehem fil-festi li l-parroċċa flimkien mas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V organizzaw fl-okkażjoni tal-175 sena mill-miġja tal-istatwa artistika ta' Santa Marija Patruna tal-Imqabba. Għal din l-okkażjoni il-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju ħadu sehem b'rużarju meditat u mexxew il-quddiesa fil-25 t'Ottubru. Il-fratellanza tas-Ssmu Sagrament organizzat ir-rużarju meditat u l-quddiesa nhar is-sibt 29 t'Ottubru 2011. Dan ir-rużarju sar b'mod differenti mis-soltu fejn fih fakkarna l-misteri mill-ħajja tal-Madonna li kienu jinkludu l-Immakulata Kunċizzjoni; it-Tħabbira tal-Mulej; Marija Addolorata; Tlugħ is-sema ta' Marija u Marija Nkurunata Reġina tas-sema u l-art. Wara kull ħsieb ittieħdet silta mill-Innu lil Marija Mtellgħa s-Sema li kien inkiteb minn Mro George Martin fuq lirika tal-Imqabbi Patri JM Ghigo. Il-Ħadd 30 t'Ottubru 2011 il-fratellanzi attendew għall-pontifikal mill-ET Mons Arċisqof Pawl Cremona OP u fl-1 ta' Novembru l-fratelli ħadu sehem fil-pelegrinaġġ bl-istatwa artistika ta' Santa Marija. Konna b'kollox 'il fuq minn 90 fratell tas-Ssmu Sagrament. Minn hawn nħeġġeġ iktar nies jingħaqdu ma' din il-fratellanza biex inkomplu nxerrdu l-imħabba lejn Ġesù Ewkaristija. F'Diċembru, il-fratellanzi ħadu sehem fil-purċissjoni tal-Immakulata Kunċizzjoni. Matul ix-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu saru laqgħat ta' formazzjoni tal-fratelli. F'April, il-fratellanza tas-Sagrament mexxiet il-purċissjoni ta' Ħadd il-Palm. Fl-Għid il-Kbir, il-fratellanzi tas-Ssmu Sagrament u l-fratellanza tar-Rużarju mexxew siegħa adorażżjoni bħala parti mill-kwaranturi. Minn din is-sena, l-adorazzjoni qed tibda tkun it-Tlieta, l-aħħar ġurnata tal-Kwaranturi fejn ngħalqu dawn is-sigħat bil-quddiesa u l-purċissjoni.





F'Mejju, il-Fratelli reġgħu ħadu sehem fil-pellegrinaġġ annwali fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna ta'




Il-Fratelli waqt id-dħul tal-Pellegrinaġġ fl-okkażjoni tal-175 sena mill-miġja tal-Istatwa

Pompei ċċelebrata ġewwa Marsaxlokk.

Fl-okkażjoni tal-Erbgħat ta' Santa Marija, il-fratelli mseħbin fiż-żewġ fratellanzi, attendew għar-Rużarju Mqaddes li kien miżmum fis-sede tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. F'Mejju wkoll, il-fratelli ngħaqdu għal ġimgħa tagħlim fuq il-Madonna ġewwa l-Isptar l-Qadim organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.



Il-fratelli waqt il-ħruġ tat-Transulazzjoni mill-Kappella ta' San Basilju f'lejliet il-Festa tal-2011

Għal din is-sena l-festa ta' Corpus kienet organizzata nhar il-Ġimgħa 8 ta' Ġunju. Dak in-nhar saret quddiesa kantata u kkonċelebrata u wara saret purċissjoni bis-Ssmu Sagrament li daret diversi toroq.

Fuq nota ta' dieqa ma nistgħux ma nsemmux li l-festa ta' Corpus Christi kienet l-aħħar purċissjoni li ħa sehem fiha l-mibki iżda qatt minsi l-Kappillan Dun Nażżaren Caruana. Waqt viżita l-isptar nhar it-Tlieta 3 ta' Lulju kien qalilna biex nieħdu ħsieb il-knisja u naħdmu biex l-Ewkaristija tibqa' tkun magħrufa man-nies. Kellna l-ħsieb li nerġgħu mmorru narawh it-Tnejn 9 ta' Lulju filgħaxija però fis-2.30pm ġejna avviċinati li l-kappillan ħalla dan il-wied tad-dmugħ. Kien espost f'San Bażilju nhar il-Ħamis 12 ta' Lulju fejn wara l-korteo membri tal-fratellanzi ħadu sehem waqt il-funeral tiegħu. Minn hawn nibagħtu l-kondoljanżi lill-familja tiegħu.

Kif qed taraw, il-fratellanzi mingħajr ħafna daqq ta' trombi, jkunu mpenjati s-sena kollha. Hawn inħeġġeġ iktar fratelli jieħdu sehem u jattendu għall-attivitajiet organizzati mill-parroċċa, anke min ikun jista' jagħti daqqa t'id fl-armar u żżarmar tal-knisja fil-festi kollha billi jkellem lil xi ħadd mill-fratelli.

Nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha.

J. Cutajar
SMOKING ARTICLES
46, Springvale,
Triq il-Madonna tal-Ġilju
Mqabba
Tel: 21689653 Mob: 7949 5354
For all your smoking needs
J. Cutajar
SMOKING ARTICLES



S&D Group of the Progressive Alliance of Socialists & Democrats in the European Parliament

L-EWROPARLAMENTARI

# PROF. EDWARD SCICLUNA

“F’ISMI U F’ISEM IL-GRUPP TIEGĦI

FIL-PARLAMENT EWROPEW

QED NIBGĦATU L-AWGURI TAGĦNA

GĦALL-FESTA TA’ SANTA MARIJA”

Tel: 27412812 – 27416562 Website: www.edwardscicluna.com Email: edward@edwardscicluna.com




ippjana bil-quddiem għall-kisbiet ta' uliedek

Li tara lil uliedek jiċċelebraw il-kisbiet tagħhom huwa tassew sodisfazzjon kbir. Bil-BOV Parents Package, aħna nistgħu ngħinuk tippjana għall-ħtiġijiet ta' uliedek matul is-snin li ġejjin. Kellimna illum.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV PARENTS PACKAGE**
**2131 2020 | bov.com**
Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
58, Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta

BOV 31317

BOV
Bank of Valletta





# Mill-Istorja tas-Soċjetà...

Mario Zammit

## 75 sena ilu – 1937

- Nhar it-Tnejn 31 ta' Mejju, għal xi l-11:15am, seħħet splużjoni fil-Kamra tan-Nar li kienet tinsab fil-post magħruf bħala d-Dibdieba fil-Limiti ta' Ħal Farruġ, fejn illum hemm ir-*runway* tal-ajruport. F'din l-isplużjoni tilfu ħajjithom 3 persuni. Dawn kienu: Ġużeppi Ellul (Il-Qonsru) ta' 30 sena, Pinu Abdilla (Ta' Ġaqġaq) ta' 39 sena minn Ħaż-Żebbuġ u Manwel Caruana (It-Tillu) ta' 25 sena. L-isplużjoni seħħet meta dawn kienu qegħdin jagħmlu xi taħlit.

## 60 sena ilu –1952

- Nhar it-22 ta' Ġunju 1952 ittellgħet l-istatwa ta' Santa Marija fuq il-bejt tal-Każin. Hija xogħol l-iskultur Marco Montebello u tbierket mis-serv ta' Alla l-E.T. Mons. Isqof Emanuel Galea, Vigarju Ġenerali. Din kienet l-ewwel statwa tal-Madonna fl-Imqabba kkummissjonata minn każin tar-raħal biex titpoġġa f'post pubbliku. Marbuta magħha hemm indulġenza ta' 200 jum għal min jgħid *Salve Regina* quddiem din ix-xbieha.

## 20 sena ilu – 1992

- Saru ċelebrazzjonijiet speċjali f'għeluq il-50 sena mill-wasla tal-Konvoj ta' Santa Marija.
- Saret żjara ġewwa l-Każin mill-piloti tar-*Red Arrows*.
- Delegazzjoni mill-Kumitat kellha Laqgħa mal-E.T. r-Reġina Eliżabetta II, waqt żjara li hija għamlet f'Malta f'għeluq il-50 sena mill-għoti tal-*George Cross*.
- Ġie inawgurat il-Pedestall ta' taħt Santa Marija ta' fuq il-Każin kif ukoll il-Pittura tal-Konvoj ta' Santa Marija mill-E.T. Dr. Ċensu Tabone, President ta' Malta, u dawn iż-żewġ opri tbierku mill-Vigarju Ġenerali Emeritu Mons. Carmelo Xuereb.

## 15-il sena ilu –1997

- Ittella' Kunċert Sinfoniku mill-Banda Re Ġorġ V ġewwa l-Università ta' Malta bħala parti miċ-Ċelebrazzjonijiet tal-50 sena minn meta l-Orkestra Santa Marija ġiet trasformata f'Banda.
- Mro. David Agius inħatar Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V.
- Saret it-tieni parti tal-Ġemellaġġ storiku fejn ilqajna ġewwa raħalna lill-*Corpo Bandistico Santa Vittoria in Matenano* minn Ascoli Piceno ġewwa l-Italja. Il-ġemellaġġ wassal biex sena wara l-Banda Re Ġorġ V tkun onorata bil-premju uniku u prestiġjuż *Les Etoile d'Or du Jumelage* mill-Unjoni Ewropea.
- Għall-ewwel darba f'festa Maltija nħaraq logħob tan-nar sinkronizzat mal-mużika, proprjament fl-14 ta' Awwissu, lejliet il-festa ta' Santa Marija. Dan kien kunċett li ħoloq rivoluzzjoni sħiħa fil-qasam tal-ispettakli piroteknići ġewwa pajjiżna, tant li llum ħafna huma l-festi li ħadu dan l-eżempju u mxew fuq il-passi tagħna.

## 10 snin ilu –2002

- Fl-14 ta' Novembru sar Kunċert Vokali mill-Kor *Ali Gefen* mill-Iżrael ġewwa s-Sala tal-Każin.
- Iżżanżnet l-imrewħa l-kbira bil-pittura tal-Madonna sabiex tintuża fil-briju tal-marċi. Din kienet l-ewwel sorpriża ta' dimensjonijiet kbar fl-Imqabba.

## 5 snin ilu –2007

- Il-Banda Re Ġorġ V ġiet mistiedna tieħu sehem fil-*Festa del Socio*, li ssir ta' kull sena ġewwa Cave, f'Ruma. F'dan il-festival tal-baned ħadu sehem ukoll baned mill-Ingilterra, Franza u l-Italja.
- Fl-istess mawra l-Banda Re Ġorġ V daqqet għall-ewwel darba ġewwa s-Sala Nervi fil-Vatikan waqt udjenza mal-Papa Benedittu XVI.
- Is-Socjetà kompliet tkabbar ir-relazzjonijiet internazzjonali meta fil-festa kellha bħala mistiedna s-*St Systhins Brass Band* minn Cornwall fl-Ingilterra u lill-kompożitur mill-Istati Uniti Dr. Andy Isca.
- Iżżanżan sett ġdid ta' qniepen għall-banda ffinanzjat mill-Fergħa Nisa.
- Iżżanżnu żewġ umbrelluni bil-pittura mis-Sezzjoni Żgħażagħ għal waqt il-marċi.
- L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba laħqet quċċata oħra fl-istorja tagħha meta fil-5 ta' Awwissu ġiet iddikjarata bħala rebbieħa assoluta tal-Kampjonat Mondjali tal-Logħob tan-Nar 'Caput Lucis' ġewwa Ruma.
- Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija organizzat it-Tieni Edizzjoni tal-Presepju Ħaj ġewwa l-Imqabba u ġiet ikklassifikata fl-ewwel post fil-Kompetizzjoni Nazzjonali tal-Milied fl-istess kategorija.



# Mitt sena ilu: sar ir-relikwarju l-prim

©Kan. Dun Jonathan Farrugia S.Th.L.

Fil-knisja għandna diversi ostensorji li jġorru fihom relikwi tas-Salib Imqaddes, tal-Madonna u ta' xi qaddisin. Minn dawn tnejn biss jintużaw matul is-sena għal funzjonijiet liturġiċi: dak magħruf bħala "l-antik" li jintuża fil-Kwindiċina ta' Santa Marija u fil-purċissjonijiet tal-festi l-oħra tal-Madonna; u "il-prim" li jintuża minn lejliet Santa Marija sal-Ottava tal-festa.

Ir-relikwarji l-oħrajn ikunu esebiti fin-niċċa ta' Santa Marija fil-ġranet tal-festa.

## Il-qima tar-relikwi fil-Knisja Kattolika

L-insara sa mill-ewwel snin urew qima partikulari għal dawk fosthom li jmutu għall-fidi tagħhom. L-ewwel referenza għal difna ta' martri nsibuha fil-ktieb tal-Atti tal-Appostli (At 8,2). Mill-kitbiet tat-tieni seklu nafu li l-insara kienu jitolbu lill-maġistrati pagani biex jingħataw l-iġsma ta' ħuthom maqtula sabiex jagħtuhom difna xierqa fiċ-ċimiterji tagħhom[1]. Spiss l-insara kienu jmissu xi biċċiet tad-drapp mal-oqbra u jagħtuhom qima daqslikieku kienu għadam. Ta' kull sena kienet issir quddiesa fuq l-oqbra ta' dawn il-martri, u wara li spiċċat l-era tal-persekuzzjonijiet bdew jinbnew il-knejjes f'ġieħhom u l-fdalijiet jitpoġġew taħt l-altar ewlieni.

Meta kien ikun hemm aktar minn knisja waħda ddedikata lill-istess qaddis, kien jittieħed xi għadam mill-qabar u jitqiegħed fl-altari tal-knejjes il-ġodda. Minn dawn it-testimonjanzi letterarji nafu kif bdiet il-qima lejn ir-relikwi (li ġejja mil-Latin *reliquiæ*, li tfisser 'fdal') tal-qaddisin.

Ir-relikwi ta' Kristu u tal-Madonna għandhom storja differenti. Aktar milli partijiet minn ġisimhom, il-kitbiet antiki jixhdu li l-insara kienu jivveneraw affarijiet relatati magħhom: biċċiet mis-Salib jew mill-kolonna tal-flaġellazzjoni, xi xewka jew xi musmar, jew inkella partijiet mid-dar ta' Nażaret jew minn ħwejjiġhom.

Wara s-sejba tas-Salib minn Sant'Elena lejn is-snin 325-326, l-interess fir-relikwi kiber f'daqqa u kull knisja u kull sultan ippruvaw ikollhom xi ħaġa. Waħda mill-ewwel referenzi għal relikwa tal-Madonna ġejja minn kitba ta' Ċirillu ta' Xitopoli li jikteb li matul il-Konċilju ta' Kalċedonja (451) l-Imperatriċi Pulcheria talbet lill-Patrijarka ta' Ġerusalemm, Juvenal, biex jagħtiha xi għadam tal-Madonna, imma hu weġibha li dawk ma jeżistux għax il-Knisja minn dejjem emmnet li Marija ttellgħet fil-ġenna bir-ruħ u l-ġisem tlett ijiem wara li mietet. Għalhekk jagħtiha parti mil-liżar li kien hemm fil-qabar tagħha[2].

Naturalment, bħalma jiġri dejjem meta ħafna nies ikunu jridu xi ħaġa partikulari, malajr issib min jibda 'jipproduċiha' u jbigħha. U hekk ġara bir-relikwi: xi qarrieqa bdew iqassmu relikwi foloz tant li f'qasir żmien il-Knisja ħasset il-ħtieġa li tibda toħroġ iċ-ċertifikati tal-awtentiċità tar-relikwi biex min jakkwistahom ikun moħħu mistrieħ li għandu oġġett li verament ħaqqu l-qima.

## 15 ta' Awwissu 1750 – l-ewwel relikwija awtentika għall-Imqabba

Peress li m'għandna l-ebda dokumentazzjoni fuq dan l-aspett, probabbli ħafna li fl-ewwel snin tal-ħajja tal-komunità Mqabbija, meta kienet għadha ma twaqqfitx il-parroċċa, id-diversi kappelli li kien hawn ma kellhomx relikwi. Wara li tlestiet il-knisja parrokkjali preżenti ddedikata lill-Assunta lejn is-sena 1699 nifhmu li l-kappillani għamlu ħilithom biex bħal lokalitajiet oħra l-Imqabba tkun mogħnija b'relikwa awtentika tal-Madonna, patruna tal-parroċċa. Fl-1747 il-parroċċa akkwistat relikwarju mill-isbaħ, mogħti minn Caterina Briffa[3], u għalhekk aktar kiber il-'bżonn' ta' relikwija biex dan ma jibqax battal.

Ix-xewqa nqatgħet nhar il-festa tal-Assunta tal-1750, meta b'digriet maħruġ dakinhar, l-Isqof Alpheran de Bussan jafferma li r-relikwa li kellha tibda tiġi vvenerata fil-knisja tal-Imqabba, irregalata minnu stess, hija waħda awtentika: "ex velo B.M.V. ex loco authentico extractam et litteris authenticis, ac sigillo munitam, recognoscimus eamque,"[4] u jkompli: "ac reposita ad majorem Dei gloriam et sanctorum venerationem, dono dedimus et elargiti fuimus Ven. Eccl. Casalis Micabibae."[5]

Id-digriet jagħti wkoll dettalji kif u fejn kellha tiġi esposta: kellha tkun ġo teka mwaħħla ġo relikwarju tal-fidda, liema teka kellu jkollha forma ovali u b'quddiem tal-kristall u minn wara kellha tkun issiġillata b'xemgħa ħamra miġjuba minn Spanja li fuqha kellu jidher is-siġill sabiex ma jkun hemm l-ebda dubju dwar l-awtentiċità tagħha. Kellha tingħata qima kull fejn titqiegħed: "ecclesia, oratorio seu cappella publice fidelium venerationi exponendi."

Nassumi li din hija r-relikwija li għadha sal-lum fir-relikwarju l-antik magħmul f'Malta fl-1747[6] li jintuża fil-purċissjonijiet kollha ħlief f'Santa Marija.

Skont il-kitba ta' Dun Lawrenz Zammit, fil-parroċċa tagħna nsibu ħafna relikwi oħra li jinsabu f'xi relikwarji, f'xi kaxxi apposta u anke

HERMANN
SCHIAVONE

Jawgura

l-**Festa** t-**Tajba**

lil Kulħadd



**Dr Hermann Schiavone**

**T:** 9996 5800

**E:** info@schiavone.com.mt

# Victoria's Beauty Parlour

VICTORIA CUTAJAR - Beauty & Body Therapist & Electrologist C.I.B.T.A.C., DIP - CIDESCO
8, Triq Is-Suq, Qrendi Tel: 2164 2676 – 2164 7296 Mob: 7920 7158

Professional Services Include:
Facials (Specialized Face Treatments)
Non Surgical Face Lifting
Hydradermie Lift eyes
Acne & Rejuvination Neoderma peelings
Body Treatments
Ultratone Slimming Treatments
Body Massage
Authentic indian head massage
Spa Treatments
Hydrotherapy Bath
Waxing
Electrolysis
Vein Treatments
Manicures & Pedicures
Gelish Nails
Eyebrow/Eyelash Tinting
Make-Up for all occasions




MARY COHR
Neoderma
EVA GARDEN
GEHWOL
get fresh
GUINOT
dermalogica
ULTRATONE
GUAM
DERMASTIR
gelish
HARMONY
ZOYA

# La Piccola Discount Store






Għal kull xorta ta' offerti fuq preserves, detergents, affarijiet tal-friża, spiriti, prodotti tad-dieta u dak kollu li tistgħu ssibu f'supermarket.
Nagħmlu free deliveries għaż-Żurrieq, Mqabba, Qrendi, Safi u Kirkop. Tistgħu tagħmlu x-xirja tagħkom minn fuq il-linja tat-telephone u nġibuhielkom id-dar b'xejn.



Għalhekk ċempel fuq **21642878.**
Staff ikun għad-dispożizzjoni tiegħek il-ħin kollu.

**Niftħu** mit-Tnejn sal-Ħamis mill-5.30 sas-19.00
il-Ġimgħa mill-5.30 sat-20.00
is-Sibt mill-5.30 sal-17.00
il-Ħadd mill-5.30 sal-11.00



Mingħand La Piccola Discount Store toħroġ sodisfatt ŻGUR.

Il-festa t-tajba mingħand id-Diretturi u l-istaff kollu.

fl-altari. Bilfors li wħud minnhom intilfu fil-gwerra. Il-kitba ta' Zammit tgħid hekk:

"*Nota tar-Reliqui li jinsabu fdina il Cnisia: Veru lignu, u biccia mil velu ta M.V. mghotiin min Mons. Alpheran fil 15 ta' Auuissu 1750; biccia mil Altar tal injam ta S. Pietru Ap. biccia mil colonna tad Decollazioni ta San Paul Ap: biccia mis Salib ta S. Andria Ap:, biccia mir reliqui ta S. Giacbu Maj. Ap. biccia mil arca tal kabar ta S. Giacbu Min Ap. u ta' S. Filippu Ap; biccia mid-dar ta S. Guan. Ap. biccia mir-reliqui ta San Tumas Ap:, biccia mil ghadam ta San Matteu Ap:, biccia mil velu tal ħarir li gio fih chien migbur il ghadam ta S. Bartolomeo Ap. u ta S. Xmun Ap: ta S. Giuda Taddeu Ap. biccia mil ghadam ta S. Luca Evangelista; biccia mil velu tal-ħarir li gio fih chien migbur il ghadam ta San Mattia Ap:, ta S. Barnaba Ap: u ta San Marc Evangelista; biccia mil ħuejeg ta' S. Alfonsu M. de Liguori Iskof u Dottur tal Cnisia; u ta San Silvestru Papa; biccia mir-reliqui ta S. Anna Omm il B.V. Maria, ta S. Nicola Iskof u Conf., ta S. Titu Iskof u Confessur ta' San Stanislau Conf., ta Santa Caterina da Siena V., ta S. Rosa di Lima Verg, ta S. Cecilia V. u M., biccia mil-libsa ta S. Margherita di Cortona, biccia mil ghadam ta Santa Rosalia V., biccia mil kabar ta S. Franciscu Saveriu., biccia mir-Reliqui ta S. Bibiana V. u M. (Dauna chienu mghotiin lil Cnisia mil Cappillan Don Francisc Vella) (autenticati mil Card. Patrisi fit 23 ta Dicembru 1874.)*

*Biccia mir-reliqui ta San Pietru Ap:, ta S. Paul Ap;, ta S. Guan Ap:, ta S. Andrea Ap:, ta Sant'Alfonsu M. De Liguori, ta San Francisc d'Assisi, ta S. Antnin ta Padova, u biccia mil kabar tal B.M.V. autenticati min Mons. Pace fil 10 ta Giugnu 1900; biccia mil Palliu ta S. Giusep Gharus ta M.V. autenticati fis 7 ta Marzu 1776 mil'Iskof Angelu M. Landini, u biccia mil ghadam ta San Laurenz Levita u M. autenticat fit-3 ta Lugliu 1923 mill'Iskof Mauru Caruana, mghotiin lil Cnisia mis-Sac Don Laurenz Zammit.*

*Biccia mil velu ta' M.V., biccia mil ghadam ta S. Innocenziu M., biccia mil ghadam ta S. Luigi Conzaga, biccia mir-Reliqui ta San Felicixximu u ta san Basiliu Iskof u Dottur tal Cnisia, u biccia mil cappa ta San Gaetanu C. autenticata fit 22 ta Auuissu 1760 mil Arciskof Michele Crpycus.*"[7]

## Il-relikwarju l-prim u r-relikwarji l-oħra fil-parroċċa tagħna

Zammit isemmi erba' relikwarji fost l-oġġetti tal-fidda li jinsabu fil-knisja. Dawn huma: wieħed taħt forma ta' salib, ieħor "magħmul fis-sena 1912, mogħti mis-Sac Don Salv. Schembri u joħroġ fil-festa titolari biss," ieħor magħmul fis-sena 1743[8] mogħti minn Caterina Briffa, u ieħor li kien joħroġ fil-festa ta' San Innoċenzu[9]. Fir-realà, iżda, apparti dawn hemm minn tal-inqas ħames relikwarji żgħar oħra. Nassumi li dawn ġew akkwistati mill-parroċċa wara l-1927.

Dak li sar mitt sena ilu kien mogħti, bħalma jgħid Zammit, minn Dun Salv Schembri. Dan is-saċerdot kien benefattur kbir tal-knisja tagħna. Fil-fatt ħallas ukoll biex sar wieħed mill-konfessjonarji l-antiki u anke biex sar il-kwadru titulari preżenti, li t-tnejn saru fl-1896. Twieled fl-Imqabba fis-6 ta' Diċembru 1837 minn Alessandro Schembri u Tereża Zammit. Tgħammed l-għada minn Dun Tumas Agius, li sena qabel kien għana l-parroċċa bil-vara ta' Santa Marija, u ngħata l-ismijiet ta' Salvatore Pietru Vinċenz Nikola Ambroġ. Il-parrini tiegħu kienu Ġwanni u Maria Caruana mill-Belt[10]. Ġie ordnat saċerdot fis-17 ta' Diċembru 1864[11] u miet fl-aħħar ta' Jannar 1927[12]. Kien wieħed mill-aħħar saċerdoti Mqabbin li ndifnu fil-kor tal-knisja. Din is-sena għalhekk jaħbat ukoll il-175 anniversarju minn twelidu u l-85 minn mewtu. Fuq il-bażi mal-faċċata ta' quddiem tar-relikwarju hemm inċiż fil-fidda *Expensis Sac. S. Schembri AD 1912* b'tifkira dejjiema ta' dan is-saċerdot benefattur li tant ħabb il-parroċċa tiegħu.

L-ewwel kitba dettaljata dwar dan ir-relikwarju li ħallas għalih hu saret minn Carmen Lia fil-ktieb *Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-istorja tal-Imqabba*.[13] Fix-xogħol ta' riċerka tagħha biex titfa' aktar dawl fuq il-festa ta' Santa Marija fiż-żmien bikri meta twaqqaf il-każin, is-sinjura Lia sabet diversi referenzi għal dan ix-xogħol sabiħ fil-fidda f'waħda mill-gazzetti lokali ta' dak iż-żmien. Il-kittieba ta' dawn l-ittri jfaħħru x-xogħol li sar mill-arġentier Paolo Pace, li kellu l-ħanut fi Triq l-Ifran fil-Belt. Pace kien dak li ddisinja, immudella u ħadem fil-fidda dan ir-relikwarju li minn dik is-sena kellu jibda jintuża fil-festa titulari, bħalma jsir f'parroċċi oħra. Wieħed mill-ammiraturi saħansitra jgħid li dan ix-xogħol iħabbatha ma' oħrajn li saru barra minn Malta. L-ispiża għalih kienet ta' £55. Hija ħaġa stramba li fl-arkivju tal-parroċċa ma nsibux nota tal-manifattura ta' dan ir-relikwarju fil-lista tax-xogħlijiet li saru fi żmien il-kappillan Dun Franġisku Saverju Bonanno (1906-1922), u lanqas ma sibt rikorsi għalih fl-arkivju tal-Kurja.

Li għandu partikulari dan ir-relikwarju hu li hu tridimensjonali, ħa ngħidu hekk. Ir-relikwarji l-oħra, li huma wkoll ferm sbieħ u prezzjużi minħabba l-antikità tagħhom u x-xogħol fil-fidda sabiħ li fihom, huma ta' manifattura "ċatta" b'faċċata waħda. Dan għandu erba' faċċati u kull waħda għandha l-istess disinn b'varjazzjoni fiċ-ċentru: ta' quddiem bit-teka li żżomm fiha r-relikwija, ta' wara għandha l-arma tal-Madonna u ż-żewġ faċċati l-oħra bl-arma ta' Schembri (kunjom il-benefattur) u bl-arma tal-Imqabba. Għandi nifhem li r-relikwija hija t-tieni waħda tal-velu tal-Madonna li jsemmi Dun Lawrenz fil-lista tiegħu.

Id-disinn huwa mibni fuq motivi ta' nokkli fil-faċċati u rjus ta' anġli fil-kantunieri, waqt li fil-quċċata tiegħu hemm salib. Huwa kollu kemm hu tal-fidda Maltija. Taħt l-arma tal-Imqabba fih erba' timbri, wieħed minnhom bis-salib tal-Kavallieri, li jixhed li hu prodott Malti, waqt li ieħor huwa P.P., bl-inizjali ta' Pawlu Pace li ħadmu. L-eqdem ritratt tiegħu li nafu bih huwa tal-purċissjoni tal-1928, meta żżanżan il-pedestall tal-fidda tal-vara, fejn jidher iċ-ċelebrant iżommu f'idejh wara l-vara.

Bħal kull oġġett ieħor, f'mitt sena dan ir-relikwarju sofra xi ħsarat. Jidher li xi darba kien waqa' għax ma kienx għadu dritt, waqt li s-salib ta' fuq kien tqaċċat u twaħħal bl-istann. Barra minn hekk, il-fidda kienet tilfet il-mollezza tagħha u bdiet tinqasam, u minħabba l-ħmieġ tal-għaraq ta' mal-idejn, il-leqq kien intilef fil-post minn fejn jinġarr. Kien għalhekk li s-sena l-oħra ġie restawrat u mnaddaf mid-ditta Tarcisio Cassar taż-Żejtun sabiex din is-sena, meta qed jagħlaq l-ewwel

ċentinarju tiegħu, inkunu nistgħu nieħdu idea ta' kif kien meta sar mitt sena ilu. L-ispiża kienet ta' €800. Ġie ppreżentat lill-kappillan nhar is-26 ta' Ottubru meta fil-knisja saret serata kulturali madwar l-istatwa ta' Santa Marija. Għal dakinhar biss intrama fuq l-altar tal-kor, fejn kienu qed jiġu inawgurati l-gandlieri l-ġodda li se jibdew iżejnuh fil-festi kollha.

Biex ir-relikwarju jkun komplut, fl-1965 sarlu pedestall tal-fidda li tassew jixraqlu, imħallas minn Ġużeppi Facciol, li kien Imqabbi jgħix f'Raħal Ġdid u li għal xi snin kien il-prokuratur tal-fratellanza tar-Ružarju. Kien sewa £325-18-0 u nħadem minn G. Pirotta tan-Naxxar fuq disinn ta' C. Tonna tar-Rabat.[14]

Aħna lkoll għandna nkunu kburin b'dan ir-relikwarju li tassew jagħti ġieħ lill-knisja tagħna u ma jagħmilx għajb għal oħrajn li jinsabu f'parroċċi oħra akbar u aktar sinjuri.

**Referenzi**

1 *Il-Martirju ta' San Polkarpu*, 18.

2 Cyrillus Scitopolitanus, *Euthymiaca Historia*.

3 Laurenz Zammit, *Descrizioni storica tal Cnisia parrochiali tal-Imkabba*, Malta 1927, 31.

4 Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili, *Atti Ċivili* 1759-1760, 438.

5 "Nagħrfu ġdin ir-relikwijaħ bħala parti mill-velu tal-Imqaddsa Verġni Marija meħuda minn lok veru ta' qima, u awtentiku skont il-kitbiet ġli għandnaħ, mogħnija b'siġill ... imqiegħda hemm għall-akbar glorja ta' Alla u għall-qima tal-qaddisin, nagħmlu minnha rigal u nagħtuha lill-venerabbli knisja tar-raħal tal-Imqabba."

6 Id-data tal-manifattura tidher ittimbrata fuq il-parti t'isfel tiegħu.

7 Laurenz Zammit, *Descrizioni storica tal Cnisia parrochiali tal-Imkabba*, Malta 1927, 33-34.

8 Dan għandu jkun żball għax l-antik għandu d-data 1747 imnaqqxa fuqu flimkien mal-isem tal-benefattriċi.

9 Laurenz Zammit, *Descrizioni storica tal Cnisia parrochiali tal-Imkabba*, Malta 1927, 31.

10 Arkivju parrokkjali tal-Imqabba, Liber Bampt. IV 1836-1870, 15.

11 Laurenz Zammit, *Descrizioni storica tal Cnisia parrochiali tal-Imkabba*, Malta 1927, 47.

12 Arkivju parrokkjali tal-Imqabba, Liber Def. VI 1882-1933.

13 Carmen Lia, *Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-istorja tal-Imqabba*, Malta 1997, 43.

14 Arkivju parrokkjali tal-Imqabba, *Notizie storiche*..., f. 89b


HORACE ENTERPRISES LTD.



Trophies & Sports Goods Importer & Wholesaler



Tel: 2169 6302, Mob: 9942 0346,
Fax: 2169 3397
174, Triq Raymond Caruana, Gudja
E-mail: horaceenltd@link.net.mt

Joe Sunshine & Family

Barman Football Club

Specialising in Apetizers
Live Football
Call: 21642774/99834385



# E&L Enterprises

• **Blasting** • **Galvanizing**
• **Industrial Spray Painting Services**

**tel:** 2180 9777 **mobile:** 7945 2724

**St. Joseph Yard**
**Mqabba Road, l/o Siġġiewi SGW 2616**
**eandl@maltanet.net**



C&G HARDWARE STORE
45, KARMENU CIANTAR STREET, MQABBA
TEL N^OS: 21642167 • 99885491
• CAR + MOTTURA SECURITY KEY CUTTING SERVICE
• NAREX POWER TOOLS + HAND TOOLS
• WATER PUMPS + KITCHEN MIXERS
• ELECTRICAL WATER HEATER GEYSERS
• ALUMINIUM LADDERS + SAFETY SHOES
• GREEN SUN SHADING + CHARCOAL
• GARDEN TOOLS & FURNITURE + PICNICCOOLERS
• LARGE RANGE OF ENERGY SAVING LAMPS
• ACORN PLUMBING FITTINGS + DRAIN PIPES + WIRES
• METAL FANS + GAS HEATERS
• 10% DISCOUNT ON PAINT
• CAR ACCESSORIES
• LIQUID MEMBRAIN + CEMENT + GROUTING
• IRON BOARDS + LIQUID DETERGENTS
MOTTURA
SIGMA COATINGS
Sika
CISA
HAMMERITE
METAL PAINT
WURTH
THE ASSEMBLY PROFESSIONALS
narex
Cuprinol
SILCA




Fl-okkażjoni tal-Festa
jason.azzopardi@gov.mt
www.jasonazzopardi.com
Il-Ministru Jason Azzopardi jawgura lill-
Imqabbin Kollha
Il-Festa t-Tajba





A SUA ECC.ZA REV.MA
MONS MICHELE GONZI [illegible]
ARCIVESCOVO DI MALTA
ECC ECC

Della ricorsa di Don Gerardo Mangion, Parroco della [illegible].

Il ricorrente umilmente espone

che il signor Francesco Saliba della [illegible], benefattore della Chiesa, desidera donare alla Chiesa Parrocchiale due linfe di vetro con candele che si accendono a forza elettrica;

che e' vivo desiderio del signor Saliba che le suddette due linfe di vetro vengono accese nella Festa Titolare della Parrocchia, come anche nelle altre Feste solenni, cioe' nel Natale, nelle Quarantore, nella Festa della Madonna del Giglio e in occasione di Messe Novelle;

che sembra al ricorrente che il desiderio del signor Saliba non sia in contradizione della Appendix V del Concilio Regionale.

Quindi il ricorrente umilmente chiede l'Ecc.za Vostra Rev.ma perche' si degni considerare la domanda del ricorrente, professandosi sempre pronto ad aderire ad ogni decisione che l'Ecc.za Va Rev.ma dara' sul riguardo.

E della grazia ecc

Don Gerardo Mangion
Parroco.



## Mill-istorja tal-knisja...

Il-benefattur Franġisk Saliba (1902-1988) *ta' Mona* (ħajr lil Julia Scicluna għar-ritratt) u r-rikors tal-kappillan Mangion biex jilqa' d-donazzjoni ta' żewġ linef li kellhom jintużaw fil-festa titulari, fil-Milied, fil-Kwaranturi, fil-Madonna tal-ġilju u fil-quddies ta' saċerdoti novelli.  Qed inġibu wkoll għall-ewwel darba ritratt tal-waħda mil-linef fl-istat oriġinali. Dawn illum jinsabu mdendlin mal-pilastri maġġuri tal-presbiterju. Dawn kienu l-ewwel linef li żejjnu l-knisja parrokkjali u żżanżnu fl-Għid tal-1961







## ...il-linef

Il-benefattriċi Marjanna Farrugia (1894-1981) *il-Gadappa* (ħajr lil Maria Zammit għar-ritratt) flimkien mar-rikors tagħha biex tirregala lill-knisja parrokkjali tal-Imqabba żewġ linef li kellhom jintużaw fil-festa titulari. Għall-ewwel darba qed nippubblikaw ritratt ta' waħda minn dawn il-linef fl-istat oriġinali tagħhom qabel ma tkabbru fl-1973 u ħadu posthom fil-kappellun tal-knisja. Intużaw għall-ewwel darba fil-festa titulari tal-1962.

# Ritratt mill-imgħoddi



Dan huwa ritratt storiku tal-kongregazzjoni miġbura għall-ewwel quddiesa solenni ta' Dun Karm Ghigo li saret nhar il-Ħadd l-1 ta Awwissu 1965. Fil-knisja jidhru diversi affarijiet li llum jew tneħħew jew inibdlu: il-pulptu, il-konfessjonarji l-antiki, il-gandlieri tal-injam u s-sottokwadri fuq l-artali, il-battisteru l-antik kif ukoll il-brazzi u t-*three lights* li kien hemm qabel saru l-linef iż-żgħar tal-kursija fl-1973. Flimkien ma' dan kollu, fuq ix-xellug tar-ritratt tidher waħda mil-linef mogħtija minn Marjanna Farrugia li żżanżnu 50 sena ilu. Safejn nafu dan huwa l-uniku ritratt tal-linef armati fil-post oriġinali tagħhom mal-pilastri tal-presbiterju qabel ma tkabbru u tpoġġew fil-kappelluni. (ħajr: Michael u Audrey Ghigo)

# SILVIO'S

*For all types of chairs, stools, armchairs and tables*



Chairs and tables

***FOR HIRE***

**Telephones:**
**2146 8982, 2146 1683**
**Mob: 9945 4333**

11, Triq il-Kataniż, Żebbuġ - Malta

---

# d.Spiral

Stationery and more...

*Stationery – Greeting Cards – Toys – Souvenirs & Invitations*
*Books & Magazines – Gifts & Novelties – Lamination – Binding & much more…*

***Unbeatable prices in photocopies!***

Sub-post Office for Birkirkara

D.Spiral
Triq il-Vitorja, Birkirkara
Tel: 21491419
Email: dspiralst@gmail.com Website: www.dspiralst.com



# Operation Pedestal – Il-Konvoj ta' Santa Marija

**Mario Zammit**

Fl-1942 Malta kienet għaddejja mill-agħar żminijiet tat-Tieni Gwerra Dinjija, b'bumbardamenti bla waqfien, mhux biss fuq il-pajjiż iżda wkoll fuq il-bastimenti li kienu qegħdin fi triqithom lejn Malta sabiex iwasslu merkanzija u kull tip ta' proviżjon meħtieġa għal dawn il-gżejjer. Minħabba dawn il-bumbardamenti li bdew jagħmluha ferm diffiċli għall-alleati biex iwasslu l-provvisti lejn Malta, is-sitwazzjoni tant kienet ħażina li jekk dawn il-provvisti ma kinux se jaslu Malta, il-pajjiż ma kien ikollu l-ebda alternattiva oħra ħlief li jċedi.

Tentattiv li kien sar f'Ġunju 1942 ra żewġ konvojs isalpaw; wieħed mill-Port ta' Lixandra fl-Eġittu li ġie mlaqqam *Vigorous* u ieħor minn Ġibiltà mlaqqam *Harpoon*. Fiż-żewġ konvojs kien hemm 17-il vapur eskortati minn 82 bastiment tal-gwerra. Minn dawn il-vapuri tal-merkanzija tnejn biss irnexxielhom jaslu Malta, fejn 6 ġew mgħarrqa u l-kumplament ġew sfurzati jduru lura minn fejn ġew.

Wara dan it-tentattiv kien hemm il-ħsieb li jerġa' jsir tentattiv ieħor fix-xahar ta' wara.

Il-pjanijiet bdew lejn il-bidu ta' Lulju, u kellhom jinkludu l-akbar skorta li qatt intbagħtet biex tipproteġi konvoj, tant li kienet tinkludi tliet *aircraft carriers* fost l-oħrajn.

Ġie deċiż li din l-operazzjoni ssir lejn il-bidu ta' Awwissu u ngħatat l-isem ***Operation Pedestal***.

L-ewwel pjanijiet u koordinament tal-operazzjoni saru fi Scalpa fil-Punent tal-Iskozja taħt il-kap kmandant tal-operazzjoni, il-Viċi Ammirall E.N. Syfret, fejn minn hemm salpaw l-ewwel bastimenti li wara kellhom jiltaqgħu mal-kumplament tal-bastimenti qrib Ġibiltà. Kien hemm bżonn li jsiru diversi operazzjonijiet żgħar qabel tibda l-*Operation Pedestal*. *HMS Furious* kellu jwettaq *Operation Bellows* bil-għan li jirrinforza d-difiża ta' Malta billi jwassal ajruplani *Spitfires* fuq il-gżira, *Operation Berserk* bil-għan li jikkoordina l-movimenti bejn l-*aircraft carriers* involuti u *Operation Ascendant* li kellu l-għan li jirritornaw iż-żewġ bastimenti li kienu jiffurmaw parti minn *Operation Harpoon*. Dawn il-bastimenti kienu wasslu xi provvisti f'Malta fix-xahar ta' Ġunju u kellhom jirritornaw minn Malta għal Ġibiltà.

Fl-10 ta' Awwissu l-flotta kollha nġabret fl-Istrett ta' Ġibiltà. Din kienet tikkonsisti f'59 bastiment tal-gwerra li l-għan tagħhom kien li jipproteġu l-14-il vapur tal-merkanzija li kellhom iwasslu l-provvisti lejn Malta. L-14-il vapur tal-merkanzija kienu fost l-akbar u l-aktar veloċi tal-klassi tagħhom għal dak iż-żmien; 12 kienu Ingliżi, 2 Amerikani u ieħor mibni fl-Istati Uniti iżda b'ekwipaġġ Ingliż. Dan tal-aħħar kien l-*Ohio*, l-uniku *tanker* f'dan il-konvoj. Hu kellu fuqu 11,500 tunnellata ta' *fuel* li Malta kienet tant fil-bżonn, sew għar-*Royal Air Force* u r-*Royal Navy* kif ukoll għall-pajjiż inġenerali.

Il-Konvoj salpa minn Ġibiltà fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Awwissu 1942. Jistennew lill-bastimenti tal-Konvoj tul ir-rotta kien hemm sottomarini u kull xorta ta' bastimenti tal-gwerra Taljani u Ġermaniżi megħjuna minn ajruplani, kollha bil-għan li ma jħallux dan il-konvoj jasal

L-Ammiral H M Burrough, CB, il-kmandand tal-iskorta, jieħu b'idejn il-Kaptan tal-SS Ohio Dudley Mason.





Il-Kaptan tal-SS Ohio Dudley Mason

Malta. Dawn kienu megħjuna minn madwar 784 ajruplan tal-gwerra.

## Il-Konvoj kien jinkludi dawn:

### 14-il vapur tal-merkanzija:

*Almeria Lykes (C3, US)*, *Brisbane Star*,
*Clan Ferguson*, *Decaulion*, *Empire Hope*, *Dorset*, *Glenorchy*, *Melbourne Star*, *Ohio*, *Port Chalmers*, *Rochester Castle*, *Santa Elisa (C2, US)*, *Waimarama*, *Wairangi* – 9 vapuri mgħarrqa
3 sofrew ħsarat
5 waslu Malta
2 *Battleships*: *Nelson*, *Rodney* – Reġgħu lura l-Ingilterra
4 *Aircraft Carriers*: *Victorious*, *Indomitable*, *Eagle*, *Furious* – *Aircraft carrier* mgħarraq, wieħed sofra ħsarat u wieħed reġa' lura l-Ingilterra
7 *Cruisers*: *Phoebe*, *Sirius*, *Charybdis*, *Nigeria*, *Kenya*, *Manchester*, *Cairo* – 2 *cruisers* mgħarrqa, 2 daru lura lejn l-Ingilterra
33 *Destroyer* – *destroyer* wieħed mgħarraq, 4 sofrew ħsarat kbar
*2 Tugs*, *4 Corvettes*, *4 minesweepers* u *7 Motor launches* li telqu minn Malta

### 10-11 ta' Awwissu 1942

Il-Konvoj daħal mill-Istrett ta' Ġibiltà.

### 11 ta' Awwissu 1942

- L-*Aircraft Carrier Eagle* ntlaqat minn 4 *torpedoes* sparati minn U-73 Ġermaniża, u tereq, 260 baħri mitlufa u l-ajruplani ta' fuqha mitlufa ħlief għal 4 biss.
- L-*Aircraft Carrier Furious* tajjar 36 ajruplan lejn Malta u dar lura.
- *Destroyer* Ingliż għarraq sottomarin Taljan.
- 40 *Bomber* Ġermaniż attakkaw il-Konvoj.

### 12 ta' Awwissu 1942

- 20 *Junker 88s* attakkaw lill-Konvoj.
- Sottomarini attakkaw lill-Konvoj.
- 100 ajruplan, Ġermaniżi u Taljani, attakkaw lill-Konvoj.
  *Id-Decaulion* mgħarraq wara li ntlaqat minn *torpedo*.
  L-*Aircraft Carrier Victorious* intlaqat minn *torpedo*.
- Il-Konvoj ġie attakkat minn 30 *Junker 87s*.
  L-*Aircraft Carrier Indomitable* nltaqat tliet darbiet.
  Il-*Foresight* sofra ħsarat kbar wara li ntlaqat minn *torpedo* u għereq.
- Il-*Cruisers Cairo* u *Nigeria* ntlaqtu minn *torpedoes* sparati minn sottomarini Taljani.
  Il-*Cairo* ġie abbandunat.
  In-*Nigeria* dar lura lejn Ġibiltà.
- It-*Tanker Ohio* ntlaqat minn sottomarin Taljan u sofra xi ħruq, iżda l-ħsara ssewwiet u tkompla l-vjaġġ.
- Il-Konvoj ġie attakkat minn 20 *Junker 88s*.
  - o *Gunners* fuq l-*Almeria Lykes* waqqgħu żewġ ajruplani tal-għadu.
  - o L-*Empire Hope* ġie attakkat, ħa n-nar u ġie abbandunat. Wara ġie mgħarraq mill-vapuri tal-alleati stess sabiex ma jaqax f'idejn l-għadu.
  - o *Clan Ferguson* intlaqat direttament u għereq.
  - § Sottomarin Taljan salva 53 baħri.
- *Brisbane Star* intlaqat minn *torpedoes*.
- Il-*Cruiser Kenya* ntlaqat minn *torpedo* li spara sottomarin Taljan u sofra diversi ħsarat.

### 13 ta' Awwissu 1942

- Il-Konvoj għadda minn baħar mimli b'ħafna mini għall-ħabta ta' nofsillejl, fil-baħar bejn l-Afrika u Sqallija.
- 8 *Torpedo Boats* Taljani wettqu 15-il attakk.
  - o Il-*Cruiser Manchester* intlaqat u għereq.
  - o *Santa Elisa (US)* ntlaqat minn *torpedo* u ħa n-nar. Il-bastiment kellu jiġi abbandunat.
  - o *Almeria Lykes (US)* intlaqat minn *torpedo* u għereq.
  - o *Wairangi* u *Glenorchy* ġew attakkati u ħadu n-nar. Ħadd mill-baħrin tal-*Glenorchy* ma salva.
  - o *Rochester Castle* ntlaqat iżda rnexxielu jkompli bil-vjaġġ.
    Il-ħin kien l-4:00am.
- Ajruplani tal-gwerra telqu minn Malta sabiex jipproteġu l-Konvoj. F'ħin minnhom skorta tal-konvoj fetħet in-nar fuq dawn l-ajruplani bi żball.
- Attakk minn 12-il *Junker 88s*.
  - o *Waimarama* ntlaqat, sploda u għereq. 80 minn fost 107 baħri mietu.
  - o Bl-istess splużjoni ta' din tal-aħħar intlaqat il-*Melbourne Star* iżda mingħajr konsegwenzi gravi.
- 60 ajruplan *Stuka* attakkaw il-Konvoj. L-attakk iffoka fuq it-*tanker Ohio*.
- *Junker 88* kkraxxja fuq l-*Ohio*.
- *Junker 87* kkraxxja fil-baħar maġenb l-*Ohio*.
- Dorset kellu jiġi abbandunat wara li ntlaqat bi żbrixx minn 3 bombi.



L-Aircraft Carrier, HMS Eagle tidher qed tegħreq wara li ntlaqtet mill-għadu, fin-nofsinhar tal-gżejjer Balearici, nhar il-11 ta' Awwissu 1942.



Il-Melbourn Star tidher dieħla fil-Port il-Kbir. Fir-ritratt jidhru wkoll numru ta' Maltin jilqgħu bil-ferħ din il-wasla, nhar it-13 ta' Awwissu 1942.



It-Tanker SS Ohio jintlaqat minn bomba sparata minn Junker 88s, 70 mil fil-Punent ta' Malta, nhar it-13 ta' Awwissu 1942.

- 12-il *Torpedo bomber* Taljan attakkaw.
- o *Kenya* ntlaqat bi żbrixx. Żviluppaw xi nirien iżda ġew ikkontrollati.
- Ajruplani tal-gwerra minn Malta ddefendew il-Konvoj.
- *Rochester Castle*, *Port Chalmers* u l-*Melbourne Star* ġew eskortati minn bastimenti li telqu minn Malta. Dawn irnexxielhom jidħlu fil-Port il-Kbir għall-ħabta tas-6:00pm.
- L-*Ohio ġie* attakkat minn *Junkers 88s* madwar 70 mil fil-Punent ta' Malta. Intlaqat diversi drabi u kien hemm il-possibbiltà li seta jinqasam fi tnejn.
- *Destroyers* ippruvaw jirmunkaw lill-*Ohio* peress li l-magni kienu wieqfa.
- *Torpedo Bombers* Taljani reġgħu attakkaw.



Id-daħla storika tat-Tanker SS Ohio ġewwa l-Port il-Kbir, nhar il-15 ta' Awwissu 1942.




Il-Mappa dettaljata tar-rotta li ħa l-Konvoj min Ġibiltà sa Malta.

## 14 ta' Awwissu 1942

- *Brisbane Star* wasal Malta.
- Il-ħidma sabiex l-*Ohio* jiġi rmunkat baqgħet għaddejja, iżda mingħajr suċċess.
- Komplew l-attakki mill-ajru minn 20 *bomber*.
- o Bomba oħra laqtet l-*Ohio*.
- Wara ħafna tentattivi, l-*Ohio* ġie rmunkat bejn żewġ *destroyers Penn* u *Ledbry,* megħjuna mill-*minesweeper Rye*.

## 15 ta' Awwissu 1942

- It-*tanker Ohio* daħal ġewwa l-Port il-Kbir għall-ħabta tad-9:30am fost ferħ ta' eluf ta' Maltin li nġabru madwar is-swar jagħtu merħba kbira lil dan il-bastiment, li d-destin ried li jibqa' mniżżel fl-istorja bħala wieħed mill-aktar vapuri famużi fl-istorja navali tad-dinja.
- Minn dakinhar 'il quddiem *Operation Pedestal* baqgħet magħrufa bħala l-Konvoj ta' Santa Marija.

Bla dubju ta' xejn il-wasla tal-Konvoj, speċjalment it-*tanker Ohio*, assigurat li Malta jkollha biżżejjed proviżjon sabiex tkompli għaddejja u ma taqax f'idejn l-għadu. Assigurat li l-popolazzjoni jkollha ikel biżżejjed għall-ġimgħat ta' wara, kif ukoll iż-żejt u l-*fuels* li tant kienu meħtieġa sabiex Malta tibqa' tiġġieled.

Mhux hekk biss imma dan ta saħħa kbira lill-alleati b'mod ġenerali, kemm fil-ġlieda fl-Afrika ta' Fuq fejn l-alleati minn Malta setgħu jxekklu lill-għadu milli jkompli jwassal armi u provvisti oħra f'din il-parti tad-dinja, kif ukoll sar aktar faċli sabiex tkun tista' tibda offensiva kontra Sqallija.

Dan kollu seta' jseħħ grazzi għall-isforzi u sagrifiċċji kbar li saru minn numru ta' bastimenti u eluf ta' baħrin li baħħru eluf ta' mili, assedjati minn sottomarini, ajruplani u bastimenti tal-għadu, li b'kuraġġ u dedikazzjoni kbira, kif ukoll bl-għajnuna ta' Santa Marija rnexxielhom iwasslu dan il-Konvoj; il-Konvoj li salva lil Malta.



*Il-Knisja*



*Il-kor imġarraf*



*L-artal tal-Immakulata*

# Mill-album tal-gwerra

*Ħajr lil National War Museum Association*



*It-Torri Vincenti*



*Pjazza tal-Knisja*



*Triq Valletta*


*Triq San Bażilju*


*Sqaq il-Lanġasa*


*L-isptar il-qadim*


*Triq San Innoċenzju*




MAYPOLE
since 1900

Qormi | Fgura | Iklin | Buġibba | Żabbar | Ħamrun | Swatar | San Ġwann | Żurrieq | Attard

tel: 22 581 581 | www.maypole.com.mt


UNIT ENERGY SOLAR
UNIT ENERGY SOLAR
Where to Find Us
MOSTA
We Are Here
EUCHARISTIC CONGRESS ROAD, MOSTA.
EUCHARISTIC CONGRESS ROAD, MOSTA.
Contact: 27556650 / 79951185 / 99874910
Email: unitenergysolarmalta@gmail.com
Website: unitenergysolar.com.mt


System Prices
6 Panels (1.5kw/p) €4,728
7 Panels (1.75kw/p) €5,516
8 Panels (2.0kw/p) €6,100
9 Panels (2.25kw/p) €7,092
10 Panels (2.5kw/p) €7,500
The Special Prices for the
8 & 10 Panel Systems
are for bookings in
Trade Fair dates only.
All above prices are inclusive of VAT, Full Standard system installed complete with Monitoring Apparatus and FREE Software Installation and Upgrades.
20 YEAR GUARANTEE
REPLACEMENT NOT REPAIR
Inverters
THROUGH
REAL TIME
INTERNET MONITORING
BY
enecsys
MICRO INVERTERS
Developed at
CAMBRIDGE UNIVERSITY
UK
The Problem
The Solution
25 YEAR WARRANTY
Panels
Mono-Crystalline
RATED TOP 10
250w
CanadianSolar
The 1st manufacturer in the PV industry certified for ISO:TS16949 (The automotive quality management system) in module production since 2003
Backed by our New 10/25 Linear Power Warranty plus our added 25 year insurance coverage
10 year product warranty on materials and workmanship and 25 year linear power output warranty
Applicable on Residential roof-tops, Commercial/ Industrial roof-tops, Solar power stations and other On-grid applications
Operating Temperature of -40°C to +85°C
Front Cover made of 3.2mm Tempered Glass and Frame material of Anodized aluminium alloy



# Mill-Emigranti Mqabbin

**Nazzareno Baldacchino**

Ħassejtni vera emozzjonat meta ntlabt nikteb żewġ kelmiet fuq il-programm tal-festa, il-festa li trabbejt fiha u li tant inħobb. Erġajt ħassejt il-ferħ ta' meta kont tfajjel u għaddew minn quddiem għajnejja ħafna memorji ta' ġrajjiet u praspar li niftakar qisu lbieraħ, mumenti li baqgħu stampati fil-memorja u li żgur qatt mhu se ninsiehom.

L-aħħar li kont fostkom kien mument storiku ħafna għas-Soċjetà tagħna u għal dawk kollha li huma dilettanti tan-nar bħali. Dan għaliex l-aħħar li ġejt fl-2007, mhux biss iċċelebrajna festa bil-kbir iżda bħala partitarji morna lkoll Ruma bħala familja u minbarra li ħadna pjaċir flimkien, irbaħna l-kompetizzjoni tan-Nar 'Caput Lucis,' suċċess li għalija kien sinjifikanti ħafna għaliex dejjem kont dilettant tan-nar u meta kont għadni żagħżugħ kont nagħmel parti mill-grupp tan-nar li dak iż-żmien konna grupp żgħir fil-bidu tiegħu, iżda fuq dan nitkellem ftit aktar 'il quddiem.

Meta niftakar fil-festi ta' ċkuniti u meta kont imfarfar, jiġuni quddiem għajnejja xeni ta' ferħ kbir kif kienet toqrob il-festa. Konna lkoll nifirħu b'affarijiet sempliċi ħafna u fiż-żgħożija niftakar sewwa li ż-żgħażagħ kollha kienu jivvintaw xi ħaġa għall-festa; dejjem moħħna biex nagħmlu xi ħaġa innovattiva, għall-briju u għan-nar, speċjalment dak tal-art u anke fin-nar tal-ajru li minn dejjem konna minn quddiem fih.



Is-Sur Żaren Baldacchino ma' xi hbieb ġewwa l-Kamra tan-Nar, waqt btala f'Malta fl-1997.



Żaren Baldacchino fil-Pjazza tal-Imqabba ma' xi ħbieb tiegħu fl-1969.

Meta kienet tkun ġejja l-festa niftakar niltaqgħu ż-żgħażagħ ħdejn il-każin, normalment fuq it-tarġiet tas-salib tal-pjazza u naħsbu f'xi ħaġa għall-jiem tal-festa. Konna noħorġu b'ħafna ideat differenti u flimkien konna niddeċiedu x'se nagħmlu. Fis-sittinijiet il-festa kienet ferm differenti minn dik li hi llum. Jekk nieħdu biss il-banda, din kienet iddoqq biss f'lejliet u nhar il-festa, fejn kien jintrama planċier ħdejn il-każin tagħna u fuqu ddoqq il-Banda Re Ġorġ V, u jintrama planċier ieħor quddiem id-dar ta' Dun Karm Ghigo fejn kienet tiġi ddoqq xi banda miż-Żurrieq.

Niftakar tajjeb li fit-tridijiet kulħadd kien jinġabar fil-knisja għall-quddies u ċ-ċelebrazzjoni tat-tridu, u waqt il-barka kienu jinħarqu l-maskli li kienu jkunu kkargati bil-porvli u x-xaħx u xi murtal tat-tlieta. Wara l-barka kulħadd joħroġ mill-knisja u jinġabar ħdejn il-każin fejn kienu jinħarqu biċċiet ta' nar tal-art minn fuq il-bjut ta' xi djar qrib il-każin (Ta' Inġierka) jew minn fuq il-każin stess.

Hawn ngħaddi għan-nar tal-ajru li minn dejjem kont dilettant ħafna tiegħu. Meta kont tfajjel niftakar li ftit kienu jsiru murtali għall-festa. Fil-fatt meta ġejt l-aħħar għall-festa fl-2007 nnutajt li fit-tridu f'nofsinhar saru jaħarqu murtali daqskemm kienu jaħarqu f'festa sħiħa. Għadni niftakar meta fl-1960 għamilt sitt murtali tal-beraq pront ġo tal-ħamsa, li sfortunatament ma tantx mort tajjeb ħafna bihom imma xorta waħda nitbissem meta niftakar il-kummenti li għaddewli. Niftakar tajjeb ħafna li f'dak iż-żmien kienu jsiru tużżana murtali tal-kulur li kien jagħmilhom Ċensu ta' Kalċ u murtali tal-bomba u murtaletti maħduma minn Ġorġ tal-Bażwank.

Illum imxejna ħafna 'l quddiem fil-logħob tan-nar, tant li nemmen li l-innovazzjonijiet li ħolqu d-dilettanti tan-nar ta' Santa Marija tal-Imqabba huma uniċi mhux biss għal Malta iżda fid-dinja.

Dawk il-forom uniċi, il-kitba bin-nar, ċentrijiet bil-forom fihom, murtali bħal bebbux u l-ftuħ tal-kulur li rajt waqt il-ħarqa f'Ruma u fil-festa żgur qatt ma rajthom imkien, u dawn huma riflessjoni ta' kemm imxejna 'l quddiem f'dawn l-aħħar erbgħin



Is-Sur Żaren Baldacchino man-neputija tiegħu mal-istatwa li ħadem hu stess ġewwa Melbourne.



Il-purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Marija ġewwa Melbourne.

sena. Niftakar tajjeb ħafna f'mawra li għamilt għall-festa tal-1985, waħda minn numru ta' mawriet lura fir-raħal tiegħi, meta kont ippruvajt naħdem xi blalen żgħar għall-festa ta' Santa Marija li kont rajt bħalhom l-Awstralja stess f'ħarqa nar li kien qed jagħmel grupp tan-nar Taljan. Fil-fatt għamilt ftit minn dawn il-blalen li nħarqu fil-festa u wara għaddejt kollox lid-dilettanti tan-nar tagħna.

Niftakar tajjeb ħafna wkoll il-logħob tan-nar tal-art li kien jiġbor ħafna dilettanti tan-nar madwaru. Dawn kull sena kienu jaħdmu xi biċċa ġdida. In-nar tal-art kien l-aktar forma ta' divertiment waqt il-festa fejn minbarra li kienu jsiru biċċiet mekkanizzati u ta' skola kbira bħall-ewwel *universal* u *universals* oħra warajha, l-arloġġ u xogħol bil-ktajjen, kienu jsiru ħafna biċċiet bħal pupi ta' kull tip, il-miġnuna, l-ajruplani u affarijiet oħra bħal dawn li kienu jieħdu pjaċir bihom in-nies kollha. U niftakar tajjeb ħafna stejjer li permezz ta' dawn il-biċċiet jagħtu tbissima lill-partitarji. Eżempju ta' dan kienu l-ajruplani li kienu jittajru permezz tan-nar ma' wajer li kien jaqsam il-pjazza. Dawn kienu jgħaddu minn quddiem frejgata li tispara fuqhom. Niftakar numru ta' praspar b'dawn l-ajruplani imma meta nħares lura ngħid x'periklu kien fihom ukoll!

Fejn jidħol in-nar tal-art ma nistax ma nsemmix il-bravura u l-inventiva ta' Żeppi Ghigo n-Naqxi. Qisu lbieraħ nara quddiem għajnejja l-*universal* li kienet il-bidu tan-nar tal-art kif nafuh illum u l-arloġġ idoqq it-tokki preċiżament mat-tokki tal-qniepen fil-kampnar tal-knisja, ħaġa tal-għaġeb u ferħ kbir li ġie wara.

Meta ġejt għall-festa tal-2007 rajt bidliet kbar mill-festi kif nafhom jiena fl-imgħoddi. Il-festa kibret ħafna, tant li bqajt mistagħġeb bil-konkorrenza tad-dilettanti li jiġu l-Imqabba għall-festa tagħna: folol kbar ta' nies għall-marċi speċjalment fl-aħħar tridu, lejlietha għan-nar u nhar il-festa għall-purċissjoni bil-vara tal-Assunta.

Il-festa llum inbidlet ħafna anke minħabba s-sempliċi fatt li llum hawn ħafna għaqdiet differenti li jieħdu sehem fil-festa b'mod attiv. Fil-fatt b'differenza mill-imgħoddi, in-nisa jieħdu sehem b'mod attiv fil-festa, mhux biss billi jaħdmu bla waqfien, iżda anke jieħdu sehem sħiħ fil-marċi li hija sitwazzjoni differenti ħafna minn dari fejn il-ġuvintur kienu jieħdu sehem fil-marċ u jorganizzaw il-briju.

Minbarra n-nar, dejjem kelli għal qalbi l-arti: it-tpinġija, il-pittura u



Żaren Baldacchino waqt li kien għaddej bix-xogħol fuq l-istatwa ta' Santa Marija ġewwa Melbourne.

anke l-arti tal-istatwi u t-tinqix. Minn età żgħira urejt interess u dejjem kont ingħaġġaħ xi ħaġa żgħira 'l hawn u 'l hemm. L-Imqabba għadek issib xi ftit xogħol minn tiegħi f'xi djar ta' ħbieb u ġirien tagħna u anke fil-post tan-nar tagħna. Fl-Awstralja wkoll komplejt nagħmel xogħol tal-arti u għadni sal-lum naħdem fuq statwi u nagħmel xi pittura meta nintalab. Fis-sena 1984 kont intlabt nagħmel statwa ta' Santa Marija għall-festa li kienet issir ġewwa Laverton f'Melbourne. Kumitat kompost minn numru ta' emigranti Maltin minn irħula u bliet madwar Malta li jiċċelebraw il-Festa tal-Patruna Universali kienu talbuni naħdem statwa tal-Assunta għall-festa tagħhom. Minħabba l-fatt li qatt ma kont ħdimt statwa tal-kartapesta, l-ewwel għamilt disinn u ħdimt statwa żgħira bħala mudell sabiex naħdem l-istatwa proprja. Niftakar tajjeb nibgħat għall-għajnejn tal-ħġieġ lil ommi Marija ġewwa Malta li kellmet persuna li bagħtet għalihom l-Ingilterra u ntbagħtuli bil-posta. L-istatwa domt naħdimha kważi erba' xhur wara x-xogħol tiegħi u kont kuntent ferm li kont qed naħdem l-istatwa tal-Assunta li tant inħobb. Din l-istatwa ħarġet l-ewwel darba fil-purċissjoni tal-festa ta' Santa Marija f'Melbourne fl-1985 u baqgħet issir il-festa tagħha sa ftit snin ilu meta l-kumitat waqaf jiffunzjona.

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ billi nirringrazzja lis-Soċjetà talli talbitni nirrakkonta ftit dawn l-istejjer tal-imgħoddi u nifraħ lill-Imqabbin kollha għall-festa li ġejja. Jalla tibqgħu tagħmlu festa kbira li tixraq lil Ommna Marija Patruna tagħna lkoll.


Horace Spiteri
Tan-Newwes
Xogħol ta' Funerali
Twiebet ta' Malta jew ta' Barra • Fjuri • Reffija • Permessi
• Karozzi tal-Mejtin • Karozzi Privati • Xandir fuq ir-Radju • Santi • Defina
u dak kollu li għandhom x'jaqsmu mal-Funerali.
Prezzijiet Moderati
24 Siegħa Servizz
'Franjes', 18, Triq Dun Lawrenz Degabriele. Żejtun
Mobile: 9949 8829 • Tel: 2169 4212 / 2169 3247



# J&J

## BOATYARD & WAREHOUSING

Ta' Għadajma l/o Mqabba
(near ST Micro Electronics)

**m: 99995020 / 79495020**

State-of-the-art Facilities
24 hrs x 7 onsite Security
CCTV recordings all around
All time access to pass holders









**Rental charges**

garages 250sqm - 600sqm - €39.50/sqm yearly
boatyard & caravans -€16.30/r ft yearly
internal boat storage -€32.60/r ft yearly

**your storage partner**



aġenzija żgħażagħ

# Iż-Żgħażagħ u t-tagħlim tal-Mużika

**Nicholas Baldacchino**

Illum il-ġurnata ż-żgħażagħ dejjem qed ifittxu żvog jew passatemp alternattiv. Filwaqt li sa għoxrin sena ilu kienet għadha biss moda fejn tidħol attività li ssir fil-ħin tal-mistrieħ, illum iż-żgħażagħ qed ikunu ħafna iżjed innovattivi fl-għażliet tagħhom u anke passatemp fil-ħin liberu qed isir b'tali mod li l-ħin ikun massimizzat. B'hekk qed inkomplu nirrendu l-ħajja iżjed mgħaġġla u kulħadd għaddej "*on the fast track*," kif jgħid l-Ingliż.

Jekk inħarsu lejn għoxrin sena ilu, sewwasew meta bdejt nitgħallem il-banda jien stess mas-Soċjetà tagħna, l-għażliet sabiex wieħed iqatta' l-ħin liberu kienu ristretti ħafna, tant li l-uniċi żvogi li niftakar tajjeb jien u li kelli l-opportunità nagħmel kienu xi attività fil-każin tal-banda, il-prattika ta' xi sport, l-aktar il-futbol, is-sehem f'xi organizzazzjoni filantropika jew tal-Knisja u xi passatemp fejn iġġemma' xi oġġetti jew taħdem xi artiġġjanat.

Illum hawn minn kollox u iżjed ma jgħaddi ż-żmien iż-żgħażagħ tagħna qed jużaw il-ħin liberu tagħhom bl-iżjed mod miftuħ immaġinabbli. F'dan m'hemm xejn ħażin, anzi b'dan il-mod il-ħiliet taż-żgħażagħ tagħna jkunu aktar usa' u b'hekk iż-żgħażagħ jieħdu direzzjoni li tiftħilhom it-triq għall-futur tagħhom għaliex jiskopru t-talenti tagħhom f'affarijiet li jħobbu. Għalhekk hemm bżonn nagħrfu dan u naħdmu f'din id-direzzjoni.

Is-Soċjetà tagħna qiegħda dejjem tħares lejn iż-żgħażagħ bħala l-mutur tas-soċjetà li b'entużjażmu jidħlu għal sfidi ġodda li jkomplu jkabbru l-festa u għalhekk hemm bżonn li ninvestu fihom. Dan huwa wkoll l-iskop ewlieni tal-banda li qed tħares lejn it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna u tinvesti fit-tagħlim tagħhom.

Bħala Kummissjoni Banda qegħdin naħdmu biex dejjem inħajru aktar żgħażagħ jitgħallmu l-mużika mas-Soċjetà u dan ser inkunu qegħdin nagħmluh ukoll b'mod innovattiv u differenti ferm minn kif kien isir s'issa. Fl-aħħar xhur ġejt inkarigat mill-Kummissjoni sabiex nieħu ħsieb nipprepara d-dokumentazzjoni u napplika għall-proġett li ġie mfassal bejnietna l-membri tal-Kummissjoni Banda u approvat mill-Kumitat Ċentrali.

Permezz tal-inizjattiva "It-Taħriġ Mużikali taż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda" mtellgħa mis-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u l-Isport flimkien mal-Aġenzija Żgħażagħ, il-Banda tagħna applikat għall-proġett li ġie approvat u għalhekk ingħatajna l-fondi sabiex inkunu nistgħu nagħmlu ħidma favur l-iżvilupp u t-taħriġ mużikali tal-allievi preżenti, dawk futuri, kif ukoll in-numru sabiħ ta' bandisti żgħażagħ eżistenti.

Permezz ta' dan il-proġett aħna l-Kummissjoni Banda flimkien mas-Surmast Direttur ser inkunu nistgħu nagħtu tagħlim lill-allievi bit-teknoloġija tal-informatika, li huwa mezz modern kif jingħata t-tagħlim mużikali, bl-użu ta' kompjuter u numru ta' programmi li huma mmirati biex ikunu ta' għodda għat-tagħlim tal-mużika f'kull livell, kif ukoll programmi li jagħmlu l-kompożizzjonijiet mużikali aktar faċli. Minbarra dan il-kompjuter li ser ikun qed isir użu kontinwu tiegħu mill-allievi u l-bandisti, qiegħed jiġi ppreparat ktieb tat-tagħlim *ad hoc* li jiffaċilita t-tagħlim u jkun ħafna aktar sempliċi u divertenti għal dawk li qed jitgħallmu.

Fost affarijiet oħra li permezz ta' dan il-proġett qegħdin nipprovdu għall-bandisti tagħna nsibu numru ta' leġiji ġodda li ser jintużaw fl-attivitajiet li jsiru mis-Soċjetà speċjalment meta l-banda tieħu sehem fl-attivitajiet tas-Sezzjoni Żgħażagħ permezz ta' banda żagħżugħa, numru ta' lezzjonijiet speċjalizzati għall-bandisti tagħna u lezzjonijiet żejda għall-allievi sabiex ikollhom aktar tagħlim avvanzat.

Dan kollu ma setax isir mingħajr l-għajnuna ta' sħabi tal-Kummissjoni Banda u s-Surmast Direttur li minn hawn insellmilhom ilkoll. L-appoġġ tal-Kumitat Ċentrali kien importanti ferm, kif ukoll l-għajnuna tas-Sur Jason Zammit mill-Aġenzija Żgħażagħ u l-Onorevoli Clyde Puli flimkien mas-Segretarjat tiegħu.



Is-Sur Nicholas Baldacchino qiegħed jirċievi l-grant tal-proġett f'isem il-banda mingħand l-Onor. Clyde Puli, Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u l-Isport fil-preżenza ta' Ms. Miriam Theuma, Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Żgħażagħ.

Id-dover tagħna għandu jkun li nkomplu naħdmu fl-aħjar interess tas-Soċjetà tagħna u għalhekk irridu nħarsu lejn il-futur u nkomplu nagħtu l-għodda liż-żgħażagħ u dawk li ġejjin warajna sabiex ikomplu jsaħħu dak li nbena fuq pedament sod tul is-snin. Minn qalbi nixtieq il-Festa t-Tajba lil kulħadd.

Jalla nibqgħu nagħmlu dak kollu li nifilħu u minn qalbna sabiex inkomplu nagħtu ġieħ lil Ommna Marija mtellgħa s-Sema li dejjem iżżomm idejha fuqna.

Viva Santa Marija



# Tfal tat-Titular

## *Inkomplu nsaħħu l-ġenerazzjoni t'għada lkoll flimkien*

**Rebecca Farrugia**

Għaddiet sena minn mindu twaqqaf dan il-grupp u l-entużjażmu tat-tfal kif ukoll tal-ġenituri aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed jikber. Dan lilna jimlina b'kuraġġ kbir biex inkomplu naħdmu u ntejbu dan il-proġett, proġett li s'issa qiegħed jurina li dak li ħdimna għalih fil-bidu qed jagħti l-frott tiegħu sew. Bħala Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija qatt ma ħarisna lura u komplejna nħeġġu tfal ġodda biex jattendu dawn il-laqgħat ħalli jibdew jersqu lejn is-Soċjetà bil-mod il-mod. Fil-bidu ta' din is-sena laqqajna lill-ġenituri ta' dawn it-tfal biex ikunu jafu x'kellna f'moħħna u minn dakinhar bdejna nlaqqgħu lit-tfal membri tal-klabb. Sibt wara Sibt it-tfal baqgħu dejjem jiżdiedu u jxerrdu l-kelma dwar dan il-klabb.

Il-laqgħat tal-klabb isiru kull nhar ta' Sibt bejn it-tlieta u l-erbgħa u nofs ta' waranofsinhar, fejn it-tfal jaqtgħu ftit mir-rutina tal-iskola u jirrilassaw permezz ta' logħob, krafts, kant, żfin u films li fl-aħħar mill-aħħar huma edukattivi. Ftit mill-attivitajiet li t-tfal ħadu ferm gost bihom huma dawk ta' żmien il-Milied kif ukoll ta' żmien il-Karnival. Bħala Sezzjoni Żgħażagħ nippruvaw nintegraw lit-tfal fl-attivitajiet tagħna u b'hekk fi żmien is-serata karnivaleska ħriġna bl-idea li dawn it-tfal ċkejknin jifthu s-serata huma stess permezz ta' żfin koreografat minn Delia Cilia Galea. Fil-Milied kellna bosta attivitajiet ippreparati, fosthom il-famuża *non-baking cooking*, fejn bl-għajnuna tal-ġenituri t-tfal sajru *Christmas Log* li ntlaqa' sew. It-tfal ħadu gost mhux ftit bir-riżultat, fejn bl-immaġinazzjoni tagħhom iddekoraw il-*log* kif riedu huma. F'dak il-perijodu wkoll it-tfal kellhom l-opportunità li joħorġu barra mir-raħal u jżuru bosta presepji.

Huma ħafna l-krafts li għamilna f'dawn il-laqgħat. Forsi l-aktar kraft li ntlaqa' sew kien il-kontenitur tal-frott li ngħata lill-ommijiet fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm. Għall-bidu t-tfal kienu xettiċi dwar dan il-proġett minħabba li ma kinux jafu sewwasew ir-riżultat finali tiegħu. Madankollu t-tfal membri qatt ma qatgħu qalbhom fil-ħidma tagħhom u baqgħu jħabirku sakemm fl-aħħar mill-aħħar ir-riżultat kien wieħed sabiħ ħafna.

L-attivitajiet ta' matul is-sena jvarjaw, però jien u sħabi tas-sottokumitat nippruvaw li waqt il-laqgħat indaħħlu dak l-element ta' festa matul is-sena kollha. Apparti dan kollu, ta' min wieħed ifakkar u jagħti importanza lill-funzjonijiet u l-attivitajiet reliġjużi. Mhux darba jew tnejn li attendejna għall-Erbgħat tal-Madonna, kif ukoll għal xi funzjoni jew oħra matul il-Ġimgħa Marjana.

Huwa impossibbli nsemmi l-attivitajiet kollha li għamilna waqt il-laqgħat tal-klabb. L-entużjażmu li jiġu u jkomplu bih it-tfal membri jagħtina aktar motivazzjoni u ħeġġa biex inkomplu nkabbru dan il-klabb. Minn hawnhekk nixtieq inħeġġeġ lil dawk it-tfal kollha ta' bejn it-tlieta u t-tnax-il sena sabiex jattendu u jieħdu gost mal-kumplament ta' sħabhom. Grupp ta' dan it-tip jista' jkun ta' rilassament għal dawk it-tfal ċkejknin biex jaqtgħu ftit mir-rutina tas-soltu



Grupp tat-tfal membri fil-Klabb Tfal tat-Titular waqt waħda mill-ħarġiet tagħhom ġewwa ċ-Ċirklu fil-Furjana, fil-ġranet tal-Milied.



Grupp tat-Tfal waqt żifna li tellgħu fis-Serata Karnivaleska mtellgħa mis-Sezzjoni Żgħażagħ fil-pjazza ta' quddiem il-każin.


Manuel Bezzina Co Ltd
DERBY
IMPORT - EXPORT
ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITÀ
ALPHA
Bikrija
Safra
DERBY
SLANEY
SAVANNA
Patata bikrija, reżistenti għall-mard u
għammiela ħafna li ser tiġi esportata
lejn il-Ġermanja u l-Olanda.
Bajda
Bajda
DRUID
ARRAN BANNER
LISETA
CARA
Aktar Tagħrif Manuel Bezzina Co Ltd
'Springfield', 24, Excelsior Street, Għargħur NXR 1112
Tel: (Res) 21410204, (Ta' Qali) 21418192
Mob: 99497346 • Fax: 21412587
E-mail: manuelbezzina@hotmail.com
Hamra
Ta' Għajnha
Hamra


A new, state of the art dental practice offering high quality dental care for you and all your family. Apart from offering the latest cosmetic dental techniques and solutions we are proud to offer you everyday dental treatments in a relaxed and caring environment.
St. Paul's Dental Clinic
Dolmen Street
Safi
TEL: 27560272
MOB: 79092400




Design

Pre-Press

Printing

Finishing

BEST Print CO. LTD
OFFSET AND LETTERPRESS PRINTERS

**Żurrieq Road, Qrendi QRD 1814**
**T:** 2168 0789 / 2164 9012 • **M:** 9949 9084 / 9925 9084
**E:** bestprint@maltanet.net



It-tfal waqt waħda mil-logħobiet li jkollhom matul is-Sezzjonijiet tal-Klabb Tfal tat-Titular.



It-tagħlim tal-crafts li huwa waħda mill-attivitajiet l-aktar li jingħataw prijorità fil-Klabb Tfal tat-Titular.

waqt li jkunu qegħdin f'ambjent edukattiv u rikreattiv fl-istess ħin.

Qabel nagħlaq nixtieq nirringrazzja lill-membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ tas-Soċjetà Santa Marija kif ukoll lill-membri tas-sottokumitat li dejjem ħdimna biex inkabbru dan il-klabb. Żgur li mingħajr l-ideat ta' kulħadd u l-għajnuna tat-tfal membri stess dan qatt ma seta' jkun possibbli. Fl-aħħar mill-aħħar huma dawn l-istess tfal li ser ikunu qed imexxu s-Soċjetà tant għażiża għalina … is-Soċjetà Santa Marija!!

Grazzi u l-festa t-tajba lil kulħadd.

Viva Santa Marija!





# Mikielanġ Sapiano

## *Arluġġar Imqabbi (Mitt sena minn mewtu) 1826-1912*

**mis-Sur Victor Galea**

Mikielanġ Sapiano twieled l-Imqabba fid-19 ta' Marzu 1826, iben Baskal u Tereża Agius. L-ismijiet li ngħata fil-magħmudija kienu: Mikielanġ, Ġużeppi u Stiefnu. Fit-12 t'Ottubru 1847 iżżewweġ lil Mikelina Mifsud, xebba minn Ħal Luqa, u mar joqgħod fl-istess raħal. Fl-1857, wara li kienet mietet Mikelina, Mikielanġ iżżewweġ lil oħtha Marjanna.



MikielAnġ Sapiano

Fi tfulitu kien imur jitgħallem is-sengħa ta' mastrudaxxa għand Ġużeppi Bugeja fis-Siġġiewi, l-aktar fejn jidħlu l-għodod tal-biedja. Meta kien ikun is-Siġġiewi waqt il-ħin tal-mistrieħ kien imur jara lill-arluġġar Kalċidon Pisani u minn hemmhekk beda jinġibed lejn din is-sengħa. Hu telaq it-tagħlim ta' mastrudaxxa u beda jmur il-Marsa għand Ġan Anton Tanti li kien ħaddied, funditur u arluġġar. Ta' erbatax-il sena fetaħ ħanut għat-tiswija tal-arloġġi ġewwa raħal twelidu, l-Imqabba.

L-arloġġ tal-knisja tal-Imqabba li kien inħadem minn Ġan Anton Tanti tqiegħed fil-kampnar fl-1758 u l-knisja kienet ħallset għalih is-somma ta' SC 174-3-. Wara ħafna żmien dan ġratlu l-ħsara u kienu ħafna arluġġara li ppruvaw isewwuh iżda ħadd ma rnexxielu. Imbagħad ġie avviċinat Mikielanġ sabiex isewwih u dan kien li rnexxielu jirranġah. Għal dan il-knisja ħallset is-somma ta' SC 200 għall-ispejjeż għax Mikielanġ ma ried xejn ta' jdejh. Minn hemm 'il quddiem Mikielanġ ħa l-fama ta' arluġġar prim.

Hu ma baqax biss jirranġa l-arloġġi iżda beda wkoll jibni l-arloġġi hu stess. L-ewwel arloġġ li ħadem kien għall-knisja tal-Gudja fl-1860, fl-1862 għall-knisja ta' Ħal Kirkop, fl-1872 ta' Ħ'Attard u fl-1873 dak tal-Kalkara u arloġġ għax-Xatt tal-Marsa. Fl-1875 hu ħadem tliet arloġġi oħra: dawk ta' Stella Maris f'Tas-Sliema, tal-Mellieħa u x-Xewkija.

Fl-1877 ħadem l-arloġġ għaċ-Ċimiterju tal-Addolorata, ieħor għan-Nadur u ieħor għal Ta' Sannat. Imbagħad fl-1878 ħadem dak għall-knisja ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi u ta' San Pawl f'Birkirkara, u fl-1881 ħadem ta' Ħal Luqa u sena wara ta' Ħaż-Żebbuġ. Fl-1888 ħadem l-arloġġ għall-knisja ta' Santa Katerina ta' Lixandra, fl-1889 dak tal-Mosta, fl-1893 ta' Bormla u fl-1894 tas-Siġġiewi.

Fl-1894 Mikielanġ ġie mqabbad ukoll mill-Gvernatur sabiex jirranġa l-arloġġ tal-Palazz tal-Belt minħabba li kien idejqu jdoqq matul



Id-dar fejn kien joqgħod MikielAnġ fi Triq Rango, imma llum imsemmija Triq Pawlu Magri.



L-arloġġ tal-Palazz tal-Gvernatur fil-Belt Valletta, li kien irranġat minn MikielAnġ b'tali mod li ma jdoqqx fil-ħinijiet ta' bil-lejl.

# TAX-XIHA RESTAURANT

Blue Grotto, Wied iż-Żurrieq




*specialising in:*

**FRESH FISH AND MEAT**

***(A la Carte and Maltese Rabbit also available)***

**AND MANY SPECIAL DISHES**

*For reservations phone 21680684*

**Opening Hours (from 1st June onwards)**
**from 9.00am till 11.00pm**


Ta' Frida
Prop. Andrew Grech
Pet & Garden
103, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba - MQB 1309.
Tel: 2164 2693 • Mob: 7970 6677 • E-mail: fridapts@maltanet.net
Where you can find various pet foods, plants, trees, agricultural products and agricultural feeds.
Veterinary Service available every Wednesday
Mon - Fri: 8.00am - 12.00pm & 3.00pm - 7.00pm • Sat: 7.00am - 3.00pm
Premium Quality Rabbit Feeds
LEONE ITALY
HOLLAND KOUDIJS
SPAIN Grup Alimentari Guissona
VANROBAEYS
Friskies
PURINA PROPLAN
Eukanuba
ANDREWS
whiskas
Pedigree
SCIENCE PLAN
CIMIAO
Farmina
ROYAL CANIN
CIBAU

il-lejl għax ma kienx iħallih jorqod. Sapiano sab mezz kif jikkuntenta lill-Gvernatur, b'tali mod li bejn it-tmienja ta' filgħaxija u s-sitta ta' filgħodu dan ma kienx idoqq.

Żewġ arloġġi li Mikielanġ jibqa' jissemma għalihom huma dawk tal-knisja ta' Santa Katerina ta' Lixandra fl-Eġittu li għaliha ħadem arloġġ b'mekkaniżmu li kien iħaddem erba' kwadranti u fl-istess ħin ħaddem arloġġ fis-sagristija li kien sebgħin pied 'il bogħod, u l-arloġġ li kien ħadem għax-Xatt tal-Marsa. Li kien jagħmel dan l-arloġġ speċjali kien li minbarra li jdoqq il-ħin regolari, kien ukoll idoqq erba' darbiet kuljum fil-ħin li jibdew u jispiċċaw il-ħaddiema tax-Xatt.

Ħaġa interessanti kienet li ma kienx idoqq nhar ta' Ħadd meta l-ħaddiema ma kinux ikunu xogħol.

Mikielanġ ingħata diversi rikonoxximenti fosthom ċertifikat u midalja mis-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ għall-arloġġ tal-idejn li kien ħadem fl-1857. Dan l-arloġġ ingħata bħala rigal lid-Duka ta' Clarence. Fl-1908 l-istess Soċjetà onoratu bl-ogħla unur tagħha permezz ta' midalja tad-deheb għall-kapaċità li wera f'xogħlu.

Mikielanġ ma kienx biss arluġġar iżda kien meqjus ukoll bħala ġenju



L-arloġġ tal-knisja tal-Imqabba li għamel lil MikielAnġ famuż fis-sengħa tiegħu.

tal-inġinerija. Meta kien għadu ġuvni, kien bena rota biex imur iżur lill-għarusa tiegħu li kienet toqgħod Ħal Luqa. Mikielanġ kien ivvinta din ir-rota hu stess madwar erbgħin sena qabel daħlu r-roti hawn Malta. Din ir-rota kellha żewġ roti fuq wara u waħda kbira fuq quddiem, u r-roti kienu mqabbdin ma' xulxin permezz tal-lastiku. In-nies saħansitra xħin kienu jarawh kienu jużaw l-espressjoni: "Ara ġej tal-lastiku!"

Jingħad li kien ivvinta żveljarin għat-tfal tiegħu, li flok idoqq kien jixgħel fjamma li kienet tqabbad xemgħa sabiex iqumu xħin jaraw id-dawl. Kien ukoll ivvinta sodda li xħin isir il-ħin biex iqumu filgħodu kienet tiċċaqlaq u wara ftit ħin kienet tinqaleb minn pożizzjoni vertikali għal orizzontali, sabiex jekk dak li jkun jibqa' rieqed is-sodda taqilbu b'mod awtomatiku.

Hu ħadem ukoll miżien għad-dwana ta' Malta, li kien jiżen kemm toqol kbir kif ukoll toqol mill-aktar ħafif, saħansitra t-toqol ta' qamħa. Id-disinn ta' dan il-miżien sar mill-Konslu tad-Deheb, is-Sur Naudi.

Wara li dan id-disinn ġie studjat bir-reqqa mill-kap tad-dwana, is-Sur Inglott, l-istess disinn intbagħat lil Sir Penrose Julian biex jinħadem fl-Ingilterra. Iżda ġara li d-disinn kien reġa' nġab lura Malta għax qatgħu qalbhom li jsir kif xtaq is-Sur Naudi u għalhekk ma nstabitx persuna fl-Ingilterra li tieħu r-responsabbiltà li taħdem dan il-miżien hekk kbir iżda li jkun daqshekk preċiż fl-istess ħin.

Il-Professur Tagliaferro li dak iż-żmien kien jgħallem il-mekkanika fil-Liċeo ta' Malta rrakkomandawlu li jiġi avviċinat Mikielanġ sabiex jaħdem dan il-miżien. Sapiano daħal għal din il-biċċa xogħol bl-għajnuna tat-tifel tiegħu u l-miżien kien lest fi żmien sitt xhur. Hu saħansitra kellu anke jaħdem għodod ġodda apposta biex seta' jħaddem dan il-miżien daqshekk preċiż.

Meta Sir Penrose Julian ġie Malta bħala Kummissarju tar-



Wieħed mill-ħafna arloġġi li bena MikielAnġ Sapiano.

Reġina u ra dan il-miżien jaħdem ikkummenta hekk: "Dak li ma sarx l-Ingilterra, sar ġewwa Malta."

Sapiano għex il-kumplament ta' ħajtu f'Ħal Luqa fejn miet fl-għomor ta' 82 sena fit-2 ta' Diċembru 1912. Hu ndifen fil-korsija tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa, maġenb il-pilastru maġġur tan-naħa tal-epistola.

Jibqa' mfakkar mhux biss għall-arloġġi li ħadem, kemm arloġġi kbar, *grandfather clocks* u arloġġi tal-idejn, iżda wkoll għal dak kollu li għandu x'jaqsam mal-mekkanika.

M'hemmx dubju li Mikielanġ huwa l-aktar arluġġar famuż li qatt kien hawn Malta. Mhux ta' b'xejn hu magħruf bħala l-Ġenju Malti tal-Mekkanika. F'raħal twelidu l-Imqabba kien sarlu mafkar ġewwa l-ġnien li jinsab fit-triq imsemmija għalih.

**Referenzi**


Mill-ktieb *Deskrizzjoni Storika tal-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba* miktub mis-Saċerdot Dun Lawrenz Zammit fl-1927, p. 20.

La Fenice 11.6.1875

*Leħen is-Sewwa* 10.12.1952.

Ġużè Dimech Debono, Mikielanġ Sapiano fil-*Pronostiku Malti* 1949, pp. 78-85.

Mill-ktieb ta' Satariano G. p. 449.

Mill-ktieb ta' Carmel Vassallo pp. 126-127.


Kif ukoll ringrazzjament lin-Nutar Pubbliku Dr. Joseph Sapiano LL.D., B.A.



# Tliet settijiet gandlieri ġodda għall-festi

Kan. Dun Jonathan Farrugia

Minn mindu sirt abbati fl-Imqabba 25 sena ilu kienet taqbadni d-dieqa meta jaslu l-festi u nara l-altari ta' San Pawl, ta' San Gejtanu u tal-Assunta armati bil-gandlieri ta' kuljum. Qabel kont ilni abbati xi erba' snin iż-Żurrieq u fil-festi l-altari kollha kienu jkunu armati kif jixraq u ma kien ikun hemm xejn li jkun armat matul is-sena. Qatt ma fhimt kif l-Imqabba n-nies jippreferu jagħtu l-eluf ta' liri għall-ħruq tal-murtali waqt li jħallu l-knisja mneżżgħa.

Sa sentejn ilu fil-festi, apparti l-altar maġġur, minn disa' altari kien ikun hemm armati sitta. Erbgħa minnhom jintramaw b'gandlieri li huma proprjetà tal-Fratellanza tal-Immakulata, wieħed b'gandlieri tal-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju u l-ieħor b'gandlieri tal-parroċċa. Żewġ kappillani minn ta' wara l-gwerra li taw ħafna kas it-tiżjin fil-knisja għal żmien il-festi kienu Dun Ġerald Mangion u Dun Karm Bianco. Minkejja li ma nistax ngħid x'kien jiġri li kieku damu aktar fil-parroċċa tagħna, ma nistax neskludi li forsi kellhom f'rashom li dawn it-tliet altari jkunu mżejnin kif jixraq ukoll. Min jaf?

Fi żmien il-kappillan Bartolo, proprju fis-sena ċentinarja tal-parroċċa, fl-1998, il-kummissjoni taċ-ċentinarju kienet issuġġeriet li fuq l-altar tal-kor jibdew jintramaw il-gandlieri l-antiki tal-injam li huma parti mis-sett barokk li jintrama fil-festi tal-Madonna tal-Ġilju, tal-Madonna tar-Rużarju, ta' Corpus, fil-Milied u fil-Kwaranturi. Ma' dawk li mdorrijin naraw hemm sitt gandlieri oħra li ma jintużaw qatt. Dawn qabel kienu jintramaw bħala t-terza f'Corpus. Fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju kellhom jintramaw dawn is-sitta li m'għadhomx jintużaw, waqt li f'Santa Marija kellhom jintużaw dawn u s-sitta l-oħra li jintramaw fuq is-sekonda tal-maġġur fil-festi kollha ħlief f'Santa Marija. Ir-rikors kien sar fl-20 ta' Mejju 1998 u kien għadda, imma għal xi raġuni l-kappillan qata' qalbu mill-ispejjeż tar-restawr għal dawn il-gandlieri u rtira l-imsemmi rikors fit-28 ta' April 1999. Kien iddispjaċini b'dak li ġara għax it-tama li l-altar tal-kor jibda jkun fi stat deċenti taret mar-riħ mingħajr biss sar tentattiv ta' ġbir.

Xaqq ta' dawl ġdid ġie ftit aktar minn sena wara li ġejt ordnat saċerdot. Meta kont Malta għall-vaganzi wara l-ewwel sena tiegħi f'Ruma, kienet avviċinatni persuna li kienet irċeviet xi flus li kellhom jintużaw għal xi opra fil-knisja. B'dawn il-flus kien hemm biżżejjed biex nibdew naħsbu għal sett gandlieri ġodda. Intant avviċinani raġel ieħor (wara li kien kellmu Karmnu Psaila) li xtaq iħallas għall-gandlieri taż-żewġ altari tal-korsija li ma kellhomx. Fuq dan kellimt lill-kappillan u hu qabel minnufih, basta l-flus jinġabru kollha u l-parroċċa ma tidħol għall-ebda spiża peress li l-ġbir dejjem ikun batut.

Bejn Ottubru u Diċembru 2010 dort diversi ħwienet f'Ruma biex nara x'kellhom x'joffru. Ġbart l-istimi ta' kemm kienu se jiswew il-gandlieri u kemm kien se jiswa l-pustaġġ għal Malta. Meta ġejt lura għall-vaganzi tal-Milied dort xi ħwienet f'Malta li joffru dan it-tip ta' servizz u nnutajt li kellhom l-istess katalgi bid-differenza li l-prezzijiet minn Malta kienu ferm inqas. Bejn il-Milied u l-ewwel tas-sena ppreżentajt l-istimi u l-mudelli lill-kappillan u l-għażla waqgħet fuq l-offerta ta' *Scerri Art Studio* tal-Belt Valletta. L-għażla kienet bejn żewġ mudelli u għażilna l-aktar wieħed imlaħħam minnhom, għax il-mudell l-ieħor



Is-sett gandlieri ġodda waqt li kienu qed jintramaw għall-ewwel darba.

Primavera caterers

CATERERS FOR ALL OCCASIONS

SCHOOL STREET, TARXIEN
TEL: 2182 6226, 2167 7098 FAX: 2167 6891

Alan Spiteri Petrus Funeral Service
24hrs Funeral Service

65, Triq it-Tempesta, Qrendi.
Tel: 2168 5881 / 2148 4489
Mob: 9945 9400 / 9949 8105
e-mail: alanpetrus@gmail.com

*We take care of everything for you!*



**Mobiltech**

**Prop. John W. Cutajar**

*Auto Electric Service*

**Valletta Road, Żurrieq ZRQ 06**
**Tel: (+356) 2164 0466 – Fax: (+356) 2164 7052 – Mob: 7949 8465**
**E-mail: mobiltech@global.net.mt**




# ELECTROCARE

25, Valletta Road, Kirkop.
Tel: 21640654, Mobile: 9947 7755



T.V. Retailer including
**Plasma & LCD TV's of major brands:**
**Panasonic, Samsung, etc** Retailer of **Satellite systems, Hi Fi systems, Home Theatre sound systems, car stereos, speakers and Digital cameras**

***We specialise in***
***TV repairs and Satellite systems***

*Pizza is also available*

**3M Take Away**

**SOUTHERN STYLE Chicken**

*We do delicious Pizza*

**9, Blue Grotto Avenue, Żurrieq**
**Tel: 2164 2986 • Mob: 7947 6573**

# Cutie Boutique

Issibulna ħwejjeġ minn trabi sa kbar b'ditti rinomati bħal blue sand, sottotono, Koalarao, Alph Adventure, Pink Shadow u ħafna oħrajn. Issibulna wkoll żraben, ħwejjeġ ta' taħt bħal abanderado, nottingham, pompea mami u ħafna oħrajn.

Cutie Boutique jinsab Triq il-Pal Mqabba.
Tel: 2164 1209
*Prezzijiet fenomenali*



# Stone Art Works










Old Valletta Road, Mqabba

Mob: 79730206 - 99873105



Dun Jonatahn Farrugia jidher jarma s-sett tal-gandlieri.



Il-gandlieri armati

kien irqiq wisq. L-ispiża għaż-żewġ settijiet tal-korsija kienet ta' €3680 waqt li s-sett tal-kor sewa €6015. Minn dawn id-€9695 sal-ewwel tas-sena 2011 kelli f'idejja €4850 li kienu jkopru l-gandlieri taż-żewġ altari sekondarji u parti minn dawk tal-altar ewlieni tal-knisja. Ma' dawn inkludejna salib ieħor sabiex jieħu post is-salib tal-injam li jintrama fuq l-altar tal-Inkurunazzjoni.

Kellimt lis-Sur Karmnu Psaila u lis-Sur Carmel Ellul li indikawli xi persuni li setgħu jkunu interessati li jagħtu offerta. B'hekk għaddejt l-aħħar ftit ġranet tal-vaganzi tal-Milied indur lil dawn in-nies u sibt appoġġ mingħand kulħadd – kulħadd offra kemm seta' u l-offerta ta' kulħadd ġiet apprezzata ħafna. Irrid nisħaq li dawn il-flus inġabru mingħand Imqabbin miż-żewġ partiti, nies li ħaqqhom kull tifħir għax kapaċi jmorru aktar lil hinn mill-partiġġjaniżmu għami li jġib biss ħsara.

Qabel tlaqt lura għal Ruma f'Jannar 2011 tajt id-dettalji lill-kappillan u għidtlu li kelli l-kelma ta' diversi persuni li bl-offerti tagħhom konna lħaqna s-somma meħtieġa. Fil-5 ta' Jannar għaddejt l-abbozz tar-rikors flimkien mar-ritratti meħtieġa lill-kappillan, li wara ftit emendi bagħtu dakinhar stess. Fih ġie spjegat li fil-festi l-knisja tkun tidher stunata ladarba xi altari jkunu bil-gandlieri tal-metall abjad waqt li oħrajn, fosthom it-titular tal-parroċċa, ikunu b'gandlieri tar-ram isfar, u li kien hemm xi benefatturi lesti jħallsu biex isiru dawn is-settijiet neqsin. Ma kienx hemm problemi u r-rikors għadda fit-30 ta' Marzu. Jien ġejt infurmat erbat ijiem wara, meta kont għadni Ruma. Kienet sorpriża sabiħa għax hekk bil-ħsieb li kelli, fis-sena meta l-parroċċa kienet qed tiċċelebra l-175 sena tal-vara tal-Assunta, il-knisja tagħna kienet se tingħata rigal dejjiem – li fl-aħħar tibda titlibbes libsa sħiħa fil-ġranet tal-festi!

Minnufih ordnajt il-gandlieri tal-altari sekondarji peress li ta' dawk diġà kelli l-flus f'idejja. Dawn waslu fit-tieni ġimgħa ta' Ġunju u għalhekk iddeċidejna li joħorġu għall-festa tal-Madonna tal-Ġilju ħalli jibdew jitgawdew mill-ewwel.

Intant kont ġbart il-flus l-oħra li kien jonqos u lejn l-aħħar ta' April ordnajt is-sett ta' 12-il gandlier għall-kor sabiex jilħqu jaslu għall-festa titulari. Iżda ġara li kien hemm xi problemi fil-fabbrika li kienet qed tagħmilhom u sakemm il-forom ingħataw lil fabbrika oħra għadda wisq żmien u għall-festa ma waslux! Iżda b'daqshekk ma ġara xejn, għax kellna ċ-ċans inżanżnuhom fil-festi speċjali li saru fl-aħħar ġimgħa ta' Ottubru fl-okkażjoni tal-anniversarju tal-vara. Waslu l-Imqabba fit-23 ta' Otturbu u armajniehom f'posthom jien, Karmnu Psaila, Frans Cutajar, Frans Sciberras u Michael Ghigo nhar is-26 ta' Ottubru. Ikolli nammetti li meta rajniehom f'posthom tant kont ferħan li emozzjonajt ruħi – u mhux jien biss. Dakinhar filgħaxija, waqt is-seminar fuq il-vara, ingħatat l-aħbar li l-gandlieri kienu waslu u li kienu f'posthom. Kull min rahom kellu biss kliem ta' tifħir. Fl-aħħar l-altar tal-kor ukoll kellu tiżjin li jixraqlu bħala l-altar li jagħti l-isem lill-parroċċa tagħna.

Meta nħares lura ngħid li fl-aħħar mill-aħħar aktar kien xieraq li żżanżnu meta fil-fatt iżżanżnu milli kieku żżanżnu f'Awwissu għax hekk kull meta jissemmew il-gandlieri tal-kor mill-ewwel il-ħsieb imur għal dawk il-festi straordinarji li saru. B'hekk bi ftit ħeġġa u organizzazzjoni, u naturalment bil-ġenerożità tal-parruċċani, dak li ilu għexieren ta' snin biss ħolma, fl-aħħar sar realtà. Nittama li din l-esperjenza japprezzaha kulħadd sabiex meta 'l quddiem ikollna f'moħħna li nagħmlu xi xogħol ieħor fil-knisja, ir-rispons jerġa' jkun pożittiv.

Planning a party?

# PISCOPO'S CASH & CARRY

can provide you with all your needs

Small pizza, sausage rolls, ice cream, stuffed olives,
beers and minerals, juices, Panini, Gateaux, napkins,
balloons, disposable plates
and much much more!

## All items at a discounted price!!

**Triq Erba' Mwieżeb**
**St. Paul's Bay SPB 06**
**Tel: 2157 0265, 2157 0375**

# SKIP HIRE



***Mini Skip Service also available***

***Leli Camilleri***

Leli,
Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba
Tel: 9947 4468



# B'Dedika lil Marija Assunta Patruna tal-Imqabbin

Ismagħha Marija dit-talba
fis ħierġa reali mill-qalb
b'xi strofa tant ħelwa tintona
u tkompli bil-għaġeb f'dal-kant.

Ismagħha Marija kontinwa
tittenna f'kull għodwa u flgħaxija
mill-kleru li jemmen bil-fidi
għall-grazzji li xxerred mogħnija.

Mimlija b'imħabba ġrajjitek
li l-poplu minn dejjem iqim
f'stennija għad-data biss fissa,
f'Awwissu l-15 il-jum kbir.

Arahom O Marija devoti
l-uċuħ ferriħija fl-idwar
iżuru bi ħġarhom lit-tempju
u jerġgħu kuntenti fid-dar.

B'tbissim ta' ċarezza u safa,
ta' merħba melliesa li jtuk,
ta' għaqda solenni li tfisser
teżori wisq għanja jħobbuk.

Bid-deher armonjuż u bil-fidi,
bi ħġarhom ilkoll magħrufin
bħar-rħula mifruxa f'dil-gżira,
wisq joktru mirquma fis-snin.

U mbagħad x'ilkoll ngħidu għall-festa
li jinsġu flimkien bl-ikbar qima,
min jafhom u x'tixhed l-istorja
jgħid dwarhom bħal versi bir-rima.

Dawn jafu kif tgawdi l-Madonna
mill-benna tant sfiqa henjin
bħal ġonna miżgħuda bil-fjuri
biex b'ħerqa jgħolluk magħżulin.

Fil-ħsieb din it-talba se tibqa',
fil-qlub tad-devoti Mqabbin
biex tkattar mal-milja ġrajjithom
b'tifkira mal-medda tas-snin.

***Carmelo Caruana***
***Il-Qrendi, 26 ta' Marzu 2012***



# Briffa Landscaping

Kirsten Briffa

***Automatic Drip Irrigation Systems***
***Turf Maintenance & All Your Gardening Needs***

*Mob: 9946 9580*
*E-mail: kirstenbriffa@hotmail.co.uk*

# JULIO & CHARLIE SACCO

Qrendi Road, Mqabba
Tel: 2168 3129

*Jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*
jfakkru li huma jagħmlu
**Xogħol fl-injam ta' kwalità għolja**

**PREZZIJIET MODERATI**

# C.D.S.

Aluminium Works



Sejba Road Mqabba
For a Free Estimate Contact:
Carmel D. Spiteri
Mob: 9949 4304, 7999 3816

Żepp
Skip Hire

*Joseph Mifsud*

Rochelle,
Triq Innoċenz Zammit,
Mqabba MQB 9020

Tel: **2168 9407**
Mob: **9987 7417**





Reborn
BAR

Marsa Cross Road, Marsa
(Infront of Bank of Valletta Branch)

**We specialize in**
Pasta dishes, Steak dishes
& a variety of snacks

Tel 21224921

*Open on week days from 6.00 am onwards*

# Nick's Agriculture

## Supplier of Agricultural and Gardening Products + Others

• Plant Protection Products •
• Fertilizers •
• Irrigation Fittings • Pots •
• Peat and Potting Compost •
• Drip Irrigation Systems •
• Pet Foods and Other •

**Mons. Mikiel Azzopardi Street,**
**Siġġiewi**
**Tel: 2146 5869**



# Ħmistax-il sena ta' spettakli sinkronizzati

*Lejliet il-festa tal-Imqabba tal-1997, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija kienet l-ewwel għaqda li għamlet il-pass fit-trasformazzjoni tal-ispettakli tan-nar lejliet il-festa*

**John Zammit**

Din is-sena jaħbat il-ħmistax-il anniversarju mindu l-ispettaklu tal-logħob tan-nar ta' lejliet il-festa tal-Imqabba beda jsir f'parti minnu sinkronizzat mal-mużika. L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba kienet il-pijuniera tal-wirjiet sinkronizzati u dan il-pass wassal għal ħafna kisbiet oħrajn, fosthom unuri internazzjonali fl-ewwel tentattivi tagħha kif ukoll l-attendenza ta' folol kbar minkejja li l-festa tar-raħal tagħna ssir mal-akbar numru ta' festi oħrajn madwar il-pajjiż.

Waqt li l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba kienet magħrufa mad-dilettanti bħala xprun ewlieni ta' logħob tan-nar oriġinali u ta' kwalità, il-post minn fejn kien jinħaraq il-logħob tan-nar sa madwar għoxrin sena ilu, fl-inħawi magħrufin bħala 's-Sejba,' kien limitat u kien qed isir dejjem aktar problema minħabba ż-żieda fil-barrieri.

Bil-moviment mill-inħawi tas-Sejba għall-post minn fejn jinħaraq il-logħob tan-nar illum biswit Triq il-Konvoj ta' Santa Marija b'post tajjeb ukoll għall-pubbliku, infetħet il-possibbiltà ta' ħruq tal-logħob tan-nar b'mod ħafna aktar spettakolari u li jgħaqqad miegħu l-element ewlieni tal-mużika li diġà hu parti importanti mill-festa Maltija.

Din il-possibbiltà twettqet fil-fatt mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba għall-ewwel darba fl-14 t'Awwissu 1997. Dan l-ewwel pass diġà kien ifisser l-użu ta' teknoloġija li għal dak iż-żmien kienet avvanzata bi *switchboards* li bihom seta' jinħaraq ammont ta' elementi tal-logħob tan-nar b'mod ħafna eħfef minn qabel; mhux aktar bl-idejn imma permezz tal-kurrent elettriku. Aktar minn hekk, dak l-ewwel spettaklu kien sinkronizzat mal-mużika, jiġifieri l-elementi tal-logħob tan-nar kienu għall-ewwel darba ppjanati li jieħdu b'mod organizzat mal-mużika u li min jarahom jifhem li l-mużika ma kinitx biss takkumpanja imma kienet ukoll integrata b'mod sħiħ mal-logħob tan-nar.

***Spettaklu modern integrat mal-logħob tan-nar tradizzjonali tal-aqwa livell***

***Folol li żdiedu minkejja li Santa Marija hi l-festa ta' sitt parroċċi oħrajn fl-istess jum***

Fil-fatt, dak l-ewwel spettaklu sinkronizzat mal-mużika li qatt sar kellu diversi elementi bħal baraxxijiet jimxu li llum drajna naraw fi spettakli sinkronizzati flimkien ma' elementi oħrajn li żviluppaw minn dak iż-żmien bis-saħħa tas-sinkronizzazzjoni.

In-nies laqgħu l-ewwel spettaklu ta' nar sinkronizzat mal-mużika b'mod tajjeb ħafna. L-ispettaklu ta' lejlet il-festa tal-Imqabba kellu spazju għal kulħadd: għad-dilettant li qatt ma falla l-festa ta' Santa Marija fl-Imqabba għall-kwalità għolja tal-logħob tan-nar tradizzjonali tal-ajru u tal-art li kienet magħrufa għalih, kif ukoll għal nies li forsi ma kienx jinteressahom id-dettall tan-nar imma li bdew jattendu bi ħġarhom għall-festa tal-Imqabba għall-ispettaklu li kien ipaxxi l-għajn u l-widna.

Fil-fatt, l-attendenza tan-nies lejlet Santa Marija splodiet minn dik li kienet dari minkejja li Santa Marija mhijiex il-festa tal-parroċċa Mqabbija biss imma ta' sitt parroċċi oħrajn fl-istess ġurnata tal-15 t'Awwissu f'Malta u Għawdex; l-akbar ammont ta' festi li jsir f'daqqa fil-pajjiż. In-nies żdiedet fl-ewwel snin li fihom l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba kienet l-unika li kienet tagħmel spettaklu tan-nar sinkronzzat mal-mużika u kompliet dejjem tiżdied aktar bl-iżviluppi kontinwi li seħħew bis-saħħa ta' dawn l-ispettakli.

Żvilupp prinċipali kien żgur dak tal-elementi uniċi u innovattivi tan-nar biex jintegraw dejjem aħjar in-nar mal-mużika. Kien hemm id-disinji: disinji ta' Ave Marija mad-daqq tat-talba, disinji ta' qniepen waqt mużika bil-qniepen bħall-'1812,' disinji ta' slaleb tal-Kavallieri ma' mużika tipikament Maltija, u disinji oħrajn dejjem integrati tajjeb mal-mużika. Kien hemm ukoll l-iżvilupp ta' elementi bħall-bebbux, ittri u numri minn mal-art li jaffaxxinaw il-folol, xogħol li jimxi u li jagħti perspettiva mill-aqwa lill-ispettaklu, kif ukoll l-iżvilupp uniku u oriġinali riċenti tat-*Tower of Light* li kompla wessa' l-ispettaklu u integra ruħu b'mod

***Pijunieri f'pass li fetaħ il-possibbiltà għal żviluppi qawwijin fil-logħob tan-nar***

# COMPUTER BARGAINS

**Computer Systems**
**Laptops • Upgrades**
**Repairs • Accessories**
**Peripherals & Networking**

*Andrè Cassar ( Director)*

Triq tal-Maħżnier, Luqa LQA 04 - Malta
Tel/Fax: 21677999 • Mob: 9945 3187 • E-mail: compbargains@onvol.net
Opening Hours: Mon to Sat: 9.00am - 1.00pm • Mon to Fri: 4.00pm - 7.00pm



Zneiber
Confectionery

Professional Caterers
with the
Personal Touch







134, Triq il-Karmnu, Luqa
*Tel: 2180 3999*
*Mob: 9988 3692*

tajjeb ħafna mal-bqija tal-logħob tan-nar.

Fl-ewwel ftit snin tal-ispettakli sinkronizzati ntużaw is-*switchboards* iżda mbagħad seħħ żvilupp importanti bil-bidu tal-użu ta' sistema kompjuterizzata li tat possibbiltajiet dejjem usa' lil dawn l-ispettakli. L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba mhux biss kienet l-ewwel waħda fl-ispettakli sinkronizzati, imma wkoll l-ewwel waħda fl-użu ġdid ta' sistema kompjuterizzata.

Żvilupp ieħor immirat għal dawk il-folol li jattendu u forsi mhumiex wisq dilettanti tad-dettalji tal-logħob tan-nar kienet l-ispjegazzjoni qasira imma effettiva li ssir fil-bidu u japprezzaha b'mod speċjali min ma jqisx lilu nnifsu bħala dilettant kbir. Din l-ispjegazzjoni tagħti tagħrif ukoll dwar l-elementi tal-logħob tan-nar tradizzjonali li jibqa' parti importanti tal-aqwa kwalità mill-ispettaklu sħiħ li toffri l-festa tar-raħal tagħna. U l-folol tant kibru li sar ukoll l-iżvilupp li wieħed ikun jista' jara l-ispettaklu minn post tajjeb bilqiegħda fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

## Minn switchboards għal sistema kompjuterizzata, disinji u Tower of Light

L-isem tal-ispettaklu sinkronizzat mal-mużika fil-festa tal-Imqabba mhux biss kiber imma wkoll beda jkun replikat f'okkażjonijiet oħrajn. Fil-bidu tas-snin 2000, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija kienet imqabbda tagħti diversi spettakli f'konferenzi li saru f'Malta. Fl-2005 tat spettaklu sinkronizzat mal-mużika fil-Festival tal-Logħob tan-Nar fil-Port il-Kbir li sa dik is-sena kien għadu jsir fuq bażi mhux kompetittiva. F'Novembru 2005 l-Għaqda tan-Nar Santa Marija kellha l-unur tagħti spettaklu tan-nar sinkronizzat mal-mużika fi tmiem iċ-Ċena uffiċjali li r-Reġina Elizabetta II tat għall-mexxejja tal-pajjiżi tal-*Commonwealth* waqt il-laqgħa tagħhom hawn Malta fil-Lukanda *Radisson Golden Sands* f'*Golden Bay*.

Is-snin ta' wara kienu snin ta' unuri kompetittivi internazzjonali tal-aqwa livell fl-ewwel parteċipazzjoni li kellha l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba kemm fil-Kampjonat Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar ta' Malta fil-Port il-Kbir f'April 2006 kif ukoll imbagħad bis-saħħa tar-rebħ tal-Kampjonat Dinji tal-Logħob tan-Nar 'Caput Lucis' f'Ruma, l-Italja, f'Awwissu 2007.

Fil-lejl tas-6 t'Awwissu 2007 meta l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba rrappreżentat lil Malta fil-Kampjonat Dinji 'Caput Lucis' u rebħet fl-ewwel ħarġa tagħha barra l-pajjiż f'kompetizzjoni mal-Italja stess, l-Ingilterra, Spanja, il-Ġappun u ċ-Ċina biex poġġiet lil Malta u lill-Imqabba fil-quċċata dinjija tal-logħob tan-nar fost ħafna ferħ u ċelebrazzjonijiet, ftit kellna ċans naħsbu li l-iżvilupp kbir li sar fl-ispettakli sinkronizzati mal-mużika kien frott dak l-ewwel pass li sar mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba nhar l-14 t'Awwissu 1997 u li llum qed infakkru l-ħmistax-il anniversarju tiegħu.

## Unuri nazzjonali u internazzjonali fil-logħob tan-nar mal-ewwel ħarġiet ... frott il-pass li sar fl-14 t'Awwissu 1997



Wieħed mill-baraxxijiet li nħarqu waqt l-ewwel wirja ta' nar sinkronizzat.



Baraxx tipiku li nħaraq f'din l-ewwel wirja ta' nar sinkronizzat.

Akkademja tal-mużika ġewwa l-Każin.
Ibgħat lil uliedek jitgħallmu l-mużika b'xejn kull nhar ta' Sibt wara nofsinhar.

# Shoe Lane

FOOTWEAR & FASHION

Ladies' Wear, Men's Wear,
Children's Wear, Handbags,
Shoes, Accessories & much more...
Puma • Adidas • Reebok
• Skechers • Kappa • Piccadilly



Lorraine Mamo

Matteolo Saliba Street, Żurrieq
Near Bellizzi Services (Elmo Insurance)
Email: lorraine_mamo@hotmail.com

Mob: 9923 8561
Tel: 2723 8561



# Il-Perit Edric Micallef

***Jawgura l-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha***

Mob: 79657547

email
perit.edricmicallef@gmail.com



BRAND IT
MERCHANDISING
www.branditmalta.com
For all your feast fund raising requirements .
Flags, T-Shirts, Keychains and more ...
Small quantities accepted
A Mompalao Trading Ltd
Carmel Street
Luqa LQA1312 - Malta
T (356) 21 257 411
M (356) 99 499 043
E info@branditmalta.com



Dolceria
Croce Bonaci
We are the originals
Over 100 years Experience
*(Prop. Charles Bonaci)*
**Dolceria:**
32, St. Ursula Street,
Valletta
Tel/Fax: 2122 5924
**Shop:**
24D, St. John Street,
Valletta.
Tel: 2124 7933

# NETTA
## PETROL STATION

*Għal kull bżonn fil-karozza tiegħek, asal wasla s'għand*
*Netta Petrol Station*
*fejn għandek issib kull ħaġa li tinħtieġ.*

- **SPARE PARTS U AĊĊESSORJI TA' KULL KWALITÀ TAJBA GĦAL KWALUNKWE KAROZZA.**
- **TYRES ĠODDA TA' KULL DAQS, GĦODOD, ŻJUT U BATTERIJI.**
- **COVERS GĦAL KULL TIP TA' KAROZZA.**
- **TISWIJA FIL-PRONT TA' TYRES B'APPARAT MODERN.**
- **BATTERIJI B'SENTEJN GARANZIJA: PETROL €40 - DIESEL €65**

**24 Hour Service**

**Pjazza San Nikola, Siġġiewi**
**Tel: 2146 7764**

CTRONiCS

Blue Grotto Avenue Zurrieq

Opening Hrs
Mon-Fri 4.00 Pm—7.00 Pm
Sat 9.00 Am—12.30 Pm

For appointments Call on
T: 21642744 M: 79478259

Digital Decoders
TV Installation
TV antenna Tune-up



Repairs On Notebooks
Repairs On Pc Systems
Format / Repairs
Notebook Upgardes
Pc Upgrades
Virus Removal

## Best Prices on Pc's Notebooks & Netbooks

Asus Atx Case
Asus Mainboard
Intel Core i3
6GB DDR III
DVD / Card Reader
500 GB 7200
18.5 LED Monitor
Logitech Kb / Mouse
Win 7 Home Premium CD
Antivirus
Open Office

Total € 765.00

| Sony Vaio | Asus | Asus | Toshiba | HP | Asus |
|---|---|---|---|---|---|
| Core i5 | Intel B960 | Intel i7 | Amd Quad | Intel i3 | Intel i3 |
| 8GB 500GB | 4GB 320GB | 8GB 500GB | 4GB 640GB | 4GB 500GB | 4GB 500GB |
| Intel HD | Intel HD | Nvidia 2GB | Ati HD | Intel HD | ATI HD |
| HD / DvDrw | HD / DvDrw | DvDrw | DvDrw | DvDrw | DvDrw |
| Webcam | Webcam | Webcam | Webcam | Webcam | Webcam |
| Wifi | Wifi | Wifi | Wifi | Wifi | Wifi |
| € 765.00 | € 535.00 | € 895.00 | € 625.00 | € 645.00 | € 695.00 |





All in one Printers starting from € 65.00

Warranty 2 Years parts & Labour on all computers
Warranty on notebooks carry 1—3 years
Warranty on netbooks Carry 1 year.

SONY VAIO hp invent ASUS TOSHIBA

Student Smartcard Accepted



# Il-ħames anniversarju mir-rebħ ta' Caput Lucis

John Zammit

*L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba fl-2007 rebħet unur dinji għall-Imqabba u għal Malta f'kompetizzjoni mal-aqwa pajjiżi għal-logħob tan-nar madwar id-dinja fl-ewwel tentattiv tagħha u b'xogħol l-Imqabbin.*Is-6 ta' Awwissu ta' din is-sena jaħbat il-ħames anniversarju mindu s-Soċjetà Santa Marija u r-raħal tagħna l-Imqabba niżżlu isimhom u isem Malta bħala r-rebbieħa tal-Kampjonat Dinji tal-Logħob tan-Nar 'Caput Lucis' li jsir f'Ruma, il-kapitali tal-Italja, fl-ewwel wirja mogħtija barra l-pajjiż. B'hekk, ħames snin ilu, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba żiedet unur internazzjonali ma' dak nazzjonali li kienet rebħet is-sena ta' qabel fl-ewwel kampjonat Malti tal-logħob tan-nar.

## Parteċipazzjoni internazzjonali bi dritt wara r-rebħ tal-ewwel kampjonat Malti

L-organizzaturi tal-kampjonat dinji 'Caput Lucis' jistiednu biex jirrappreżentaw lil pajjiżhom dawk l-għaqdiet li jkunu taw prova li huma l-aqwa f'dak il-pajjiż. Għaldaqstant, billi l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba kienet rebħet l-ewwel kampjonat Malti tal-logħob tan-nar fl-2006, ġiet mistiedna tipparteċipa fil-kampjonat dinji 'Caput Lucis' li jittella' f'żona wiesgħa fejn kważi nofs miljun ruħ jaraw il-wirjiet tan-nar tal-kompetituri internazzjonali.

## Rebħ fl-ewwel tentattiv fost it-Taljani, l-Ingliżi, l-Ispanjoli, il-Ġappuniżi u ċ-Ċiniżi

Il-pajjiżi kompetituri fl-edizzjoni ta' 'Caput Lucis' fl-2007 kienu l-Italja nnifisha, l-Ingilterra, Spanja, ir-Rumanija, Malta, is-Slovenja, il-Ġappun u ċ-Ċina. F'din il-lista ta' pajjiżi parteċipanti kien hemm il-pajjiżi l-aktar magħrufin għal-logħob tan-nar u ma setax ikun hemm aktar minn tmien kompetituri biex il-kampjonat seta' jsir fuq erbat ijiem b'żewġ wirjiet kuljum. Għalhekk kien diġà ta' unur kbir għal Malta li tkun mistiedna tieħu sehem mal-aqwa tmien pajjiżi fid-dinja. U l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba dejjem żammet quddiem għajnejha li din kienet l-ewwel parteċipazzjoni tagħha barra l-pajjiż waqt li l-kompetituri tagħha kienu mħarrġa sew f'parteċipazzjonijiet simili.

## Għoxrin minuta ta' logħob tan-nar affaxxinanti

Il-kumpaniji jew għaqdiet tan-nar li ħadu sehem f''Caput Lucis' fl-2007 kellhom jagħtu wirja ta' logħob tan-nar li ddum mill-inqas għoxrin minuta u li tkun iġġudikata minn ġurija internazzjonali ta' esperti tan-nar minn madwar id-dinja. Kien hemm ukoll numru ta' restrizzjonijiet fosthom fuq il-ħin li kull kumpanija kellha ddum biex tarma l-logħob tan-nar tagħha li kien limitat għal dakinhar stess li kellha tagħti l-wirja. Għalhekk kien hemm bżonn li jitilgħu ħafna dilettanti tan-nar mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija biex kollox ikun jista' jintrama fil-ħin limitat skont ir-regolamenti.

Kampjonat akkanit bejn kumpaniji rinomati u ta' esperjenza

Il-kompetituri fl-2007 kienu kollha kumpaniji kummerċjali tal-logħob tan-nar ħlief l-Għaqda tan-Nar Santa



Il-*crescendo* tal-ispettaklu fil-wirja ta' aktar minn 20 minuta li biha l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba rebħet il-Kampjonat Dinji tal-Logħob tan-Nar 'Caput Lucis' f'Ruma f'kompetizzjoni mal-aqwa pajjiżi għal-logħob tan-nar.



L-ittri minn mal-art, element ieħor innovattiv, kitbu bin-nar isem il-Kampjonat Dinji kif ukoll isem MALTA f'Ruma.

# ALFONS ENTERPRISES LIMITED

(Est. 1969)

5, Farrugia Building, Manuel Magri Street,
Ħamrun HMR 1870, Malta

Tel: (+356) 2122 2112 / 2123 1839
Mob: 9944 1171 - Fax: (+356) 2122 6197

www.alfsons.com - e-mail: info@alfsons.com



# CHARLIE (IT-TIRXA)



Mob:
7927 7420

- Għal xogħol ta' qtugħ ta' blat, tħammil
- Kiri ta' Bob Cats u excavators
- Ġarr ta' torba, ramel, żrar u ġebel.



Il-folla li rat il-wirja u l-ġurija internazzjonali setgħu japprezzaw uħud mill-elementi innovattivi u oriġinali proposti mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija fil-wirjiet tagħha, fosthom l-uċuħ daħkana.



Ir-rappreżentanti tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba f'Ruma flimkien mal-uffiċjali tal-Kampjonat Dinji Caput Lucis jifirħu bl-unur li kienu għadhom kemm rebħu fil-lejl tas-6 ta' Awwissu 2007 fl-ewwel parteċipazzjoni tal-Għaqda barra minn Malta.

Marija li hi għaqda volontarja. Il-kompetituri l-oħrajn xtraw il-logħob tan-nar minn kumpaniji oħra madwar id-dinja u kellhom esperjenza vasta f'kampjonati simili, waqt li l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba pprovdiet xogħol tipiku u uniku tagħha fl-ewwel wirja li tat barra minn Malta.

Il-wirja tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba ttellgħet fit-2 ta' Awwissu 2007, dakinhar stess li kkompetiet ukoll kumpanija Naplitana li rrappreżentat lill-Italja. Fil-jiem ta' wara ttellgħu l-wirjiet taċ-Ċina u tal-Ġappun. Il-kompetituri kollha għamlu l-almu kollu tagħhom biex jirbħu, speċjalment ir-rappreżentanti mill-Ingilterra li kienu tilfu l-kampjonat dinji tal-2006 għal punt wieħed biss biex rebħitu l-Italja. Kien importanti wkoll għalihom għax bħala kumpaniji kummerċjali rinomati fid-dinja tal-logħob tan-nar, il-kampjonat dinji jkun ifisser passaport ta' suċċess.

## Ġurija internazzjonali li ġġudikat fuq kriterji ibsin

Fil-lejl ta' bejn il-Ħadd u t-Tnejn 6 ta' Awwissu l-ġurija ta' esperti internazzjonali kienet qed tivvota fuq l-aħħar żewġ wirjiet u tiddikjara l-klassifika finali tal-kampjonat dinji 'Caput Lucis' għall-2007. Il-kriterji li fuqhom sar il-ġudizzju kienu diversi u ibsin.

Kien ta' sodisfazzjon kbir għar-rappreżentanti tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba f'Ruma u għal ħafna partitarji fil-każin tas-Soċjetà Santa Marija fl-Imqabba jisimgħu d-dikjarazzjoni bit-Taljan ... *la prima classificata* ... MALTA.

## Ċelebrazzjonijiet xierqa ta' unur miksub b'xogħol l-Imqabbin

Il-mezzi tax-xandir u l-istampa rrappurtaw din l-aħbar bi prominenza kbira u kif folla numeruża ta' Mqabbin lebsin il-kuluri tas-Soċjetà Santa Marija laqgħu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta lill-organizzaturi tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba li t-Tnejn 6 t'Awwissu 2007 waranofsinhar ġabu magħhom lejn Malta u lejn l-Imqabba t-trofew tar-rebħ ta' 'Caput Lucis.'

L-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż, fosthom il-President ta' Malta, il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni laqgħu lill-President tas-Soċjetà Santa Marija u membri oħrajn tal-Kumitat u tal-Għaqda tan-Nar u urew il-ferħ tagħhom għal dan il-kampjonat dinji mirbuħ minn Malta u miksub b'xogħol l-Imqabbin.

## Ġieħ għas-Soċjetà tal-Patruna tal-Imqabbin

Carmel Zahra, il-President tas-Soċjetà Santa Marija, f'diskors li għamel lill-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż li laqgħu dan l-unur, qal li dan kien ġieħ għal Malta, ġieħ għall-Imqabba u ġieħ għall-festa tal-patruna tar-raħal tagħna, Santa Marija. Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ddedikaw dan il-ġieħ partikolarment lil dawk li jaħdmu n-nar tipiku u purament Malti.




## Kummenti tal-organizzaturi ta' 'Caput Lucis' fl-2007

*"La piccola Malta ha saputo sorprendere tutti gli spettatori e la giuria per la capacità tecnica e le emozioni che il grande spettacolo ha regalato a tutti i visitatori del campionato. La squadra maltese ha lavorato con grande impegno e serietà senza tralasciare alcun dettaglio tecnico, portando a seguito una forte rappresentanza di maltesi che hanno saputo incitare la squadra come in una trasferta di calcio.*

*Semplici appassionati e partecipanti alla manifestazione hanno telefonato alla nostra info-line complimentandosi per l'ottima riuscita dell'evento e il corretto giudizio della giuria che ha decretato Malta Campione del Mondo di Caput Lucis 2007."*


Gold Lady
Jewellery
Goldsmith & Silversmith
Manufacturers & Repairs
Now also available
a large selection
of trophies
Sir Paul Boffa Avenue, Zejtun - Tel: 21673928/27673928
Open Hours: 08.30 - 12.00 16.00 - 19.00


Peppin
peppintransport.com
the LUXURY COACH
SPECIALISTS
We also offer:
Airport Transfers
Chauffeur driven &
Minibus Services
Cheapest Rates on the island
Contact us for further information:
Peppin Transport, 67, Birzebbugia Road, Ghaxaq, GXQ 1634 Malta.
Tel Office: +356 2780 8805 • +356 9947 4904 • Fax: +356 2180 9810 • e-mail: info@peppintransport.com • web: www.peppintransport.com




Atlas Insurance

...is-soluzzjoni nassigurawlek

A member of the Atlas Group
INSURANCE | HEALTH | INVESTMENTS

Ċempel l-uffiċċju taż-**Żurrieq** fuq
**21 68 68 68** jew żur **atlas.com.mt**

Ta' Xbiex | Paola | Qormi | Rabat | Żurrieq | B'Kara | St Paul's Bay

Atlas Insurance PCC Limited hija kumpanija ċellulari awtorizzata mill-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta sabiex tmexxi kummerċ ta' l-assigurazzjoni ġenerali. L-assi mhux ċellulari tal-kumpanija jistgħu jintuzaw sabiex jagħmlu tajjeb għat-telf li jeċċedi l-assi ta' ċelloli.

# IVAN'S GARAGE

Siġġiewi Road, Qrendi   Tel: 2168 0006   Mob: 79704143
Email: ivans@maltanet.net







**Panel Beater & Sprayer • Repairs Insurance Claims**
**Available Underseal & Rustproofing**



# Sena Attivitajiet

## 20 t'Awwissu 2011
L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba tellgħet ħarqa ta' beraq, murtali tal-kulur, blalen u disinji fl-okkażjoni tal-festa ta' Stella Maris f'Tas-Sliema.

L-Għaqda Nar tal-Art Santa Marija tal-Imqabba tellgħet żewġ wirjiet ta' Nar tal-Art: waħda fl-okkażjoni tal-festa ta' Stella Maris f'Tas-Sliema u wirja oħra fil-festa tal-Madonna ta' Lourdes f'Raħal Ġdid.

## 28 t'Awwissu 2011
L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba tellgħet ħarqa ta' beraq u murtali tal-kulur fil-festa ta' San Bartilmew f'Ħal Għargħur.

## 11 ta' Settembru 2011
Il-Banda Re Ġorġ V għamlet servizz ta' marċ segwit minn programm strumentali fil-festa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar.

## 21 ta' Settembru 2011
Is-Sezzjoni Żgħażagħ organizzat Ġurnata Baħar f'Delimara għall-membri u l-partitarji.

## 30 ta' Settembru 2011
Ġiet organizzata ikla ġewwa l-każin mill-Għaqda tal-Armar.

## 30 ta' Settembru u 8 ta' Ottubru 2011
Żewġ gruppi ta' studenti tal-Ġeografija mill-Università ta' Trier fil-Ġermanja għamlu żewġ żjarat fil-każin tas-Soċjetà bħala parti mill-istudji tagħhom.



## 7 ta' Ottubru 2011
Is-Soċjetà Santa Marija ħadet sehem fl-attività 'L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien' organizzata mill-Kunsill Lokali permezz ta' *stand* ta' ikel tradizzjonali Malti, filwaqt li l-Banda Re Ġorġ V daqqet marċi brijużi f'*mass band* madwar it-toroq tar-raħal.

## 8 ta' Ottubru 2011
Fl-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba l-Banda Re Ġorġ V tellgħet kunċert ġewwa s-Sala tal-Iskola Primarja tal-Imqabba li kien organizzat mill-Kunsill Lokali.

## 9 ta' Ottubru 2011
Ġie ppubblikat l-ewwel volum tal-ktieb *Ilwien il-Festi Maltin* mis-Sur Mark Micallef. Il-festa ta' Santa Marija tal-Imqabba ġiet inkluża f'din l-enċiklopedija ta' ritratti dwar il-festi Maltin.

## 15 ta' Ottubru 2011
Twaqqaf il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ għas-sena ħidma 2011/2012.

## 30 ta' Ottubru 2011
Saret żjara lill-anzjani Mqabbin ġewwa r-residenza San Vinċenz de Paul mill-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ.

## 10 ta' Novembru 2011
Ippreżentata somma flus mill-Good Causes Fund lis-Soċjetà minn Dr Jason Azzopardi.



## 12 ta' Novembru 2011
Ġie organizzat piknik fil-Baħrija mill-Fergħa Nisa, is-Sezzjoni Żgħażagħ u l-Klabb Tfal tat-Titular.

## 25 - 27 ta' Novembru 2011
Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ħadet sehem fil-Festa Montekristo, organizzata mill-Għaqda Każini tal-Baned, l-Għaqda Piroteknika Maltija u

l-Għaqda Armar tal-Festi fit-Toroq, ġewwa l-Montekristo Estates, permezz ta' esebizzjoni tal-istandard tas-Soċjetà flimkien ma' ritratti dwar in-nar.

### 7 ta' Diċembru 2011

Ġiet organizzata Ikla Laħam taż-Żiemel mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

### 13 ta' Diċembru 2011

Intrama silwett tan-nattività mal-faċċata tal-każin għall-ġranet tal-Milied.

### 22 ta' Diċembru 2011

Is-Soċjetà Santa Marija flimkien mal-Klabb Tfal tat-Titular organizzaw il-*Party* tal-Milied għat-tfal ġewwa s-sala tal-każin.

### 23 ta' Diċembru 2011

Ġie organizzat *Christmas Buffet Dinner* fil-Corinthia Marina fil-Bajja ta' San Ġorġ f'San Ġiljan mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

### 24 ta' Diċembru 2011

Sar tqassim ta' rigali fid-djar minn *Father Christmas*. Din l-attività tkun organizzata mill-Klabb Tfal tat-Titular.

### 31 ta' Diċembru 2011

Ġie organizzat *New Year's Eve Gala Dinner* mill-*Bar Tenders* tal-każin.

### 1 ta' Jannar 2012

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V fuq inizjattiva tas-Sur Roderick Tonna ppreżentat għotja ta' €325 lid-Dar tal-Providenza.

### 14 ta' Jannar 2012

Ġiet organizzata l-ikla annwali tal-bandisti fil-Montekristo Estates f'Ħal Farruġ.

### 27 ta' Jannar 2012

Ġiet organizzata Ikla bejn il-Ħbieb mill-Għaqda tal-Armar ġewwa l-każin.

### 19 ta' Frar 2012

Saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali ġewwa s-sala tal-każin. Inqara r-rapport finanzjarju tal-Festa 2011 u ġew diskussi affarijiet oħra importanti.

Fi Frar 2012, il-Banda Re Ġorġ V ħarġet *Double CD* tal-Akkademja Mużiko-Letterarja li kienet saret f'Ottubru 2011 fl-okkażjoni tal-175 Sena mill-Miġja tal-Istatwa Titulari fl-Imqabba.

### 23 ta' Frar 2012

Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija ngħatat Rikonoxximent Nazzjonali permezz tal-Premju Nazzjonali f'Ġieħ il-Kreattività u l-Innovazzjoni fl-Artiġġjanat Malti għall-Inkwatru Mekkanizzat, waqt serata gala ġewwa l-Lukanda Corinthia f'Ħ'Attard. Il-preżentazzjoni saret mill-Onor. Jason Azzopardi, Ministru għall-Kompetizzjoni Ġusta, Negozji Żgħar u Konsumatur, fil-preżenza tas-Sur Francis Gurry, Direttur Ġenerali tal-*World Industrial Property Organization* (WIPO).

### 9 ta' Marzu 2012

Ġiet organizzata ikla ġewwa l-każin mill-Għaqda tan-Nar.

### 28 ta' Marzu - 8 t'April 2012

Ġiet organizzata l-Wirja *La Semana Santa Espana* fl-Imqabba.

### 28 ta' Marzu 2012

Inħarġet is-*CD* bil-kanzunetta *Esperanza Macarena Coronada* fuq kliem tas-Sur Michael Chetcuti u kantata minnu stess; kanzunetta dwar il-vara tal-*Esperanza Macarena* ta' Sevilja.



### 1 t'April 2012

Il-Fratellanza tas-Sagrament ħadet sehem fil-purċissjoni ta' Ħadd il-Palm.

### 5 t'April 2012

Il-Fergħa Nisa organizzat is-Seba' Viżti fir-Rabat u l-Imdina.

### 10 t'April 2012

Il-Fratellanzi tas-Sagrament u tar-Rużarju ħadu sehem fil-purċissjoni tal-Kwarantuni Mqaddsa madwar it-toroq tal-Imqabba.

### 13 t'April 2012

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba ngħatat prominenza fil-ktieb *Pyrotechnic Malta* maħrug minn Dr. Godfrey Farrugia li fih forma ta' enċiklopedija tal-Għaqdiet tan-Nar Maltin.

### 20 t'April 2012

Ġiet organizzata Ikla bejn il-Ħbieb mill-Għaqda tal-Armar.

### 23 t'April 2012

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba ħadet sehem fit-13-il edizzjoni tas-Simposju Internazzjonali

PolidanoGroup



www.polidano-group.com



dwar il-Logħob tan-Nar permezz ta' ħruq ta' ittri, forom u blalen fil-Mellieħa.

## 2 ta' Mejju 2012

Ingħata bidu għall-Erbgħat ta' Santa Marija. Għal dan il-għan jiġi organizzat Rużarju Meditat mis-Sezzjoni Żgħażagħ ġewwa s-sala tal-każin kull nhar ta' Erbgħa li jibqa' għaddej sal-festa.

## 18 ta' Mejju 2012

Ġie organizzat *BBQ* fuq il-bejt tal-każin mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

## 21 - 25 ta' Mejju 2012

Itellgħet il-Ġimgħa Marjana għat-tmien sena konsekuttiva ġewwa l-Isptar il-Qadim; ġimgħa ta' tagħlim u prietki dwar il-Madonna.

## 25 ta' Mejju 2012

Il-Banda Re Ġorġ V ħadet sehem fil-Festa Komunità organizzata mill-Kulleġġ San Benedittu billi daqqet marċi brijużi f'*mass band* iffurmata minn diversi baned oħra mill-istess reġjun. Fl-għeluq ta' din l-attività ttellgħet wirja żgħira mill-Għaqda Nar tal-Art Santa Marija tal-Imqabba flimkien ma' oħrajn mill-istess reġjun.

## 2 ta' Ġunju 2012

Is-Soċjetà Santa Marija organizzat Ġurnata Sqallija. Numru sabiħ ta' membri kellhom l-opportunità jżuru diversi postijiet rurali ġewwa l-gżira ta' Sqallija.



## 6 ta' Ġunju 2012

Ġiet organizzata ikla ġewwa l-każin mill-Għaqda Nar tal-Art.

## 8 ta' Ġunju 2012

Il-Fratellanzi tas-Sagrament u tar-Rużarju ħadu sehem fil-purċissjoni ta' *Corpus Christi* fit-toroq tal-Imqabba.

## 13 - 17 ta' Ġunju 2012

Ittellgħet il-Wirja *The Cradle of Innovation* mill-Għaqda Nar tal-Art ġewwa l-każin; wirja li ffukat fuq l-istorja, l-iżviluppi u l-innovazzjonijiet fin-Nar tal-Art mill-istess Għaqda.



## 16 ta' Ġunju 2012

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba ħadet sehem fil-Festival tan-Nar ġewwa l-Fontana, Għawdex.

## 23 ta' Ġunju 2012

Ġie organizzat *BBQ* u *Pool Party* mis-Sezzjoni Żgħażagħ ġewwa t-Torri tal-Qrendi.

## 24 ta' Ġunju 2012

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba tellgħet wirja ta' beraq u murtali tal-kulur fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġwann il-Battista fix-Xewkija, Għawdex.

## 8 ta' Lulju 2012

Il-Banda Re Ġorġ V għamlet servizz ta' banda ġewwa Ħal Kirkop fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp.

## 20 ta' Lulju 2012

L-Għaqda tan-Nar organizzat *BBQ* fil-Pjazza quddiem il-każin tas-Soċjetà.

## 22 ta' Lulju 2012

Il-Banda Re Ġorġ V għamlet servizz ta' banda ġewwa ż-Żurrieq fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu.




# Cassar Florist

## (taz-zizzu)

***For your Wedding Flowers, Holy Communion, Head Dresses, Engagement Parties, funerals, bouquets for feasts, Wedding Invitations, Souvenirs, Tulle & Accessories for all occasions***



5% discount on total wedding flowers, souvenirs & invitations

**Triq Ġużeppi Mattew Callus, Żurrieq (near Aida Hall)**
**Tel: 2164 0501 / 9946 7457 / 9989 7385**

*Il-familja Cassar tixtieq il-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha!*



FGP

The Garage Door People

Celebrating 50 Years! 1962-2012

INSULATED OVERHEAD SECTIONAL DOORS

- SILENT
- WEATHER SEALED
- VARIOUS DESIGNS & FINISHES
- RESIDENTIAL & INDUSTRIAL DOORS
- COMPETITIVE PRICES
- REMOTE CONTROL AVAILABLE

FGP Ltd. is Malta's leading & longest established garage door manufacturer.
We supply a full range of residential, commercial & industrial garage doors and gates, barriers, bollards, remote control automations as well as miscellaneous sheet metal works.

FGP LTD. 109, VALLETTA ROAD LUQA LQA1762. TEL: 21667107/8, 21673627 FAX: 21675384 EMAIL: SALES@FGP.COM.MT WEB: WWW.FGP.COM.MT



BRIAN & JAMES GREEN

FUNERAL SERVICE

*Irrikorru*

30, Main Street, Żurrieq Tel: 2164 2738

Rustica, Massabielle Street, Qrendi Tel: 2164 2508 – 9949 7959

“Green”, St. Catherine Street, Qrendi Tel: 2164 7791 – 9949 4880

# The Convenience Shop

Fresh Daily Bread & Confectionery

- Triq Mons Mikielang Sapiano. Zebbug. Tel:21464017
- Triq il-Magna tas-Serrar, Msida. Tel:27207126
- Triq l-Isqof Emanuel Galea, Zejtun. Tel:21821022
- Triq Sir Luigi Camilleri, San Gwann. Tel:21373755
- Triq iz-Zurrieq, Safi. Tel:27641209
- Triq Santa Katerina, Mqabba. Tel:27642411
- Mons. Alfred Mifsud Str, B'Kara





# Il-Festa - Ilbieraħ u Llum

minn David Carabott

## Jum bħall-oħrajn

Għadni kif ħriġt nittawwal mit-tieqa dellija ta' kamarti u maż-żiffa ħelwa li mliet il-kamra ġiet ukoll l-ispirazzjoni biex inħarbex erba' riflessjonijiet. Bħal qatt qabel bdejt napprezza l-ġmiel tal-veduta festiva li minn sena għal oħra kont spiċċajt drajtha. Dan naħseb għaliex kbirt f'din l-atmosfera u bosta drabi bilkemm ninduna li waslu l-jiem tal-festa.

Mit-titwila li tajt mit-tieqa ta' kamarti, tfajt ħarsti 'l fuq u rajt il-viżibilju ta' arbli b'bandieri ta' kull daqs u disinn iperpru mar-riħ ta' matul il-jum. Wara ħarist ħarsa 'l isfel u rajt ġemgħa mdaqqsa ta' partitarji jaħdmu bla heda taħt xemx taqli l-ankri. U lmaħt lin-nies tat-triq, fejn min jaħsel u jnaddaf ħalli jkollhom id-dar nadifa xummiema kif ukoll min ġej bix-xirja ħalli jkollu daru armata b'tiżjin u b'ikel bnin għal lejliet u nhar il-festa.

Darba fost l-oħrajn matul il-ġimgħa, malli ħriġt għax-xogħol fis-sebgħa ta' filgħodu, rajt ġuvnott jarma raddiena. Meta dħalt lura d-dar fil-ħamsa ta' filgħaxija dan l-istess ġuvnott kienu għadu hemm fl-istess post. Hemm irrealizzajt li għandu jkolli ammirazzjoni għal nies bħal dawn. Grupp ta' nies li jaħdmu minn qalbhom u bla waqfien ikkaratterizzati minn entużjażmu u enerġija, motivati mill-imħabba li jħaddnu lejn il-festa ta' raħal twelidhom, u forsi wkoll għar-rivalitàli hemm bejn il-każini.

Il-pika li bosta drabi twassal għal qasma bejn każin u ieħor naraha bħala donnha kapaċi tgħaqqad aktar lil kull grupp. Wieħed li jkun ġej minn barra r-raħal għandu jibqa' impressjonat tassew bl-għaqda bejn kull grupp ta' partitarji. Kif jgħidu f'kull tajjeb issib xi ftit ħażin u f'dak li huwa meqjus ħażin issib xi ftit tajjeb ukoll. Dan skont kif u minn fejn tħares lejn l-affarijiet.

## Ordni u diżordni

Indunajt ukoll li llum il-ġurnata f'ċerti aspetti hawn ħafna aktar ordni fil-festi. Il-gabbani tal-ikel *fast food*, li mhu xejn tipiku Malti, jinsabu kollha organizzati f'filliera wara xulxin u f'żona waħda. Issa qiegħed niftakar li sa ftit snin ilu bilkemm kont tista' tgħaddi mit-triqat li jwasslu għall-pjazza tar-raħal, għax dawn il-gabbani kienu joħonqu kullimkien. Issa jidher li kollha għandhom posthom innumerat. Barra minn hekk, dan l-aħħar bdejt nara l-*mobile toilets* ukoll u dan hu sinjal tajjeb għax jonqos ir-riskju li jispiċċaw jużaw xi ħajt jew parapett ta' xi dar jew xirota ta' karozza bħala latrina. Ħaġa oħra pożittivahija dik li l-każini bdew iġibu l-karozzi tat-tifi tan-nar - lesti għal meta jkun hemm bżonnhom.

Min-naħa l-oħra ma rridx nitkellem dwar id-diżordni li nara fil-jiem tal-festi; konsum sfrenat tal-alkoħol u forsi wkoll xi drabi abbuż ta' drogi. Dan ħa nħallih f'idejkom biex taħsbu dwaru, għax donnhom dawn l-affarijiet saru parti mill-mod tal-għajxien tagħna llum. Tajjeb li nqumu fuq saqajna u niftħu għajnejna.

## Qawsalla ta' Nar

Il-festi komplew jikbru fin-nar tal-art kif ukoll f'dak tal-ajru. Hemm irħula li tant jaħdmu nar li jbigħu minnu biex idaħħlu l-flus ħalli jinvestu fi bżonnijiet oħra.



Il-marċ tal-festa fl-imgħoddi.



Il-marc tal-festa fil-preżent.




Arcadia,
Gilbiena Street,
Żabbar.
Tel/Fax: 2167 7970

*We Specialize in:* **1.** Frame Moulding in different shapes and sizes, Parquet Flooring and Wooden Skirting
**2.** Furniture Mouldings
**3.** Kitchen & Interior doors in standard measures or in desirable size
**4.** Panelling in solid Pine





All Selections can be made from a wide selection of wood (Pine - Oak - Mahogany - Samba)

**PURCHASE DIRECTLY FROM MANUFACTURER AND SAVE MONEY**

**FREE DELIVERY**

# Gino
ta' Hal Qormi

## CHAIRS, TABLES & BENCHES *for* HIRE




HOTELS ▪ HALLS ▪ BARS ▪ RESTAURANTS ▪ FACTORIES ▪ SCHOOLS ▪ SPORTS/BAND CLUBS
WEDDINGS ▪ CHILDREN'S PARTIES ▪ BARBEQUES ▪ BANQUETS ▪ EXAMS ▪ EXHIBITIONS ▪ CONFERENCES

**M:** 9949 2732 ▪ **T:** 2148 3041 ▪ **F:** 2149 4433 ▪ **E:** gino@euroweb.net.mt ▪ **W:** www.ginotahalqormi.com
*VIEW OUR VAST RANGE OF CHAIRS AND TABLES IN OUR FACEBOOK PAGE "Gino ta' Hal Qormi"*

Find us on: facebook

Min-naħa l-oħra hemm oħrajn li jixtru. Ftit ġimgħat ilu ltqajt ma' qassis li kien jgħallimni u qalli li ma jaqbilx mal-partitarji tal-lokalità ta' fejn hu jaqdi d-dmirijiet reliġjużi tiegħu. Dawn jonfqu madwar tletin elf ewro biex jixtru nar li jinħaraq fuq jumejn. Hu tal-fehma li dawn il-flus jistgħu jintefqu aħjar fil-komunità.

Fl-aħħar jiem t'April kelli x-xorti ngawdi spettaklu wara l-ieħor waqt il-Festival Internazzjonali tan-Nar tal-Ajru fil-Port il-Kbir li jittella' kull sena biex jiċċelebra d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Kien hemm nar minn diversi pajjiżi madwar id-dinja u l-unuri spiċċaw marru mingħajr dubju kif mistħoqqa għand Ħal Lija. Din is-sena l-festival kien mifrux fuq ħamest ijiem u ddeċidejt li ndur il-Kottonera u l-madwar biex kull lejla kelli x-xorti ngawdi n-nar li beda jixgħel u jagħti l-ħajja lill-baħar u s-swar minn irkejjen differenti.

## It-Teknoloġija biddlet ħajjitna

It-teknoloġija qiegħda tagħmel tagħha wkoll. Dawn il-programmi ta' lejliet il-festi ma tantx jogħġbuni anke jekk qegħdin jiġbdu mijiet ta' nies. Narahom xi ftit bombastiċi. Dik il-mużika barranija u bosta drabi tant storbjuża ma naraha taqbel xejn mal-festa tipika Maltija. Id-dinja teknoloġika naraha qisa qiegħda tisraq mill-elementi tradizzjonali tax-xogħol artistiku li dawn il-gżejjer huma kapaċi joffru. Imma ftit hemm x'tagħmel u jkollna naddattaw ruħna mal-progress li jġib miegħu dan ukoll. Dan x'aktarx qiegħed jifga xi ftit jew wisq il-karatteristiċi tradizzjonali tal-festa, għax din ukoll qiegħda tiġi affettwata mill-fenomenu teknoloġiku. Il-piki li jikkaratterizzaw il-festi fl-irħula aktar qegħdin jgħaġġlu dawn l-elementi ġodda biex jidħlu u jieħdu aktar spazju fil-festa Maltija. Madankollu, huwa fatt li t-teknoloġija ġabet ukoll diversi vantaġġi. Imma kif jgħid il-Malti: mitt bniedem mitt fehma!

Fl-aħħar nett ħaġa oħra li naraha xi ftit moda ta' dawn l-aħħar snin hija l-fatt li diversi każini qegħdin iħossuhom fuq kulħaddbl-għajta ta' *we are the champions*. Jagħmlu festa sħiħa jgħajru lill-oħrajn li huma biss l-aqwa u l-aħjar. Ma tantx nista' nifhem fuq liema kriterji dawn jiddeċiedu li huma l-aħjar. Hemm xi ħadd minnkom jista' jgħidilna?

Grazzi u l-festi t-tajba.





# Perit ta' nisel Imqabbi maħtur Professur tal-Arkitettura

**minn Carlo Sciberras**

Ftit ġimgħat ilu, iltqajt ma' Ġulja Ghigo, jew kif insibuha bħala Ġulja Ta' Pataw. Din qaltli, "Smajt b'dak il-perit Malti u ta' nisel Imqabbi li ħatruh professur ma' arkitetti kbar bħal Richard England u Renzo Piano? Dak Lino Bianco, bniedem intelliġenti ħafna u jsaħħrek bl-umiltà tiegħu. Ommu mill-Imqabba u zijuh kien il-kappillan tar-raħal". F'kemm ili ngħidlek ġabitli n-numru tal-mowbajl tiegħu. Mario Zammit, il-P.R.O. tal-Każin, ċempillu għall-appuntament biex jien niltaqa' miegħu imma l-perit kien fuq xogħol fl-Isvizzera. Ftehmna li niltaqgħu l-Każin tagħna xi jiem wara li jasal Malta.

Ikolli ngħid li kont fil-ħin għall-appuntament imma ma ntbaħtx min hu. Ħallejt xi ħames minuti jgħaddu u staqsejt wieħed bilwieqfa ħdejn il-bieb tal-Każin jekk huwiex il-Perit Bianco. Huwa kkonferma li kien hu. Libes b'mod informali għall-aħħar, bla pożi ta' xejn, ħadna b'idejn xulxin u dħalna fil-Każin għal xarba friska; insomma, ix-xarba tal-perit kienet tazza ilma għax ma jixrobx alkohol! Kienet laqgħa ta' xi nofs siegħa imma jkolli nammetti, li ntbaħt kemm huwa bniedem ta' viżjoni anke fuq affarijiet li r-raħal huwa marbut magħhom. Min meta kelmitni Ġulja jien staqsejt dwaru u qaluli li fl-aħħar konferenza internazzjonali tal-piroteknika li saret f'Malta fl-aħħar t'April li għadda, huwa kien tkellem fuq il-logħob tan-nar bħala parti mill-wirt dinji. It-taħdita tiegħu, li ġiet irrapurtata fuq il-mezzi tax-xandir tal-PBS, ġiet milqugħa ħafna tajjeb mill-parteċipanti tal-konferenza b'mod partikolari dawk minn Spanja u mill-Messiku.

Fit-taħdita li kellna, jien staqsejtu fuq l-edukazzjoni u l-karriera tiegħu. Ikolli ngħid li issorprendieni ftit għax ma tantx iħobb jitkellem dwaru. Jien ġibt xi informazzjni mingħand Ġulja, ħabiba tal-familja t'ommu mindu kienet tfal, mill-internet u minn xi membri tal-Każin li attendew għall-konferenza t'April li għadda. Lino, kif isibuh tal-familja u l-ħbieb tiegħu, minn dejjem kien bil-għatx għall-qari u għall-ħsieb kif tixhed il-qawsalla ta' suġġetti li studja u speċjalizza fihom. Ommu hija Pija, oħt Tonina, aħwa ulied Leli Zammit, magħruf bħala "Il-Gross", ex-segretarju tal-Każin ta' Santa Marija. Missier Lino kien iltaqa' m'ommu wara li ħuh Dun Karm Bianco, kien laħaq Kappillan tar-raħal. Skont Tonina, missier Leli, cioè il-bużannu tal-Perit Bianco, kien Mikiel Zammit, benefattur kbir tal-Każin tagħna.

Lino spiċċa l-iskola sekondarja, is-Seminarju Tal-Virtù u għamel is-sixth form il-Kulleġġ San Alwiġi. F'dan il-perjodu huwa studja xi erbgħa u għoxrin suġġett fil-livell ordinarju u sitta fil-livell avvanzat. Imma, jien staqsejtu, kif irnexxilek tkopri dawn is-suġġetti kollha? Ir-risposta tiegħu kienet sempliċi… imma urietni l-profondità tiegħu. "Jien qatt ma fhimt għaliex wieħed kellu, fit-tielet sena tal-iskola sekondarja, jagħżel bejn arti, xjenza jew kummerċ, tal-aħħar ma kienx possibbli s-Seminarju għax ma kinux jgħallmu s-suġġetti relattivi. Għalhekk, jien iddeċidejt li nistudja



Ritratt tal-Professur Bianco meħud għall-għarrieda minn bintu Alessandra fid-dar ta' zitu Tonina fi Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.



Il-Professur Bianco fl-uffiċju privat tiegħu waqt taħdida dwar wieħed mill-proġetti li kien qiegħed jaħdem fuqu.

s-suġġetti kollha u magħhom inkludejt is-suġġetti klassiċi li ma kinux aktar jiġu mgħallma".

Fost is-suġġetti li għandu fil-livell ordinarju tal-Università ta' Londra jinkludu l-astronomija, l-istorja tal-qedem u l-letteratura griega, suġġetti li għalihom hu jammetti li kien ikun waħdu fil-kamra tal-eżamijiet. Fil-livell avvanzat, minbarra l-matematika pura u l-matematika applikata, huwa studja l-fiżika, il-filosofija, ir-reliġjon u r-russu. Huwa kompla l-istudji tiegħu fil-filosofija, psikoloġija u soċjoloġija, fl-Istitut tal-Filosofija u Studji Umanistiċi fejn iffoka fuq il-loġika u l-filosofija tax-xjenza. Wara, daħal l-Università ta' Malta fejn kompla bl-istudji tiegħu fl-arkitettura u l-inġinerija ċivili u speċjalizza fl-inġinerija tal-bini u l-konkrit. Qabel ma ggradwa ta' perit, kien ingħata borża ta' studju mill-Gvern Malti biex jispeċjalizza fil-ġeoloġija fl-Università ta' Leicester, fir-Renju Unit. Inqas minn sena wara li rritorna Malta, huwa ngħata borża oħra ta' studju, din id-darba mill-Gvern Ingliż, biex jispeċjalizza fl-istorja tal-arkitettura moderna fl-Università ta' Londra. Wara borża oħra ta' studju, huwa kiseb dottorat fl-arkitettura u l-politika mill-Università Statali tal-Arkitettura ta' Sofia, fil-Bulgarija.

Bħala perit prattikanti u konsulent fl-ippjanar urban u l-immaniġġjar ambjentali, Lino kien inħatar f'diversi karigi. Minbarra li jipprattika ta' perit, huwa lecturer fl-istorja u t-teorija tal-arkitettura fid-Dipartiment tal-Arkitettura u d-Disinn Urban fl-Università ta' Malta u professur fil-pjanifikazzjoni urbana fl-Università Statali tal-Arkitettura ta' Sofia.

Waqt il-World Triennial of Architecture miżmum taħt il-patroċinju tal-President tar-Repubblika Bulgaru u l-UNESCO f'Mejju li għadda, huwa ġie maħtur professur tal-Akkademja Internazzjonali tal-Arkitettura għall-kontribut siewi li ta għall-iżvilupp tal-arkitettura kontemporanja, rikonnoxximent internazzjonali għall-ħidma u r-riċerka tiegħu u unur għal Malta u għar-raħal tagħna. Ta' sitta u erbgħin sena, Lino huwa wieħed mill-iżgħar arkitetti li qatt ingħata din il-pożizzjoni prestiġjuża. Nawgurawlu aktar suċċessi fil-karriera professjonali tiegħu.


Tal-Parrina

Confectionery & Convenience Shop



Triq is-Salvatur, Qrendi
Tel: 2164 9489

Miftuħin mit-Tnejn sas-Sibt
mis-6.00am sat-8.30pm

Ħdud u Festi
mis-6.00am san-12.30pm




Ibda pprattika l-isport li rebbaħ diversi unuri lil Malta!

L-iskola tal-Basketball tas-Siġġiewi toffrilek dan iċ-ċans bi prezz verament irħis. L-iskola terġa tiftaħ minn Settembru li ġej fl-iskola primarja tas-Siġġiewi nhar ta' Sibt fil-għodu. Għal aktar informazzjoni ċemplu fuq 99893787, 99464303 jew 99860975.

Siggiewi Basketball School hija reġistrata mal-Kunsill Malti għall-Isport





# L-Attivist tas-sena Is-Sur Emanuel Pace



Is-Sur Emanuel Pace jidher jirċievi t-trofew tal-Attivist tas-Sena mingħand is-Sur Martin, nhar l-10 ta' Awwissu 2011.

Ta' kull sena, is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba tieħu ħsieb tippreżenta l-unur tal-attivist tas-sena lil dak il-persuna jew persuni li fl'opinjoni tagħna jkunu ddistingwew ruħhom aktar minn oħrajn fil-ħidma tagħhom matul is-sena. Din kienet inizjattiva oħra tal-familja Martin li għandhom għal qalbhom is-Soċjetà tagħna. L-attivist għas-sena 2011 ingħata lis-Sur Emanuel Pace propju nhar l-10 t'Awwissu 2011.

Is-Sur Pace twieled nhar it-12 ta' Novembru 1946 fis-Siġġiewi minn Nikola u Antonia nee Schembri. Ġie mgħammed fil-knisja ta' San Nikola fis-Siġġiewi. Nhar is-6 t'April 1975, Emanuel Pace iżżewweġ lis-Sinjura Maria nee Galea. Miż-żwieġ kellhom tlett itfal – Roderick, Josemar u Melchior. Emanuel Pace għamel żmien jaħdem fil-barriera. Wara daħal il-barraks Ħal Luqa jgħin lis-suldati fil-kċina.

Emanuel Pace ilu snin jaħdem b'risq il-każin, kemm fl'imħażen tal-Armar speċjalment dak li għandu x'jaqsam xogħol fuq l-injam. Emanuel, għal dawn l-aħħar snin ta' sehem important wkoll f'dak li għandu x'jaqsam ma' manutenzjoni ġewwa l-każin, bħalma huwa xogħol ta' żebgħa, manutenzjoni fuq bibien u aperture, l-arbli ta' fuq il-bejt u ħafna aktar. F'dan ix-xogħol Emanuel dejjem kien mgħejjun minn ibnu Roderick, li flimkien jiddedikaw ħafna mill-ħin liberu tagħhom b'risq is-Soċjeta'. F'isem is-Soċjetà, soċi u partitarji nirringrazzjaw lis-Sur Emanuel Pace tax-xogħol li dejjem wettaq b'risq il-ġid tas-Soċjetà.




Callus
Landscaping & Gardening
• Detailed Design & Landscaping
• Automatic water irrigation
• Ponds and water falls
• Natural & artificial rocks-scaping
• Suppliers of all types of trees, palms and shrubs
• Real carpet lawns
• Garden Cleaning and Maintenance
• Pruning of Trees
• Free consultation
We can alter your garden to your likings!
'Serjo' • Triq Wied Xkora • Siggiewi
Tel: 2146 4602 | Fax: 2740 5135 | Mob: 7940 5135 • 7906 2797
E-mail: callusj@onvol.net


WE'VE GOT WHAT YOU'RE LOOKING FOR!
MATERIAL FOR FLAGS, BANNERS AND ALL RELATED ACCESSORIES
WOOL, COTTON, POPLIN, TREVIRA, CRYPLENE, NYLON TAPE, SWIVELS, ROPES, GEORGE CROSSES AND LOTS MORE
FABRIC GALLERY
BIBAS
YOU'LL FIND IT ALL AND MORE AT OUR NEW CONCEPT STORE
HOMPESCH ROAD, FGURA. TEL: 2169 1269



# Ħal Millieri fl-Istorja tal-Imqabba

**Giovanni Farrugia**

Ħal Millieri, li qiegħed ftit passi bogħod mill-Imqabba, jidħol sew fl-istorja tagħna. Dokument antik li nkiteb minn Dun Gejt Buttigieg, meta ġie mqabbad mill-Isqof Mattei, juri li damu żmien jitgħammdu f'dan il-villaġġ antik. Dan id-dokument juri wkoll li l-kappella kienet għadha bit-titular l-antik u li ħafna bdiewa kienu Mqabbin. Insibu wkoll li ħafna bdiewa kienu jbigħu l-prodotti tagħhom nhar ta' Ħadd, bħall-monti tal-lum wara l-quddiesa. F'dan ir-rapport isemmi wkoll li għall-ħabta tal-1460 beda jsir ukoll il-bandu. Dan ukoll jissemma fil-volumi storiċi ta' Joseph Żahra fejn jgħidli f'Ħal Millieri u f'Ħal Muxi kienu minn tal-ewwel li bdew ixerrdu messaġġi b'dan il-metodu. Dan kien jikkonsisti li raġel jitla' fuq xi ħaġa għolja u jaqra prezzijiet jew aħbarijiet li jkunu tawh.

Kien hemm żmien meta kien isir ukoll fejn Tal-Ħniena fil-Qrendi, però jidher li hawn ma damux għax tad-Dibdieba, Ħal Farruġ, Ta' Kandja, Tas-Sejba u Tad-Dawl ma baqgħux imorru minħabba 'l bogħod. Ħal Millieri kien fiċ-ċentru u l-bdiewa tal-Landin. Dawn il-bdiewa kellhom ħxejjex u frott mill-isbaħ u bnin, frott l-ilma ġieri li kien inixxi f'dawk l-inħawi.

Iktar 'il fuq semmejna l-bandu. Prova oħra hi li Dun Mikiel Zammit li kellu għalqa l-Landin, u li kien fiha kamra isfel u kamra fuq, kien urieni li f'ġebla fejn il-bieb li jagħti għall-bejt kien hemm imħaffer… Bandu A, 1480, li skont Dun Mikiel kienet id-data tal-bandu li aktarx bdieh patri jew qassis. Dan l-annu kważi jaqbel ma' li semmejna. Kif ktibna f'artikli oħra, l-ewwel Kappillan kien kappuċċin u allura aktarx li l-bandu bdieh hu u għallem lil ħaddieħor għax meta beda jsir fejn San Bażilju kien raġel li kien jaqra l-bandu. U hawn ukoll insibu qbil mill-volumi ta' Loretu Vella u Ġużeppi Żahra.

Għamilna wkoll verifiki. Waqt li konna qed nagħmlu r-riċerki mas-sagristan ta' Santa Marija ta' Ħal Muxi, Ġużeppi Attard (Ankwini), sirna nafu li f'dan iż-żmien kien hawn storiku Ingliż; ħabib ta' Roger Strickland, mill-Università ta' Birmingham, li kien qed jagħmel ukoll riċerki storiċi u li skontis-Sur Attard Ħal Millieri u Ħal Muxi kien qed jagħtihom attenzjoni kbira. Minħabba li ma tantx kien qed isib l-informazzjoni kif xtaq hu minn xi dokumenti li kienu jeżistu fil-parroċċi, xi wħud għarfuh mill-volumi privati tal-Familja Vella. Qalilhom li kienu ta'importanza kbira għax lanqas il-Biblijoteka tal-Belt ma sab daqshekk dettalji.

Dan tant hu veru li meta tiġi biex tivverifika ma' storiċi oħrajn bħal Castagna, Giov. Segno, Faurè, Caruana u oħrajn, issib qbil li tista' tkompli bla tfixkil fix-xogħol storiku jew f'riċerki li wieħed ikun qed jagħmel.



Tpenġija bil-Lapes ta' Ħal Millieri, xogħol John Lutterly fl-1855.



Dehra tal-Pjazza ta' fejn illum hemm il-Youth Centre, impenġija fl-1820.

# SCICLUNA FLORIST

Garden Centre

***Specializes in:***

*Flower Arrangements for Weddings,*
*Holy Communion etc.*
*Souvenirs for every occasion, Artificial Flower and Tulle,*
*Fresh Plants and Fruit Trees.*

**Bronja Street, Żurrieq – Tel: 2164 9621**

# Tahabel Ltd

**St. Catherine, John Borg Str., Żejtun ZTN 2705**
**Tel: 2167 3589 / 9947 0351 • Fax: 2169 2894 • E-mail: info@tahabel.com**

Importers of:

- All Kinds of Ropes
- Chains
- Hardware Iems
- Shading Cloths
- Safety Wear
- Tents
- Camping Equipment
- Gyzers
- Heaters
- Fans
- Air Conditioners
- Computers & Laptops
- Polyplumb Water Fittings & Pipes
- Key Clamps
- Fishing & Trapping Nets
- Wire rope
- Bathroom Spares
- & Much More








VALY Heaters
TESY the comfort generation
EVERNAL
POLYPLUMB
NOVA
Gleistein Ropes since 1824

Minbarra dawn hemm ukoll storiċi Ingliżi bħal Brian Blouet, George Adams u oħrajn. Anke storiċi Franċiżi. Però nieqfu għal ftit mill-importanza storika ta' ċerti volumi u nkomplu dwar ġrajjiet antiki li nibtu f'Ħal Millieri u baqgħu jsiru ġol-villaġġ tagħna, il-Maħbuba Mqabba.

Il-bandu f'Ħal Millieri aktarx li kien jitla' fuq it-tarġiet ta' quddiem il-kappella, però meta beda jsir fejn San Bażilju kellna dawk iż-żewġ tarġiet ta' fejn id-dar tal-Familja Farrugia li m'ilhomx li tneħħew minħabba bankina ġdida.

Wara xi żmien il-bandu mar fil-pjazza fejn id-dar ta' Ġużeppi Facciol. Illum id-dar qiegħda għand il-Familja Grech. Però ma damx fil-pjazza għax reġa' mar San Bażilju minħabba li fil-pjazza l-bdiewa kienu jtellfu l-kwantità ta' burdnara li kienu jġorru l-ġebel mis-Sejba, xagħar imqalleb, eċċ. għall-Ħamrun u anke għall-Gżira fejn kienu qed isiru djar bil-ġebel mill-Imqabba. Anke l-knisja tal-Furjana għandha ġebel Imqabbi! Dawn kienu jgħaddu minn Triq Santa Katerina, għall-Pjazza, Triq il-Belt u min jibqa' sejjer għall-Ħamrun u min għall-Imsida.

Fejn San Bażilju kienu jsibuhom iktar komdi u hawn il-bandu baqa' jinqara sal-aħħar. Ġibna stampa mpinġija bil-lapes li kellu Dun Ewġenju Mallia bl-annu 1820. Fiha wieħed jista' jara t-tarġiet fejn kien jitla' jaqra l-bandu. Jien ilħaqthom sew. Konna noqogħdu bilqiegħda nistrieħu wara xi logħba boċċi. Żmien sabiħ li tar u ma jerġax jiġi!

Baskal Xuereb, ħabib kbir li sibt għajnuna kbira mingħandu fir-riċerki li kont nagħmel, irrakkontali storja ta' wieħed li kien jismu Ġamri u li kien jaqra l-bandu. Dan Ġamri kien devot ta' Santa Marija. Ġamri qal lill-bdiewa biex jgħidu tliet Ave Marijiet biex tieqaf ix-xita sakemm inlestu (minħabba li kien hemm it-traxxix). Ix-xita waqfet u feġġet ix-xemx. Wara li nqara l-bandu u kulħadd beda sejjer lejn daru għax kien spiċċa l-bejgħ u l-ġarr tal-affarijiet, reġgħet bdiet traxxax ix-xita u f'kemm ilna ngħidu nfetħu bwieb is-sema bix-xita qawwija li għamlet.

Dan il-fatt ġara iktar minn darba u hawn tidher id-devozzjoni kbira li kellhom l-antenati tagħna lejn il-Glorjuża Verġni Santa Marija. U hawn ta' min jagħmel enfasi qawwija lejn fejn hi sejra d-devozzjoni lejn il-Madonna!

**Referenzi**


Loreto Vella Vol. 4
Joseph Theuma Vol 1 Dun Gejt
Ġużeppi Attard - Ħaż-Żebbuġ
Doc. Salv Caruana - Ħaż-Żebbuġ
C. Cassar – History of Malta
Baskal Xuereb – 1960



# NIMROD GARAGE

**Vjal l-Indipendenza, Żurrieq**

***For Hire of:*** **Coaches – Mini Buses**

**Mini Coach with wheelchair facilities**

**Tel: 21640098, 21689693 • Mob 9947 6886, 99457554**




Leapster 2 Learning Game System
LeapFrog
Baby Counting
Hello Kitty
Sit to Stand
First Steps
vtech
Barbie
20" Bike
Available with speed or without
Trico Truck
Gaucho Rock'in
Me to You
Spiderman Scivolotto
MONOPOLY
UNO
Woody
Buzz Lightyear
Adults and children costumes for hire or for sale all year round.
DES is offering a large variety of costumes, wigs, makeup and all sorts of accessories that you may need for your costume party.
CARNIVAL – HALLOWEEN – CHRISTMAS
HENS – BIRTHDAY & all kind of parties.
Over 100 Phones to choose from
S5230
8520
c3
S8000
iPad
iPhone 4S
Wi Fi
LCD & LED TV, DVD Players & Hi-Fi Equipment
BlackBerry
FUJIFILM
NOKIA
SAMSUNG
Panasonic
LG
DIE ECKE STATIONERY
D.E.S
DIGIT ELECTRONIC SOLUTIONS
Mons. M. Azzopardi Street, SIĠĠIEWI • Tel: 27/21463403
School Street, Safi • Tel: 27/21641149
E-mail: info@desmalta.com
Website: www.desmalta.com
Find us on: facebook
DES Malta



# In-neputija tar-Re Ġorġ V, Eliżabetta II, tiċċelebra l-Ġublew tad-Djamanti

**minn Dun Geoffrey G. Attard**

Is-6 ta' Frar li għadda kienet ġurnata importanti fil-ħajja ta' Eliżabetta II, ir-Reġina tar-Renju Unit u Kap tal-*Commonwealth* li aħna l-Maltin nagħmlu parti minnu. Dakinhar Eliżabetta II għalqet sittin sena minn meta saret reġina; it-tieni l-itwal renju ta' monarka Ingliż wara dak tar-Reġina Vittorja. Kienu dawn it-tnejn biss li ċċelebraw il-Ġublew tad-Djamanti fir-renju tagħhom. Għalhekk se nagħtu ħarsa lejn dan l-avveniment importanti fil-ħajja tar-Reġina li r-Re Ġorġ V, li għalih hi msemmija l-Banda tas-Soċjetà Santa Marija tal-Imqabba, jiġi nannuha.

## Ma twelditx bħala eredi tat-tron

Eliżabetta Windsor twieldet fil-21 t'April 1926, l-ewwel wild ta' Albert, Duka ta' York u martu Lady Elizabeth Bowes-Lyon. Ommha, Elizabeth ukoll, kienet Skoċċiża u mal-mewt ta' żewġha saret magħrufa bħala 'r-Reġina Omm' filwaqt li missierha, il-Prinċep Albert, kien it-tieni iben tar-Re Ġorġ V tal-Ingilterra u martu r-Reġina Mary. Fil-magħmudija tagħha hija ngħatat l-isem ta' Elizabeth Alexandra Mary b'rabta ma' ommha, nannitha u bużnannitha; tradizzjoni popolari ħafna fil-Familja Rjali.

## Minn Ġorġ V għar-renju qasir ta' Dwardu VIII u għal Ġorġ VI

Fi twelidha, il-Prinċipessa Eliżabetta ma kinitx mistennija li tkun l-eredi tat-tron minħabba li missierha Albert ma kienx l-iben il-kbir tar-Re. Imma meta kellha għaxar snin, mal-mewt tar-Re Ġorġ V, zijuha David, li kien l-ikbar tifel ta' Ġorġ V u li sar ir-Re Dwardu VIII, daħħal lill-monarkija u lil pajjiżu fi kriżi kostituzzjonali meta wera x-xewqa li jiżżewweġ Amerikana li kienet divorzjata darbtejn. F'dik is-sena, l-1936, ma kienx possibbli li eredi għat-tron jew monarka jiżżewweġ divorzjata għax il-Knisja stabbilita tal-Ingilterra – dik Anglikana – ma kinitx tagħti dan il-permess. Dwardu VIII abdika mit-tron biex seta' jiżżewweġ lis-Sa. Simpson u b'hekk, missier Eliżabetta, Albert, wiret it-tron mingħand ħuh il-kbir u għażel l-isem ta' Ġorġ VI b'sens ta' kontinwità mar-renju ta' missieru, ir-Re Ġorġ V.

Għalhekk, ta' għaxar snin, il-Prinċipessa Eliżabetta saret l-eredi ewlenija għat-tron hekk kif missierha sar ir-Re u hi kienet l-akbar tifla tiegħu waqt li ma kellux tfal subien. Ir-Re Ġorġ VI rrenja fi żmien diffiċli ħafna fl-istorja tal-Ewropa qabel, matul u wara t-Tieni Gwerra Dinjija meta r-Renju Unit beda wkoll jitlef partijiet mill-Imperu Ingliż bħall-Indja.

## Familja li għelbet id-difett tal-missier

Eliżabetta kellha oħt waħda, Margaret. Diversi bijografiji tar-Reġina Eliżabetta II u ta' missierha r-Re Ġorġ VI jgħidu li r-Re, li kien bniedem tal-familja, u li xejn ma xtaq li jiret it-tron wara l-abdikazzjoni ta' ħuh, kien



Ir-Reġina Eliżabetta II ixxejjer lill-folla kbira li nġemgħet quddiem Buckingham Palace, bl-eredi immedjat tagħha, binha l-Prinċep Karlu, u l-eredi tiegħu, in-neputi tagħha l-Prinċep William, ħdejha.



Ir-Reġina Eliżabetta II tammira r-rakkmu fuq l-istandard il-prim tal-Banda Re Ġorġ V tas-Soċjeta' Santa Marija tal-Imqabba fil-laqgħa li kellha fl-1992 ma' rappreżentanti tal-għaqdiet Maltin b'rabta mal-Familja Irjali Ingliża

OPEN ALL DAY

# Sale

*We love to make you smile!*

Curtains - Curtain Fabrics
Haberdashery - Bedlinen
Throw overs - Bath towels
Underwear - Clothes for all the family

*and so much more!*

Iklin - Hamrun - Fgura -
San Gwann - St. Paul's Bay
www.jbstores.com tel: 23314301/3

JB
STORES

jirreferi għall-familja tiegħu bħala '*us four*'. Dan l-aspett ta' intimità ħareġ ċar ħafna mill-film prestiġjuż li ħareġ f'dawn l-aħħar snin bl-isem *The King's Speech* u li jirrakkonta d-diffikultajiet li ltaqa' magħhom Ġorġ VI tul ħajtu, b'mod partikulari d-difett tat-temtim li rebħu biss bl-għajnuna tat-terapista tiegħu Lionel Logue u l-appoġġ kontinwu ta' martu Elizabetta, ir-Reġina Omm. Dan il-film huwa wieħed minn diversi films li nħadmu dwar il-Familja Rjali f'dawn l-aħħar għaxar snin. Film ieħor kbir huwa *The Queen* li fih ħadmet ir-rwol tar-Reġina l-attriċi Ingliża Helen Mirren.

## Għarfien lill-baned Maltin marbutin mal-Familja Rjali

Ir-Reġina Eliżabetta II tiġi n-neputija tar-Re Ġorġ V, ir-re Ingliż li ta ismu lill-banda li tieħu ħsieb tiċċelebra l-festa ta' Santa Marija, Patruna ta' dan ir-raħal qadim. Il-Banda Re Ġorġ V tas-Soċjetà Santa Marija tal-Imqabba hi waħda mill-baned Maltin li għandhom rabta mal-Familja Rjali u mal-Monarkija Ingliża. Magħha nsibu wkoll il-Banda *King's Own* tal-Belt Valletta, il-Banda *Prince of Wales* tal-Birgu, il-Banda *Queen's Own* tal-Isla, il-Banda *Duke of Connaught* ta' Birkirkara, il-Banda *Imperial* tal-Mellieħa, u l-Banda *Queen Victoria* taż-Żurrieq. Meta r-Reġina Eliżabetta II u żewġha d-Duka ta' Edinburgu żaru l-gżejjer Maltin fl-1992, kellhom fost l-oħrajn laqgħa sabiħa ma' rappreżentanti ta' dawn il-baned f'Dar il-Mediterran, fosthom ma' rappreżentati tal-Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba, u r-Reġina kellha l-okkażjoni tieqaf u tammira r-rakkmu sabiħ tal-istandard il-prim tal-Banda Re Ġorġ V msemmija għal nannuha.

## Reġina fl-1952 ta' 25 sena

Fl-1947 il-Prinċipessa Eliżabetta żżewġet lill-Prinċep Philip tal-Greċja, illum magħruf bħala d-Duka ta' Edinburgu. Minħabba l-kundizzjoni dgħajfa ta' saħħet missierha, il-Prinċipessa Eliżabetta kienet bdiet tagħmel xi vjaġġi f'pajjiżi tal-*Commonwealth* wara li żżewġet. Kien proprju f'wieħed minn dawn il-vjaġġi, fil-Kenja, fis-6 ta' Frar 1952, meta żewġha stess kellu jagħtiha l-aħbar tal-mewt ta' missierha. Dan kien ifisser li ta' anqas minn 26 sena hija saret ir-Reġina l-ġdida tar-Renju Unit u ta' ħafna pajjiżi oħrajn tal-*Commonwealth*.

Eliżabetta II kienet inkurunata uffiċjalment bħala reġina tar-Renju Unit fit-2 ta' Ġunju 1953. Għal din iċ-ċerimonja attendew il-parti l-kbira tal-monarki Ewropej u rappreżentanti tal-pajjiżi li kienu kolonji jew membri tal-*Commonwealth*, fosthom Malta.

## Rabta speċjali ma' Malta

Matul din is-sena, Eliżabetta II qed tfakkar il-ġublew tad-djamanti tagħha. Fir-Renju Unit kollu u fil-*Commonwealth* saru u se jkomplu jsiru tul din is-sena kollha diversi ċelebrazzjonijiet biex ifakkru din il-ġrajja li b'kumbinazzjoni qed taħbat fl-istess sena li fiha Malta qed tfakkar is-sebgħin sena mill-għoti tal-*George Cross* minn missierha, ir-Re Ġorġ VI.

Eliżabetta II għandha rabta intima ma' Malta. Hija qattgħet fost l-isbaħ żminijiet ta' ħajjitha f'Malta fejn flimkien ma' żewġha kienet tgħix fid-dar ta' zijuha Lord Louis Mountbatten f'Villa Gwardamanġa. Minbarra li qattgħet parti kbira mis-sena 1951 f'pajjiżna, Eliżabetta II għamlet żjarat statali f'Malta f'Mejju 1954, f'Novembru 1967, f'Mejju 1992, f'Novembru 2005 fl-okkażjoni tad-dsatax-il laqgħa tal-mexxejja tal-*Commonwealth* li saret f'Malta u f'Novembru 2007.

Fis-*summit* tal-*Commonwealth* fl-2005, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba kellha l-privileġġ ittella' l-wirja tal-logħob tan-nar fi tmiem iċ-ċena mogħtija mir-Reġina għall-mexxejja tal-pajjiżi tal-*Commonwealth* fil-lukanda *Radisson Golden Sands* f'*Golden Bay*.

## Renju fost l-itwal fl-istorja

Hija u tiċċelebra l-ġublew tad-djamanti din is-sena, Eliżabetta II laħqet it-tieni l-itwal renju fl-istorja ta' art twelidha wara dak tar-Reġina Vittorja li kienet irrenjat mill-1837 sal-1901, jiġifieri ftit inqas minn 64



Ringiela ta' pulizija jmexxu lill-folla biex timla l-Mall, it-triq quddiem Buckingham Palace, wara li għaddew il-karozzelli tar-Reġina u tan-neputijiet tagħha u l-parata speċjali li saret fil-Ġublew tad-Djamanti.



Il-barkun irjali fuq ix-xmara Thames li mexxa flotilla sħiħa ta' dgħajjes ta' kull tip biex jiċċelebraw il-Ġublew tad-Djamanti tar-Reġina Eliżabetta f'Ġunju li għadda.

OLTA ALUMINIUM LTD.

Triq l-Industrija,
Qormi, Malta

Tel: (+356) 2148 7641
Mob: (+356) 9949 2901
Fax: (+356) 2144 3030
E-mail: olta@maltanet.net

Josef Saliba
*Managing Director*

UV

SCREEN &
DIGITAL PRINTERS

T-Shirts • Scarves • Caps • Flags
Banners • PVC Stickers • PVC Cards
Promotional Items

Triq in-Nassab, Qormi, QRM 3542, Malta
Tel. 2144 0815 Fax. 2144 0832 Mob. 9942 9798
E-mail: frank@uvprint.com.mt

sena. Fl-istorja kollha tal-Ewropa, ir-Re Lwiġi XIV ta' Franza kellu l-itwal renju, wieħed ta' 72 sena. Dan ifisser li Eliżabetta II għandha t-tielet l-itwal renju fl-istorja tal-monarkiji Ewropej. Matul ir-renju tagħha servew fl-Ingilterra ħdax-il Prim Ministru differenti.

Il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġublew tad-Djamanti ntlaħaq f'Londra fil-bidu ta' Ġunju bi flotta ta' dgħajjes fuq ix-xmara Thames, kunċert uniku quddiem Buckingham Palace, servizz ta' radd il-ħajr u ċelebrazzjoni aħħarija quddiem Buckingham Palace li fiha aktar minn miljun ruħ laqgħu lir-Reġina Eliżabetta u lill-familja immedjata tagħha.

## Ċelebrazzjonijiet anke f'Malta

F'Malta saret żjara tal-kuġin tar-Reġina, id-Duka ta' Gloucester, bil-għan li jitfakkar dan il-ġublew u l-anniversarju tal-għoti tal-*George Cross* lil Malta.

Wara sittin sena fuq it-tron, Eliżabetta II hija mhux biss wieħed mill-aktar uċuħ familjari tad-dinja, imma wkoll waħda mill-aktar renjanti maħbubin fl-istorja tal-Ingilterra, tal-Ewropa u tad-dinja, kif ukoll l-ispirazzjoni wara l-idea tal-*Commonwealth* li fiha għandha parti wkoll Malta bir-rabtiet qodma tagħha mar-Renju Unit.

Għall-Banda Re Ġorġ V tas-Soċjet*à* Santa Marija tal-Imqabba, imsemmija għal nannuha, dan hu wkoll ġublew rari li ta' min jiċċelebrah.



Fr. Geoffrey G. Attard

Dun Geoffrey G. Attard twieled fl-1978. Irċieva l-edukazzjoni primarja u sekondarja tiegħu fir-Rabat t'Għawdex. Fl-1996 beda l-istudju tal-filosofija u t-teoloġija fis-Seminarju t'Għawdex u kien ordnat saċerdot f'Ġunju 2004. Ittraduċa għall-Malti *L-Ispirtu tal-Liturġija* ta' Joseph Ratzinger u Ġwanni Pawlu II – Il-Bijografija ta' Dr. Andrea Riccardi. Huwa l-awtur ta' diversi poeżiji u artikli ta' natura reliġjuża u storika. Ilu mill-1992 jikkorrispondi b'mod regolari ma' membri tal-Familja Rjali Ingliża, b'mod partikulari r-Reġina Eliżabetta II. Fl-2002 tella' wirja bl-isem *Fifty Years of Splendour* fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb tar-Reġina Eliżabetta II filwaqt li f'Mejju li għadda tella' wirja simili dwar il-korrispondenza tiegħu mar-Reġina bl-isem *Elizabeth II – Sixty Years of Majesty* fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Djamanti ċċelebrat matul din is-sena. Il-wirja kienet inawgurata fil-15 ta' Mejju mill-Kummissarju Għoli Ingliża Louise Stanton.



L-awtur ta' dan l-artiklu, Fr. Geoffrey G. Attard, jispjega lill-Kummissarju Għolja Ingliża f'Malta, Louise Stanton, uħud mill-esibiti li kellu fil-wirja li tella' dwar ir-Reġina Eliżabetta II f'Mejju li għadda.



CHEYENNE
AUTO MECHANIC GARAGE

REPAIRS ON ALL TYPES OF CARS • TURBO FITTING
• FULL CAR SERVICING • PRE TEST FOR VRT
• REPLACEMENT OF PETROL ENGINE TO DIESEL • BATTERIES

**Christian Mifsud**
Owner

1, Sejba Road, Mqabba ZRQ 09
Tel: 21 640684 • Mob: 79 444 420

Opening Hours:

Monday
Closed

Tuesday,
Wednesday & Friday
9.00 – 12.00
15.30 – 18.00

Thursday
15.30 – 18.00

Saturday
9.00 – 18.00

- Qualified Staff
- Friendly Atmosphere
- Hair Care Products & Cosmetics
- Gift vouchers available

- *With every full head of braiding you get free gellish gel polish.*

*These offers are valid for the months of August & September 2012*

*Beauty Treatments:*
Facials
Eyebrow Shaping
Eyebrow & Eyelash Tinting
Waxing
Electrolysis
Manicures
Makeup for all occasions
Pedicures
Nail Extensions
Nail Art
Nutrition Advice
Slimming Treatments

Triq it-Tempesta,
Qrendi
Tel: 21649407, 21685081
Mob: 99840556

*Hairdressing:*
Cuts
Blow drys
Treatments
Real Hair Extensions
Lights
Perms
Straightening
Colouring
Upstyles
Braiding

*Holistic Therapy:*
Aroma Massage
Swedish Massage
Hot/Cold Stone Therapy
Indian Head Massage
Legs, Hands and Foot Body points
Anti-stretchmark Massage




COME IN FOR YOUR TIME OUT!



# Il-Festa tal-Assunta fil-Gżejjer Tagħna

**kitba ta' Joe Chetcuti**

Il-fatt li f'Malta u Għawdex għandna tmien parroċċi li jiċċelebraw il-festa ta' Santa Marija fil-15 t'Awwissu bħala l-Patruna tal-lokalità tagħhom juri biċ-ċar li din il-festa hija waħda mill-aktar jekk mhux l-aktar suġġett ta' reliġjożità popolari. Ir-reliġjożità popolari fiha t-tajjeb u l-ħażin tagħha.

Ħafna drabi festa kbira bħal din ikollha effetti pożittivi fuq il-ħajja spiritwali u reliġjuża ta' bosta parruċċani. Min-naħa l-oħra, u dan ngħiduh b'dispjaċir, numru mhux ħażin ta' Maltin u Għawdxin iqisul-festa ta' Santa Marija mil-lat superfiċjali jew mil-lat folkloristiku biss. Xi minn daqqiet il-festi tal-parroċċi tagħna jkunu mseħbin b'sens ta' piki u insulti, jekk mhux ukoll b'xi ġlied.

Bosta drabi l-festa ta' Santa Marija tikkonsisti biss fl-attivitajiet esterni: armar, ħruq tan-nar, marċi, eċċ. Il-fatt stess li fil-gżejjer tagħna jsiru tmien festi ta' Santa Marija jista' jnissel piki bla bżonn bejn diversi parroċċi. Xi parruċċani fil-konfront ta' ċerti nies minn parroċċi oħra jimxu fuq l-*adage* ta' *'whatever you can do, we can do better than you!'* Ir-reliġjożità popolari ta' dawn in-nies ma tkunx integrata fil-kuntest evanġeliku u ma tkunx imlaqqma bl-interjorità spiritwali.Kultant ċerti piki u ġlied li jsiru minħabba l-festi sbieħ tagħna jikkostrinġu lill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi biex mhux biss iwissu, imma saħansitra jissospendu l-attivitajiet esterni konnessi mal-festa.

B'daqshekk mhux qed ngħid li għandna nnaqqsu jew nillimitaw drastikament l-attivitajiet esterni konnessi mal-festa, anzi xejn affattu. Kulma rrid ngħid jien hu li aħna l-Kattoliċi Maltin għandna nintegraw is-sens spiritwali mas-sens materjalistiku tal-festa. Ngħaqqdu flimkien is-superfiċjalità mal-interjorità li wara kollox kienet l-oriġini tal-festa li nagħtu qima u ġieħ lil Sidtna Marija. Nieħdu eżempju:

X'jagħmel bidwi meta jkollu fil-ġnien tiegħu xi siġra selvaġġa li tagħmel frott ħażin? Il-bidwi ma jaċċettax is-siġra għalkollox – ma jeliminahiex, imma b'kura kbira jlaqqamha b'tilqima ta' siġra tajba. Wara xi żmien is-siġra selvaġġa tibda tagħmel frott tajjeb. Hekk ukoll irid isir mal-festi. Allaħares minħabba ċerti abbużi li jsiru fil-festi kellna naqtgħu fil-laħam il-ħaj u neliminaw il-festi esterni. Żgur li ma tkunx miżura fid-direzzjoni t-tajba.

Ħafna drabi n-nies li aħna nsejħulhom tajbin ikunu bla ma jafu qed jgħinu l-ħażen għax sempliċiment ma jagħmlu xejn u joqogħdu newtrali. Fil-jiem ta' qabel il-festa u l-aktar f'jum il-festa l-Insara devoti jridu jattendu u jħeġġu lill-oħrajn sabiex jattendu għall-preparazzjoni tal-festa: Kwindiċina jew Novena, Settena, Tridu, eċċ. Dawn huma attivitajiet ekkleżjastiċi konnessi mal-festa. It-tieni nett, il-parruċċani jridu joqogħdu attenti li ma jiħdux sehem fl-eċċessi ta' superfiċjalità li jsiru fil-festi. Għalfejn dak id-dejn kollu sabiex il-flus it-tajba jinħarqu f'nar eċċessiv sempliċiment għall-pika ma' parroċċi oħra?

It-tielet nett, il-festa ta' Santa Marija hija festa popolari immens, kważi daqs il-Milied u l-Għid il-Kbir. Allura bħalma l-Knisja tħeġġeġ għal qrara tajba u tqarbina devota f'dawn il-festi kbar, xejn anqas ma għandhom jagħmlu l-Insara li jersqu lejn is-Sagramenti Mqaddsa. Dun Ġorġ Preca kien jemmen ħafna fil-festi. Infatti kien iħejji programmi speċjali għall-festi u fil-każ ta' Santa Marija kien ipprepara qari għal kuljum (il-paġna tax-xahar) dwar il-Madonna, qari bit-titlu *Il-Benedicta*. Għal dawk li huma Festi Esterni Dun Ġorġ ma kienx iħeġġeġ sabiex is-Soċji tiegħu jattendu jew jieħdu sehem.

Ħalli jsiru wirjiet folkloristiċi, tiġrijiet tal-annimali, marċi u programmi mużikali, ħalli jkun hemm ħruq tan-nar bil-moderazzjoni, imma m'għandu qatt ikun hemm *parties* u *discos* ta' natura pagana bħalma ġara fil-passat.

Nagħlaq bit-twissija tal-Papa Pawlu Vl li kien għamel fl-Eżortazzjoni Appostolika *Evangeli Nuntiandi*. Dan il-Papa filwaqt li tkellem pożittivament dwar ir-reliġjożità popolari tal-festi wissa dwar ċerti stunaturi li l-festi jġibu magħhom. Pawlu Vl kiteb hekk: "Għalkemm id-devozzjonijiet popolari għandhom il-limitazzjonijiet tagħhom, ħadd ma jista' jiċħad li minnhom ma jistax jinkiseb ħafna ġid. Huwa veru li dawn id-devozzjonijiet jistgħu joħolqu bosta stunaturi u superstizzjonijiet fir-reliġjon nisranija. Ta' spiss ukoll dawn id-devozzjonijiet jibqgħu fuq livell estern li ma jwassalx sabiex inisslu fl-Insara l-veru spirtu tal-Komunità Ekkleżjali. Iżda jekk il-festi jiġu orjentati tajjeb ikunu verament u tabilħaqq għonja fil-valuri tagħhom."

Marble & Granite Works

JENKINS
MARBLE & GRANITE WORKS

40, Timber Wharf, Marsa - Malta
Tel: (+356) 21 242401 • Fax: (+356) 21 227 254
Mob: 7942 6699





# Il-Knisja l-Qadima ta' Santa Marija f'Birkirkara

kitba ta' Mario Fenech

Ma nafux eżatt meta nbniet din il-knisja l-qadima ta' Santa Marija f'Birkirkara u lanqas min kien l-arkitett li ħażżeż il-pjanta tagħha.

Dun Filippu Borg li kien Kappillan ta' Birkirkara fil-kitba tiegħu jsemmi lill-arkitett Tumas Dingli. L-aktar data li wieħed jista' joqgħod fuqha hija dik tas-sena 1612. Fuq il-bieb ewlieni tal-knisja jolqtu l-għajn ħames armi mnaqqxa fil-ġebel. L-arma tan-nofs hija tar-Re Filippu Tlieta ta' Spanja, fuq in-naħa tax-xellug l-arma tal-Gran Mastru Adolf De Wignacourt, u fuq in-naħa tal-lemin l-arma tal-Isqof Baldassare Cagliares li kien l-uniku Isqof Malti fi żmien il-ħakma tal-Kavallieri f'Malta. Arma oħra hija dik ta' Dun Filippu Borg. Min-naħa l-oħra, l-arma li mhix identifikata fiha siġra tal-palm.

Fil-plakka tan-nofs hemm kitba bil-Malti li taqra hekk: 'lil Alla l-aqwa u l-akbar Dun Filippu Borg Kappillan ta' din il-parroċċa u vigarju ġenerali. Dil-Knisja għal ġieħ Omm Alla Mtellgħa s-sema bil-flus tiegħu u tan-nies devoti ġedded u kabbar u waqqaf fis-sena tas-sinjur 1617.' Dan ifisser li l-bini ta' din il-parti tal-knisja kien dam sejjer għal madwar ħames snin.

Minbarra li kienet inħattet il-knisja l-qadima biex tinbena din il-knisja kienu tneħħew ukoll żewġ knejjes oħra żgħar li kienu fil-post. Dawn kienu ddedikati lil Sant'Agata u San Sebastjan. Il-korsija tal-knisja tlestiet lejn is-sena 1634 filwaqt li l-kappelluni kienu nbnew f'perijodu ta' tliet snin. Tlestew fl-1639 kif tixhed kitba li hemm imnaqqxa fil-ġebel tad-dekorazzjoni tal-kappellun.

Ix-xogħol tal-bini baqa' miexi sakemm tlestiet il-knisja mingħajr il-koppla fis-sena 1646. Il-koppla tlestiet fis-sena 1665, sittax-il sena wara l-mewt tal-Kappillan Dun Filippu Borg. Fil-knisja kien hemm ħdax-il altar li kienu ddedikati lil San Ġużepp u San Duminku, bil-prospettiva titlesta fis-sena 1709, l-altar ta' Sant'Andrija li tlesta fis-sena 1687, l-altar ta' San Ġakbu u San Duminku li tlesta fl-1634, l-altar tal-Madonna tal-Karmnu li tlesta fl-1709 u l-altar ta' San Pietru u San Pawl. Fil-kappellun tar-Rużarju, l-altar tar-Rużarju li ġie ddekorat fl-1649 filwaqt li l-altar tal-Agunija tlesta fl-1687.

Fil-kappellun l-ieħor l-altar tal-Kurċifiss tlesta fl-1723. Il-kolonni tal-prospettiva ta' dan l-altar kienu ttieħdu fil-knisja filjali ta' San Pawl li hemm fil-wied biex iżejnu l-prospettiva tal-altar. L-altar l-ieħor f'dan il-kappellun hu dak tal-Immakulata li kien lest fl-1707.

Il-kampnar waħdieni tal-knisja kien lest mill-bini tiegħu fl-1679. Kien sar id-dfin fil-knisja u kien hemm ukoll ċimiterju mal-ġenb tal-knisja li kellu bieb bil-kanċell quddiemu. Maż-żmien din il-knisja kienet ġiet żarmata mill-opri li kien fiha u dawn ittieħdu fil-knisja l-ġdida fin-naħa l-oħra tar-raħal. Waqgħet fi stat ta' traskuraġni liema bħalu u fl-1783 bdiet turi sinjali koroh ta' konsenturi. Fl-1787. il-knisja ġiet ipprofanata. Saritilha ħsara kbira waqt it-terremot ta' Jannar tas-sena 1856.

Kien hemm żmien meta fil-knisja kien reġa' beda jsir id-dfin u l-quddies f'waħda mis-sagristiji. Bil-ħidma tal-Kapitlu Elenjan kien beda x-xogħol tar-restawr tal-knisja fis-sena 1969. Is-saqaf tal-korsija kien lest fl-1972 u saret quddiesa kkonċelebrata mmexxija mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi nhar it-13 ta' Mejju tal-istess sena. Ġew imwaqqfa l-kappelluni u l-kor u sas-sena 1991 is-saqaf ċatt tal-koppla kien lest.

Sar xogħol kbir ta' restawr fuq in-naħa ta' barra tal-bini tal-knisja. Ix-xogħol tar-restawr fuq il-kampnar kien lest fis-sena 2001. Il-knisja saret parroċċa b'digriet tal-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca nhar il-25 ta' Marzu 2005.

B'hekk wara snin twal ta' telqa u żdingar, din il-ġawhra arkitettonika mibnija bl-għaraq tal-Karkariżi fi żminijiet ibsin, illum ġiet mogħtija lura d-dinjità li jixirqilha, dik li tista' tissejjaħ mill-ġdid il-knisja parrokkjali l-qadima ta' Santa Marija ta' Birkirkara.

Dan il-ktejjeb huwa aċċessibli fuq il-website uffiċjali tas-Soċjetà
www.santamarija.com



# F'Qalb l-Imqabbin

## B'Tifkira tal-Mibki u Maħbub Kappillan tal-Imqabba Dun Nazzaren Caruana

Il-kotra sabiħa ta' wlied dan ir-raħal
li tiegħu qdejt dmirek mill-qalb bħala ragħaj
bil-qalb troddlok lura l-imħabba li sqejtha
mill-bidu tal-ħidma sal-aħħar jum ħaj.

U tibqa' ħaj fostna għall-qima lejn Kristu
w lejn Ommu Marija li int tant għożżejt
bis-skiet ħelu tiegħek li warrad fi qlubna
w b'kull kelmata' faraġ li tixgħel bħaż-żejt.

Ħajr kollna ntennulek ta' kulma għamilt magħna,
miċ-ċkejkna u ż-żgħażagħ sal-kbar li ġbidt lejk
biex b'ħiltek saħħaħtna fil-fidi ta' Nsara
u ġbartna bħal merħla afdata f'idejk.

***Stefano Farrugia***
***L-Imqabba, 12 ta' Lulju 2012***



# Profil

## 'Żiffa ħelwa fl-Imqabba' – silta mill-omelija ta' Dun Frans Abdilla

Dun Nazzareno Caruana twieled il-Mellieħa nhar it-22 ta' Frar 1947, iben Toni u Ġużeppa née Debono. Ġie ordnat qassis mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Mikiel Gonzi nhar l-20 ta' Lulju 1974. L-ewwel ħidma pastorali kienet ġewwa raħal twelidu stess bħala viċi-kappillan sakemm fl-1985 ġie msejjaħ sabiex jaqdi dmirijietu bħala kappillan tal-parroċċa ġara tagħna ta' Ħal Kirkop fejn dam hemmhekk ħames snin. Bejn l-1990 u s-sena 2000 serva bħala kappillan ta' Ħal Lija sabiex fis-sena 2000 sar kappillan tal-parroċċa tal-Kunċizzjoni ġewwa l-Ħamrun. F'Awwissu tas-sena 2004, proprju ftit wara l-Festa ta' Santa Marija, Dun Nazzaren beda l-ħidma pastorali tiegħu fostna l-Imqabbin.

Matul il-parrokat tiegħu Dun Nazzaren stinka biex irranġa l-faċċata tal-knisja parrokkjali, l-uffiċċju parrokkjali u lesta wkoll iż-żebgħa fil-knisja li nbdiet mill-kappillan ta' qablu Dun Joe Bartolo. Fost proġetti oħra li twettqu jibqa' l-għorik tal-pavimentar tal-knisja li b'xorti ħażina ma laħaqx gawdieh.

F'nofs Ġunju, waqt li kien qiegħed iqaddes fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier ġewwa l-iskola primarja, ħassu ħazin. Ittieħed l-isptar għal xi testijiet. Dun Nazzaren ħalla dan il-wied tad-dmugħ nhar it-Tnejn 9 ta' Lulju 2012 għall-ħabta tas-2.30pm.

Il-funeral tiegħu sar ġewwa l-Imqabba nhar il-Ħamis 12 ta' Lulju. Qabel beda l-korteo funebri kien espost fil-kappella ta' San Bażilju. Il-quddiesa funebri kienet immexxija minn Mons. Lawrence Gatt bis-sehem ta' diversi qassisin, l-Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca u n-Nunzju Appostoliku Mons. Tommaso Caputo. Wara l-quddiesa s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V flimkien mas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju daqqew marċi funebri waqt il-korteo. Il-Kappillan Dun Nazzaren ittieħed lejn post twelidu l-Mellieħa biex wara korteo magħmul miż-żewġ soċjetajiet Melliħin saret id-difna fiċ-ċimiterju tal-parroċċa ta' Marija Bambina.

Minn din il-paġna għan-nom tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, soċji u partitarji nagħtu l-kondoljanzi lill-familja tal-Kappillan Dun Nazzaren Caruana.











# Bugeja M. Travel

## Ġiti Sajf u Xitwa 2012

- Ġiti ta' ġurnata lejn Sqallija s-sena kollha fosthom xiri mis-suq ta' Catania/Auchan Porte/Etnapolis/Taormina/Etna/Ragusa Ibla/Gole D'Alcantara/Noto/Siracusa/Marzamemi/Etnaland/ DIGA DI ST. ROSALIA.

- 3/4 ijiem Giardini Naxos – Lukanda 4 stilel

- 4 ijiem Agrigento H/B

- 6 ijiem għall-festa grandjuża ta' SANTA MARIJA – MESSINA

- FIERA DEI MORTI F'NOVEMBRU TA' ĠURNATA BL-AJRU/KATAMARAN KIF UKOLL TA' 3/5 IJIEM – BL-AJRU!!!

- Fit-8, it-13 (festa pubblika) u s-17 ta' Diċembru bl-ajru/bil-baħar – AĦSBU KMIENI – POSTIJIET LIMITATI

- Weekend Break għall-Christmas Shopping – bl-ajru mis-7/9 ta' Diċembru (3 ijiem) H/B u mit-13/16 ta' Diċembru 2012

- Sant'Agatha 2013 – 2/6 ta' Frar (5 ijiem), 3/6 ta' Frar (4 ijiem) għad-dilettanti tal-festi u tan-nar!!!

**L-unika aġenzija li tispeċjalizza ġiti u festi lejn Sqallija s-sena kollha**



# Apprezzament

Patrick Ghigo

## Ġakki Galea (1945-2012)



Is-Sur Ġakki Galea wara tmiem l-ispettaklu tan-nar fl-lejlet il-festa.

Ġakki Galea twieled l-Imqabba fid-29 ta'Marzu,1945. Għex f' familja attiva sew fejn jidħol il-logħob tan-nar għall-festa titulari ta' Santa Marija. Ġakki jew kif ħafna kienu jafuh bħala ċ-"Ċnieru", kien magħruf sew mad-dilettanti tal-logħob tan-nar fejn mindu kellu 16-il sena sal-ġurnata meta ħalliena ma waqaf qatt jaħdem il-logħob tan-nar b'tant reqqa u dedikazzjoni.

Ġakki kien ukoll magħruf għall-imħabba illi kellu lejn l-annimali speċjalment lejn l-klieb, fejn qatt ma kont tarah x'imkien jekk ma kienx ikun mdawwar minn xi żewġt' iklieb li kien iqisom bħala t-tfal tiegħu. Qatt ma kont tarah jekk mhux bid-daħqa fuq fommu u waqt li kien iqatta' sigħat twal ġewwa l-każin, l-għaxqa tiegħu kien meta kien jgħid xi ċajta jew jirrakkonta xi praspura lil ta' madwaru fuq l-imgħoddi. Ta' min isemmi illi Ġakki kien parti mill-grupp fantastiku tad-dilettanti illi fl-1996 rebaħ l-unur fl-ewwel festival internazzjonali ta' Malta illi sar ġewwa l-port il-kbir, u sena wara rebaħ unur ieħor prestiġjuż fil-kampjonat mondjali 'Caput Lucis' illi sar ġewwa Ruma, l-Italja.

In-nuqqas tiegħu nħass sew ġewwa l-każin u fil-post fejn kont issibu għadu jinħass vojt kbir. Id-dilettanti kollha tan-nar kif ukoll il-membri u partitarji ta' Santa Marija inħasdu bil-mewt mhux mistennija ta' Ġakki li seħħet nhar il-5 ta' Jannar, 2012. Ġakki, nafu li l-festa mingħajrek mhux ser tkun bħas soltu, speċjalment fil-ġranet meta konna nistennew il-murtali tiegħek imma ċerti l'int żgur qiegħed tgawdi lil dik li għaliha tant iddedikajt ħin sabiex issebaħ il-festa tagħha!

## Karmnu Galea (1940-2012)

Karmnu Galea, magħruf aħjar bħala s-Senek, twieled fit-2 ta' Frar 1940. Mindu kien ta' età żgħira kien dilettant tal-logħob tan-nar, kemm tal-art kif ukoll tal-ajru. Fil-fatt Karmnu kien jgħin lil nannuh u lil missieru fix-xogħol tal-murtali mindu kien daqsxejn ta' tfajjel. Aktar kemm beda jikber aktar kont issibu jikkomunika xi raddiena għax qalbu aktar kienet miġbuda lejn in-nar tal-art. Ir-raddiena favorita tiegħu kienet dik imsejħa l-'fjura' li nħadmet fil-bidu tas-snin sebgħin. Karmnu kien bniedem ċajtier u kont tieħu gost titkellem miegħu. Kien iżomm lil kulħadd maġenbu b'xi ċajta 'l hawn u 'l hinn u parir tajjeb mingħandu qatt ma naqas. Karmnu ħalla din id-dinja fit-30 ta' Settembru 2012, fl-età ta' 71 sena.



Is-Sur Carmelo Galea flimkien ma' Andrew Zammit u Clinton Zammit waqt l-armar tan-nar tal-art.

# Patrick Cellars Ltd.

WINES & SPIRITS

**B'Bugia Road, Birzebbugia**

**Tel/Fax: 21650810 Mob: 9947 8708**

• Spirits • Wines • Beers • Minerals
• Tobacco • Cigarettes • Sweets • Wholesalers
Suppliers to: Bars, Restaurants & Confectionery Shops
Accepts orders for: Weddings, Engagements & Parties





# B'Dedika lil Ġakki Galea fil-Memorja

**Carmelo Caruana**

Ġakki u jiena hekk inxrifna fil-memorja
bħal xi sħaba mċajpra għal dan il-lok ta' firda
ma' kull eku mhux 'il bogħod minn ġo raħalna
f'dawn l-iljieli, waqt ir-riq li jaħbi s-sirda.

Emmen lili ħabib twajjeb minn fejn qiegħed,
kemm ħassejt il-vojt li ġibt f'dawn il-ġimgħat
xħin niftakrek waqt li inti m'għadekx fostna,
f'din il-ħajja filli hawn u wisq weġgħat.

Imma issa Ġakk, niftakar fik mod ieħor
kif poġġejt is-santa wieqfa fejn narak,
wisq inħoss il-vojt li ġabet din il-firda
għaliex int ħabib tal-qalb, kont niggustak.

Int kont tibda billi ssemmi l-ħbieb mill-Qrendi
u tfakkarni ma ninsiex xi tislijiet,
b'leħnek serju u bil-gost titħaddet miegħi
fejn għaraft li fija rrodd dawn il-mawriet.

Dlonk inġabru n-nies jagħtuk l-aħħar titwila
kif mistenni illi jsir mill-Imqabbin,
ġejt imgħolli kif refgħuk u dawruk b'qima
sħabek stess f'Santa Marija, il-Każin.

Salut ħarqu hekk ukoll kif kien mistenni
f'mument serju bħalma denn li jsir is-soltu
għax namritek kien in-nar maħruq fil-festi
illi tiegħu kont magħruf li ssib irkaptu.

Baqa' biss illum memorja minn dan kollu
meta lilek kont narak fil-bottegin
imma nwiegħdek li niftakrek fit-talb tiegħi
u f'dawk kollha tal-Assunta, il-Każin.

# BeautyLab

*By Ritienne Agius(N.S.T.B th)*

Tel: 21 642553 Mob: 79091799

*Address: 12, BeautyLab, Pal Street, Mqabba*






**Services offered:**

- Facials (For pigmentation, wrinkles, …)
- Body Massages(Aromatherapy, Stone Therapy, Tibet, Tuina, Indian Head …)
- Manicures/Pedicures ( removing of corns and calluses)
- Gym Massage for face (lifting)
- Reflexology Treatment
- Waxing
- Electrolysis
- Nail Art
- Nail Extensions (acrylic and gels)
- Eyelash/Eyebrow tinting
- Diet treatments and consultations
- Professional Make up for all occasions
- (weddings, special effects make up …)

*Panel Beating • Spray Painting*

**Lawrence Grixti**

# DEMSWEET

**Garage**

Sejba Road, Mqabba

Mob: 9945 5636

Tel: 2164 2992



# Il-Festa ta' Santa Marija

Raymond Vella

L-aktar festa popolari
F'dawn il-gżejjer tal-Maltin
Hija dik ta' Santa Marija
Omm ta' Kristu wisq ħanin.

F'nofs Awwissu lilha nfaħħru
U fis-sema tagħha t-tlugħ
Malta kollha taħbat festa
It-talb lilha jkun merfugħ.

Banda, marċi, armar, ġilwa
F'bosta rħula magħmulin
Poplu kollu bosta mhellel
Għal dil-festa mixtieqin.

Araw ġejja dik l-istatwa
Idejha 'l fuq lejn is-smewwiet
Taħta l-anġli qed jgħolluha
F'saltna 'l fuq minn kemm sħabiet.

Malta tifraħ, 'l Alla tfaħħar
Kull nisrani lejha jdur
Għax Marija 'l Kristu tagħtna,
Hija 'l omm tas-Salvatur.

Fost ferħ kbir tal-jum mistenni
Bl'ogħla ġieh, qima u mħabba
Dik il-festa titulari
Tal-patruna tal-Imqabba.

Carabott Jewellers
Dun Ġużepp Zammit Street
Żurrieq - Malta. Tel: 2168 0760
Business Hours:
Monday to Friday: 9.00a.m. - 12.00p.m.
4.00p.m. - 7.00p.m.
Wednesdays & Saturdays : Half Days




# Seabreeze Hotel

Pretty Bay, Birżebbuġa - Malta

Tel: 24 Hours (+356) 21 651256, 21 651499 - 21 651493
Fax: (+356) 21 653898 • E-mail: seahotel@maltanet.net



OPEN TO NON-RESIDENTS

FULLY AIRCONDITIONED





# Eku tal-Konvoj

**minn Rita Saliba**

Għal żmien Santa Marija d-dar ta' Marì u Toni terġa' tieħu l-ħajja. Kollox jinqala' minn postu. Il-bieb ta' barra jibda jingħalaq u jinfetaħ biex jilqa' nies li ilhom ma jiltaqgħu. Siġġijiet jiċċaqilqu minn posthom u jitilgħu fuq il-bejt. Tista' tgħid li d-dar umli u kwieta għal daż-żmien timtela' b'arja ta' festa.

Marì tibda' ddellek il-ħobż biż-żejt u kultant tgemgem tnejn li par idejn biss taha l-Mulej u ma tistax tlaħħaq ma' kollox u kulħadd. Imma tgemgem minn fommha 'l barra għax fil-fond ta' qalbha tieħu gost b'kulħadd u tisma' b'aħbar dik u l-oħra. U dis-sena żdied xi ħadd ġdid. In-neputija ġabet in-namrat.

Toni kien qam kmieni jarma l-bozoz ta' fuq il-bejt. Ma kienx għadu ħafif iżda bħal Marì kien iħossu kuntent meta jara lil familtu miġbura u kulħadd jirrakkonta u jgħid. Kien joħroġ l-inbid li jkun għasar u jitpaxxa jara 'l oħrajn jixorbu u jfaqqgħu xofftejhom.

Iżda waqt li Marì kienet mhedija ddellek il-kunserva, Toni kien qed jintilef fi ħsibijietu. Nifsu kien qed iħossu aktar tqil. Kien jiggustaha 'l Marì bl-enerġija li kellha. Min jaf sena oħra jerġax jarma d-dwal mal-faċċata. Diġà qed iħossu tqil u biex tela' mas-sellum ħa ftit taż-żmien mhux ħażin. Xi darba kienu jiġu n-neputijiet jgħinuh. U issa jċanfar 'l wieħed u issa jqabbiżhielu 'l ieħor u d-dar kienet timtela' bid-daħq u l-istorbju f'kemm ili ngħidlek. Issa li kibru bilkemm għadu jagħrafhom. Imbagħad lill-bniet aktar u aktar. Dal-kulur tax-xagħar qalleb id-dinja!

Hekk kif kien mitluf fi ħsibijietu jidħol Robert, iż-żgħir ta' neputih. Kellu seba' snin imma kien daqs nitfa. Kien iħobb jintasab ħdejn bużnannuh. Xejn xejn biex jiffranka l-inkejja ta' kuġinietu. Imma kemm għandhom ilsienhom ħażin dal-bniet!

"Reġgħu ma ħallewkx bi kwietek hux?" Toni kien jinnotahom lill-bniet ta' Carmen kif kienu mqabbdin ma' daż-żgħir.

"Ġejt għalik nann," qallu ż-żgħir waqt li mar qabadlu idu. "Daqt jaħarqu. Int ġej fuq il-bejt?"

"Issa nitla' miegħek u nurihom jien lil dawk it-tnejn", qallu x-xiħ b'ċanfira falza. Imma hekk kif medd il-pass ħassu jrid jistrieħ.

"Ara Robert, ħa npoġġi naqra fuq il-pultruna għax inħossni għajjien u dis-sħana mhix tgħinni. Ejja poġġi ħdejja u newwilli dak il-palju."

Robert obda. Ma kellux għaġla jitla'. Jekk jitla' waħdu, dawk it-tnejn jerġgħu jaqbdu miegħu. Jinkuh għax żgħir. Jgħidulu li ħwejġu jlibbsuhom lill-pupi. Imma darba n-nannu Toni qallu li l-essenza fil-fliexken iż-żgħar qiegħda. Ma kienx fehemu mill-ewwel imma n-nannu dejjem jaf x'għandu jgħid.

Il-kamra kienet mimlija ritratti. Uċuħ żgħar u żgħażagħ, tifkiriet u xeni ta' dari. Wieħed minnhom qajjem kurżità fiċ-ċkejken. Ma kienx xi ritratt sabiħ. Lanqas kulur ma kellu imma mid-dehra kien importanti għax kellu gwarniċ oħxon u kien imdendel fin-nofs tal-kamra. Kien ritratt ta' vapur kbir imwieżen bejn żewġ vapuri oħra.

"Nann," staqsa ż-żgħir, "dak il-vapur kif qed jimxi? Jaqaw ma jridux iħalluh jgħaddi dawk it-tnejn?"

Toni daħaq daħqa bil-qalb.

"Dak l-SS Ohio, Sabiħ, vapur Amerikan lil salva lil Malta fil-gwerra."

Għajnejn Robert xegħelu. Kien iħobb iqalleb fil-ktieb tal-gwerra li kien tah in-nannu Toni u ġieli semgħu jgħid stejjer ta' żmien il-gwerra u ta' kemm kien hawn ġuħ. Ftakarhom l-istejjer ta' kif in-nannu u ħutu ġieli għaddew b'biċċa ħobż daqs sebgħu iż-żgħir. Imma din tal-SS Ohio xtaq jismagħha.

"Għidhieli l-istorja nann," qabeż dlonk Robert, "għidli l-istorja ta' dak il-vapur. Kif salvaha lil Malta?"

Toni ħares fit-tul lejn l-inkwatru u ħa nifs 'l ġewwa.

"F'Awwissu tal-1942, iva niftakru l-annu, kelli seba' snin xi daqsekk kont, rajt lil tnejn minn ħuti jmutu bil-ġuħ jaħasra. Ommi qatt ma ħadet ruħ. Dejjem tibki." Ix-xwejjaħ mesaħ demgħa u tbissem lil Robert li b'għajnejh attenti kien qed jistiednu jkompli bir-rakkont. L-istejjer ta' niket u ta' ġuħ kien ilu jismagħhom u issa kien fuq ix-xwiek biex ikun jaf b'dan il-vapur hekk speċjali.

"Mela dak ix-xahar, Malta kollha kienet qed tbati minħabba nuqqas ta' ikel u żejt. Mhux biss ridna ngħixu imma ridna niddefendu ruħna mill-attakki tal-għadu. Il-poplu sofra wisq. Konna se n ċedu. Intbagħtu bosta konvojs bl-ikel iżda mingħajr suċċess. Kienu jiġu attakkati mill-ajru. Mhux biss, l-attakki kienu jiġu mis-sottomarini wkoll.

L-Ingliżi baqgħu jagħmlu tentattivi biex jibagħtu l-għajnuna hawn Malta. Malta kellha pożizzjoni importanti f'nofs il-Mediterran. Ma setgħetx iċċedi! Kieku l-għadu seta' jieħu d-dinja kollha. Insomma, fejn kont wasalt?

L-SS Ohio sofriet diversi attakki tal-Ġermaniżi mill-ajru. Mhux ċajta ta, xi għoxrin attakk tal-Junkers 88 u dawk tar-Regia Aeronautica tat-Taljani. Iż-żejt ta' fuq il-vapur ħa n-nar u l-kaptan ordna li jintfew

l-inġenji. Il-baħar sar ħuġġieġa waħda. B'xorti tajba n-nirien intfew u l-vapur seta' jimxi xi tlettax il-kilometru ieħor.

L-SS Ohio kienet ġratlu ħafna ħsara. Kien kważi se jegħreq. Dawk iż-żewġ vapuri huma l-HMS Penn u l-Ledbury. Bdew jimxu miegħu biex ma jegħriqx."

Demgħa ċarċret ma' wiċċ ix-xwejjaħ. "Kont hemm jien, ix-xatt tal-Isla narahom deħlin. Kienu xi d-disgħa u nofs ta' filgħodu. Għadek ma tafx x'ħassejna dakinhar. Kulħadd beda jxejjer huma u deħlin. Bdejna nitolbu u nirringrazzjaw lill-Madonna. Ma nsitniex. Ftakret fina fil-festa tagħha. Kien il-15 t'Awwissu."

Robert nesa l-festa u nesa l-murtali. Beda jisma' n-nifs tqil tan-nannu. Xtaq jibqa' ftit ieħor waħdu miegħu. Il-ġrajja li rrakkontalu kienet għadha friska. Imma x-xiħ ma riedx li ż-żgħir joqgħod jaħli ħin jitħassru.

"Issa xi ngħidu nitilgħu fuq il-bejt?" qal Toni hekk kif qam bi ftit tat-tbatija minn bilqiegħda. "Ħa naraw x'ħarqa għandna llejla." U fuq kollox ma xtaqx li l-ħobż ta' Marì jilħaq jittiekel kollu u jibqa' b'xejn.


**Dr Lorraine Pulis**

B.A. Dip. Not. Pub. LL.D.
Notary Public and Commissioner for Oaths

21, Valletta Road, Mqabba MQB 9012, Malta
Tel: (356) 2164 7456 • Mob: (356) 9986 0028
Email: lpulis@maltanet.net

Office Hours:
Monday, Tuesday, Thursday and Friday: 5.00pm – 7.00pm
or by appointment





# Minn fejn ser jgħaddi l-marċ

Għal darb'oħra permezz ta' din il-paġna se nagħtu ftit dettalji rigward ir-rotot u tagħrif ieħor fuq il-baned mistiedna. Din is-sena se jkollna sitt baned mistiedna għall-Festa Titulari ta' Santa Marija. Però qabel ma nagħtukom aktar dettalji, nieħdu l-opportunità biex bħas-soltu nħeġġukom takkumpanjaw il-marċ matul it-triq kollha, u sabiex nagħtu dehra isbaħ lir-raħal tagħna għal matul il-festa permezz tat-tiżjin mad-djar tagħkom. Infakkru wkoll fl-imġieba tajba matul il-jiem tal-Festa. Għalhekk dan li ġej huwa programm fid-dettall tar-rotot tal-marċi kif ukoll is-sehem tal-baned rispettivi:

## Il-Ħamis, 9 t'Awwissu

### *Ħruġ tal-Istatwa fuq iz-zuntier*

**7.30pm** Wara Ii tilqa' l-Istatwa artistika u devota ta' Ommna Marija Assunta bi programm ta' innijiet Marjani fuq iz-zuntier tal-knisja, il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. David Agius, tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'marċi brijużi. II-marċ jgħaddi hekk; Triq il-Parroċċa, id-Duluri, il-Madonna tal-Ġilju, l-Aħwa Ghigo, il-Barumbara, il-Madonna tal-Ġilju, il-Missjoni ż-Żgħira, is-Sejba, il-Ġublew tad-Djamanti, iż-Żurrieq, it-Torba, L-Ispnar, il-Familja Brincati, Kirkop, il-Mentna, il-Konvoj, il-Ġublew tad-Djamanti, Santa Katerina, il-Pal, it-Troll, il-Mitħna, Santa Katerina, Santa Marija, iċ-Ċavi, San Innoċenzju, Santa Katerina għal Pjazza tal-Knisja u jintemm quddiem il-Każin.

## Il-Ġimgħa, 10 t'Awwissu

### *Jum il-Banda*

**8.15pm** Jerġa' jmiss lill-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni tas-Surmast direttur tagħha, Mro. David Agius, tagħmel il-marċ trijonfali li jibda minn ħdejn il-Bini Muniċipali tal-Kunsill għall-pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u jintemm fil-pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin. Wara l-Banda tagħti bidu għall-Programm Vokali u Strumentali annwali tagħha.

## Is-Sibt, 11 t'Awwissu

### *L-Ewwel Jum tat-Tridu*

**8.30pm** II-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop taħt id-direzzjoni ta' Mro. Brian Cassar tagħmel marċ Ii jibda minn quddiem il-Każin u jkompli kif ġej: Triq San Bażilju, San Mikiel, Misraħ il-Fidwa, il-Qattara, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Barrieri, il-Ħarriġiet, Misraħ il-Fidwa, il-Konvoj ta' Santa Marija, Xandru Farrugia, M.A. Caruana, il-Ħajt tal-Matla, Kirkop, in-Nazzarenu, Dun Gerald Mangion, Mikiel Zammit, Kirkop, il-Katakombi, Dun Gerald Mangion, Triq iI-Konvoj ta' Santa Marija, il-Kileb, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, Sqaq l-Isptar, il-Pjazza tal-Knisja u jintemm quddiem il-Każin.







# Lorraine's

## Beauty Clinic

*Lorraine Muscat I.T.E.C.*

*Beauty Therapist & Electrologist*

**Opening Hours**

Mon: 3.00pm till 7.00pm
Tue: 9.00am till 1.00pm or 3.00pm till 7.00pm
Wed: 9.00am till 7.00pm
Thur: Closed
Fri: 9.00am till 1.00pm or 3.00pm till 7.00pm
Sat: 9.00am till 12.00pm

***Kindly call or send an sms for an appointment.***

- Facials
- Specialised Facial Treatments
- Pedicures
- Manicures
- Hand & Foot Treatments with Paraffin Wax
- Eyebrow & Eye Lash Tinting
- Eyelash Perming
- Waxing
- Electrolysis
- Slimming Treatments
- Make-up for all occasions
- Make-up lessons (1-1 1/2 hours)
- Aroma Therapy Massage
- Paraffin Wax Treatment
- Nail Acrylics
- Nail Art



**56, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba**
**Tel: +356 2168 9785 • Mobile: +356 9945 0647**
**lorraine.muscat@gmail.com**







# TAL-BAZZI

*Joseph & Julian Farrugia*

*Ġarr ta'*
*ġebel, ramel u torba,*
*żrar u xogħol bil-gafef u tractor,*
*ħsad u ħart*

12, Warda tal-Ġilju,
Triq in-Nazzarenu, Mqabba
**mob: 9988 7021**
**mob: 9987 7175**
**tel: 2168 3409**

## Il-Ħadd, 12 t'Awwissu
### *It-Tieni Jum tat-Tridu*

**8.30pm** Il-Banda Sant'Elena, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella, tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u tkompli tallegrana b'sett marċi brijużi fit-toroq li ġejjin: Triq il-Ġilju, l-Aħwa Ghigo, Barumbara, ix-Xriek, il-Mitħna, it-Troll, is-Sejba, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Murselli, Kirkop, Saljatura, Qrendi, Santa Katerina, San Innoċenzju, iċ-Ċavi, Santa Marija, Santa Katerina, iI-Kileb, Mikielanġ Sapiano, iI-Konvoj ta' Santa Marija, Karmenu Ciantar, il-Pjazza tal-Parroċċa, Triq id-Duluri, il-Parroċċa u jintemm fil-Pjazza quddiem il-Każin.

## It-Tnejn, 13 t'Awwissu
### *It-Tielet Jum tat-Tridu*

**8.30pm** II-Banda Re Ġorġ V dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius, tagħmel iI-marċ tradizzjonali tagħha fost il-briju kbir u l-ispettaklu li ħejjew għalina s-Sezzjoni Żgħazagħ. Il-marċ jibda minn quddiem Il-Każin u jkompli hekk kif ġej: Triq San Bażilju, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa mit-tarf, Pjazza tal-Knisja, San Bażilju u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin.

## It-Tlieta, 14 t'Awwissu
### *Lejliet il-Festa*

**8.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Zabbar taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda marċ minn Triq il-Pal sal-pjazza.

**8.00pm** Il-Banda King's Own tal-Belt Valletta, taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea tesegwixxi programm strumentali quddiem il-Każin u wara tagħmel marċ.

**10.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tagħlaq is-serata mużikali permezz ta' programm strumentali quddiem il-Każin.

## L-Erbgħa, 15 t'Awwissu
### *L-Għid tal-Assunta*

**12.00pm** Bħala sinjal ta' rispett lejn il-WR Kappillan li miet fid-9 ta' Lulju 2012, il-marċ filgħodu ġie kkanċellat.

**6.00pm** Il-Banda Peace tan-Naxxar, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Lino Pirotta, tibda marċ minn Triq San Bażilju, Valletta, il-Parroċċa għall-pjazza. Tidħol fiz-zuntier tal-knisja u tilqa' l-ħruġ tal-Istatwa artistika ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara. il-Banda tkompli takkumpanja l-Istatwa tul il-purċissjoni.

**7.15pm** II-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt ittmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M flimkien mas-Soprana Francesca Farrugia ssellem lill-Istatwa bl-Ave Marija.
Hekk kif l-Istatwa tasal quddiem il-Każin tas-Soċjetà tagħna, il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M.. tesegwixxi l-kbir Innu lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni tal-maħbub u qatt minsi ex-Surmast Chev. G. Martin, A.Mus.L.C.M.,O.S.T.J., fuq versi tad-Direttur Spiritwali Patri J.M. Ghigo SJ. Ikantaw it-Tenur Joseph Aquilina, l-Baritonu Louis Cassar, fIimkien mal-Kor Bel Canto taħt it-tmexxija ta' Mro Herman Farrugia Franz. Wara. bis-sehem tal-istess Kor, jiġi esegwit l-Innu Marċ Popolari Marija Assunta, kliem u mużika tal-mibki Mro. Leonard Farrugia. L-istess Banda tkompli bil-Program Strumentali tagħha sakemm jasal il-ħin tad-dħul tal-purċissjoni meta terġa' ssellem lil Ommna Marija Assunta bid-daqq tal-Ave Maria.

**10.30pm** Bħala sinjal ta' rispett lejn il-WR Kappillan li miet fid-9 ta' Lulju 2012, il-marċ tan-nar ġie kkanċellat.





# L-AVUKAT
# DR MARK PORTELLI B.A., LL.D.

*jawgura l-Festa t-Tajba*

*lill-Imqabbin kollha*

*u jieħu l-okkażjoni biex jinforma l-klijenti tiegħu*

*li d-dettalji l-ġodda tal-uffiċċji huma*

**11, Triq l-Aħwa Ghigo, Mqabba MQB 1330**

**99, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT 1446**

Tel: **2123 9151** | Fax: **2123 9757** | Mob: **7905 5392**

Email: **mark@pnpadvocates.com** | Web: **www.pnpadvocates.com**

**A QUALITY SERVICE YOU CAN RELY ON**

Elmo INSURANCE




**Bellizzi Services Ltd. • Tel: Tel. 21642519 • Fax: 21689791 • bellizziservices@gmail.com**

Bellizzi Services Ltd, 86, Triq Matteolo Saliba, Zurrieq ZRQ 2021

Elmo Insurance Ltd., Head Office, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, XBX 1111, Tel: 2343 0000, Fax: 2134 5037, www.elmogroup.com

Bellizzi Services Ltd. is enrolled to carry out tied insurance intermediary activities and is regulated by the Malta Financial Services Authority.

Elmo Insurance Ltd. is authorised to carry out general insurance business and is regulated by the Malta Financial Services Authority.



*Festa ta' Santa Marija – 2011*

# Rendikont Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja

**Dħul**

| | |
|---|---|
| Ġbir bl-envelopes fid-djar | **€ 4,045.00** |
| Ġbir fil-knisja | **1,184.00** |
| Kaxxa quddiem l-istatwa | **133.00** |
| Total | **€ 5,362.00** |

**Ħruġ**

| | |
|---|---|
| Ċelebranti u trasport | **430.00** |
| Orkestra, u vuċijiet | **2,070.00** |
| Daqq ta' qniepen | **225.00** |
| Dawl fil-faċċata, koppla u kampnar | **2,243.16** |
| Servizzi ta' kappi u kurċifiss | **140.00** |
| Fjuri u envelopes | **224.90** |
| Total | **€ 5,333.06** |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ** | **€ 28.94** |



do not waste your time going around stop at

MAŻINI
AUTOPARTS & ACCESSORIES

where you will find
everything under one roof

*More brands available...*

Qrendi Road, Żurrieq (Ħdejn l-Armerija) ZRQ 04. Tel / Fax: 21 642465

DIGITAL ARENA
COMPUTER CENTRE
Blue Grotto Ave Zurrieq
Mob: 77707072
Web: www.digitalarena.com.mt
E-mail: info@digitalarena.com.mt



• Upgrades • Formats • Virus & Spyware Removals
• Slow Start-Up & Boot Problems
• Hardware Failure
• Networks & Software Installations



Also Repairs on TVs, Mobiles, Hi-Fi, Etc...

Repairs At Your Home & In House



# L-Istatwa ta' Santa Marija ta' Lorenzo Ellul

Dr Charles Sciberras M.D.

Din is-sena, l-istatwa tal-B.V. Marija Assunta li hemm fuq il-bini tas-sede tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tagħlaq sittin sena minn meta saret.

Kont taf li…?

Il-benefattur ta' din l-istatwa kolossali kien is-Sur Lorenzo Ellul, magħruf bħala Ta' Ketrinu.

Oriġinarjament Lorenzo xtaq li jagħmilha tal-irħam u jpoġġiha fil-pjazza, iżda ltaqa' ma' ħafna diffikultajiet u għalhekk il-ħsieb falla.

Il-ħerqa li kellu biex din l-istatwa ssir wasslitu biex għall-aħħar tas-sena 1951 laħaq ftehim mas-Soċjetà Santa Marija li tatu l-permess ipoġġiha fuq il-bejt tal-każin, proprju fuq il-faċċata.

L-iskultur kien is-Sur Marco Montebello u kellu jibda x-xogħol fuqha f'Jannar tas-sena 1952 u jlestiha sa Marzu tal-istess sena.

Il-ħlas għax-xogħol tal-istatwa kien ta' ħamsin lira sterlina, eskluż it-trasport u t-tlugħ tagħha li ried iħallashom l-istess benefattur.

L-istatwa kellha ssir minn ġebla sħiħa tal-franka li nqatgħet mill-barriera li l-istess Lorenzo kellu f'Ta' Kandja fil-limiti tal-Imqabba, u kellha tkun għolja madwar disa' piedi.

Il-Ħadd 22 ta' Ġunju 1952 kienet il-ġurnata meta l-istatwa ta' Santa Marija kellha tittella' fuq il-każin u dakinhar fl-Imqabba kienet il-festa tal-Qalb ta' Ġesù.

Is-Sur Eugenio Sciberras (Ta' Ġambona) kien inkarigat mill-Kumitat biex jieħu ħsieb l-armar u jtella' l-istatwa.

Għalkemm kien hemm ħafna opinjonijiet kif għandha tittella' l-istatwa, fosthom li tinqasam f'żewġ partijiet, Eugenio qatagħha li l-istatwa għandha tibqa' sħiħa u titla' minn quddiem il-każin, proċedura li kienet ta' sogru mill-akbar.

Qabel ittellgħet sar it-tberik tal-istatwa ta' Marija Mtellgħa s-Sema mill-Eċċellenza Tiegħu r-Rev. ma Mons. Emm. Galea, Vigarju Ġenerali.

It-tlugħ bil-mod il-mod - iżda dejjem 'il fuq - sar fost taqtigħ il-qalb mill-akbar, iżda wkoll fost ferħ bla qies ta' Lorenzo, il-Kumitat tas-Soċjetà, is-soċji u l-partitarji.

Is-Sur Pawlu Mallia (Ta' Pawlika) għamel ix-xogħlijiet neċessarji biex l-istatwa tibqa' mwaħħla għal dejjem u b'hekk minn dak l-għoli l-Patruna tal-Imqabba tibqa' tħares lil uliedha kollha Mqabbin.



Is-Sur Lorenzo Ellul "Ta' Katrinu"

Biex titfakkar din il-ġrajja hekk sabiħa għalina, twaħħlet irħama fuq il-bieb tal-każin li taqra hekk: "Min jgħid Salve Regina quddiem din ix-Xbieha tal-B.V. MARIJA ASSUNTA jirbaħ 200 Jum Indulġenza. Mogħtija fis-27 ta' Ġunju 1952 mill-Arċisqof Mikiel Gonzi."

L-aħwa Ellul fl-1992 komplew għanew l-istatwa ta' nannuhom Lorenzo billi ħarġu l-ispejjeż u kkummissjonaw lil Lawrence Attard minn Ħaż-Żebbuġ sabiex iżejjen il-pedestall tal-Istatwa tal-Assunta bin-*Nome di Maria*.

Dan it-tagħrif storiku ħareġ għall-ewwel darba mill-eks-President tas-Soċjetà Dr. Charles Sciberras u jinsab fil-programm tal-festa tas-sena 1977.

# Min irreklama f'din il-Pubblikazzjoni


3M Take Away ... 123
A. Ferriggi Importers & Distributors ... 78
Aida Hall ... 56
Alan Spiteri Petrus Funeral Service ... 122
Albert Abela ... 150
Alessio's Old Cottage ... 18
Alfsons Enterprises Limited ... 138
Atlas Insurance ... 141
Attard Bros Group of Companies ... 8
Ballut Blocks Ltd ... 10
Beauty Lab ... 176
Best Print Co. Ltd. ... 115
BOV ... 87
Brand It Merchandising ... 135
Brian & James Green Funeral Service ... 147
Briffa Landscaping ... 128
Bugeja M. Travel ... 172
C & G Hardware Store ... 95
C.D.S. Aluminium Works ... 128
Callus Landscaping & Gardening ... 156
Carabott Jewellers ... 177
Cassar Florist ... 146
Charlie (It-Tirxa) ... 138
Coca-Cola ... 22
Computer Bargains ... 132
Ctronics ... 136
Cutie Boutique ... 124
d. Spiral stationery ... 99
dee's pizzeria & takeaway ... 14
Demsweet Garage ... 176
DES ... 160
Di Rocco Ltd ... 6
Digital Arena ... 186
Dolceria Croce Bonaci ... 135
Dough Re Mi ... 127
E & L Enterprises ... 94
E. Theuma & Company Ltd ... 168
Edric Micallef ... 134
Edward Scicluna ... 86
Elbros Construction Limited ... 12
Electrocare ... 123
Elmo Insurance ... 184
EuroCaterers ... 78
F1 Cheyenne ... 166
Fabric Gallery Bibas ... 156
Fantasy Flowers ... 69
Farell Bathrooms ... 16
Farell Ironmongery ... 16
FGP Ltd ... 147
For Hire Pickers ... 30
Frame Maker ... 38
Francesco Fenech Ltd ... 76
FXDD Europe ... inside front
G. Camilleri Petrol Station ... 38
Għar Lapsi View ... 46
Gino ta' Ħal Qormi ... 150
Gold Lady Jewellery ... 140
Golden Point ... 46
Green Motoring School ... 32
Hermann Schiavone ... 90
Horace Enterprises Ltd ... 93
Horace Spiteri Tan-Newwes ... 111
Ivan's Garage ... 141
J & J Boatyard & Warehousing ... 111
J. Cutajar Smoking Articles ... 85
James Caterers Delicatessen ... 26
Jason Azzopardi ... 95
JB Stores ... 162
Jenkins Marble & Granite Works ... 168
Jerry's Silencer Repairs ... 6
JMA Aluminium Works ... 82
Joe Sunshine & Family Barman Football Club ... 93
Joseph Busuttil for GasanMamo Insurance ... 49
Julio & Charlie Sacco ... 128
Kristianne Stationery ... 70
La Piccola Discount Store ... 91
Lillian Camilleri Beauty Therapist ... 78
Lorraine Pulis ... 180
Lorraine's Beauty Clinic ... 182
Magri Butcher Shop ... 148
Manuel Bezzina Co. Ltd ... 114
Mark Portelli ... 184
Marlene Farrugia ... 40
Maypole ... 106
Mażini Autoparts & Accessories ... 186
Menrad Eyewear ... 83
Mobiltech ... 122
Nenu The Artisan Baker ... 106
Neriku Catering ... 69
Netta Petrol Station ... 136
Newwes Garage ... 28
Nick's Agriculture ... 130
Nimrod Garage ... 159
Noel Schembri Refrigeration ... 80
Olive Gardens ... 83
OLTA Aluminium Ltd ... 164
Patrick Cellars Ltd ... 174
Peppin Transport ... 140
Perit Bezzina ... 48
Pet Care ... 74
Pineapple Take Away ... 50
Piscopo's Cash & Carry ... 126
Polidano Group ... 144
Primavera caterers ... 122
Reborn Bar ... 129
Saint James Hospital ... 68
Sala tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ... 20
Scicluna Florist Garden Centre ... 158
Seabreeze Hotel ... 178
Shoe Lane Footwear & Fashion ... 134
ShoeShine Footwear ... 165
Siġġiewi basketball school ... 154
Silvio's Chair and Tables ... 99
Six Bar ... 30
Skip Hire (Leli Camilleri) ... 126
Spend 'n' Save Discount Supermarket ... 151
St Paul's Dental Clinic ... 114
St Peter's Ironmongery ... 50
Step In Bar & Restaurant ... 154
Stone Art Works ... 124
Super S Ironmongery ... 185
Ta' Balal Petrol Service Station ... 74
Ta' Frida Pet & Garden ... 119
Ta' Victor Restaurant ... 180
Tahabel Ltd ... 158
Take Off Bar & Restaurant ... 74
Tal-Bazzi ... 182
Tal-Parrina Confectionery & Convenience Shop ... 153
Tar-Robba Recycling Centre Limited ... 4
Tar-Robba Ta' Pataw Limited ... 4
Tax-Xiħa Restaurant ... 118
The Convenience Shop ... 148
The Core Beauty Clinic ... 68
The Fruit Shop ... 82
The Mixologist ... 87
Trocadero Pastizzeria & Confectionery ... 38
Ultimate Physique ... 116
Unit Energy Solar ... 107
UV Print ... 164
vanity affair ... 166
Velton Ltd ... 80
Venmar Limited ... 56
Victoria's Beauty Parlour ... 91
Vierge Hair Salon ... 123
Visage Sound Limited ... 32
Xuereb Installations Ltd ... inside back
Żepp Skip Hire ... 129
Ziffa Garage ... 178
Zneiber Confectionery ... 132

SUPPLY
& INSTALLATION
OF ALL KINDS OF
SOFFITS
& GYPSUM BOARDS



# Mineral Fibre Soffits



## Demountable Partitions



## Bulkheads and all kind of ceilings

## Gypsum Partitions



Xuereb Installations Ltd.
Tal-Hlas Road, Qormi
T: 21 495 799 - 21 495 972 - 21 495 836 - 21 495 792 - F: 21 495 834
E-mail: xil@xuerebinstall.com Website: www.xuerebinstall.com



**Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V**
**Palazz Santa Marija, Pjazza tal-Knisja, Mqabba**
**www.santamarija.com**

Les Etoiles d'Or du Jumelage - 1998 • Rebbieħa tal-Ewwel Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta - 2006
Rebbieħa Assoluti tal-Kampjonat Mondjali tan-Nar Caput Lucis, Ruma - 2007 • IV Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art - 2010